UNIVERSITY OF MALTA
MAIN
LIBRARY
Class Mark PJ9698.3.M359K5
No of Volumes ONE
*Remarks*
*147733*
UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
LIBRARY

# IL-KITBIET ta' Joseph M. Mangion

TIFKIRA

UNIVERSITY OF MALTA ★ MAIN LIBRARY ★

147733

1984

# DAĦLA

*•Ġie f'idejja d-djarju ta' l-1982 u fid-data 11 ta' Ottubru nsib miktub dawn il-kelmiet: "Traġedja kbira waqt il-lejl li għadda: tempesta kerha qerdet erba' vittmi u fosthom l-għażiż alljiev tiegħi Joe Mangion."*

*Kien it-Tnejn filgħodu, għall-ħabta tat-8.00, meta sejħuli fuq it-telefon u min-naħa l-oħra tal-fil, vuċi, li kienet qiegħda taħbi qalb maqsuma, qaltli: "Patri, Joe qiegħed l-isptar." Kienet oħtu. B'vuċi maqsuma bdiet twieġeb għall-mistoqsijiet tiegħi: "Il-maltemp ta' dan il-lejl . . . Huwa gravi ħafna . . . anqas jagħraf . . . Mhux żgur tilħqu."*

*Ma stajtx nirrejalizza x'kien ġara, meta l-ġurnata ta' qabel, il-Ħadd, konna flimkien għall-festa tal-Konsagrazzjoni tal-Kattidral fl-Imdina. Minnufih erġajt bdejt nisma' d-daqq ta' l-orgni li taħt il-ħeffa ta' idejh u l-gosti tar-reġistrazzjonijiet tiegħu kont tinsa li huwa orgni piuttost malandat u kont taħsbu xi strument li jixraqlu kull tifħir għall-antikità tiegħu.*

*Filgħodu stess mort l-isptar San Luqa fejn kien hemm il-mamà tiegħu mbikkma u xi familjari oħra li jekk kont taqtagħlhom rashom ma kinitx toħroġ qatra demm minnha. Dħalt fit-Taqsima tal-Kura Intensiva; infermier indikali s-sodda fejn Joe kien wiċċu 'l fuq bla ma jara, bla ma jisma' u bla ma jiċċaqlaq. Għalkemm kellu n-nifs kalm, it-tabib għall-mistoqsija tiegħi qalli li kien gravi ħafna u ma ħallinix nittama. Wara nofs in-nhar Joe kien ġa ttajjar lejn il-Mulej. Li kelli nikteb lapida fuq il-qabar tiegħu kont nonqox dawn il-kelmiet:* ***Twieled, għex ftit u miet****. Il-kappillan fl-omelija tal-funeral solenni u kommoventi li sarlu l-għada, "Presente cadavere" fil-parroċċa ta' San Gejtanu, qal: "Alla, l-awtur tal ħajja, daqshekk riedu jaħdem hawn magħna lil Joe. Għoġbu jsejjaħlu kmieni fis-sema."*

*Tabilħaqq kbar huma l-ġudizzji t'Alla fl-egħmil tiegħu! U min jista' jifhimhom? Mal-qerda kiefra ta' dan iż-żagħżugħ mimli ħeġġa u enerġija, tlift ħabib kir. X'qed ngħid? Aktar minn ħabib għax kien sar biċċa minni.*

*L-ewwel darba li rajt lil Joe, bla ma kont nafu, kien waqt tieġ fil-parroċċa ta' San Gejtanu. Fuq l-orgni elettroniku lmaħt ġuvnott, magħlub; u laqatni ħafna l-mod kif beda jdoqq: l-aġilità u l-preċiżjoni ġegħluni ngħid f'qalbi li dak il-ġuvni jipprometti u jidher li qiegħed jistudja taħt idejn tajba. Fil-fatt ftit ġranet wara sirt naf li kien jistudja l-pjanu mas-sinjura Bice Mizzi, il-pjanista*

*bravissma bint il-mibki surmast Paolino Vassallo.*

*Il-mira ta' Joe fil-kamp mużikali kienet l-orgni. Ġurnata waħda ġie għandi biex jitlobni ħalli jistudja miegħi dan l-istrument. Kont għadni ma nafx li dak li kien qiegħed jitlobni biex ngħallmu l-orgni kien dak l-istess żagħżugħ li kont ammirajt tant meta smajtu jdoqq. Dak in-nhar m'aċċettajtux u wara, ma nafx għaliex, iddispjaċieni. B'danakollu bejni u bejn Joe inħolqot xi ħaġa: inħasset ġibda għal xulxin. Joe reġa' ġie għandi jinsisti, għax ma kienx it-tip li jaqta' qalbu malajr. Din id-darba aċċettajtu bil-qalb u wegħedtu l-appoġġ u l-għajnuna tiegħi kollha. Ħarriġtu minnufih biex beda jdoqq fil-kattidral ta' l-Imdina u fl-istess waqt jiġi regularment għal lezzjoni ta' l-orgni. Fi żmien qasir Joe għamel progress enormi. B'sagrifiċċju kbir xtara orgni elettroniku biex ikun jista' jistudja bla tfixkil ta' ħadd. Kont nieħu gost kull meta kien jiġi għal-lezzjoni għax minn lezzjoni għal oħra kien jurini li għamel progress. Il-ħeġġa u l-fervur li kellu għall-istudju ta' l-orgni kienu jnessuh kull tbatija u kull sagrifiċċju li jġib miegħu l-istudju. Joe kien jistudja bl-akbar serjetà u għal sigħat twal kif jagħmlu l-istudjużi serji.*

*Min jista' jifhem il-ġudizzji t'Alla? Waqt li kont inħares b'sodisfazzjon lejn il-futur sabiħ ta' dan l-alljiev tiegħi, bħal leħħa ta' berqa ġrat it-traġedja. Joe kien daħal f'qalbi u kien sar biċċa minni u nista' ngħid li jiena wkoll kont dħalt f'qalbu għax kien jurini stima u rispett mhux komuni. Id-dar ma kienx ħlief isemmini u jitkellem fuqi. Imma . . . il-ħsieb tal-Mulej deher ċar li ma kienx dak tagħna.*

*Patri Albert Borg*

•*Lil Joseph Mangion sirt nafu xi snin qabel ma daħal fl-Università biex jistudja l-Letteratura Maltija. Għaraft fih sa mill-bidu żagħżugħ intelliġenti, ħassiebi u mixħut tabilħaqq fuq l-istudju, medhi bil-qari u fl-istess ħin ħerqan li jżomm għajnejh miftuħin fuq il-ġrajjiet ta' madwaru. Relġjon, letteratura u politika qanqlu fih minn kmieni l-ħtieġa li jistħarreġ l-affarijiet billi l-ewwelnett jistudjahom u mbagħad jiddiskutihom.*

*Il-ħerqa tiegħu fl-istudju u fil-ħidma li kien mistenni jagħmel tul il-kors fl-Università kienet wisq aktar minn biżżejjed biex tiggarantixxi s-suċċess tiegħu. Nista' ngħid bla tlaqliq li d-dedikazzjoni u l-ħila tiegħu kienu wisq ogħla minn dawk li wieħed jistenna u jsib fl-istudent medju. Kien sodisfazzjon kbir għalija, bħala ħabib u għalliem tiegħu fl-Università, li stajt nara lil Joseph jinxeħet b'ruħu u b'ġismu għall-istudju tal-kritika letterar-*

*ja, li hu kien diġà beda jqis bħala qasam ta' speċjalizzazzjoni; kont qiegħed nittama ħafna li se jaqbad din il-fergħa akkademika u jsegwiha tul ħajtu. Il-Mulej għażel mod ieħor.*

*Kbira daqshekk ukoll, mela, kienet il-ħasda tiegħi meta ħadt l-aħbar li Joseph għadda għal ħajja oħra ħabta u sabta.*

*Kienet l-għaxqa tiegħu li jiddiskuti miegħi l-orjentament ta' l-istudju, il-kotba ewlenin tal-kritika li kellu jistudja, u t-tiftix li xtaq jagħmel. Beda juri din id-determinazzjoni bis-saħħa ta' għadd ta' artikli li kiteb minn rajh u li xandar fuq il-ġurnali, kif ukoll b'oħrajn li qegħdin jidhru f'dan il-ktieb għall-ewwel darba wara li l-familjari tiegħu ġabru b'għożża u b'sens ta' ġustizzja lejh kulma setgħu jsibu mill-kitbiet tiegħu. Uħud mill-kitbiet ta' din il-ġabra huma xogħol li Joseph kiteb bħala parti mill-istudju tiegħu fil-kors tal-Letteratura Maltija fl-Università.*

*L-akbar dedikazzjoni tiegħu, madankollu, urieha meta beda jikteb id-dissertazzjoni għall-grad ta' Baċellerat fl-Edukazzjoni u għażel li jistħarreġ il-persunalità u l-poeżija tal-Professur Patri Anastasju Cuschieri. F'dan il-programm ta' studju Joseph għarrex kemm seta' biex isib kitbiet mhux magħrufa tal-poeta, ixandarhom u jistħarriġhom, u xi drabi jaqlibhom ukoll għall-Malti jekk kienu miktuba bit-Taljan. Il-ħerqa tiegħu biex jaqbad il-kritika letterarja bis-serjetà tidher sikwit fil-mod kif ittratta għadd ta' xejriet filosofiċi u letterarji tal-poeta. Dan ix-xogħol, miġbur fl-ewwel taqsima ta' dan il-ktieb, jixhed il-moħħ ta' student għaqli u intelliġenti li kien beda jsir midħla diġà ta' kotba fundamentali f'dan il-qasam.*

*Ma nistax ninsa s-serjetà fid-diskussjoni tiegħu, il-ħeġġa tiegħu biex jitgħallem u janalizza, ix-xewqa tiegħu li jmur lil hinn anki mill-ħtiġiet elementari tal-kors biex jilħaq livell wisq aħjar. Meħudin ilkoll flimkien, dawn ix-xejriet isawru persunalità li kellha tissokta timmatura u tistagħna bil-ħeffa 'l quddiem. Dan il-ktieb, għalhekk, mhux biss hu tifkira xierqa u dejjiema ta' Joseph, u mhux biss jixhed x'kontribut seta' ta fis-snin ġejjiena, iżda hu dokument li jagħmel ġustizzja max-xogħol li laħaq għamel fi żmien tassew qasir. B'dan il-ktieb il-familjari tiegħu mhux biss qegħdin iseddqu bil-ħaqq kollu t-tifkira għażiża ta' Joseph, iżda jagħtu lill-qarrejja Maltin ix-xrar bikri ta' moħħ imdawwal li l-Mulej sejjaħlu għandu minn kmieni.*

*Oliver Friggieri*

# WERREJ

**I. STUDJI FUQ ANASTASJU CUSCHIERI**
Ir-Riflessjoni Estetika 1
Il-Mit Marjan 9
Ir-Rakkonti ta' A. Cuschieri: Xejriet Ewlenin 15
Cuschieri – Egħluq l-Għoxrin Sena minn Mewtu 22
Il-Poeta u l-Kuntest Lokali – Xejriet Ġenerali 33
F'Egħluq l-Għoxrin Sena mill-Mewt ta' Patri Anastasju Cuschieri: Cuschieri u l-Bambina 37
L-Idejal Serafiku fl-Istorja ta' l-Irħieb Franġiskani 43

**II. STUDJI FUQ AWTURI OĦRAJN**
Il-Letteratura Maltija sa Tmiem is-Seklu XIV 47
Tradizzjoni Medjevali 51
L-Eqdem Poeti Maltin 55
Frammenti Bikrija Oħra 59
Ludovik Mifsud Tommasi 63
Il-Poeżija ta' Indri Schembri 68
Manwel Dimech: Aspetti Letterarji 71
"Il-Gidba" ta' Oliver Friggieri 74
Il-Kritika Letterarja f'Malta 79
Letteratura u Identità Nazzjonali 82
Non Omnis Moriar 84
Ir-Romantiċiżmu f'Malta 85
Frans Sammut – Mill-Gaġġa għal Samuraj 88
Letteratura, Kultura u Soċjetà 91
F'"Altamira" ta' Victor Fenech 94
Oliver Friggieri's Interpretation of Malta's Literary History 99
Kultura Letterarja 'Maltija' fl-Età Barokka 103
Żviluppi fil-Letteratura Maltija 107
Letteratura e Identità Nazionale a Malta 113
Espożizzjoni ta' Fehmiet Ewlenin fil-Kritika 124
L-Istorja u l-Poplu – Relevanza u Oġġettività 132

**III. POEŻIJA**
Strieħ Qalbi 134
Għaliex? 134

Is-Sliem ja Art 135
Jum ir-Rebħ 135
Toccata e Fuga 137
Ħsibijiet minn fuq Sant' Iermu 138
Dedika 139
Tifkira Mhewdna 140
Toccata mill-Argotti 140

**IV. KITBIET FUQ SUĠĠETTI VARJI**
Johann Sebastian Bach 141
Tagħlim tal-Malti fis-Seklu Dsatax 143
Is-Sehem tal-Ġurnaliżmu fil-Kultura Maltija 150
Philosophical Problems 153
Hegemony and the Popular Masses 154
Saints on the Retreat 158
Niket u Dwejjaq 161
Change and Reaction Towards a Lay Institution 165
Culture on the Tide: Status Groups and Culture in Malta 168
Secularism Looms Ahead – Religion and Social Change in Malta 172
Culture on the Tide – Church and Culture in Malta 175
Is-Sena tal-Burokrazija – 1985 179
Kristu – Il-Mewt u l-Ħajja 183
Chopin – Għalkemm Marradi Għamel Suċċess 185
Twemmin fit-Tiġrib 187
Handel – Għad li Għama Xorta Ssokta Jikkomponi 189
Giuseppe Spiteri Fremond 191
The Music of Giuseppe Camilleri 194
A Maltese Composer – Henry George Bonavia-Hunt 197
Il-Karmelitani fil-Birgu 202
Il-Knisja ta' Santa Venera 204
Wolfgang Amadeus Mozart 207
Antonio Vivaldi 210
Domenico Zipoli 212
Beethoven 214
'Il Quddiem fil-Ħelsien 216
Malta fl-1864 – Aspetti Soċjali 219

# I.
# Studji Fuq Anastasju Cuschieri

# IR-RIFLESSJONI ESTETIKA

## Definizzjoni tal-poeta

Il-poeżija hi mifhuma bħala xi ħaġa li tintitola l-poeta għal status speċifiku fost il-bnedmin. Il-bnedmin kollha huma poeti fis-sentimenti tagħhom, iżda poeta hu dak li jagħraf ifisser din il-poetiċità (irreferi għal ***Qtigħ il-Qalb***)[1], dak li jagħraf jitraxxendi lil żmienu. Hekk meta Cuschieri jiġi biex iqis il-falliment jew is-suċċess tal-B. Spagnoli, ta' kemm kien poeta tajjeb jew le, huwa jitlaq minn din il-premessa: '*al Mantovano fermò nell'animo la convinzione che il suo nome sarebbe stato ricordato per sempre*'.

Fil-fatt il-Mantovano biż-żmien intesa – b'hekk żgur li l-għarfien tiegħu bħala poeta ma setax jiġi realizzat mis-soċjetà. Cuschieri jidher li kien ippreokkupat sew minn dal-kunċett. Hekk huwa kiteb is-saġġ tiegħu fuq il-poeta Karmelitan, mhux biex jgħolli l-mertu ta' l-ordni li kien iħaddan, iżda biex jipprova jerġa' jgħajjex il-figura tal-Mantovano – huwa b'dan l-għajxien li l-poeta jkun qed jilħaq il-milja tad-definizzjoni tiegħu. (P. 238) *Il Monte Carmelo* (1915).

Fil-ħsieb ta' Cuschieri l-poeta hu maqtugħ mis-soċjetà – il-kredu tiegħu hu li l-poeta jitwieled poeta u li sa mill-bidu din il-vokazzjoni tintitolah għal identità li tiżboq il-livell kollettiv. Fuq kollox il-poeta hu destinat li jimmatura skond proċess li n-natura tiddetermina għall-vokazzjoni tiegħu. Huwa josserva kif il-Mantovano beda jikteb sa minn mindu kien għadu tfajjel, kif kien imrawwem minn "(*una*) *gloria che gli sorrise fin dagli anni giovanili, alimentando nel poeta la passione dell'arte e il desiderio d'impossessarsene*" (*ibid.* P.239). Din il-viżjoni poetika taf il-bidu tagħha fid-djalogi ta' Platun. Bħalu Cuschieri jemmen li l-poeta hu soġġett għall-ispirazzjoni tal-muża, donnha l-poeżija hi xi ħaġa ta' ispirazzjoni divina. Aktar minn hekk Cuschieri jemmen li din l-esperjenza estetika tal-poeta għandha tkun korrenti ma' l-impenn personali tiegħu – m'hix idolatrija għal xi ħaġa li hi idealizzata, iżda hi, u (pożizzjoni Danteska – ikkristjanizza l-klassi – P.247) "*non era avversione alla verità cristiana, idolatria per tutto ciò che sa di antico di pagano; ma coltura classica in armonia colla fede, rinnovamente intelletuale sinceramente devota alla dottrina*" għandha tkun, sedqa sħiħa mat-twemmin reali – jiġifieri li dejjem għandha tgħaqqad lill-bniedem ma' l-egħjun ta' l-oriġini tiegħu, ma' Alla.

Din il-konċezzjoni tinfondi fil-bniedem kristjan is-sensazzjoni sħiħa tal-poeżija. Il-poeżija hi mifhuma bħala interpretazzjoni tas-

sewwa (għax imnebbħa minn sorsi divini) u għalhekk hi riflessjoni tas-sabiħ (P.6). Cuschieri jikkontrasta esperjenza li hi komuni għal żewġ poeti, iżda li ma jinterpretawhiex l-istess għax mhux it-tnejn fehmu l-qofol ta' x'inhi s-sewwa. Fil-*Flos Carmeli* l-poeta kristjan jikkontempla fuq il-ġmiel ta' dak il-fjur ċkejken fuq il-għolja tafli-ja tal-karmelu; hu jiftakar f'Marija, fjur tal-ħolqien għall-ġmiel u s-seħer ta' ġisimha. Leopardi wkoll, josserva Cuschieri, jara l-fjur f'nofs għalqa ta' lava, iżda *"Leopardi è diffuso di sconsolata tristezza"* (*Monte Carmelo*, Maggio 1915, P.130). Ovvjament, il-ġustifikazzjoni li Cuschieri jaċċettaha nkonxjament hi li l-Leopardi ma kienx qed jagħraf is-sewwa (ara P.5).

Għandna b'hekk sintesi bejn dak li hu estetikament validu u dak li hu moralment validu. "Il-ġmiel mhux fieragħ" (P.130). F'dan ir-rigward Cuschieri jiċħad l-ideat ta' l-esteti puri ta' żmienu – *"il concetto alto e profondo di una bellezza facenda, concetto che oggi gli estesti puri, gli adoratori della forma, proclamano assurdo, non sapendo e non potendo assorgere a una concezione dell'arte che non sia nuda espressione di ciò che i sensi intuiscono"* (P.131). L-enfażi dejjem qiegħed fuq viżjoni li hi estetikament u moralment organika. Minn dan, Cuschieri jasal għal żvolġiment purament reliġjuż – il-Verġni se tippreżenta ruħha lill-bniedem solitarju bħala għajn ta' ġmiel – ġmiel li mhux senswali daqskemm mistiku u meditattiv. B'hekk il-poeta se jsir dak li bl-espressjoni tiegħu jagħti xhieda tat-traxxendenza divina – traxxendenza li tisboq kull impenn fit-tiġrib empiriku tal-bniedem. F'dan id-dawl l-arti hi meqjusa bħala xi materja verġni – qasam fejn jisseddaq l-ideal biss, qasam li mhux imxekkel mill-impenji *kwotidjani*, mill-esperjenzi materjali. Għal Cuschieri l-esperjenza artistika hi don-nha analoga għall-ġmiel ta' Marija. Huwa jikkwota 'l San Ambroġ, poeta tal-verġinità, li jiddefinixxi l-hena anġelika bħala mod ta' għixien mingħajr "tqanqil karnali". Hekk kienet Marija, josserva Cuschieri u din il-konċezzjoni Marjana tħaddan dak kollu li *"si può concepire di puro, di candido, di spiritualmente bello da una parte, e dell'altra tutto ciò che se può pensare di umanamente dolce e affetuoso"* (P.132).

B'hekk il-mixja lejn il-Poeżija hi impenn personali tal-bniedem. Cuschieri jikkwota 'l Platun li fl-Apoloġija jgħid li Sokrate kellu fidi illimitata fl-ispirtu li kien inebbħu biex jikteb. (P.2 M.Lett. Vol. 2, N. 9). Dan l-impenn minħabba n-natura tiegħu se jiddistakka 'l bniedem mis-soċjetà; il-poeta se jsir l-eremita jfittex l-egħjun tal-verità tiegħu – *"così canta il Pindaro d'Italia mentre, scavando colle sue mani la roccia, ascende, ir-*

*radiato dal sole, alle altezze vertiginose della poesia*''. (P.228 M.C. Agosto 1915).

Hawnhekk hu ta' min jistaqsi ''Mnejn ġejja d-determinazzjoni ta' din il-motivazzjoni?'' Cuschieri jfakkarna fil-vers tal-poeta Latin ''*Est Deus in nobis, agitante, calescimur, illo*''. (Malta Lett. Gennaio 1905 P.1).

Kien Alla li ħalaq l-ispirazzjoni u hu l-istess Alla li jnebbah lill-poeti. Biss hawnhekk għandna in vero similjanza – ''*l'iddio che agita e accende la fantasia del poeta non è che il genio*'' – ibid., fakoltà li ma tistax titfisser jekk mhux b'termini ta' spontanjetà innata – spontanjetà kreattiva li f'waqtiet speċifiċi timmanifesta ruħha f'sentimentalità armonjuża ta' ġmiel. Din hi l-arti – esperjenza estetika, esperjenza li għalkemm hi moralment valida mhux bilfors li hi valida razzjonalment.

Il-qasam tematiku tal-poeżija ftit jaf limiti. Dak li jgħodd hu l-mod ta' l-espressjoni u kif is-sentiment li jħoss il-poeta se jiġi kkomunikat b'mod effikaċi.

''Ħadd bħall- poeti ma jikteb b'qawwa tant kbira fuq il-vanità tal-ħwejjeġ li jaraw għajnejna. U dik il-qawwa tafu xejn mnejn hi ġejja? Ġejja minn hawn: għaliex din il-kwalità ta' nies, meta titkellem, donnha għandha f'idejha salt pniezel u kuluri b'mod li aktar tpinġi nkella titkellem (it-trasformazzjoni tar-realtà). Għalhekk il-ħwejjeġ li hija tgħid tarahom quddiem għajnejk bil-kuluri u l-moviment tagħhom''. Per eżempju l-frażi ''ż-żmien itir'' toffri illustrazzjoni ta' żvolġiment tal-vanità li semmejna.

Dawk iż-żewġ kelmiet mhumiex xi għaġeb ta' għerf, li ħadd ma qalhom jew ħadd ma ħasibhom, iżda mhux kulħadd jifhem il-qawwa kollha tagħhom. (*Ir-Reġina tal-Carmelu*, Sena 1, N.12, Jannar 1915, P.183).

Din l-esperjenza tixref primarjament mill-qawwa tan-natura: hemm forza istintiva u spontanja li tagħti l-qawwa lill-fjura biex twarrad, lill-farfett biex itir, lid-dudu tal-ħarir biex jinseġ (metafori delikati – *inferiority complex of poet*). Hi l-istess qawwa li tnebbaħ lill-bniedem biex jittajjar fl-oqsma tal-fantasija u tal-veru.

B'hekk għandna rievokazzjoni tal-viżjoni platonika tal-Ion tal-poeżija – fil-fatt, jgħid Cuschieri, l-poeta hu distint minn ċerta passività fil-karattru tiegħu, huwa qiegħed sempliċiment jinterpreta dak li ġie mnebbah, mhuwiex kawża fiha nnifisha, iżda strument (M.L. 1905, P.3). L-ispirizzjoni hi divina – l-poeta hu ppossessat mill-ispirtu tal-muża –

imbagħ'd tiġi bil-ħlewwa  
tqegħ'duli fuq ilsieni,

iżżanżan ġo widinti
taghmilni kbir u hieni

*(Il-Kelma Maltija)*

L-arti għalhekk hi vokazzjoni, hi 'forza misterjuża' li tirriduċi u taħkem lill-individwu. Għal Giotto ċ-ċirkustanzi tal-ħajja riedu jagħmluh ragħaj, Stephenson ma kienx għajr jiġġerra fil-minjieri – frattant Giotto sar Giotto u Stephenson sar dak li nafuh (*ibid.* P.3). Biss jidher li din il-vokazzjoni mhux dejjem tidher loġika għas-soċjetà ta' dak l-artist – jeżisti dak li Cuschieri jiddefinixxi "*un contrasto di tendenze*". Il-poplu magħġun biex iħobb dak li ġa għandu, u jobgħod il-ġdid. Ħażin għal dak li jipprova jġedded u jbiddel l-istat ta' l-affarijiet! Minħabba f'hekk billi l-poeta, l-ġenju, hu neċessarjament 'rinnovatur', hu se jsib quddiemu barriera li tifirdu mis-soċjetà konservatriċi (P.5). B'hekk il-poeta jibqa' iżolat, għaliex is-soċjetà ma tħaddanx il-valuri li qegħdin inebbhuh, għax ma taqsamx dik l-ispiritwalità li lilu qed tammirah (poeta eskluż).

Fil-waqt ta' l-ispirazzjoni l-poeta għandu jfittex primarjament li jkun fidil lejh innifsu, li jesprimi dak li jħoss hu, u mhux dak li ħass ħaddieħor. Huwa jħares lejn Dante bħala l-poeta per eċċellenza (M. Lett. P.8 "*Tutto quello che ci dice è suo, intieramente suo. Dante non deve nulla a Virgilio: egli è duce e maestro a sè stesso. Che importa se l'Alighieri affermò il contrario?*") Dan għaliex il-ġenju poetiku mhux konxju mill-qawwa li hemm fih, li hu maħkum minnha – ma jagħrafx li jkun qed jitrasforma kollox, iġedded u joħloq mill-ġdid. Is-sigriet tal-poeta qiegħed f'li jgħaqqad kollox f'sintesi ta' passjoni u ta' fidi, f'rabta bejn is-sentiment u t-twemmin (nisel Dantesk – Dun Karm).

Il-poeżija hi mifhuma bħala integrazzjoni ta' l-attività spiritwali tal-bniedem – fil-waqt li l-liġi li tmexxi 'l din il-poetiċità hi l-emozzjoni, is-*Sturm und Drang*. Il-klassiċiżmu hu miċħud. F'Virġilju m'hemmx il-ġenju poetiku – "*perchè non c'è una forza straordinaria di sentimento e di passione*". (M. Lett. Anno 2, No.10, P.33).

Huwa f'dan ir-rigward li l-letteratura hi diversa mix-xjenzi l-oħra. Fix-xjenza hemm żvolġiment ta' rapporti determinanti – *il rapporto del fenomeno colla sua legge, colla sua causa, colla sua finalità* (An. 2, No. 9, P.1). Min-naħa l-oħra l-istorja tirreferina għall-fatti (An. 2, No. 10, P.33), mingħajr ma żżid jew tnaqqas xejn – b'hekk iż-żewġ oqsma msemmija jfittxu li jeliminaw dak kollu "*che possa perturbare la percezione oggettiva della realtà, sia fenomenica o causale*" (ibid). Fil-poeżija mhux hekk. Il-fatti li

l-poeta jara mhux se jitraskrivihom fir-realtà tagħhom, iżda fis-sentiment – trasformazzjoni tal-fatti f'emozzjoni. Is-Satana li jpinġi Milton hu figura mill-isbaħ estetikament – min-naħa l-oħra f'Dante, Satana ma ġiex mogħti l-istess raffigurazzjoni. Min jista' jgħid liema miż-żewġ figuri tqarreb l-aktar lejn il-veru? (M. Lett. Anno 2, No. 10, P.33).

B'hekk il-kontradizzjoni tar-realtà jew ta' l-istorja mhix relatata mal-valur tax-xogħol artistiku. "*Dante non è meno grande perchè seguì il sistema tolemaico, ma meno degna di ammirazione è la poesia del Leopardi per quanto ispirata a un concetto falso*" (ibid P.33), (ara Notes 2).?

Ġa rajna l-ekwazzjoni Poetika: Sewwa=Sabiħ. Biss irridu nosservaw distinzjoni importanti – is-Sewwa hu mifhum f'sens purament platoniku, bħall-imħabba, "*in un senso soggettivo, ideale, sentimentale*".

Hekk ħafna drabi jiġri li s-sabiħ ikun xbieha ta' l-illużjoni u l-falzità tiġi espressa b'termini estetiċi. Jekk mhux hekk, jistaqsi Cuschieri, x'jibqa' sabiħ fil-poeżija Griega – f'dik il-poeżija li mhix għajr nisġa sħiħa ta' ġrajjiet mitoloġiċi? – oqsma li min-natura tagħhom stess ma jistgħux jagħtu xhieda tar-realtà? Hawn Cuschieri hu ffrontat minn dilemma – fuq naħa jrid jagħraf l-ispontanjetà soġġettiva ta' l-arti u fuq in-naħa l-oħra jrid jibqa' fidil lejn l-iskolastiċiżmu kristjan li huwa jħaddan. F'dal-punt jagħmel konċessjoni importanti – "*Convengo che se la verità è anche soggettiva (nei limiti concessi dall'Arte e dall'Etica) il bello acquista un pregio di più*".

Dan il-grad għoli ta' 'ġmiel' insibuh ukoll fin-natura. Fis-sewwa dak kollu li jeżisti fin-natura huwa minnu nnifsu sabiħ għaliex estetikament dak li komunement jidher fl-immaġini tagħna – jekk jeżisti annimal li aħna se ngħidu li hu ikrah, il-kruha tiegħu mhix qiegħda fih innifsu, daqskemm fl-allużjonijiet ta' kruha li l-bniedem jassoċja miegħu: il-bniedem vittma tas-sensi tiegħu. In-natura ma tistax ma tkunx għajr sabiħa, għaliex hija hi xbieha ta' l-istess ġmiel ta' Alla, dak il-ġmiel divin li '*per l'universo penetra e risplende in una parte più e meno altrove*'.

Barra dan il-ġmiel divin, teżisti wkoll kategorija ta' ġmiel uman – ġmiel li hu x-xbieha ta' moħħna u tal-fantasija tagħna. Is-suppożizzjonijiet xjentifiċi, sakemm jibqgħu suppożizzjonijiet, jipparteċipaw f'din il-kategorija – l-ipotesi Darwinjana, kemm-il darba ma tiġix ippruvata empirikament tagħmel sehem mill-ġmiel tan-nebha poetika (*opcit*, P.35). L-istess dawk li jħaddnu l-pożitiviżmu – għal Cuschieri t-twemmin tagħhom mhux għajr fantasija poetika, għaliex jiċħad ir-realtà metafiżika (*ibid* u "*A*

*Proposito del problema criteriologico* – Rivista di Filosofia Neo-Scolastica Anno 5°, No. V, Ott. 1913, P.530 – "*I positivisti dovrebbero capire ormai che filosofare col senso è un voler cantare coi piedi*". Naturalment meta Cuschieri jgħid dwarhom li huma mnebbħin poetikament, qiegħed ikun sarkastiku). Terġa', sakemm fix-xjenza jibqa' l-element ipotetiku, tibqa' hi wkoll soġġetta għall-qasam tal-poeżija.

Minħabba f'hekk qatt ma tista' x-xjenza toħnoq lill-poeżija – anzi, fi kliem Cuschieri, ix-xjenza hi l-"*argumentum crucis*" ta' l-enerġija sentimentali.

Shakespeare u Dante ma kinux se jkunu magħrufa bħala tali li kieku m'għaddewx minn din il-prova tan-nar – li kieku l-ewwel wieħed ma ttrasformax fi xbihat il-ħsibijiet l-aktar sublimi tal-bniedem, u li kieku t-tieni ma tax lit-Teoloġija Kristjana dak il-moviment ta' ħajja li infonda fil-Commedia. Il-milja ta' dan kollu qiegħda, kif għidna qabel (kontra r-realiżmu l-bniedem għadu josserva r-realtà) fil-process ta' trasformazzjoni tar-realtà. Fi kliem Monti, għall-poeta "*l'arido vero è tomba*" (ikkwotat *ibid* P.36). L-importanza kollha qiegħda fil-kontenut – l-aspett tal-forma hu irrelevanti.

Hekk, per eżempju, żgur li meta naqraw il-ktieb ta' Ġob, fil-Vulgata, il-forma tiegħu ma fiha l-ebda attraenza speċjali, biss mill-kontenut tiegħu dlonk nagħrfuh bħala kapolavur tal-poeżija orjentali.

Meta l-arti se tiġi ridotta għall-forma, ma tkunx għajr sintomu evidenti ta' dekadenza. Dik il-"poeżija" li mhi xejn għajr sensiela armonjuża ta' ħsejjes, li ma tagħmel xejn għajr iżżewwaq skola ta' lwien u ta' sfumaturi ma tgħid xejn lill-qalb tal-bniedem. Cuschieri jikkwota 'l Orazju fuq kif il-poeżija għandha tesponi b'mod loġiku ħsieb li hu definit –

> "*cui lecta potenter eut res*
> *Nec facundia deseret huno, nec ludidus ordo*"
>
> (M. Lett. P.37)

Element importanti fil-kostruzzjoni poetika hu l-użu tal-metafora. Il-poeta bħala portavoce tan-natura jrid bilfors jinqeda bil-metafora biex ifisser il-ħsibijiet tal-ħlejjaq li mhumiex animati. "Il-bniedem jislifhom ilsienu u bl-ilsien tal-bniedem jitkellmu". (*Ir-Reġina tal-Karmelu*, Sena 2, No. 10, Mejju 1916, P.304). Din l-idea tista' tidher devjanti minn dik l-oħra tal-poeta li hu mnebbaħ mill-ispirazzjoni ta' Alla, iżda Cuschieri jagħraf jgħaqqad kollox – in-natura, bħala ħolqien ta' Alla, hija hi wkoll suġġestjoni ta' l-ispirazzjoni Divina.[2]

B'hekk l-ispirazzjoni tan-natura hi mezz li jinterpreta d-divinità. L-ispirazzjoni umanistika min-natura hi kkundannata – "Il-letterati jidhrilhom li l-ħwejjeġ sbieħ għandhom jinbtu mill-art bħall-ħaxix, u mhux jinżlu mis-sema bħal manna – m'għandhomx jerfgħu għajnejhom lejn Alla għall-ispirazzjoni . . ." (*Ir-Reġina tal-Karmelu*, Sena 3, No. 10, Mejju 1917, P.319). L-artisti l-kbar mhux hekk kienu: Dante stess qatt ma kienet tgħaddi għodwa li ma kienx isejjaħ u jsellem lil Marija – "*il-nome del bel Fior che io sempre invoco/e mane e sera*" (*ibid*).

Ġa rajna b'liema mod il-poeżija hi xbieha tal-ġmiel – aktar minn hekk, il-poeżija, bħala kontenut u għamla letterarja toffri esperjenza estetika fiha nnifisha. Hija:

"dil-kelma li bi ġmielha
nitgħaxxaq ser tarani"

*Il-Kelma Maltija*

Biss jekk xejn, dil-kelma hi kelma tal-poplu. Ġa min-naħa ta' Cuschieri għandha għażla konxja tal-lingwa – m'hux qed jikteb bit-taljan, iżda bil-lingwa popolari. Hi għażla tipika tar-Romantiċi mnedija primarjament minn Wordsworth, li kiteb li ried jikteb il-poeżija bl-istil tat-taħdit. L-istess irid Cuschieri –

"Hekk jien il-Malti, ja ħabib, nixtiequ
idoqq u jimxi bla tagħwiġ u ħelu, safi daqs l-ilma
taqrah u tifhmu mingħajr ktieb quddiemek
li l-kliem ifisser"

*Lil M. Gauci*

Biss minkejja din l-istqarrija, Cuschieri jagħraf li l-kliem tal-poeta jrid jintgħażel minn dak tal-bqija – l-poeta, bis-sengħa tiegħu jeħtieġlu jittraxxendi l-lingwaġġ komuni – (riferenzi għal Dun Karm, Ninu Cremona, Karmenu Vassallo, de Stäel)

Bħalma l-ħaddied fil-forġa
L-ewwel jikwi l-ħadida,
Mbagħ'd ftit ftit jaħdimha
Sa tiġi kif iridha

Hekk jien il-kelma mn'idi
Mhux malli dak nitlaqha
bħal min iwaddab ġebla
ma jafx fejn sejra taqa

'Mma qabel inrattabha
fi ħsiebi bħal għaġina
imbagħ'd koċċ koċċ bis-sabar
nagħtiha sura wżina.

*Il-Kelma Maltija*

Fil-fatt l-ispontanjetà ta' l-ispirazzjoni qiegħda fil-ħsieb biss, għaliex fl-espressjoni trid tkun il-ħila tal-poeta li taqlagħlu lix-xogħol –

Xejn ma swieli! Kull strofa, kull kelma,
Nieqsa nsibha mill-qawwa li rrid
F'qalbi tħabbat u taqbeż u togħla,
F'qalbi donnha azzar u ħadid

*Qtigħ il-Qalb*

---

[1] *Ir-Reġina tal-Karmelu*, Sena 1, N.10 1/12/1914. ". . . m'hux billi jkun hemm ir-rima; xi sentiment sabiħ, xi ħsieb ġdid, . . . Hemm bżonn ukoll li dak il-ħsieb ikun espress tajjeb." Fi *Qtigħ il-Qalb* Cuschieri jfisser kif is-sentiment f'qalbu jkun qawwi, iżda meta jiġi biex jesprimih isib li jkun tilef il-qawwa kollha tiegħu.

[2] Cuschieri jgħid li San Franġisk għaraf il-kobor t'Alla mis-seher tan-natura. "Kieku Pietru Bernardone (S. Franġisk) ma twelidx ġewwa l-Umbrija, min jaf jekk qdusitu kienx ikollha s-sura li kellha? X'pajjiż l-Umbrija! Kull fejn tara, għoljiet u ħdura. . . . Meta l-bniedem isib ruħu f'dawk in-naħiet, dak li jgħidulu sentiment tan-natura jħossu jikber, u jekk ikun bħal Franġisku, jieħu fih bħal forma ta' ġenn. (Franġisku) . . . ħass il-qawwa kollha tan-natura – ta' dak il-ktieb miftuħ dejjem fejn wieħed jista' jaqra mingħajr tbatija s-setgħa t'Alla l-Imbierek. Il-fjuri li jitkellmu mit-truf ta' l-għoljiet u mill-widien imwarrbin, se jgħannu s-sebħ u l-kobor ta' Marija. Il-ġilju, per eżempju, hu mifhum bħala mera tas-safa u tal-bjuda ta' Marija; il-warda, dik is-sultana tal-ġonna, tgħanni ż-żgħożija ta' Marija, . . . " (*ibid*).

## IL-MIT MARJAN

Jekk insegwu d-definizzjoni ta' Croce tar-romantiċiżmu i.e. dak spekulattiv u dak morali u sentimentali, naraw li l-komponenti tal-muża ta' Cuschieri jseddqu għal kollox it-tieni xorta ta' romantiċiżmu: ġa rajna kif fil-poeżija ma niltaqgħux ma' Cuschieri l-filosfu, iżda mal-patri uman. Dan ma jfissirx li għall-poeta ma kienx hemm dilemmi filosofiċi – kien hemm, imma l-poeta ma għannihomx, il-patri ħanaqhom fih innifsu. Ix-xejriet liberali tal-fantasija sfaw issistematizzati min-normi tal-moralità, hekk li f'waqtiet ta' dubbju, id-dinja emozzjonali tal-fidi u l-isperanza tegħleb lill-moħħ razzjonali:

> "U *jekk tassew*, MARIJA, tħobb 'l uliedek,"

– f'mumenti ta' kriżi meta l-ħajja ta' madwaru hi mhedda mill-gwerra (1915), il-poeta jirtira fih innifsu u jibda wkoll jaħseb fl-irtirar mir-rapport tiegħu ma' Marija – jibda jiddubita mill-imħabba tagħha, dubbji li allura jheżhżu lill-istess eżistenza tiegħu. F'dawn il-waqtiet il-poeta jdub fid-dlam tal-fidi u jilqa' n-normi konvenzjonali tal-kult reliġjuż –

> "Oh, kemm aħjar, MARIJA, dika qalbek
> Mill-għerf kollu ta' ħsiebna!"

Fl-aħħar il-poeta jaċċetta li s-sentiment għandu jegħleb lir-raġuni u jinvesti t-tamiet tiegħu fl-hekk imsejħa 'perċezzjonijiet oskuri' ta' l-iskola Leibnizjana.

"*Sunt in anima perceptiones oscurae. Harum complexum fundus animae dicitur.*" "*Status animae in quo perceptiones dominantes sunt, est regnum tenebrarum; in quo clarae regnant, regnum lucis est.*" Cuschieri qatt ma joħloq reazzjoni għall-kriżijiet u għall-imrar tal-ħajja, iżda jaċċetta kollox fi spirtu Kristjan.

Id-dinja muljebri ssawwar l-'escapism' tal-poeta – m'hix relazzjoni fuq livell mistiku biss; il-Madonna ta' Cuschieri hi figura mlaħħma f'qalbu, hi l-inkarnazzjoni tal-poeta: hija l-Beatrice ta' Dante, id-Dorothy ta' Wordsworth u l-Laura ta' Petrarca. Nistgħu, bil-ħaqq kollu, intennu għal Cuschieri dak li jgħid Busetto fuq id-'*dolce stil novo*' ta' Guinicelli – "*sorretto più dalla sua viva sensibilità che dalla meditazione filosofica, risolvette il contrasto tra l'amor terreno e le aspirazioni e dottrine religiose con l'idealizzazione etica dell'amore; cossichè la donna ne esce subblimata a tal segno da assomigliare ad un angelo.*" F'dan id-dawl il-ġibda ta' Cuschieri għal Marija toħroġ mill-prinċipju purament reliġjuż u

tiegħu attitudni u dimensjoni ġdida.

Cuschieri jiċħad il-qawwa senswali li hemm fil-bniedem, għall-inqas jirreferi għaliha bħala 'ix-xejn' u l-'frugħa ta' l-għajnejn'; iżda mingħajr ma ntebaħ din l-istess ġibda kienet il-punt tat-tluq ta' l-imħabba tiegħu għal Marija (il-kunċett Freudjan). Fl-isfera fantastika tiegħu huwa laqa' l-aspetti ta' l-imħabba, li, wara kollox, huma spunti naturali. Hekk il-bewsa – għelm ta' l-imħabba – iqisha b'mod kurjuż, iżda xorta taħraq u tfawwar bil-ħerqa:

> "int il-ħlewwa ta' bewstu ħassejt."

Għad li f'Cuschieri ma nsibux id-demm sħun ibaqbaq, xorta nsibu allużjonijiet għad-dinja senswali. Iżda s-sentimenti tiegħu qatt ma huma karnali daqs ta' Dun Karm; ma jħossx lil "qalbek tħabbat bla heda u sidrek magħha jofrogħ u jimla" iżda jħoss il-qawwa materna –

> " . . fih demmek jiġġerra
> b'ħalib sidrek int lilu rabbejt."

Is-seħer ta' lsien pajjiżu wkoll jissuġġerixxi 'l-figura femminili – din id-darba minflok il-potenza materna, jinħass kurrent ta' erotiċiżmu (suġġestjoni li tista' tinħass ukoll fir-rabta bejn Malta u l-ilsien). Ix-xbejba sawwarha f'moħħu:

> "b'xi libsa mqattgħa tperper mar-riħ."

Il-mottiv dominanti mhux fl-estetika tal-libsa, iżda fis-sustanza femminili. Kif wieħed jistenna din id-dehra hi msieħba minn viżjoni romantika: il-qamar, f'xatt il-baħar, jitkellem mas-sħab – l-istess relazzjoni amoruża li nsibu f'*Qobra u Ħolm* (il-qamar u t-tfajla). Kif igħid Croce, "*che il sentimento e la passione portino con sé le immagini delle cose desiderate o aborrite, e facciano con esse tutt'uno, è da ammettersi senz'altro.*"

Il-poeżija *Qobra u Ħolm* (ambjentata f'sitwazzjoni tradizzjonali) hi mument rari ħafna fil-muża ta' Cuschieri, bħalma hi rari ***Inħobbok*** f'Dun Karm. Il-poeta jasal biex għal darba jsawwar xbieha muljebri oħra barra dik ta' Marija, iżda jrid bil-fors jistorha fil-moralità, proprju fiċ-ċimiterju: hi diversa mit-tfajla tar-raba' ta' Dun Karm. Il-ġmiel ta' Cuschieri huwa bħal dak il-ġmiel ta' Platun li min iġarrbu huwa ġa mqanqal lejn il-mewt. Barra minn dan tfakkarna din it-tfajla ta' Cuschieri f'Silvia jew f'Nerina. Bħal Leopardi, Cuschieri jistaqsi lix-xbejba jekk għadhiex tiftakar ir-*ricordanze*, dawk il-waqtiet tal-festa taż-żgħożija –

*"Quel tempo della tua vita mortale,*
*Quando belta splendea*
*Negli occhi tuoi ridenti e fuggitivi,*
*E tu, lieta e pensosa, il limitare*
*di gioventù salivi?"*

Għal Cuschieri, bħalma għal Leopardi, "*la donna, cioè l'innamorata dell'autore, è una di quelle immagini, uno di què fantasmi di bellezza che ci occorrono spesso alla fantasia . . .*" Fl-aħħar mill-aħħar hija "*la donna che non si trova.*" Ghandna hawnhekk sinteżi tal-mit marjan – il-mara idejali, li madankollu ma tibqax astrazzjoni mentali, iżda ssir immaġini ħajja fil-fantasija tal-poeta. (Fil-fatt it-tfajla taċ-ċimiterju hi mejta u Marija jaraha biss wara l-mewt – spunt rilevanti għar-riferenza minn Platun). Fis-sewwa Leopardi f'*Alla sua donna* jirreaġixxi bl-istess mod:

*"Viva mirarti omai*
*Nulla speme m'avanza,*
*S'allor non fosse, allor che ognudo e solo*
*Per novo calle e peregrina stanza*
*Verrà lo spirito mio."*

Jekk insegwu l-ħsieb fin-nisġa ta' ***Qobra u Ħolm*** dlonk nintebhu bil-konflitt bejn il-poeta u l-patri – il-patri jipprova jwarrab ix-xbieha minn quddiem għajnejh, iżda "għalxejn nitlob" għax il-fantasija tintilef f'dinja senswali –

" . . . bil-fjur/fuq sidrek . . .
. . . tikxef il-ġawhar
ta' ħalqek, tidħaq u tħammar il-wara
ta' ħaddejk . . . "
" . . kellha għajnejha kif ħsibthom
jien, lewn il-baħar, xuxtha lewn id-deheb,
ħalqha peprin iħammar fil-ħalib
ta' snienha . . . "

– hi l-figura femminili, inaċċessibbli u pprojbita, li għaliha kien jixxennaq il-poeta u li ġiet mgħarra mill-figura ta' Marija. Il-lirika hi romantika għall-aħħar u li s-soltu jużaha biss f'waqtiet imqanqlin għal Marija. Ninnutaw li fil-waqt li s-soltu l-leħen tal-qanpiena jistħajlu qed jitlob lix-xemx tagħti l-aħħar tislima lil Marija, (fis-Santwarju tal-Karmnu . . . ) din id-darba "donnu jibki li x-xemx ser tinħeba" (suġġestjoni parallelli għar-relazzjoni tat-tfajla u l-qamar). Il-kunċett tal-ferħ kif il-poeta jarah f'din il-poeżija, jir-

rifletti wkoll il-ħsieb Leopardjan: ma' l-għarfien tar-realtà, tal-'qabar ġdid miftuħ għalik', il-ferħ jintemm, l-illużjonijiet – "*I cari inganni dell'età più bella*" – dlonk jispiċċaw.

Għall-poeta-patri Marija tippreżenta d-dinja tal-femminilità, iċ-ċelibat saċerdotali – stat li żgur ma tħaddnux in-natura – ma ħallietx lil Cuschieri ħieles, ħallietlu, iżda, opportunità waħda: soluzzjoni fi ħdan ir-reliġjon. Il-Madonna tipprovdi l-alternattiva għall-attrazzjonijiet senswali umani –

"aktar jien ma lejk inħares
U x-xewqat tad-dinja nwarrab,
Aktar ħelwa lilek nara
Aktar ġmielek f'qalbi nġarrab."

Għad li l-ħeġġa mqanqla għall-kisba tat-totalità tal-preżent hija l-ewwel reazzjoni ta' Cuschieri, jinħass ukoll sens ta' immoralità ta' eternità storika. Din l-istess viżjoni Marjana tasal biex tagħti definizzjoni ġdida u biex tiggverna lill-perspettività tal-poeta, b'mod li hi riflessa f'kull ħsieb tiegħu.

L-'*escapism*' ta' Cuschieri jwasslu biex isawwar ċiklu wieħed għall-ħajja umana: il-ġibda tiegħu għal Marija tassumi dan iċ-ċiklu w għalhekk il-viżjoni Marjana tiegħu taqa' taħt id-diversi aspetti li jikkorrispondu għall-ħajja umana. Dan hu proċess sħiħ u għalhekk kien diġà beda jaħdem fih qabel ma kiteb l-ewwel poeżija fl-1909; billi l-poeta ma ssoktax jikteb ma nistgħux ngħidu jekk baqax konsistenti għall-forma aħħarija. Biss naraw li fil-bidu l-figura ta' Marija bdiet toħroġ minn dik il-qoxra tar-reliġjon, tieħu aspetti purament umani u mbagħad terġa' tissublimizza fil-viżjoni reliġjuża.

Fil-poeżija ***Fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu*** għandna l-ewwel ċenni għall-perspettività materna – figura li tipproteġih u tħarsu minn kull għawġ, hija l-"Omm tal-ħniena" l-"OMM ta' l-imsejknin . . . ". Irridu ngħidu li perspettività bħal din hi prevalenti f'għadd ta' poeżiji oħra, biss ma tkunx il-karattru ewlieni tal-poeżija, iżda frott tat-tradizzjoni reliġjuża. Aktar 'il quddiem ngħaddu għat-tieni fażi – dehriet romantiċi:

"X'għana li jsaħħar tiela' ma' ġenbkom
ja dawl tas-sema, xhieda bla kliem,
X'għana li jfarraġ il-qlub fin-niket,
X'għana ta' ħlewwa, x'għana tas-sliem."

– Tistħajlu l-għana ta' xi żagħżugħ, qalbu tkebbes u tfawwar bl-imħabba għat-tfajla tiegħu: "X'hemm isbaħ mill-imħabba?", jistaqsi l-poeta. Dan il-fervur jinħass ukoll fi ***Twieldet Marija***, fejn

niltaqgħu ma' dik li "il-ħajja Inti ser tagħti", b'ġisimha "sura ta' sema" u li "l-qalbna bil-ferħ imliet".

Wara din il-fażi jintilef il-bilanċ kronoloġiku – dan għaliex il-poeta hu ffrontat mill-biża' tal-gwerra w għalhekk jerġa' lura fil-protezzjoni u fiċ-ċertezza li toffri d-dinja materna. L-omm tidentifika ruħha mal-mexxejja li ssejjes il-prinċipji tagħha fuq il-fejda tal-fidi: tema li niltaqgħu magħha f'Zanella u aktar rikorrenti f'Dun Karm. L-ewwel reazzjoni tal-poeta hi li jdur lejn l-omm ta' din id-dinja, l-omm li tatu l-ħajja. Iżda jdur lejn S. Antnin u jgħidlu, "Għalxejn tlabtek, ħtafthieli, sraqthieli." Bil-fors għalhekk, ikollu jdur lejn Marija. Fid-dawl ta' din l-identifikazzjoni Alla jirrappreżenta l-omnipotenza tal-figura paterna li tkexkex lill-poeta – tkexkix li, skond il-kunċett Freudjan, jassumi l-biża' tal-vendetta min-naħa tal-missier. L-implorazzjoni ardenti u tenerissima tiegħu hi aktar milli ovvja meta, b'effużjoni patetika, jitlob,

> "Uri, Marija, li inti Ommna: M'hux tiegħek
> Alla? M'hux f'idejk il-muftieħ ta' qalbu?"

Il-poeżija ta' Cuschieri terġa' għaċ-ċiklu normali – il-viżjoni ta' Marija tidentifika ruħha ma' l-għarusa li għaliha hi soġġetta l-qalb tal-poeta. Il-passjoni tiegħu hi mfissra b'lirika mill-aktar ġenwina u hi ddivinizzata permezz tad-divinità ta' Marija,

> "Li tant qlub kelli ġo fija
> Daqs kemm ramel fih il-baħar,
> Lilek biss kont inħobb dejjem
> B'ismek biss kont jien niftaħar."

Tinħass l-esiġenza u l-ħrara mqanqla li r-relazzjoni tintiseġ b'termini aktar sublimi, u fuq kollox aktar intimi.

L-*'escapism'* tiegħu jilħaq l-eqqel punt fil-fażi li jmiss: il-kunċett Freudjan ta' ansjetà, meta l-bniedem, imwiegħer mit-taqlib personali jkun jixtieq li jidħol fis-sigurtà maternali. L-ewwel ma jmur ħsiebu hu fl-omm li tagħtu l-ħajja – l-omm ta' din id-dinja. Iżda issa m'għadhiex aċċessibli u mnikket jitniehed lil Sant'Antnin: "Għalxejn tlabtek, ħtafthieli, sraqthieli." Bil-fors, allura, jkollu jirrikorri għand Marija li ttaffilu s-solitudni w isserrħu mit-toqol tal-ħajja.

Bil-mod il-mod Cuschieri jinqata' minn din il-viżjoni umana u Marija tissublimizza f'figura mistika. L-isperanza waħdanija tal-poeta hi li jitgħaxxaq bid-dehra tagħha fis-sema, li ruħu "miegħek għal dejjem tiġi hemm fuq". Ma tibqax Marija l-għarusa, ma tibqax fuq l-istess livell tal-bniedem:

"Int, li bla tebgħa mnissla
issaltan 'l hemm mis-sħab,"

Għall-poeta l-omnipotenza tagħha tgħarrar il-potenza teistika ta' Alla: "Id-driegħ tiegħek biss jerfa' u jsaħħaħ; kliem fieragħ minn-għajrek sabar u hena".

Huwa f'dan id-dawl li għandna naraw il-poeżija marjana ta' Cuschieri. Hi relazzjoni li ssawwret skond l-esiġenzi tas-sentimenti tal-poeta; hemm l-ispiritwalità wkoll, iżda xi drabi din hija l-iskorċa biss u taħtha hemm jikbes il-ġamar ta' ħsus umani u maskili, li jirnexxilhom jilħqu kompromess bejn il-patri u l-poeta. Marija sseddaq il-ħajja ta' Cuschieri – hi bħal dik il-mara li tassisti u tmexxi 'l-poeta fil-vjaġġ tal-ħajja; hi rabta umana u mistika fl-istess ħin imsawra bħala soluzzjoni li tostor fid-dlam tal-fidi l-problemi personali. B'hekk l-espożizzjoni Marjana ta' Cuschieri timraħ fuq konċezzjoni – manifestazzjoni tal-figura femminili fin-nisġa tal-ħajja umana.

## IR-RAKKONTI TA' A. CUSCHIERI XEJRIET EWLENIN

X'aktarx li din il-ġabra ċkejkna se sservi biex titfa' dawl ġdid fuq Anastasju Cuschieri. Dan għaliex ir-rakkonti li għandkom f'idejkom ilhom minsija għal aktar minn nofs seklu. Il-gost ta' din il-ġabra mhux qiegħed fl-oriġinalità tat-tema jew ta' l-istil, iżda fis-sehem tagħha lir-rikostruzzjoni tal-qagħda ta' l-ilsien Malti fil-bidu tas-seklu għoxrin. Dan il-fattur hu ta' importanza relevanti għal żmienna: żmien li qed ifittex li jistudja l-identità tal-kulturi provinċjali u li jrid iħares il-patrimonju djalettali mill-għibien li tnieda mill-kożmopolitiżmu kontemporanju. Għalhekk din il-ġabra mhix ir-rokna ta' xi regettier, mimlija bi ntietef ta' ebda siwi. Għall-kuntrarju dawn ir-rakkonti b'mod pożittiv jiftħu tieqa fuq mument ta' l-istorja letterarja. Huma kitbiet li għad li tferrxu u ntesew mal-mogħdija taż-żmien, dari kienu moqrija bil-ħeġġa u kienu jagħmlu parti integrali mill-kultura u mit-twemmin ta' niesna. Kull qari u kull valutazzjoni tagħhom illum iridu jsiru f'dan id-dawl.

Cuschieri kiteb dawn ir-rakkonti għal *Ir-Reġina tal-Karmelu* (1914 – 17), rivista li kien joħroġ hu stess. L-għan tagħhom jista' jiftiehem aħjar fi ħdan l-għan ġenerali ta' din ir-rivista. Fl-ewwel kelmtejn li Cuschieri kiteb hu fisser l-għan doppju tal-qari. "L-ewwelnett li tiġi aktar imxerrda d-devozzjoni (lejn il-Madonna) u t-tieni biex jinqerdu l-kotba ħżiena u l-poplu jkollu f'idejh qari tajjeb u li ma jħassarx 'il qlub".[1] Meta kiteb ir-rakkonti Cuschieri kien immexxi minn dawn il-kriterji moralistiċi. Fil-fatt hu stess stqarr li biex jintlaħqu l-għanijiet imsemmija, wieħed irid juża teknika speċifika. "Dak li tistampa ma (għandux) idejjaq. Il-bniedem irid xi ħaġa li tpaxxih, ukoll meta dan ma jkunx il-fini prinċipali. Dan narawh tajjeb fil-misturi li jagħtu t-tobba: dejjem iħalltu xi ħaġa ħelwa biex il-morr ma jinħassx u sadattant il-morr jagħmel l-effett tiegħu l-istess."[2] Ir-rakkonti huma parti minn din it-teknika: l-għan tagħhom mhux sforz letterarju, hu t-tixrid ta' valuri morali.

F'kitba ta' bixra bħal din il-komunikazzjoni għandha importanza ewlenija. L-għan ma setax jintlaħaq jekk il-qarrejja ma jkunux fehmu t-test. Jekk nitilqu mil-premessa li l-għan ta' l-arti mhux komunikazzjoni iżda espressjoni, ġa għandna kriterju li se jeskludi kull aspirazzjoni artistika minn letteratura bħal din. B'hekk hu ovvju li hu l-livell tal-qarrejja li se jiddetermina l-livell tal-kitbiet – xejn għajr it-teorija kruda tal-konsum. Cuschieri

kellu jfassal ir-rakkonti tiegħu tiegħu skond il-livell intellettwali tal-konsumatur. Għalhekk wieħed qajla jistenna li se jsib xi allegorija klassika jew xi nisġa metaforika. Għodod bħal dawn ma kinux se jiġu mifhuma mill-qarrejja ġenerali.

Għal dan l-għan din il-ġabra hi kkaratterizzata mis-sempliċità fin-nisġa ta' kull rakkont, b'mod kważi tipiku tan-novellistika popolari. Fil-fatt xi ġrajjiet jitnebbhu mill-wirt folkloristiku tagħna: nsemmu l-istorja ta' *Pawlu ta' l-Għar*. L-istorja mhix biss realistika iżda għandha tifsira 'universali'. Min jaf fis-santwarji tagħna kemm hemm kwadri ex-voto għall-ħelsien minn xi għarqa! Elementi oħrajn ta' folklor lokali nsibuhom f'*Toni u t-Tabib li Fejqu*, bi Fra Krispin u l-wegħda lill-Madonna tal-Karmnu, u l-bixra amoruża ta' Ġużè u Ġovanna. Ir-*Rakkont tal-Milied* jevoka atmosfera tipika: n-Nannu jirrakkonta, l-għannej iqabbel, il-familja miġbura u l-istorja fiha nnifisha. Permezz ta' dawn l-elementi Cuschieri pprova jdaħħal ir-rakkonti fil-ħajja tradizzjonali Maltija.

Iżda nsibu wkoll novelli li huma ambjentati barra minn Malta. L-istorja ta' *Ġovanni Lemenoit* tiddeskrivi l-atmosfera ta' l-Ewwel Gwerra. *Ċikku u Bintu* hi ambjentata fl-Italja, fejn Cuschieri qatta' s-snin ta' l-istudju. *Zelinda u Ferdinandu* sseħħ f'art ta' l-istħajjil. Għad li nsibu din il-varjetà, il-messaġġ hu uniku: il-bżonn li nagħrfu d-dipendenza tagħna mis-sopranatural. Kull storja timraħ lil hinn mill-immedjatezza narrativa tagħha biex issir xbieha ta' valuri universali, biex l-atturi jinżgħu l-karattru speċifiku tagħhom u jsiru umani – ħsieb li nsibu l-għarfien tiegħu f'Aristotli.

Bl-eċċezzjoni ta' *Nidma ta' Żagħżugħ*, ir-rakkonti huma mibnija fuq mudell wieħed. Nistgħu nsemmu dawn ix-xejriet:

(1) *Il-ġrajja* tiftaħ b'element ta' kalma, tgħaddi għall-eċitament tal-kriżi u tintemm f'atmosfera ta' sliem.

(2) *In-nisġa* tal-ġrajja tiddependi minn karattru wieħed jew minn tnejn li jaqsmu l-parti tagħhom fi ġrajja komuni. L-istess ismijiet jissuġġerixxu dan il-fatt – Pawlu ta' l-Għar, Ċikku u Bintu, Ċelsu . . .

(3) *L-Element Divin*: dan hu l-qofol u l-għan ta' kull rakkont. Is-soluzzjoni ta' kull dilemma dejjem hi l-grazzja tal-miraklu. Din is-soluzzjoni hi l-gratifikazzjoni mistħoqqa għall-fidi fid-divinità. Xi drabi hi wkoll il-punt ta' l-għarfien tal-ħarsien divin. Ġovanni Lemenoit ma kienx talab lill-Madonna biex tgħinu, iżda l-labtu li tatu ommu kien il-prova li Marija kienet qed tħarsu.

(4) *L-egħluq* ta' kull rakkont hu tipiku tal-favolistika tradizzjonali: egħluq li jipprova jiġbor it-tifsira umanitarja u universali tar-

rakkont. Nislet dan l-eżempju: "Għexu qalb waħda u Alla kien il-bidu u t-tmiem ta' l-imħabba tagħhom."

Il-kitba ta' *Nidma ta' Żagħżugħ* hi eċċezzjoni importanti li ma taqax fl-iskema ta' dan il-mudell. Fil-fatt din mhix rakkont, iżda waqt ta' riflessjoni, waqt li fih il-kittieb irtira biex għarbel lilu nnifsu. Tixref ix-xbieha tal-bniedem imjassar mill-karattru tiegħu stess (is-suppervja). Dawn it-tensjonijiet iġibu lill-bniedem f'kuntradizzjoni: iż-żagħżugħ li waqt li jħobb lil ommu jeħodha kontra tagħha. Din id-darba l-ambjent għandu sehem attiv fl-interazzjoni bejn il-kuntest ta' barra u d-dinja ġewwenija. "Kamarti kienet donnha trid iċċanfarni bl-ombri tagħha; il-ftit mobbli li kienu jduru mal-ħitan huma bħal imsiemer li jitturmentawni". Fil-waqt li fir-rakkonti l-punt problematiku dejjem għandu aspett estern (marda, għarqa) din id-darba l-kriżi hi interna, hi proċess li jiżvolġi ruħu fil-kuxjenza.

Fl-istil tar-rakkonti insegwu sforz biex il-kitba tiġi mressqa lejn il-kelma mitkellma. Fil-waqt li fil-kitba poetika insibu l-kelma mirquma u magħżula, fir-rakkont insibu sforz biex il-kitba tersaq lejn l-immedjatezza u lejn l-ispontanjetà tal-ħajja. L-għażla lessikali hi parti integrali minn din it-teknika. Insibu ħafna kliem ta' nisel taljan li jista' jiġi mibdul faċilment bi kliem li għandu bixra maltija. Cuschieri kien igħix f'ambjent fejn it-Taljan kien il-medju ta' komunikazzjoni – mill-istudju f'Ruma għal "lectures" fl-Università, u mill-Kunvent sad-diskorsi u l-priedki li għalihom kien imsemmi, it-Taljan kien dejjem l-għodda ewlenija. Terġa' Cuschieri kien midħla sewwa tal-Partit Nazzjonalista fi żmien meta dan il-Partit kien iħares lejn il-kultura tal-peniżola bi stima liema bħalha. Dan il-Partit kien involut direttament fil-kustjoni lingwistika: kustjoni li rat żewġ estremi ewlenin, puriżmu semitiku u taljanizzazzjoni tal-Malti. Fin-novelli għandna l-isforz ta' Cuschieri biex il-Malti jiġi mressaq lejn it-Taljan.

Cuschieri kien jemmen ukoll f'distinzjoni fenomenoloġika – il-proża qiesha bħala differenti mill-poeżija u għalhekk f'dawn iż-żewġ forom il-kelma kellha tiġi mħaddma b'mod differenti. Dan nistgħu narawh meta nqabblu xi elementi tar-rakkonti mal-poeżiji letterarji ta' l-istess kittieb. Hekk f'*Nidma ta' Żagħżugħ* niltaqgħu mal-kelma *ombra*. B'riferenza għall-istess fenomenu fil-poeżija ***Fil-Milied tas-Sena 1916*** Cuschieri jikteb *dell* (v. 58). Fl-istess storja nsibu *kreatura*, fil-waqt li fil-poeżija ***Ave Marija*** (v. 5) l-kittieb juża ***ħlieqa***. Dan l-eżempju jidher f'perspettiva aħjar meta wieħed iqis li normalment jingħad "ħolqien". X'aktarx li l-użu l-aktar komuni ta' "ħlieqa" hu riservat għal sens umoristiku, kif insibu fil-poeżija ***Ċajt u Ħlieqa***. Fil-kuntest tal-poeżija msemmija "ħlieqa"

hi wżata fis-sens ta' nom derivat mill-kollettiv "ħolqien".[3] Elementi bħal dawn jissuġġerixxu li fil-poeżija Cuschieri kien jippreferixxi kelma ta' nisel semitiku. F'*Żelinda u Ferdinandu* nsibu "nirrestitwilek" "ikkumbatti", "jisuċċiedi", "nissodisfa", "kreatura", . . . Fir-rakkonti l-oħra nsibu "tikkumbatti", "jissuċċedi", u kliem simili. Fil-poeżija *Il-Kelma Maltija* Cuschieri jagħtina idea ta' kif għandu jkun l-ilsien Malti. Il-kelma għandha tkun:

Kif dari l-Belt, kif għadek
fir-rħula llum tismagħha,
bla xniexel fuq sidirha,
fqajra, 'ma kollox tagħha.

Dan żgur li ma japplikax għal-lingwaġġ imħaddem fir-rakkonti.

Terġa' Cuschieri kien qed jikteb għal qarrejja li mqar jekk ma kellhomx edukazzjoni għolja, kienu familjari mal-lingwaġġ taljanizzat. Fil-fatt Vassalli kien iddeskriva l-lingwaġġ użat fil-Belt bħala "*il più corretto tra gl'annoverati dialetti di Malta*".[4] Dan għaliex dan id-djalett kien assimila ħafna kliem barrani. B'riħet l-isforz ta' Cuschieri għandna dokument li minn naħa waħda ma ħalliex li xi elementi lingwistiċi wżati fil-bidu tas-seklu jintesew għal kollox u minn naħa oħra hu eżempju tal-proċess ta' taljanizzazzjoni tal-Malti.[5]

Il-ġbir ta' dawn ir-rakkonti ma kienx xi biċċa xogħol faċli. Dan kien dovut għall-fatt li Cuschieri ma kienx jiffirma l-kitbiet tiegħu. Meta l-kompilaturi ta' ***Cuschieri: il-Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija*** (1976) ġew biex jiġbru l-poeżiji ta' Patri Anastasju, huma sabu dawn in-nom-de-plumes: ***, Carm., A.B.C., X.Y.Z., M.R., u A. Sterco (*). Iżda l-kompilaturi ma semmewx liema kienu l-kriterji li wassluhom biex identifikaw dawn in-nom-de-plumes ma' Cuschieri.

Ir-rakkonti ***Toni u t-Tabib li Fejqu***, ***Ġovanni Lemenoit***, ir-***Rakkont tal-Milied*** u ***Pawlu ta' l-Għar*** dehru taħt in-nom-de-plume ***. ***Ċelsu*** u ***Is-Setgħa tal-Madonna*** kellhom asterisk wieħed, *. L-oħrajn ma kellhom ebda indikazzjoni ta' firma jew ta' nom-de-plume. Għalhekk dawn ġew attribwiti fuq bażi stilistika. Finnuqqas ta' dokumentazzjoni ċerta l-istudju ta' l-istilistika hu l-aħjar għodda biex tiġi ddeterminata l-awtentiċità ta' xogħol letterarju.

Ir-rakkonti huma kollha mfassla skond il-mudell li ddeskrivejt aktar 'il fuq; kollha jużaw l-istess lingwaġġ; għandhom teknika ta' djalogar komuni u lkoll jipparteċipaw f'għan uniku. Niltaqgħu ma' aġġettivi vagi u mhux definiti – l-użu rikorrenti ta' *donnu* u *bħal* (użu li nsibuh ukoll fil-poeżiji tiegħu): "Idejh dejjem sejrin *don-*

*nhom* iridu jaqbdu xi ħaġa'' (***Rakkont tal-Milied***); ''ċertu ħaddied *donnu* ġgant'' (***L-Ewwel Martri***); f'***Qobra u Ħolm*** (V50-51) naqraw: ''il-leħen . . . *donnu* jibki''.

Għandna binja sintattika speċifika, bl-użu tal-preżent f'kuntest ta' passat, bil-għan ta' enfasi. Nislet dawn l-eżempji: ''Żelinda meta *rat* is-sultan . . . *iħossha* ħażin u taqa''' (***Żelinda u Ferdinandu***); ''Kamarti *kienet* donnha trid iċċanfarni . . . il-mobbli *huma* . . . '' (***Nidma ta' Żagħżugħ***). Fil-poeżija ***Il-Milied tas-sena 1916*** għandna l-istess użu: ''Fil-jum ta' twelidek – kbir Alla *x-xtaqt* jien'' u '''mma l-kelma minn fommi – toħroġli bid-dmugħ'' (VV. 16 u 20). Xejra sintattika oħra hi t-tqegħid ta' l-avverbju qabel il-verb: ''Is-soru maġenbu *għalxejn* bdiet tgħidlu . . . '' (***Ċikku***); ''riħ *ukoll* ivenven'' (***Milied***). F'***Qobra u Ħolm*** (v.5) insibu użu simili: ''u hekk iwissi'' . . . Hemm użu rikorrenti ta' verbi tipiċi: e.g. ''tissospira'' (***Nidma***) u ''spira'' (***Tarċisju***); ''ikkumbatta'' (***Padrun Ħażin***), u ''nikkumbatti'' (***Ġovanni Lemenoit***). Niltaqgħu ma' l-użu ta' ''iva'' għall-enfasi – enfasi li ħafna drabi m'hemmx bżonnu, u li jirrifletti l-karattru inċert tal-kittieb: ''imdawla iva'' (***Milied***); ''Mur għidlu iva li jien . . . '' (***Ċelsu***). Fil-poeżija ***Fil-Milied tas-Sena 1916*** (v.28): ''iva rajt sewwa . . . '' Xi prepożizzjonijiet għandhom użu partikulari. Per eżempju ''bil-wisq'' flok ''wisq''. Dawn l-elementi jistgħu jkunu xhieda biżżejjed li r-rakkonti ħarġu mill-istess pinna.

Barra minn dan hemm xhieda fit-tematika. F'***Nidma ta' Żagħżugħ*** niltaqgħu ma' l-omm li Patri Anastasju jiddeskrivi fil-poeżija ***Ħdejn il-Qabar ta' Sant'Antnin ta' Padova***:

''Kemm-il darba fl-iljieli tax-xitwa
Maġenb ommi qed traqqa' xi lbies,
Jiena smajtha titolbok, ittenni
Kliem ta' ħlewwa, ta' qima bla qies!''

(vv. 9 – 12)

L-omm ta' ***Alla Biss Jagħti l-Faraġ*** insibuha wkoll ħdejn uliedha traqqa' u tħit u l-omm tar-***Rakkont tal-Milied*** kienet toqgħod ħdejn binha fl-iljieli twal tax-xitwa. Fuq kollox l-omm hi figura ċentrali fil-poetika ta' Cuschieri. Għalhekk mhux għaġeb li naraw lil Żelinda omm u li Ġovanna ssir omm. Fl-istorja ta' Ċelsu tidħol ukoll l-omm biex taqsam fit-tiġrib ta' binha.

Jekk m'hemmx l-omm hemm il-figura paterna, bil-missier dejjem armel u b'wild waħdieni. Ċikku m'għandux għajr lil Pina, li tilifha, Toni m'għandu xejn ħlief bintu li qed tmut (***Is-Setgħa tal-Madonna***) u Toni ta' Ħal Qormi jgħix ma' bintu waħdanija. Huma kollha rakkonti ta' diqa li jfittxu li juru n-niket tal-ħajja mingħajr

is-sabar u l-faraġ ta' Alla.

Il-misteri tal-fidi huma msarrfin f'manifestazzjoni fiżika tal-qawwa sopranaturali. Hi att ta' fidi spontaneja li tfittex li teħles lir-reliġjon minn kull sforz ta' intellettwaliżmu. Il-karattri tar-rakkonti m'humiex imħabbtin b'dilemmi eżistenzjalisti – kollha jfittxu li jinterpretaw il-ħajja fid-dawl ta' twemmin sempliċi. Għal Cuschieri din l-għamla ta' fidi tidher f'kuntrast ma' l-iskolastiċiżmu filosofiku. "*(Come) cittadino del secolo vigesimo e modesto cultore della scienza, di fronte alle difficoltà che ci si oppongono contra la divinità di nostra santa religione, io mi sento qualche volta tentato di abbandonare il rationale obsequim dell'Appostolo per attenermi esclusivamente all'autorità di Dio, alla forza del sentimento, alla fede ingenua del carbonaio.*"[7] Din id-deħra romantika tar-reliġjon hi s-sies tar-rakkonti: reliġjon li tordom l-inċertezzi, li tidfen id-dubbji, u li tgħolli s-sentiment bħala l-qofol ta' kollox. F'***Is-Setgħa tal-Madonna*** s-sentiment jissuġġerixxi 'l Toni s-soluzzjoni għall-marda ta' bintu; f'***Ir-Rakkont tal-Milied*** is-sentiment isarraf mewta traġika f'relazzjoni mistika.

Dan iwassal għal kuntrast importanti fil-ħsieb ta' Cuschieri: fuq naħa hemm in-natura bir-reliġjon tas-sentiment u fuq naħa oħra hemm il-kultura bir-reliġjon raġunata tagħha:

| | | |
|---|---|---|
| NATURA | sentiment | awtorità ta' Alla |
| KULTURA | raġuni | rationale obsequium |

Meta l-omm tar-***Rakkont tal-Milied*** taħseb fuq il-mewt ta' binha tara kemm il-ħajja hi qarsa, meta tisma' l-istorja mitika (u sentimentali) tan-nannu, titfarraġ.

F'*Nidma ta' Żagħżugħ* insibu duwaliżmu simili:

| | |
|---|---|
| ĦSIEB | kburija |
| SENTIMENT | umiltà |

Hi tensjoni li qiegħda tikkondizzjona l-ħajja tal-bniedem. Patri Anastasju jipprova jgħaddi mir-riġidità konċettwalistika għal-libertà tas-sentiment. Pawlu ta' l-Għar ma jfittixx li jitkixxef x'inhi l-qawwa qerrieda li trid toħnoq l-eżistenza umana, iżda jħares ferħan lejn il-ħelsien tiegħu.

Fis-sempliċità tagħhom dawn ir-rakkonti huma eleġija tal-problemi tal-bniedem. Jista' jkun li aħna ma nħarsux lejn il-ħajja mil-lenti ta' Cuschieri. Jista' jkun li aħna ma nintlaqtux mis-superfiċjalità tar-reliġjon tas-sensazzjoni li nsibu f'dawn l-istejjer. Iżda jibqa' l-fatt li aħna wkoll għad għandna l-istess problemi u aħna wkoll infittxu metodi li jtaffu u jaħbu r-realtà kerha tad-destin uman.

---

1. *Ir-Reġina tal-Karmelu*, Sena 1, N. 1, 15 ta' Lulju 1914, P.5: Tweġiba lill-Patri Direttur ta' dan il-perjodiku. Cuschieri kiteb dawn il-kelmtejn taparsi lill-editur. Fil-fatt l-editur kien hu stess!
2. *ibidem.*
3. Ara ***Dizzjunarju Malti-Ngliż*** ta' Dun Karm (Malta 1947). M. Dimech fi ***Il-Chelliem Ngliż*** (Malta 1925) jagħti "ħlieqa" bħala "*a creature*". Fl-Għarbi (*haliqa-t*) għandha l-istess tifsira. (Ara ***Arabic English Dictionary*** ta' F. Steingass, New Delhi, 1978).
4. ***Ktyb yl Klym Malti 'mfysser byl-Latin u byt-Taljan, sive Liber Dictionum Melitensium hoc est Michaelis Antonii Vassalli Lexicon*** (Ruma 1796) P.xvii, *Dello stato presente della lingua maltese.* Vassalli jissuġġerixxi li "*questo insipido e sciocco dialetto o patois bisognerebbe procurare di estiparlo ora sul nascere, perchè col tempo potrà radicarsi in tutto il Dominio.*" Dwar l-influwenza ta' kliem barrani fil-lingwaġġ tal-Belt, Cuschieri kien jaħsibha hekk: Bil-fors li ddur lejn xi kelma barranija jew għax aħna tal-Belt nistħu nużaw ċertu kliem jew għax ma nifhmux. *Ir-Reġina tal-Karmelu* Sena 2 N.7, Frar 1916, P.193.
5. L-użu ta' dan il-lingwaġġ jiftiehem aħjar meta wieħed iqis li r-rivista l-aktar li kellha qarrejja kien mill-Belt. Il-korrispondenza hi xhieda qawwija ta' dan: mhux l-ewwel darba li minn ħames ittri erbgħa minnhom kienu jkunu mibgħutin minn qarrejja mill-Belt.
6. Biex inkunu għidna kollox, ngħidu li l-istejjer ***Padrun Ħażin***, ***It-Tliet Aħwa***, ***Imħabba ta' Iben*** u ***Il-Fqajjar Ġjakomu*** huma parti minn sensiela ta' stejjer differenti mir-rakkonti l-oħra. X'aktarx li dawn l-istejjer mhumiex oriġinali u jagħmlu parti mit-tradizzjoni tal-priedki Maltin.
7. *Discorso tenuto nella chiesa dei Frati Minori*, Traduzzjoni f'*Dawl Franġiskan*, Ottubru 1982.

## CUSCHIERI – EGĦLUQ L-GĦOXRIN SENA MINN MEWTU

Xejn ma hi ħaġa ħafifa għal poeta li jagħmel isem fi żmienu u jibqa' mfakkar wara mewtu. Din is-sena Cuschieri għalaq għoxrin sena mejjet. Iżda din it-tifkira ċkejkna tagħna mhix waħda storika, mhix xi indaġni fiergħa fil-bir għammieq ta' l-imgħoddi. Għall-kuntrarju kull tifkira ta' Cuschieri hi twettiq tal-kultura tagħna, hi parti integrali mill-istess identità li ssawwarna u li tidentifikana bħala nazzjon. Cuschieri fittex fl-egħjun li xettluna u sab fihom iż-żerriegħa li kienet għadha ma nibtitx; sab li l-kultura tagħna kienet għadha mhix ikkoltivata. Għalhekk hu fittex li jixħet din iż-żerriegħa f'art saqwija biex jum wieħed tkun tista' tagħti l-frott.

Cuschieri kien wieħed minn dawk li meta ħares madwaru ma rax għajr il-faqar ta' poplu aljenat. Ma rax ħlief preġudizzji kontra l-ilsien Malti jew kontra l-kultura Taljana. Hu fehem li l-konvinzjoni tal-ħsieb kienet l-aqwa arma biex jissielet kontra l-jasar mentali. Konvint minn dan l-ideal, hu fittex li jwassal il-messaġġ tiegħu b'kull mod effikaċi: bil-kitba bil-Malti għall-popolin, bl-argumenti fil-Kamra tas-Senat, bit-tagħlim akkademiku fl-Università u bil-predikazzjoni minn ġol-knejjes.

Cuschieri kien jemmen fl-identità nazzjonali. Iżda għaraf ukoll li ma setax jinqata' mid-dinja ta' madwaru. . . . Għalhekk ma kienx jemmen fl-assolutiżmu ta' xi "Malta Maltija", għax kien jaf li bħala bniedem hu kien ċittadin ta' pajjiż ferm usa'. Ried li Malta tistabilixxi ruħha fil-kultura u fil-politika ta' pajjiżi oħra għax għaraf li fl-iżolament m'hemmx identità iżda qerda.

### Punti Bijografiċi

Anastasju Cuschieri twieled fil-Belt Valletta fis-27 ta' Jannar 1876 minn Ġużeppi u Andreana. Huwa ġie mgħammed tlett ijiem wara fil-Parroċċa tal-Portu Salvu u ngħata l-isem ta' Pawlu. Jingħad li l-familja tiegħu kellha tradizzjoni Nazzjonalista, u għad li kienu jagħmlu mal-parroċċa ta' San Duminku, kienu Pawlini għall-aħħar.

Bħala tifel, Cuschieri attenda l-iskola elementari tal-Belt, skola li f'dak iż-żmien kienet waħda mill-aktar organizzati u li sa kellha l-ġurnal tagħha. F'dan iż-żmien it-tfajjel kien iservi ta' abbati fil-knisja tal-Karmnu u minn dan iż-żmien setgħet daħlet fih ix-

xewqa li jissieħeb mal-Karmelitani. Fil-fatt wara li temm l-istudji Liċeali, meta kellu ħmistax-il sena, daħal ma' dawn il-patrijiet. Fit-28 ta' Awissu 1892 għamel il-professjoni solenni u għażel l-isem ta' Anastasju. Għamel l-istudji tal-filosofija u tat-teoloġija fl-Università Gregorjana. Kiseb il-gradi ta' Dottorat fid-Divinità (D.D.), Dottorat fil-Filosofija (Ph.D.) u l-Maġisteru fit-Teoloġija (S.Th.Mag.).

Huwa qaddes l-ewwel quddiesa solenni fil-25 ta' Settembru 1898 fil-knisja ta' Santa Marija ta' Traspontina, Ruma. Il-Kunsill Ġenerali ta' l-Università ta' Malta ħatru Professur tal-Filosofija fl-1901. Fl-Università huwa serva wkoll ta' Eżaminatur tat-Teoloġija u tal-Matrikola. Huwa rtira uffiċjalment mill-kariga tiegħu fl-1939 meta kellu 63 sena.

Cuschieri kien ta' karattru x'aktarx timidu. Jingħad li meta kien tifel kien ġie influwenzat ħafna minn xi zija li xettlet fih ħafna biża' bla bżonn. Xi patrijiet għadhom jiftakru kif meta kienu jagħmlu s-sajjetti Patri Anastasju kien iħalli l-kamra tiegħu u jmur jorqod taħt it-taraġ!

Fi żmien il-gwerra hu kien rifuġjat fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi, Birkirkara.

Cuschieri serva darbtejn ta' Provinċjal tal-Karmelitani. Barra minn dan, inħatar darbtejn bħala Senatur ma' Gvern Nazzjonalista biex jirrappreżenta l-gradwati universitarji.

Lejn it-tmiem ta' ħajtu kien maħkum minn marda qalila, li bil-mod il-mod ħallietu paralitiku. Huwa miet fil-25 ta' Lulju 1962, fl-età ta' 87 sena. L-għada saritlu quddiesa kantata *presente cadavere* fit-8.30 a.m. fil-Bażilika tal-Karmnu. Wara nofs inhar sar korteo minn din il-knisja sa Bieb il-Belt: kien hemm ħafna personalitajiet magħrufa u folla kbira ta' nies. Minn Bieb il-Belt it-tebut ittieħed privatament l-Imdina, fejn indifen fil-kannierja tal-Knisja tal-Karmnu.

## Kitba bil-Malti

Cuschieri beda l-karriera tiegħu bħala kittieb bl-ilsien Taljan. Kien jikteb xi versi okkażjonali li kienu jiġu stampati fuq karti volanti u mbagħad jitqassmu fil-festi. Ħafna minn dawn il-poeżiji, li n-nies laqqmithom "sunetti" (għad li mhux bilfors ikollhom il-forma tas-sunett letterarju), għadhom jeżistu fil-Librerija tal-Kunvent tal-Karmnu tal-Belt. Cuschieri beda jikteb bil-Malti qabel Dun Karm: hekk fl-1909 diġà nsibu l-poeżija ***Fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu***. Il-konverżjoni f'Dun Karm ma seħħitx qabel l-1912. Ġużè

Aquilina jgħarrafna li kien Napuljun Tagliaferro li ħajjar lil Patri Anastasju biex jibda jikteb bil-Malti.

Iżda Cuschieri ftit li xejn sab appoġġ biex jissokta jikteb bil-Malti. Ġużè Cardona fil-bijografija tiegħu ta' Dun Karm jikkummenta hekk: "Meta l-Professur Patri A. Cuschieri O.C. beda jikteb bil-Malti, il-poeta tagħna (Dun Karm) bħal tfantas u naqqas fil-kitba. Ma nistgħu la nikkonfermaw u l-anqas nicħdu din il-fehma, imma donnu li għandha xi ftit mis-sewwa, għax fis-snin 1916, 1918 u 1919 (meta Cuschieri kiteb kważi l-poeżiji kollha tiegħu) Dun Karm ma kitibx jew ippubblika ħlief poeżija fis-sena."

Jingħad li meta Cuschieri kiteb l-innu ***Nagħtuk Qalbna Nagħtuk Ruħna***, li kien jitkanta fuq il-mużika ta' ***T'Adoriam Ostia Divina***, Dun Karm tfantas. Fil-fatt Dun Karm kiteb ittra fil-***Ħabib*** u fiha fisser kif xi wħud fittxu li jaqilbu l-innu ***T'Adoriam Ostia Divina*** bil-Malti. Mid-dehra dawn it-traduzzjonijiet m'għoġbux lil Dun Karm u għalhekk dan iddeċieda li jagħmel it-traduzzjoni hu, għax kien hu li kiteb l-innu oriġinali. Tgħid din kienet xi botta għal Cuschieri? Iżda Cuschieri kiteb innu ġdid u mhux traduzzjoni! Xorta tibqa' mistoqsija waħda: Għalfejn Cuschieri qagħad jistenna sa l-1927 biex jippubblika l-innu tiegħu fuq il-***Ħabib***?

Fil-poeżija ***Qalb Ta' Nisrani***, Patri Anastasju kiteb hekk: "X'int tagħli ja msejken għax tiela' ħaddieħor" (vers 1). Aquilina (li kien jaf kemm lil Cuschieri kif ukoll lil Dun Karm personalment) josserva hekk: "Tgħid meta kiteb dawn il-versi kellu lil Dun Karm quddiem għajnejh?"

Ngħidu wkoll li Dun Karm bagħat kopja tas-sunett sabiħ tiegħu ***Bjuda*** lil Cuschieri, bil-miktub – "Jogħġbok Prof.? B'tislima ta' min kitbu." Diffiċli biex wieħed igħid x'kien l-għan ta' Dun Karm.

X'aktarx li Cuschieri se jibqa' msemmi għal ftit poeżiji. Dan għaliex dan il-poeta tana xi versi li huma tajbin ħafna u oħrajn li huma medjokri ħafna. Dan x'aktarx li hu għaliex il-poeta kien jikteb ħafna poeżiji okkażjonali biex jistampahom fir-rivista li kien joħroġ (*Ir-Reġina tal-Karmelu*).

Raġuni oħra jagħtihielna Cuschieri stess: "Biex ikun tajjeb tassew (Edizzjoni letterarja tal-Milied) kien hemm bżonn min joqgħod jilgħab miegħu xi erbat ijiem oħra. . . . Aħna ma bqajna kuntenti kważi xejn. . . . Dawn il-ħwejjeġ biex tagħmilhom irid ikollok ħafna żmien." Ta' min ifakkar li Cuschieri, għall-kuntrarju ta' Dun Karm, kien impenjat f'bosta attivitajiet u għalhekk il-kitba kienet għalih xi ħaġa sekondarja għall-aħħar. Naħseb li din il-konsiderazzjoni hi importanti ħafna għall-qarrej li jkun se jaqra l-poeżiji miġbura ta' dan il-poeta.

## Il-Kult tal-Patrija

Cuschieri hu magħruf għal żewġ aspetti ewlenin tal-poeżija tiegħu: il-kult tal-patrija u l-mit Marjan.

Cuschieri l-poeta hu bil-wisq differenti minn Cuschieri l-filosofu. Fil-filosofija Cuschieri hu ċ-ċittadin ta' l-umanità, fil-poeżija hu jsir iċ-ċittadin ta' komunità identifikata u limitata. In-nazzjonaliżmu hu l-karta ta' l-identità tal-poeta u l-bniedem ma jibqax individwu, iżda jsir parti integrali minn komunità. Hekk li fil-filosofija l-problema ewlenija hi d-definizzjoni tal-jien, issa l-problema ssarrfet f'termini komunitarji u saret l-identifikazzjoni tal-grupp kollettiv, ta' dak li jagħmilna differenti minn ħaddieħor.

Il-poeta Karmelitan fittex li jistabilixxi din l-identità permezz ta' l-ilsien Malti – ilsien li f'dak iż-żmien kien mistmerr mil-litterati ewlenin ta' pajjiżna u kien meqjus bħala lsien tal-kċina. Cuschieri fehem li l-Malti kellu jkun l-ilsien nazzjonali tagħna, iżda hu fehem ukoll li l-kultura Maltija kellha timxi fuq il-mudell tal-Kultura Taljana. Għażla bħal din kienet l-aktar għażla loġika ' wieħed seta' jagħmel għaliex il-Maltin kienu f'salib it-toroq. I' direzzjonijiet kienu tnejn opposti – jew il-kultura Ingliża bil-jasar kolonjali tagħha, jew il-kultura Taljana bit-tradizzjoni risorġimentali tagħha. Cuschieri fittex il-ħelsien ta' art twelidu fuq il-mudell Taljan, iżda hu bl-ebda mod ma ried li jissoppjanta l-kultura tagħna b'dik Taljana.

Il-poeżiji mgħammdin bħala "Patrijottiċi" huma xhieda ħajja ta' dan il-kredu.

> "Fost l-ilsna kollha, ja lsien pajjiżi,
> isbaħ u bħalek jien ma narax;
> ruħi mingħajrek bħal fomm imbikkem
> li jrid jitkellem u ma jistax."

*Ilsien Pajjiżi* vv. 1 – 4

Minn dawn il-versi tixref l-idea li Cuschieri kellu ta' l-ilsien Malti. Ninnutaw l-użu tas-superlattivi, iċ-ċertezza tan-nomi singulari, id-dipendenza tal-poeta minn dan il-kodiċi lingwistiku. B'riħet hekk Cuschieri jwaħħad punti li jolqtu lin-nazzjon (l-ilsien Malti bħala l-identità nazzjonali) ma' elementi purament personali (l-ilsien Malti bħala l-medju komunikattiv tiegħu).

L-ilsien hu identifikat ukoll ma' l-imgħoddi storiku tal-ġżira:

> "Int li tfakkarni kemm Malta kienet
> dari msemmija ma' kullimkien."

(*ibidem* vv. 13 – 14)

L-imgħoddi storiku jfakkar lill-poeta fl-imgħoddi nostalġiku tiegħu:

"Int li tfakkarni fi żmien tfuliti."

(v. 9)

L-ilsien hu wkoll l-aktar oġġett prezzjuż tal-poplu:

"Minn artna lsienna jekk qatt jinqered,
taħsibx li jibqa' ta' demmna l-fjur;
jitbiddel ħsiebna, jitbiddlu qlubna,
it-tajjeb kollu jitlaq u jmur."

*Dun Pawl Mhux Lili*, vv. 17 – 20

Bl-istess mod l-ilsien Malti hu l-istess ruħ tal-poeta:

"Din biss, ħabib ta' qalbi
għandi, din Alla tani,
dil-kelma li bi ġmielha
nitgħaxxaq se tarani."

*Il-Kelma Maltija*, vv. 1 – 4

L-ilsien qiegħed dejjem jaqdi funzjoni paralleli: fuq naħa qed iservi ta' għajn ta' bijografija nazzjonali u fuq naħa oħra qiegħed iservi għall-awtobijografija tal-poeta.

Cuschieri kiteb dawn il-versi fi sfond ta' tradizzjoni. Kien Vassalli li ħabbar il-fejda ta' l-ilsien għall-bini ta' identità nazzjonali. Dan il-kittieb kien wasal għall-konklużjoni li "*ove non si coltivi la lingua nazionale, ne si scrive, quella nazione che la parli non può mai pervenire all'apice di sua floridezza ed ingrandimento*" (*Discorso Preliminare*). Għalhekk din il-konverżjoni lingwistika tixref 'il barra mill-aspett ta' għażla lingwistika u tikseb għarfien fid-dawl ta' dimensjoni ġdida. Hi l-konverżjoni spiritwali li kellha tniedi l-bidu tar-risorġiment Malti.

Xi wħud ma għarfux it-tifsira sħiħa ta' dan il-ħsieb f'Cuschieri. Dawn it-talin fittxew li jassoċċjaw il-preġudizzju tal-Partit Nazzjonalista (fis-snin għoxrin u tletin) kontra l-ilsien Malti ma' l-ideat ta' Cuschieri. Fil-fatt meta darba Cuschieri ġie miġjub f'kontroversja dwar kif kien jaħsibha fuq il-Malti b'rispett għat-Taljan, hu stqarr: "*non vuole distruggere il Maltese, ma non vuol servirsi di una lingua per distruggere un'altra.*" Hu qatt ma seta' jiċħad lil dik il-kultura li kienet hi stess li ġagħlitu jħobb l-kultura Maltija. Ma setax ibarri minnu nnifsu dak l-ispirtu li kien seddaq lil ħsiebu. Ma setax ma jħarisx b'qima lejn il-ħassieba li kienu bnewlu fehemtu.

## Il-Mit Marjan

Cuschieri baqa' magħruf ukoll bħala "il-poeta tal-Madonna". F'dan il-qasam tal-poeżija reliġjuża huwa fittex li jkompli tradizzjoni antika u fl-istess ħin jagħti vitalità ġdida lil tema li kienet waqgħet f'dekadenza.

L-ewwel xogħol importanti ta' kittieb Malti dwar il-Madonna tahulna l-Konti Ciantar. Fl-1762 dan il-kittieb ħareġ il-"*Vita della Madre Santissima di Dio Maria*", xogħol voluminuż u ambizzjuż għall-aħħar, f'disa' kotba. Ciantar bena l-verżjoni tiegħu tal-ħajja tal-Madonna fuq l-istorja li kitbet Swor Maria d'Agreda. Din hi rakkont esuberanti mimli bl-ispirtu barokk li jfittex li jeroizza u jimmitiċizza l-ħajja ta' Marija. M'hemmx għalfejn ngħidu li din hi ġabra ta' ħrejjef mimlija b'qabda kuntradizzjonijiet morali.

Fis-seklu dsatax it-tematika marjana sabet xorti aktar modesta fil-kurunelli. Ewlieni fost il-kittieba li ddistingwew ruħhom f'dan il-qasam kien Ludovik Mifsud Tommasi. Tommasi ma tantx tana versi oriġinali għax l-aktar li ħadem kien fil-qasam tat-traduzzjoni ta' innijiet bil-Latin. Verseġġjatur ieħor, Richard Taylor. Dan id-dakkar ħafna mill-istil ta' Tommasi u ssokta jsaħħaħ it-tradizzjoni reliġjuża. X'aktarx li Patri Indrí Schembri kiteb xi poeżiji marjani bi stil letterarju. Nislet din l-istrofa mill-eżempji li jagħti Cassar-Pullicino (għax l-unika kopja tal-ktieb ta' Schembri hi nieqsa mill-Bibjoteka Nazzjonali! X'għajb!).

"Dan ix-xahar minn ta' Mejju
Huwa l-isbaħ fost ix-xhur:
Sabiħ l-ajru, sbieħ il-bħura,
Sbejħa l-art kull fejn iddur."

Din kienet it-tradizzjoni letterarja Marjana li kellna sa ma beda jikteb Cuschieri. Patri Anastasju fittex li jagħti impenn ġdid lil din it-tradizzjoni, fittex li ma jħallix dan il-kult popolari fil-medjokrità rħisa li kien waqa' fiha, fittex li jnissel sens ta' intimità fil-viżjoni Marjana.

Għall-poeta Karmelitan il-Madonna ma kinetx xi statwa tal-kartapesta: kienet figura mlaħħma f'qalbu, kienet l-inkarnazzjoni ta' ħsiebu. Hija, qabel kollox, "*la donna che non si trova*" ta' xi Leopardi – il-mara ideali li madankollu ma tibqax astrazzjoni mentali, iżda ssir immaġini ħajja fil-fantasija tal-poeta. Din il-figura tipprovdi l-alternattiva għall-attrazzjonijiet umani:

"Aktar jien ma lejk inħares
U x-xewqat tad-dinja nwarrab,

Aktar ħelwa lilek nara
Aktar ġmielek f'qalbi nġarrab."

*Lill-Madonna tad-Duttrina*, vv. 7 – 10

Għad li l-ħeġġa mqanqla għall-kisba tat-totalità tal-preżent hi l-ewwel reazzjoni ta' Cuschieri, tinħass ukoll l-evokazzjoni ta' sens ta' immortalità, ta' eternità storika. Fil-fatt il-viżjoni umana tal-poeta xi drabi tissublimizza f'figura mistika. It-tama waħdanija tal-poeta hi li jitgħaxxaq bid-dehra ta' Marija fis-sema li ruħu "miegħek għal dejjem tiġi hemm fuq."

Marija hi s-sedqa tal-ħajja ta' Cuschieri – hi dik il-mara li tassisti l-poeta u tmexxih fil-vjaġġ tal-ħajja.

"Meta l-leħen tal-qanpiena
donnu x-xemx jitlob bil-ħniena,
biex ittih l-aħħar tislima,
lejk minn fommi,
ja ommi,
lejk minn qalbi,
ma' talbi,
jitla' l-bews ta' l-akbar qima . . .
Kont żagħżugħ; l-imrar tal-ħajja
ma kienx għadu mess xofftejja,
u jekk qatt demgħa
fuq ħaddejja,
daqqiet taqbeż minn għajnejja,
b'wiċċ il-ħelu ta' dik ommi
terġa' tfeġġ id-daħka f'fommi."

*Fis-Santwarju tal-Karmnu*, vv. 10-17, 53-59

Ebda kittieb fil-letteratura Maltija għadu ma esprima ħsibijiet bħal dawn fuq Marija b'din il-qawwa lirika. Il-ħsibijiet huma sempliċi u ċari għall-aħħar: l-istess sempliċità tagħhom tirrendihom poetiċi. Il-mertu ta' Cuschieri f'din il-poeżija jitqies aħjar meta wieħed jiftakar li hu kien qiegħed jesperimenta. Din il-poeżija mhix miktuba fl-iskema riġida tal-metrika tradizzjonali, iżda hi miktuba b'versi ħielsa. B'hekk nistgħu naraw aħjar it-teknika ta' Cuschieri, għax għad li hu ma kienx imħarreġ fil-vers liberu, kiteb poeżija mimlija b'sens ta' ritmu.

Hawnhekk qegħdin inġibu poeżija qasira li sibna qalb xi karti ta' Cuschieri. Din il-poeżija m'hix stampata fil-Ktieb ***CUSCHIERI:***

*Il-Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija (1976)*, u qed tiġi stampata fi żmienna għall-ewwel darba. Cuschieri ma ta ebda isem lil dawn iż-żewġ strofi.

OH! LI TALBI INT KONT TISMA'
. . . Oh! li talbi Int kont tisma'
Ħelwa Omm li s-sema qiegħda;
Jien min-niket f'din l-art nara
Lill-imsejkna ommi mbiegħda.
Ħajja b'ħajja magħha nibdel,
Fjur żgħożiti lilha nagħti;
Bi xjuħitha jien nitgħabba
Biex le nara lilha tbati.

It-tema ta' din il-poeżija hi tipika ta' Cuschieri u ma titfa' l-ebda dawl ġdid fuq il-karattru poetiku tiegħu. X'aktarx li ġiet miktuba fi żmien ta' l-Ewwel Gwerra. Ngħidu li omm il-poeta Andreana, mietet fl-1913.

## L-Oratorija

Cuschieri kien wieħed mill-aqwa oraturi ta' żmienu. Kien imsemmi wkoll għall-paneġierku li kien jaf jinseġ. L-ewwel darba li tela' fuq il-pulptu kien fl-1901 fil-knisja tal-Furjana fejn għamel il-paneġierku ta' San Publju. Fil-ġurnali dlonk dehru eloġji sħaħ biex ifaħħru l-mertu ta' Patri Anastasju: il-profondità tal-ħsibijiet tiegħu, iċ-ċarezza li biha kien jesponi l-ideat u l-ħakma li kellu fuq il-lingwa Taljana. Fl-1902 għamel il-paneġierku ta' San Pawl fil-knisja tal-Belt – paneġierku li baqa' msemmi għal bosta snin wara.

Diskors importanti ieħor li baqa' msemmi kien dak li Cuschieri għamel fil-Kungress Ewkaristiku. B'xorti ħażina Cuschieri ma kienx ta kopja ta' dan id-diskors lill-edituri li ħarġu tifkira tal-Kungress. L-istess ġara fl-1927 meta Cuschieri għamel diskors bil-Malti fl-inawgurazzjoni tal-Monument ta' l-Assedju. Mhux magħruf fejn spiċċaw il-manuskritti ta' dawn id-diskorsi.

Madankollu mill-ftit manuskritti li għadhom jeżistu nistgħu nieħdu idea ċara ta' l-istilistika retorika li kien juża Cuschieri. Kien jikteb b'Taljan klassiku u kien juża l-lingwaġġ ornat għall-aħħar. Kellu ħabta partikulari ta' kif jagħżel il-metafori u ta' kif kien jiżviluppa argument sħiħ fuq metafora waħda. Din it-teknika tagħti element mill-aktar poetiku u mill-aktar dinjituż lill-istil tiegħu. Huwa kien jifred l-argumenti tiegħu b'riferenzi kontinwi: riferenzi bibbliċi, kwotazzjonijiet mill-kittieba Latini, u argumenti

ta' filosofi differenti. Bħala bniedem ta' kultura, Patri Anastasju kien jippossedi l-kwalitajiet kollha meħtieġa biex ikun oratur.

Kellu l-poeżija mwielda fih u għalhekk il-proża seta' jorqomha b'dik il-lehma poetika, kien imħarreġ sewwa fl-ilsien u fil-kultura Taljana u għalhekk ir-riferenzi letterarji kien jilgħab bihom u kien filosfu, jiġifieri kien jaf kif kellu jesponi l-ideat tiegħu.

Hawnhekk qegħdin inġibu traduzzjoni ta' diskors li Cuschieri kien għamel fl-inawgurazzjoni tal-lapida ta' Fortunato Mizzi. Irridu ngħidu li dan mhux wieħed mill-aħjar eżempji tat-teknika ta' Cuschieri fl-argumentazzjoni. Dan għaliex l-okkażjoni kienet tifkira u mhux polemika. Biss minnu nistgħu nieħdu idea ta' l-istil retoriku ta' Patri Anastasju. Fit-traduzzjoni fittixt li nuża lingwaġġ li jrodd l-istess impatt tal-lingwaġġ Taljan ta' Cuschieri. Din hi l-ewwel darba li dan id-diskors qed jara d-dawl ta' l-istampa.

## Diskors għall-Kxif tal-Lapida ta' Fortunato Mizzi – it-Tieni Ħadd ta' l-Avvent, 1922

Din il-lapida li se tiġi inawgurata l-lum mhix il-monument li Malta għad trid, jum wieħed twaqqaf għat-tifkira ta' Fortunato Mizzi. Ħaqqu wisq aktar dan il-kbir patrijotta! Ħaqqu wisq aktar bniedem li ta l-ħeġġa tiegħu u li għadda ħajtu jaħdem għall-ġid u għas-sewwa ta' pajjiżu. Ħaqqu wisq aktar dak iċ-ċittadin li minn fuq is-sodda tal-mewt jista' jgħid lil uliedu: "Ħabbejt lil pajjiżi fis-sewwa u għalhekk se mmut fil-faqar; għandkom teżor wieħed, l-isem tiegħi, għelm tas-sedqa u tal-patrijottiżmu tiegħi".

Iżda dak it-teżor – teżor li jiswa bil-wisq aktar minn kull ġid – ma ħalliehx lil uliedu biss. Meta hu kien isemma leħnu fuq l-aspirazzjonijiet tal-ġens Malti, hu kien igħid dan għalina u għall-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni: "għaqda u sedqa fil-ħarsien tal-jeddijiet tal-patrija". Ta' spiss kien itenni, "**Tibżgħux, Alla hu magħna; f'din id-dinja wkoll għad jum jew ieħor tirbaħ il-ġustizzja. Tibżgħux. Inqumu lkoll magħquda bħal bniedem wieħed, naħarqu l-biża' tagħna fuq l-artal tal-patrija, ngħaqqdu l-forzi tan-nazzjon u naħdmu flimkien. Għalfejn ninfirdu? Il-qasma hi mewt – fl-għaqda hemm il-qawwa u r-rebħa**".

Hekk kien igħid dan il-bniedem kbir: "Inħobbu 'l art twelidna, inħobbuha aktar minna nnifisna, aktar minn uliedna. Ħa nagħtu l-ħsieb u l-forza tagħna, il-karriera u l-ġieh sabiex inħobbuha – biex fl-imħabba ningħaqdu u magħquda nissieltu flimkien mingħajr biża' fieragħ, biex bl-akbar onestà niddefendu l-interessi

tal-patrija''. Kien dan it-testment morali ta' Fortunato Mizzi. Dan il-wirt hu ppridkah fil-gażżetta tiegħu, tennieh fis-Sala tal-Kunsill u qalu fil-laqgħat: dawk il-laqgħat li hu kien jaf imexxi tajjeb.

Iżda għalfejn inqimu lil bniedem li issa ġa' tniżżel fl-istorja għall-kburija tiegħu? L-aħjar eloġju ta' Fortunat Mizzi qiegħed fil-kolonni tal-gazzetta **Malta** u fir-reġistri tal-Kunsill tal-Gvern. Min jiġi biex fil-ġejjieni jikteb il-ġrajjiet imgħoddija tal-politika tagħna m'għandux għajr iqalleb dawk il-paġni u hemm isib il-monument li Fortunato Mizzi waqqaf għalih innifsu u għas-sebħ tan-nazzjon ċkejken tiegħu. Il-bniedem qiegħed f'dawk il-kitbiet, hemm iċ-ċittadin, hemm il-politiku, hemm l-aġitatur li qatt ma kiser l-ebda liġi u li qatt ma ċaħad ebda dritt.

Hemm il-bniedem li l-ħerqa qaddisa li kellu ħakmet u qerdet kull interess egoistiku u xejnet kull sentiment li ma jixraqx lis-servizz ta' art twelidu. Aħna nistgħu nissuġġerixxu kelma waħda lil min se jikteb l-istorja tagħna, għaliex aħna konna nafuh, konna nħobbuh u konna nammirawh. Fis-sewwa għalhekk nixhdu li Fortunato Mizzi kien l-idolu tan-nies ta' żmienu, kien il-bniedem li ħadd ma ddubita mill-onestà tiegħu, li kien jagħmel kollox bil-ħsieb, li kien jemmen fil-virtù ta' l-ideal, li kien jissielet għad-drittijiet tas-sewwa, li kien iweġġaħ ir-rieda tal-kotra.

Għal dan kollu Mizzi kien maħbub minn kulħadd u kien l-idolu tan-nazzjon. Il-funeral tiegħu kien xhieda ħajja ta' dan. Niftakar . . . niftakru sewwa dak il-jum wara nofs in-nhar meta Malta kollha nġabret biex tagħti ġieħ lil dan il-kbir patrijotta. Kien hemm rappreżentanti tal-korpi kollha ta' kull qasam; il-Gvernatur u l-Isqof, il-Kapitlu tal-Katidral, il-Kolleġġjati, il-Kleru sekulari u regulari, il-Kamra tal-Kummerċ, diversi korpi professjonali, il-baned tal-Belt, il-korpi kostitwiti kollha u kotra kbira ta' nies. Kienet xhieda ta' ammirazzjoni pubblika li wriet b'liema ġieh Mizzi kien miżmum.

Wara mewtu hu nħass ħaj aktar minn qabel. Il-patrija qatt m'hi se tinsa bniedem li kattrilha s-sebħ tagħha u li kien hekk onest u mbiegħed mill-korruzzjoni. Ir-reżistenza kalma u sielma tiegħu kienet qisha u hi l-istess inkarnazzjoni tal-patrijottiżmu Malti. Meta Malta tfaħħru, tkun qed tfaħħar lilha nnifisha, meta tfakkar il-qalb ta' l-azzar li kellu tkun qed tfakkar it-taqbida għall-ġieh u għad-drittijiet tagħna; meta tqim il-kburija tiegħu tkun qed tqim it-tama fir-rebħa aħħarija tagħna.

Il-lum ukoll, f'din it-tifkira l-isem ta' Fortunato Mizzi qiegħed jagħti ġieħ lil dan in-nazzjon li qed iweġġgħu. Ħarsu x'ġieħ dan: hu l-ġieħ ta' poplu kollu. Hu l-ġieħ li jurina li l-patrijottiżmu ta' Mizzi ma ntefiex. Mizzi għadu ħaj għax Alla qatt m'hu se jħalli li jmut fil-

qalb ta' art twelidu: kieku mewt bħal dik tkun l-akbar għajb għalina.

Lil dak li qatt ma ċaħad it-twemmin ta' missirijietna, lil dak li qatt ma kasbar il-ħelsien ta' art twelidu, lil dak li ħares id-drittijiet tal-Maltin sħabu, lil dak li ssielet għar-rieda tal-kotra, lil dak li weġġaħ il-kultura li tħarisna: lil dak aħna nagħtu ġieħ u nqimu bħala patrijott onest li jistħoqqlu mafkar dejjiemi.

Il-lum, din il-lapida, għada l-monument. F'egħluq l-ewwel sena mill-*Magna Carta Liberatum* (il-Kostituzzjoni ta' l-1921) din it-tifkira ċkejkna trid tgħid: għadna u nibqgħu niftakru fik Fortunato. Għada meta kull ċpar ikun għeb minn fuq ix-xefaq, (meta nkunu rajna f'idejna) għada nibnu monument grandjuż, monument li ma niktbu fuqu l-ebda isem, l-ebda kunjom; xejn ħlief dawn iż-żewġ kelmiet.

Għal Patrijott Sħiħ
Malta.

Werriet ta' l-ispirtu tiegħu, inti Filippo Sciberras, għandek il-ġieħ li tippreżenta din it-tifkira ċkejkna ta' radd ta' ħajr lil ħuk il-kbir. Forsi idek se tirtogħod hi u tikxef dak il-velu, forsi qalbek se tħabbat bil-qawwi u demgħa ġġelben minn għajnejk inti u tiftakar f'dan is-sieħeb glorjuż. Aħna niġbruha dik id-demgħa u, miġbura bid-devozzjoni tal-patrija, jum wieħed inpoġġuha f'riġlejn il-monument il-kbir ta' Fortunato Mizzi. Magħha nħallu din il-kitba b'ittri tad-deheb:

"Hekk iħobbu lill-pajjiż dawk li jagħarfu jgħaqqdu l-ideali għoljin u t-tradizzjonijiet ta' art twelidhom ma' l-interessi materjali ta' art twelidhom."

Rajna kif Cuschieri kien iweġġaħ lil min ħadem għal art twelidu. Iżda aħna qegħdin nirrispettaw lil min ħadem biex bena 'l ġensna? Hu għajb għalina jekk ninsew lil min ħadem bla heda għal art twelidu. Hu dnub li ma jinħafirx jekk aħna nżommu l-patrimonju tagħna bħal vetrina għat-turisti. Inkunu qed noqtlu l-identità tagħna jekk ninsew il-ħidma ta' missirijietna ta' l-imgħoddi. J'Alla jum wieħed nistenbhu, kif nagħarfu dawn l-ideali u, jekk inkunu għadna niftakruhom lill-eroj tagħna, intellgħu monument li jkun jixirqilhom.

Cuschieri hu wieħed minn din ir-razza ta' nies li għad irridu niftakru fihom. Hu wieħed minn dawk li għadna ma fhimniex is-sehem fejjiedi tal-ħidma tagħhom. Qisu aħna m'għandniex x'naqsmu magħhom.

## IL-POETA U L-KUNTEST LOKALI XEJRIET ĠENERALI

Meta Dwardu Fenech OSA jiġi biex jikkummenta fuq l-aspett movimentarju ta' Cuschieri, huwa jgħid hekk: "Il-poeżija ta' A.C. tagħmel mal-fażi tal-Proto-Romantiċi. . . .. Minn banda l-waħda hi tfittex li tidealiżża u tgħolli għal kollox il-bniedem individwali u minn-naħa l-oħra hi titfa l-ħtija fuq il-bniedem kollettiv, jiġifieri s-soċjetà umana. Minħabba f'hekk, il-poeżija ta' Cuschieri tirrappreżenta bixra speċjali fil-qasam Proto-Romantiku Malti, imżewqa b'diversi elementi klassiċi." (Fenech 1980 Pp3 – 4).

Il-konsiderazzjoni tagħna ta' dan il-ġudizzju titlob qabel xejn id-definizzjoni tat-tipoloġija movimentarja. X'tifsir għandhom l-epitett 'romantiku' u l-antitesi 'klassiku – romantiku'? Huma biss kategoriji empiriċi, imfasslin sabiex jagħtu sinifikat lill-letteratura inkwadrata fl-ambjent storiko-soċjali. B'dan il-mod ngħidu li l-ġeneri letterarji jinbidlu – jinbidlu taħt aspett aktar elaborat u taħt kategoriji li jikkonfermaw aktar ma' l-ispirtu taż-żmien il-ġdid. Dan il-bżonn prattiku ta' distinzjoni empirika hu amess saħansitra mill-istess Croce, li s-saġġ tiegħu fuq Ariosto ma setax jiġi miktub mingħajr l-għarfien ta' din il-formazzjoni. (*Cfr. Ariosto, Shakespeare e Corneille*, l-aktar pp. 27 – 29). Iżda minn hekk m'għandniex nistennew li nistabilixxu kustjonijiet estetiċi fuq kunċetti ta' natura prattika. Biex nissellfu l-kliem ta' Praz ngħidu li l-metodu għandu jkun dak imfassal minn Dante għall-Paradiso, fejn għall-erwieħ imqaddsa "*presso e lontano, . . . nè pon nè leva*" iżda li l-poeta jarahom imqassmin fi gruppi,

*non perchè sortita*
*Sia questa spera lor, ma per far segno*
*Della celestial c'ha men salita.*

L-użu tal-formoli 'klassiku', 'romantiku', . . . hu li jiddetermina l-limiti li bejniethom se jiġi applikat atteġġjament speċifiku tal-kritika. B'dan il-mod il-kritika letterarja titlob il-presuppożizzjoni ta' l-istorja tal-kultura: kemm dik ta' l-ambjent kif ukoll tal-kultura ta' l-individwu. Minħabba f'hekk l-istudju ta' l-età kontemporanja hu meqjus bħala *sine qua non* għall-interpretazzjoni ta' xogħol letterarju, sabiex minnu jiġi ddeterminat il-karattru sħiħ tal-kittieb – kemm f'dawk li huma xejriet tematiċi kif ukoll fl-attitudni li hu jassumi lejn il-ħajja in ġenerali.

## Il-Kuntest Lokali

Il-kritika marxista tagħti importanza speċjali lill-isfera soċjo-kulturali bħala l-ispunt li minnu titnissel l-esperjenza artistika. Fuq kollox kif jispjega A. Zis (***Aesthetics & Life***, Moscow 1976, pp55 – 66) il-valuri spiritwali jħaddnu l-ideal u l-aspirazzjonijiet ta' xi sezzjoni mis-soċjetà. F'soċjetà klassista l-arti tesprimi dawk il-valuri spiritwali u estetiċi li jmexxu 'l quddiem il-kuxjenza ta' l-interessi ta' xi grupp partikulari. F'dan id-dawl Vico jagħtina rikostruzzjoni tal-kuxjenza soċjali tal-poeta fl-epiċi omeriċi. Għal Marx (*On Literature & Art* 1978) dan il-punt jikkostitwixxi l-kriterju ewlieni ta' ġudizzju letterarju. Gramsci, bl-għarfien sħiħ tal-letteratura u ta' l-istorja taljana, isensel damma waħda, fuq bażi xjentifika, bejn il-klassi u l-kultura, fl-hekk imsejħa eġemonija kulturali.

Il-kuntest li fih Cuschieri twieled, trawwem u sseddaq miegħu hu wieħed mill-aktar fażijiet importanti fil-ġrajja tan-nazzjon Maltija. Cuschieri kien involut direttament f'dan il-proċess – kemm f'dik li hi sfera letterarja kif ukoll fil-qasam politiku. Nagħtu ħjiel ta' dan l-isfond.

L-istudji ta' Dr. Oliver Friggieri stabilixxew il-fonti ewlenin li minnhom redgħet il-kultura lokali. Huwa juri kif il-letteratura Maltija stabilixxiet l-identità tagħha sewwasew bit-tħaddin tal-prinċipji Romantiċi Ewropej – introdotti bis-saħħa tal-preżenza taljana f'Malta. Dan kien parti minn proċess ta' maturazzjoni naz-zjonali, imsieħeb minn qawmien soċjali, mit-twaqqif tal-partiti politiċi u mill-kustjoni tal-lingwa. Dan il-proċess kien ġie mniedi mill-għajta bikrija ta' Vassalli li għaraf li l-formazzjoni ta' kuxjen-za nazzjonali, bl-identità soċjali li tesiġi, kellha tħares lejn il-Malti bħala wieħed mill-kriterji ta' ispirazzjoni. L-ilsien Malti kellu sehem 'divin' fir-reliġjon il-ġdida tal-patrija u b'riħet dan, insegwu konverżjoni sħiħa lingwistika (fażi li nsibuha wkoll f'Cuschieri).

Bħala kolonja, Malta kienet il-gżira 'irredenta'. Iżda, b'xorti għalina għad li politikament konna kolonja, kulturalment ma kon-niex. F'Malta konna f'sitwazzjoni fejn għad li l-Ingliżi kellhom il-funzjoni ta' dominazzjoni, iżda ma kellhomx f'idejhom it-'tmexxija diriġenti' – dittatorjat mingħajr eġemonija, kif isejjaħlu Gramsci (***Selections From Prison Notebooks*** – Lawrence & Wisart, London 1978 p106). L-eġemonija kienet eżerċitata minn parti mill-grupp lokali – l-italjanità – fil-waqt li spirtu ta' populiżmu kien qed jissielet għall-istrateġija soċjali. Il-letteratura sabet ruħha f'punt ta' konverġenza xejn kompatibbli, għaliex fil-waqt li l-letterati lokali kienu ħarġu mill-kultura Taljana, u kienu

qed jippridkaw ir-risorġiment 'Malti' – b'riħet dan l-*'istanding point'* Malti li assumew huma sabu ruħhom f'kuntradizzjoni mal-kurrent Taljan. Dan kien fi żmien il-kustjoni tal-lingwa. Cuschieri kien konxju minn din il-kuntradizzjoni; u billi la ried jiċħad dik il-kultura li kienet xettlitu u l-anqas l-ilsien ta' art twelidu waqaf milli jippubblika kitbiet tiegħu.

## Il-Formazzjoni Persunali

L-ambjent skolastiku ta' żmien it-tfulija ta' Cuschieri kien ik-konċentrat fuq it-tagħlim tat-Taljan – m'hux biss, iżda dan l-ilsien kien il-medju komunikattiv fis-suġġetti kollha. Ir-rapport ta' Keenan (P.J. Keenan ***Report upon the Educational System of Malta***, London 1880) jakkuża lid-Direttur ta' l-Edukazzjoni, l-Kanonku Pullicino, li kien ossessjonat miż-żelu li jikkultiva t-tagħlim tat-Taljan, b'mod li dan l-ilsien kien sar ispirazzjoni għall-għalliema u stimulazzjoni għall-istudenti. Huwa jgħid li s-sistema li Pullicino organizza kien dominat mit-tagħlim ta' din il-lingwa. M'hemmx għalfejn nikkummentaw fuq il-qagħda ta' l-ilsien Malti – ngħidu biss li Pullicino xtaq li jispiċċa minn fuq dil-gżira.

Fl-iskola primarja tal-Belt Cuschieri żgur li sab ambjent favorevoli – biżżejjed ngħidu li din l-iskola kellha saħansitra l-ġurnal tagħha; (kopja waħda ta' Mejju 1879 tinstab ma' ***Il Giornale della scuola primaria della Valletta***) fil-*Circulars 1865 – 1875*. Il-ġurnal, li kien ikun fih xi taħriġ fil-lingwa u siltiet ta' interess ak-kademiku, kien beda joħroġ fl-1863. Mil-Liċeo hu sata' jiddak-kar sewwa minn ambjentazzjoni la Taljana – din kienet tant il-qofol ta' kollox li Keenan stess jistqarr li "*the majority of candidates for admission to Lyceum were rejected for insufficient knowledge of Italian*" (Pg. 76). Għad li dan kien fl-1880, nifhmu li fi żmien iż-żgħożija tal-poeta tagħna, din l-orjentazzjoni kienet għadha predominanti.

Mitmuma l-istudji liċeali, f'April 1891 iż-żagħżugħ Pawlu Cuschieri daħal ma' l-Ordni Karmelitan fejn ħa l-isem ta' Anastasju. F'Awissu ta' l-1892 għamel il-Professjoni Sempliċi (Arkivju Provinċja Karmel. – Kunv. Karm. Valletta "*Liber Regestum 1892 – 1967*" fol. 1). Fil-Kunvent tal-Karmnu t-tradizzjoni kulturali Taljana kienet tħaddan l-aspetti kollha tal-ħajja u Cuschieri ssokta jitrawwemn f'din il-kultura meta ntbagħat Ruma biex jistudja l-filosofija u nħatar Professur tal-Filosofija fl-Università ta' Malta. Hawnhekk ukoll il-karattru dominanti tal-

ħajja kien it-Taljan.

Fost sħabu l-patrijiet jidher li kien imweġġah u li kien miżmum fuq wiċċ l-idejn – ngħidu biss li nħatar darbtejn Provinċjal ta' l-Ordni, darba fl-1906 u oħra fl-1913 (A.P.K. – *Acta Capituli Provincialis 1892 – 1963*; fol 89 u fol 113). Minbarra dawn il-ħatriet intagħżel darbtejn bħala Senatur mal-Gvern Nazzjonalista biex jippreżenta l-Gradwati universitarji: fis-sena 1927 u fl-1932. Hu sinifikanti ninnutaw li l-għan tal-Partit Nazzjonalista, sa mittwaqqif tiegħu kien id-difiża tal-kultura Taljana u t-tixjin ta' kurrenti Ngliżi permezz tat-tixrid tal-italjanità. (Frendo ***Party Politics*** p. 22).

B'din il-formazzjoni ma nistagħġbux li l-ewwel kitbiet ta' Cuschieri kienu bit-Taljan, u l-anqas ma nistgħu inlumuh jekk irtira mill-isfera letterarja lokali minħabba l-kustjoni tal-lingwa. Aquilina jaħseb li din kienet ir-raġuni li għaliha waqaf mill-produzzjoni poetika (***Il-Poeta tal-Madonna u tal-Kelma Maltija*** – 1976 p. vi). Aħna naħsbu li kien hemm raġunijiet oħra, iżda jekk stess, l-istess ideja tat-tixjin tal-kultura Taljana – dik il-kultura li rawmet fih iċ-ċertezza tat-tradizzjoni u li ddeterminat l-identità kulturali ta' l-ispirtu tiegħu – kienet biżżejjed biex titfgħu f'sikta u f'waqfien mill-kitba.

Aquilina jagħmel distinzjoni bejn il-kitba bit-Taljan u kitba bil-Malti. Madankollu il-ħarsa tagħna lejn poeta m'għandhiex tkun preċeduta mill-formulazzjoni tad-duwaliżmu bejn il-poeta Taljan u l-poeta Malti. Il-poeta jħaddan kumplessità sħiħa: l-ilsien m'hux għajr il-medju komunikattiv li bih ifisser is-sentimenti tiegħu u bħala tali d-distinzjoni lingwistika ma tistax tkun kriterju oġġettiv biex nirrestrinġu l-viżjoni tagħna għall-kitba bl-ilsien Malti biss. Bħala organiżmu sħiħ, il-projezzjoni ta' kwalunkwe kittieb titlob il-konsiderazzjoni tal-produzzjoni letterarja kollha kemm hi.

## F'EGĦLUQ L-GĦOXRIN SENA MILL-MEWT TA' PATRI ANASTASJU CUSCHIERI: CUSCHIERI U L-BAMBINA

L-oratorija hi qasam tal-kultura li għal bosta snin fi gżiritna kien ikkoltivat biss mill-knisja għal interessi reliġjużi. Fil-bidu tas-seklu jekk kien hawn erba' oraturi, Cuschieri kien wieħed mill-aktar imsemmija. Kien ħa sehem fil-Kungress Ewkaristiku ta' l-1913 u kien hu li għamel l-ewwel diskors bil-Malti tat-tifkira ta' l-Assedju (fl-1927). Kemm-il darba kien magħżul mill-Isqof biex jagħmel xi diskors uffiċjali – insemmu bħala eżempju dak li sar f'San Ġwann fl-inawgurazzjoni tat-Tielet Leġislatura. Kien imfittex ħafna biex jagħmel il-panġirki u l-ġurnali ta' żmienu huma miżgħuda bl-isbaħ eloġji fuq dan il-mertu ta' Patri Anastasju.

Hawnhekk qegħdin nippubblikaw traduzzjoni ta' siltiet minn paneġirku li kien għamel fil-festa ta' Marija Bambina ta' l-1921 fil-knisja ta' l-Isla. Dan id-diskors kien ta' importanza speċjali għaliex dik is-sena fl-4 ta' Settembru kienet għadha kemm ġiet inkurunata l-istatwa tal-Bambina. Għalhekk bir-raġun kollu Cuschieri jitkellem b'mod esklussiv fuq l-inkoronazzjoni.

Id-diskors ma jeżistix miktub kollu. Il-manuskritt fih xi paġni nofshom vojta, kif ukoll għadd ta' puntini 'l hawn u 'l hinn. Cuschieri x'aktarx li kien jikteb il-mod ta' kif se jesponi ideja u mbagħad jiżvolġih spontanjament waqt li jkun qed jirreċita d-diskors. Dan jista jfisser il-fatt għala, per eżempju, f'okkażjoni bħal din l-Assedju u r-rebħa ta' l-1565 bil-kemm jissemmew. Fil-festa tal-Bambina fl-Isla, il-Vittorja ta' l-1565 hi parti integrali mit-tradizzjoni tal-lokal u ma jistax ikun li Cuschieri ma fakkarx dik ir-rebħa f'okkażjoni bħal dik.

(*Nota:* It-tberik tal-baħar li jissemma fid-diskors jirreferi għal ċerimonja li kienet saret bħala egħluq tal-Kungress Ewkaristiku ta' l-1913. Kienet twaqqfet tribuna fil-Barrakka ta' Fuq u l-Kardinal Ferrata kien wara li ta l-benedizzjoni sagramentali bierek il-baħar tal-Port il-Kbir. Jingħad li t-*Tantum Ergo* kien ġie kantat minn kor kbir ta' tfal minn fuq ix-xatt ta' l-Isla).

L-ideat – għad li ftit fihom oriġinalità – huma żvolti b'retorika mill-aktar ornata: stil li jipparteċipa fl-ispirtu bombastiku u barokk tal-pompożità tal-festi tagħna. Insibu ħafna metafori li jespandu l-istess kunċett u li xi drabi l-użu tagħhom mhux konċettwali daqskemm stilistiku. Dan hu eżempju tipiku tat-

tradizzjoni retorika li kienet (u xi drabi għadha) imħaddma mill-predikaturi tradizzjonali.

★ ★ ★

Fis-Solennità ta' l-Inkoronazzjoni ta' Marija Bambina, meqjuma fil-Bażilika ta' l-Isla –
8 ta' Settembru, 1921
Eċċ. Rev., Rev. Kapitlu, Sinjuri,

Qed inġib quddiem għajnejja d-dgħajjes imżejna, il-bjut kollha bandieri, u s-swar u x-xatt miżgħuda b'kotra kbira ta' nies. F'għajnejn kulħadd kienet tidher il-ħeġġa, qalb kulħadd riedet ittir bil-ferħ x'ħin l-Isqof poġġa l-kuruna mbierka fuq ras il-Bambina. Dik il-ħrara fakkritni f'dehra oħra: meta mill-Barrakka ta' Fuq ġie mbierek il-baħar li jdawwarna. Il-kampnari tal-knejjes ilkoll daqqew għanja ferrieħa hekk kif dehret l-Ostja Divina. U s-swar u l-baħar dwew bil-biki tal-ferħ hekk kif Kristu bierek il-baħar, bħal ma kien bierku fl-art imqaddsa. Kristu ried iġedded l-ispirtu ta' dak il-baħar u bis-saħħa tal-qawwa mqaddsa tiegħu kien ġab lill-Appostlu tal-ġnus lejn xtutna. Ja art twelidi il-ferħ ta' dak il-jum fakkarni fi ġrajjietek: fakkarni fid-demm li uliedek sawwbu fuq altarek biex żammewk ħielsa, fakkarni fit-tbagħtija ta' missirijietna biex għaddewlna l-fidi nisranija sħiħa u bla mittiefsa. . . . U Kristu ma birikx lilna biss. Huwa bierek ukoll ir-ruħ ta' l-eroj ta' l-imgħoddi . . .

Dan kollu ġie quddiem għajnejja meta rajt lil Marija mżejna bil-kuruna ta' Sultana, bil-kuruna tal-ġieħ, bil-kuruna tal-glorja. Għaliex il-ġrajja ta' l-Inkoronazzjoni mhix se tibqa' mfakkra bħala ġrajja li seħħet f'waqt partikulari ta' l-istorja; mhix il-ġrajja li laħqet il-milja tagħha f'dak il-waqt li l-Madonna ġiet imsebbħa bil-kuruna tal-ġieħ; mhix il-ġrajja li ġa seħħet u għaddiet. L-inkoronazzjoni hi r-riżultat naturali ta' l-istorja ta' ġensna; hi l-ġrajja li daqskemm hi mħawla fl-imgħoddi daqstant ieħor hi marbuta mal-ġejjieni. F'kelma waħda mhix il-ferħ ta' siegħa li jgħaddi, iżda hi rebħa li għandha l-egħruq tagħha fis-sekli mgħoddija u li għad trid tisseddaq fis-snin li ġejjin.

Ġrajja bħal din għandha tifsira speċjali llum: għaliex fl-għaqda tagħha ma' l-imgħoddi, fir-rabta tagħha ma' missirijietna, tfakkarna fl-ikbar żewġ ideali li l-bniedem iżomm b'tant għożża – it-twemmin u art twelidu, ir-reliġjon u l-patrija.

Jista' jkun li xi drabi l-imħabba lejn artna ġġiegħel lil min ma jarax lil din il-ġżira fil-qagħda vera tagħha. Malta qatt ma tista' tiġi mxebbħa mal-kobor ta' Ateni jew ta' Ruma. Qatt ma konna aħna

ġens ħakkiem, qatt ma għalqana t-twemmin u d-drawwiet tagħna fuq popli oħra b'riħet il-qawwa jew it-tixrid tad-demm. Qatt ma konna ġens li għandu tassew it-tradizzjoni ta' l-artisti u tal-ħassieba tiegħu, bħall-Griegi. Iżda meta l-Griegi sawbu fil-bronż il-versi ta' Omeru u ta' Pindaru, meta l-karti ta' Platun kienu jittajru fl-arja u jxerrdu d-dawl ta' l-għerf, meta s-suldati ta' Ruma kienu jaqsmu u jaħkmu t-truf ta' l-art, – f'dak iż-żmien fuq dil-biċċa blata, f'dal-wagħdi ċkejken f'nofs il-barr magħji li jifred l-Ewropa mill-Afrika, l-imqades u l-qusur setgħu jagħtu xhieda lil San Luqa tan-*non modicam humanitatem* tagħna. Minn Ħaġar Qim, bil-midbaħ idaħħan iż-żiffa safja tal-baħar, għall-ipoġew ta' Ħal Saflieni, għani fl-egħliem u fit-tifkiriet tiegħu, għandna l-fdal li jtarrfulna ġrajja qadima u dejjiema. Għaliex Malta, jekk ma tiġix meqjusa xiber b'xiber (bħal ma' ma jitqisux bl-ixbar żewġ ħakkiema hekk differenti bħal San Pawl u Napuljun) Malta m'għandhiex għax tgħir għall-kobor tal-ġnus tal-kontinent. Għandha l-baħar li jaħfinha dawramejt bħad-deheb madwar il-gawhra; għandha sema ikħal nir, li jdawwalha b'lewn il-warda fl-oħla għabex tarrebbiegħa; għandha l-imsaġar ta' l-iżmeraldi, għandha portijiet li donnhom imfassla mill-aqwa artiġjan. Iżda mhux fi ħsiebi li noqgħod infakkar dan kollu. Ngħidilkom biss li meta l-popli ta' l-Ewropa – li llum huma minn ta' quddiem fl-avangwardja taċ-ċiviltà – kienu għad ma għarfux xi jfissru l-liġijiet u l-għaqda tas-soċjetà, aħna għad li daqshekk żgħar u ċkejkna konna nħabbtuha mal-ħakkiema tagħna fil-kult ta' l-arti.

Ja Malta! Ja omm tagħna lkoll! Ilbes l-elmu u tħażżem bl-azzar u bit-tifkira qawwija ta' l-imgħoddi għani lis-smewwiet l-innu tal-ġieħ, it-tifkira tar-rebħ, l-għanja tas-sebħ.

★ ★ ★

Tas-sebħ, għidt? Iżda jien s'issa tkellimt fuq art li ilha mejta għal għoxrin seklu; tkellimt fuq monumenti mqaddsa lil allat fiergħa; fuq ċiviltà li ġabet tant dmugħ, tant niket u tant jasar morali – hekk li l-ġrajja ta' Malta pagana tista' tinġabar f'kelmtejn: tama fil-qawmien. Jixraq għalhekk li llum inqimu 'l dan il-qawmien, insellmu r-risorġiment ta' artna, inweġġħuh fl-isem ta' Kristu, kif ukoll fl-isem ħlejju ta' Marija.

Ja xbejba sabiħa, jien dejjem inkurunata nafek! Meta kont tifel kont għalija (bħal ma int issa) is-sultana tal-ġnus; il-Mara li kellha tisħaq ras is-serp tar-Rabta l-Qadima. Hekk tgħallimt inħobbok fis-Santwarju tal-Karmnu meta fi ħdan ommi kont niġi nitolbok, ja Omm tas-sema. Qatt ma stajt naħseb f'Marija jekk

mhux bħala sultana, b'rasha mżejna b'kuruna tad-deheb u mdawra bil-ġawhar. Iżda ta' tifel li kont qatt ma għaraft it-tifsira ta' dik il-kuruna – ma kontx għadni ntbaht li kienet l-għelm tar-rebħa. Għax ma kontx għadni għaraft li Marija kienet rebħet il-qalb ta' Alla u l-qalb tal-bniedem. Kelli nirfes l-għatba ta' l-irġulija biex nifhem it-tifsira: biex nifhem il-kliem ta' Alla fl-Eden, biex nara d-dinja kollha tqimha, biex nara l-arti tħares lejha bħala l-ogħla fost il-ħolqien:

> "In che lande selvagge, oltre quai mari
> di sì babaro nome, fior si coglie
> che non conesca dei tuoi miti altari
>     le benedette soglie."

Fhimt imbagħad għaliex din il-kuruna kienet biċċa waħda mix-xbieha ta' Marija. Għax qabel ma nħalqu s-smewwiet, qabel ma x-xemx telgħet fuq ix-xefaq, Hi ġa kienet fil-ħsieb ta' Alla, l-ewwel fost il-ħlejjaq kollha. Ewlenija fl-ordni tan-natura kellha tkun ukoll ewlenija fil-grazzja u għalhekk Alla ħelisha mit-tebgħa tad-dnub: sultana tas-safa. Sultana wkoll ta' l-umanità – ta' umanità li titlob bil-ħrara, li taqla' bil-ħeġġa, li tqim bil-ħerqa u li tfaħħar bil-ferħ.

Seta' qatt ikun li Malta ma tagħtix xhieda ta' dan il-kobor? li ma troddx ħajr lil Sultana hekk għażiża? Seta' qatt ikun li ġieh bħal dan ma jqanqalx fil-bniedem id-dmir li jinseġ kuruna li tfakkar f'qima li qatt ma xxejnet? Is-sliem ja Bambina, għax lejk ħarset Malta fil-waqtiet tan-niket! Is-sliem! għaliex inti r-rebħa nkurunata. Ħarsu lejha: lejn għajnejha għajn ta' ħniena, lejn idejha mgħannqin – għelm ta' ħlewwa, lejn is-seher ta' ġisimha. B'liema qawwa tqanqal il-qalb ta' min jaħseb fiha! Arawha – għad li qiegħda fl-għoli ħdejn Alla mhix kburija, hekk li qatt ma tbikkmet minn fommha l-għanja dejjiema; *Ecce ancilla Domini*. Hawn hi l-qaddejja tal-Mulej.

Din hi r-rebħa li qed naraw inkurunata – hi l-ħeġġa li tnissel il-qawwa għat-taqbid, hi l-arma li ssieltet għal missirijietna fl-Assedju, hi s-sliem li jittajjar ħieles wara l-madmad tal-jasar. Inseddquha din ir-Rebħa u nroddulha l-ġieh mistħoqq!

★ ★ ★

Ir-rebħa? Iżda aħna għandna x'nitqabdu u għad fadlilna x'nissieltu! Fl-imgħoddi missirijietna kellhom iżommu l-għassa minn fuq l-għoljiet biex ma jħallux lit-torok jeqirduhom. F'dak iż-żmien ir-reliġjon nisranija ma kelliex għedewwa oħra. Iżda din il-

gżira imħanna mix-xemx u mbierka minn Alla kellha tara egħdewwa oħra. Kellha tkun il-qawwa tal-kelma, dik l-istess kelma li biha smajtuni ninseġ l-ogħla ġieħ lil Marija, dik l-istess kelma li biha nistgħu nfissru ħsus hekk ħerqana, li issa qed tiġi wżata biex tiżra' l-qerq! "Ir-reliġjon spiċċat, hemm bżonn ta' ideali aktar umani, aktar umani u aktar xjentifiċi. Il-Kattoliċiżmu għadda żmienu; hemm bżonn li nneħħu l-preġudizzji miżrugħin u msoqqija matul is-sekli. Mingħajr ir-reliġjon, Malta tkun tista' tieħu nifs ħieles! . . . "

Forsi tistagħġbu kif fi ġrajja ta' ferħ bħal ma hi l-festa tal-lum jien kelli nfakkarkom f'dan in-niket. Jiena wkoll nitnikket – iżda għandkom tagħrfu li mis-sogħba jitwieled il-ferħ, li mit-taqbida titnissel ir-rebħa. Il-Maltin jafu kif taħt is-seħer ta' ideali fiergħa m'hemmx il-kelma t'Alla, m'hemmx ir-rieda Divina. Għalfejn qed tissieltu, ja msejkna! M'aħniex biss ulied is-salib iżda wkoll ulied il-glorja. Ma nibżgħux mis-setgħa iżda nitqawwew mil-martri. Imnissla fid-demm ta' Kristu aħna nsibu f'dan id-demm in-nisel ta' kull ħsieb, il-qawwa tat-twemmin. Xejn ma nibżgħu għax Ġesù minn fuq is-salib ħallielna wirt wieħed: tana lil Marija bħala Omm-na. Ħarsu lejn ir-rebħa tagħna, ja msejkna! M'hix ir-rebħa tad-demm; m'hix ir-rebħa tas-setgħa jew tal-qawwa materjali – hi, iżda, ir-rebħa tal-ħniena, ir-rebħa tal-fidi, ir-rebħa li ġiet in-kurunata. Darba l-Griegi kitbu f'Termopoli: "Int li tgħaddi tgħarraf lil Sparta li hawnhekk mietu tlett mitt wild ta' nisilha, sabiex iħarsu isimha." Bil-ħaqq kollu nistgħu nonqxu fl-irħam ta' din il-Bażilka "Tlett mitt Senglean taw demmhom lil din il-belt li mhix mirbuħa". Iżda kemm inkunu aktar sħaħ fis-sewwa jekk niktbu: "Int li qed titgħaxxaq b'din il-kuruna, mur għarraf lil Malta kollha li tlett mitt familja taw ġidhom biex intniseġ dan is-sebħ għal Marija."

Ja Sultana nsellimlek. Liema seklu jista' qatt jasal biex in-eżżgħek dik il-kuruna? Hekk ħolom il-Portestantiżmu. Hekk xtaqet ir-Rivoluzzjoni Franċiża meta sarrfet l-imħabba ta' Marija ma' l-imħabba rħisa tan-nisa żienja. Aktar ma' Marija ġiet imkasbra, aktar qamu popli ġodda biex isellmulha. *Beatam me dicent omnes generationes*. Għaddew elfejn sena mindu Marija ħabbret dan il-kliem, u ż-żminijiet kellhom jagħtu xhieda ħajja ta' din il-bxara. Il-ġnus kollha jsejħulha hienja lil Marija. Qamu imperi u waqgħu! Ħarsu lejn il-fdal kburi ta' Ruma; darba kien jidher li kien dej-jiemi. Iżda ħasra x'ħerba! Kollox jaqa', kollox jiġġarraf. Id-dinja m'hix għajr midfen: qabar sħiħ ta' setgħa u ta' xettri. Xettru wieħed baqa' bla ma ġġarraf. Kuruna waħda baqgħet wieqfa tul is-

sekli u s-snin kollha baqgħu jagħtuha ġieh lil din il-kuruna. Is-sliem ja Sultana! Ave Regina.

U din hi l-għanja tal-ġrajja ta' ġensna. Mill-ewwel altar imqaddes lil Marija fil-Mellieħa ġie minsuġ l-isem ta' Marija f'qalb il-poplu Malti. Missirijietna żammew dak l-isem sħiħ tul il-jasar tal-Mislem sa ma Ruġġieru tana l-ħelsien. U l-isem ta' Marija seta' jissokta jinxtered u jfewwaħ liż-żiffa ħelwa ta' dil-gżira. Bil-miġja tal-Kavalieri l-qima lejn Marija issaħħet aktar u f'kull rokna telgħu imqades, xbihat u niċeċ biex jagħtu ġieħ lil din is-Sultana. M'hux għaġeb għalhekk li t-torok kellhom jaħarbu lejlet it-Twelid tal-Bambina. U hu bil-ħaqq kollu li t-taqbida kontra l-Franċiżi kellha tixref minn santwarju tal-Madonna. (Tal-Karmnu, fl-Imdina).

U jekk il-ġrajja ta' missirijietna tgħanni s-sebħ ta' Marija, nistgħu qatt aħna nkunu ulied denji ta' din il-patrija mingħajr ma nweġġħu l-isem ta' Marija? Ukoll meta l-eroj mietu l-għanja ma heditx, għax il-baħar kien isemma' leħnu ma' kull ċafċifa tiegħu, għax is-swar kienu jtarrfu lil kull żiffa "Is-Sliem, Marija". Aħna wkoll inqimuk għax int *per manus nostras coronaris*. Inwegħduha lil Marija li dik il-kuruna hi s-simbolu tal-ħakma tagħha fuqna, hi s-simbolu ta' l-għożża tagħna, hi tifkira dejjiema tal-ġieh li jistħoqq lil Marija Bambina.

# L-IDEJAL SERAFIKU FL-ISTORJA TA' L-IRHIEB FRANĠISKANI

## (traduzzjoni ta' xogħol tal-Prof. A. Cuschieri)

Bħala ċittadin tas-seklu għoxrin u bħala bniedem imħarreġ fil-valuri tat-tagħlim, meta nsib lili nnifsi quddiem id-diffikultajiet li joħduha kontra d-divinità tar-reliġjon kristjana, inħossni, xi drabi, mħajjar biex nitlaq ir-*rationale obseqium* ta' l-Appostlu sabiex inħaddan bl-akbar ħerqa l-awtorità t'Alla, nemmen fil-qawwa tas-sentiment u nilqa' l-fidi safja tar-raħlin. Iżda meta niftakar fl-istorja, nintebaħ li fl-aħħar mill-aħħar ukoll jekk m'hemm xejn aktar b'riżq il-fidi tagħna, hemm il-fatt li hi rnexxielha tieqaf għal għoxrin seklu ta' taqbid qalil u jkolli nistqarr miegħi nnifsi li l-qawwa li tmexxi lill-Knisja, li ħalqet tant eroj u tant martri ma hix, u ma tistax tkun ħlieqa tan-natura, iżda hi u għandha tkun l-egħmil ta' Alla. Nisma' ġewwa fija b'għana ta' ħlewwa l-kliem ta' San Pawl. *Haec est victoria quae vicit mundum: fides vestra.*

## Il-Fidi fit-Twemmin

Din hi r-rebħa li saltnet fuq id-dinja, li xejnet it-twemmin fieragħ u l-imperu ta' Ruma, li biddlet il-liġijiet u d-drawwiet tal-ġnus, li għolliet lill-bniedem għall-ġieħ li jistħoqqlu, li ġeddet il-wiċċ ta' l-art, li ħolqot nisel ġdid: il-fidi. U din il-fidi marret twaqqaf għall-irħieb ta' Franġisku mafkar isħaħ mill-bronż, marret tagħtihom qawwa tal-għaġeb li biha jissieltu u jirbħu lill-ġnus: *esto exemplum in fide.*

Il-fidi ġġiegħel lill-bniedem jagħraf kemm ma hu xejn, iġġagħlu jneħħi kull kburija, twessa' l-orizzonti tat-tagħlim u ċċekken il-ħsieb. X'għaġeb mhux magħruf! Taf min igħid li l-madmad tal-fidi hu tagħbija iebsa, katina tal-ħadid, xkiel għal-libertà tal-ħsieb? Min ma jafx x'inhi l-fidi. Min jerfa' din it-tagħbija jagħraf li jkun kiseb qawwa ġdida, ġewnaħ setgħan li jgħollih 'il fuq minnu nnifsu. Għanni ja xjenza l-innu ta' sebħ lill-irħieb ta' Franġisku! Ħarsu lejn l-eroj tal-ħsieb – Sebħ lilek ja fjur magħruf ta' Albjone li, bħal li jaħtan il-ġebel hekk bil-kelma sħiħa tiegħek irbaħt lix-xjenza kburija! *Quasi malleus conterens petram.* Sebħ lilek ja Xandru ta' Ales, sakemm fuq ix-xefaq tibqa' tiddi x-xemx ta' Akwino, ismek igħix għal dejjem. Għax kont int li mexxejt lid-Duttur fil-mogħdija tal-għerf qaddis.

M'intomx tħossu bħal żiffa kollha ħlewwa? Ma tħossux bħal fwieħa ta' mitt warda, u l-ġwienaħ ta' serafin li jittajjar ħafif ħafif? M'intomx taraw bħal merżuq ta' dawl ħiemed ħamrani bħal dak ta' nżul ix-xemx sielem? Għaddej Bonaventura ta' Banjoreja. Iżda nħallu qaddis jitkellem fuq il-ħajja ta' qaddis ieħor, waqt li aħna naħsbu fuq it-tlugħ tiegħu u fuq il-vjaġġ tiegħu lejn Alla: *Ascensiones in corde suo disponuit.* L-akbar oratur ta' Ruma qal hekk fuq Paltun: "Jekk Ġove ried jitkellem, kien jagħmel dan b'fomm Platun." L-ipoteżi ġiet imwettqa – Ġove, Alla, tkellem u kliemu lissnu b'fomm Platun Kristjan.

Darba Fra Tumas, l-Anġeliku, staqsa lis-Serafin: "Mnejn ksibt l-għerf tiegħek?" Bonaventura għolla idu u b'sebgħu wera m'hux lil Aristotli – le mhux lil dan il-Greig li Dante jsellem bħala l-missier ta' dawk li jfittxu t-tagħlim, mhux lil dan il-Grieg sottili iżda aridu, inġenju qaddis iżda bla qalb – hu wera iżda għajn ta' mħabba, nar jikbes ta' ħniena: il-Kurċifiss. "Minnu," qal, "nislet l-għerf." Hekk mar iwieġeb is-Serafin tax-xjenza lil Aristotli Kristjan.

U min aktar weġġaħ lill-fidi? Hekku fuq ajkla jittajjar Giovanni Duns Scotus. Giovanni ta' l-Iskolastika, ġenju mill-kbar. M'hux mill-Kurċifiss kien imnebbaħ. Ħarsu lejh sew – madwar wiċċu ddur klila mfassla minn dawn il-kliem: *Potuit, decuit – ergo fecit.* Il-ħabbar ta' l-Immakulata jgħib fix-xefaq tal-glorja.

Il-fidi! Xi twettaq il-fidi fid-dinja! Tgħidilna l-istorja ta' l-irħieb ta' Franġisku: il-fidi toħloq l-eroj, il-martri. Minn Bernardu ta' Karbjo lura fis-sena 1220, sa Leone Heinrichs għandna l-ġrajja ta' kif il-fidi ġiet imsaħħa bid-demm, ta' kif il-fidi rebħet fuq il-mewt, ta' kif il-fidi hi għajn ta' tama. Minn Bernardu sa Heinrichs għaddew seba' mitt sena; seba' sekli ta' demm mogħti minn ulied Franġisku lil Kristu; ta' taqbid b'riżq il-ħaqq u s-sliem; ta' ħila u sedqa fil-fidi, seba' sekli li juruna kif għandna ngħixu ta' nsara u mmutu ta' eroj: *Esto exemplum in fide.*

## Il-Ħniena mal-Bnedmin

Imma naraw kif dawn l-irħieb ilaħħmu lill-istess twemmin tagħhom. Huma jiċħdu l-ġibdiet tad-dinja, jaħarbu l-ġid ta' l-art u jfittxu li jagħarfu s-sewwa. Hekk marru jaqdu l-poplu għall-imħabba t'Alla, u l-poplu ra fihom xbieha ħajja tal-ħidma tagħhom: erojiżmu tal-karità. Ja wlied ta' Franġisku x'għamiltu biex jistħoqqilkom dan l-isem? Ja sventuri tal-bniedem kontu intom li weġġaħtu 'l dawn l-irħieb bil-kobor ta' l-eroj?

Inħarsu lejn ix-xirkiet tal-ħniena: inqallbu l-paġni ta' l-istorja u nsibu paġna glorjuża għal ulied Franġisku. Min waqqaf il-Monti di Pietà fis-seklu ħmistax biex jeħles lin-nies ġwejda mill-kilba ta' l-għassaba? Min kien iqassam duwa b'xejn lill-fqajrin qabel il-qawmien ta' Napuljun? U min kien. . . . Imma ħa nissokta għax l-innu ta' l-istorja għadu biss f'nofsu.

Il-ħniena ma tafx fejn huma t-truf ta' l-art, ma tagħrafx distinzjonijiet ta' klassi, ta' razza jew ta' fidi. Id-dinja hi t-tejatru tagħha, u l-bniedem hu l-qasam waħdani tagħha. Din hi l-ħniena – il-ħniena kristjana li qatt ma ġiet miżbuqa minn ebda filosofija jew twemmin. Inħarsu lejn Ruma: fiha arki trijonfali, bażilki majestużi, banjijiet kolossali, iżda din il-belt ma tqaddem ebda kenn għall-mard, ebda lqugħ għall-kotra ta' fqajrin, ebda dar għax-xjuħ imġewħa. L-imħabba għall-ilsiera, għall-fqar u għall-barranin kienet bluha tal-ġenn għall-għorrief tal-Greċja u għas-setgħana ta' Ruma. Iżda din il-bluha ssarfet f'għemil ta' ħila fil-jum meta Ġesù qal: "Intom aħwa, ħobbu lil xulxin: *diligite altertrum.*" X'erojiżmu hu li tħalli 'l art twelidek, u titlaq 'il bogħod biex tgħix fost popli barbari li ma jafuniex u li ma nafuhomx! X'għaġeb tara żgħażagħ fil-fjur ta' ħajjithom u xjuħ dgħajfa li jmorrulek lejn l-aktar artijiet imbiegħda, igħammru hemm f'xi daqsxejn ta' bejta, taħt sema nar, fl-għera ta' art niexfa. Dan l-erojiżmu sar il-ħajja ta' kuljum għal dawn l-irħieb, sar ix-xhieda tagħhom tal-karità: *Esto exemplum in charitate.*

Min int, int, ja wild nobbli ta' l-Umbrija, tal-qammat qasir, tal-għajnien suwed jibbru, tal-wiċċ tawwali, tax-xufftejn irqaq u magħluqa? Min int, int li bla serħan tbegħidt minn art twelidek biex mort f'nofs poplu li jiċħdek, li jiċħad l-isem, il-ġrajja u t-twemmin ta' pajjiżek? Min int? Hu Franġisku li jiftaħ triq għall-Ordni fil-missjoni, li jgħid lill-irħieb tiegħu: "Morru ja wliedi, xterdu mad-dinja u ħabbru s-sliem." U min intom intom li għatxana għall-mewt ittiru ferħana għal Spanja, għal Provenza u għall-Ġermanja? Huma wlied Franġisku mibgħuta mill-imgħallem stess. . . . Tkellmu intom ja popli mferrxa max-xtut, imħarsa fl-ibliet u miġbura fl-irħula! ejjew u iktbuha intom il-ġrajja ta' dawn l-irħieb, eroj tal-karità. *Esto exemplum in charitate.*

## Is-Safa tal-Qalb

Fi żmien Franġisku s-soċjetà kienet aktar imħassra fil-qalb milli fil-moħħ. Ħadd ma kien imeri d-domma, iżda t-tiġrib tal-ġisem kien ibaqbaq bħal żiemel mhux imrażżan. Għalhekk fil-bidu Franġisku

ma riedx imħuħ kolti, nies tal-ħsieb u ta' l-istudju, imma qlub ta' appostli, erwieħ imħeġġa mill-ħerqa u mill-ħniena. Iż-żminijiet inbidlu u magħhom tbiddlu l-bżonnijiet. Miż-żerriegħa ta' Franġisku ħarġu kittieba u dutturi li sabu ruħhom maġenb l-akbar persunaġġi li jweġġħu lit-tagħlim, lill-Knisja u lill-umanità. Bidla bħal din mhux talli ma tfissirx telfien, iżda talli xettlet fl-irħieb qawwa ġdida. L-idejali tal-Franġiskani dejjem baqgħu dawk tal-Fqajjar ta' Assisi: il-ħaqq u s-sliem b'riżq l-innoċenza tal-ħajja, is-safa tal-qlub . . .

Għall-għoġba xejn xierqa ta' żmienna huma jfittxu l-qdusija tal-ħajja, s-safa ta' l-anġli; għall-kburija tad-dinja jwieġbu bl-akbar umiltà; għall-ħażen jissieltu bit-talb. Id-dmugħ iħarishom mis-sensi u r-rebħa ta' l-ispirtu toħnoq kull ħajra tal-materja. *Esto exemplum in castitate.*

Ma tkellimtx jien, imma ħallejt il-ġrajja titkellem. U l-ġrajja ttenni li l-irħieb ta' Franġisku huma x-xandara tal-Bxara t-Tajba, il-ħabbara tas-sliem, tal-għaqda universali, l-eroj tal-ħniena, ix-xbieha tal-qdusija – huma dawn l-elementi li jsawru l-progress tassew u ċ-ċiviltà tal-ħaqq.

# II.
# Studji Fuq Awturi Oħrajn

# IL-LETTERATURA MALTIJA SA TMIEM IS-SEKLU XIV

## (L-EWWEL PARTI)

Xi kritiċi, fosthom Benedetto Croce, jinnegaw ir-rapport li jeżisti bejn il-letteratura u l-evoluzzjoni temporali u soċjali. B'hekk kull xorta ta' letteratura titqies bħala *'sui generis'*, maqtugħa għaliha u iżolata mil-linearità ta' l-istorja letterarja (li allura tkun ineżistenti).

Hekk, per eżempju Croce saħaq fuq *''la condanna della storia della poesia (e della letteratura che le è annessa) quando venga trattata in rapporto di corrispondenza con una storia politica, morale, filosofica o altra che sia.''*[1]. Madankollu waqt li nagħrfu l-valuri universali u kosmiċi ta' xogħol partikulari, irridu nħarsu lejn il-bniedem bħala prodott ta' żmienu: l-artist wara kollox ħareġ minn soċjetà, minn kultura, minn twemmin speċifiku.

Kenneth Clark iħares lejn dan l-impatt rispettiv (soċjo-artistiku) bħala fattur vantaġġuż għall-komunità 'ċivilizzata'. Fuq kollox, kif josserva Clark, irridu niftakru li *''Polynesia produced no Dante, Michelangelo, Shakespeare, Newton or Goethe. The very speed and completeness by which those Arcadian societies collapsed, shows that they were not a civilisation...''*[2].

## XEJRIET TAL-KULTURA

L-eżempju ta' Clark joffri spunt ta' riferenza għal Malta ta' żmien il-ħakma Għarbija. Ġaladarba s-snin ta' wara ġabu bidliet daqstant radikali (kultura u reliġjon) bilfors li ċ-ċiviltà Għarbija kienet fuq livell artifiċjali u superfiċjali. Insaħħu dan li qed ngħidu billi nirreferu għall-istrati tal-komunità reliġjuża Maltija. Hekk filwaqt li fl-1175 Burcard jirreferi għall-gżira bħala *'saracens inabitata'*[3] l-istatistika ta' Gilbertu, ħabta ta' 65 sena wara, kif rimodifikata oġġettivament minn Lutrell[4] u minn Valentini[5] turi li s-Saraċini mill-predominanza assoluta ta' l-1175 waqgħu f'minoranza. Fi żmien Burchard, Malta kienet *'sub dominio regis Siciliae'*, iżda kif jikkonkludi Lutrell aktarx li l-kultura Għarbija laħqet il-milja tagħha fis-seklu tnax. Dawn ix-*'shifts'* juru li r-reliġjon ma kenitx għadha infuża fiċ-ċiviltà Maltija; f'Malta r-reliġjon dejjem segwiet il-*'pattern'* ta' l-eġemonija ekonomika. Naraw għaliex.

# IS-SOĊJETÀ MEDJEVALI BIKRIJA (PREMESSA APOLOGETIKA)

Diffiċli titkellem b'termini konkreti fuq dawn iż-żmenijiet imbiegħda – diffiċli għal għanijiet storjografiċi u diffiċli aktar u aktar għas-soċjoloġija. L-ispekulazzjonijiet tagħna se nsejsuhom fuq il-kondizzjonijiet li kienu prevalenti fi mkejjen oħra, b'konsiderazzjoni ta' l-impostazzjoni kolonjali, l-insularità tal-gżira u bl-għarfien tar-realtà storika li segwiet.

B'hekk nittamaw li nistgħu nagħtu xi ħjiel tas-soċjetà fi gżiritna f'dawn is-snin bikrin, sabiex minn hekk nippruvaw niskopru l-egħruq storiċi tar-ritardazzjoni tal-letteratura Maltija.

L-għan ta' l-istudju tal-formazzjoni ta' l-istrutturi ekonomiċi hu li jagħraf it-tipiċità tal-forom funzjonarji fis-soċjetà. Il-kwadru li aħna rridu nibnu mill-ġdid għandu jħaddan konċessjoni relattiva għall-iżvilupp ekonomiku u għall-karattru u l-pożizzjoni li assumew il-klassijiet tas-soċjetà Maltija.

Kif jgħid Marx[6], *"originally commerce was the precondition for the transformation of the crafts, the rural and domestic industries and feudal agriculture into capitalist enterprises."* L-elementi kostitwenti ta' dan il-proċess kienu kollha preżenti fis-soċjetà Maltija. Fil-fatt Gilbertu jagħtina ħjiel ta' l-ekonomija Maltija; ir-rapport tiegħu juri li l-oqsma rjali kienu l-għajn ewlenija tal-ħajja ekonomika; ilsiera u villani kienu jaħdmu fuq il- *'latifunfia'*, servi u *'ancille'* flimkien ma' għadd ta' ilsiera kienu jaħdmu fil-kastelli . . .[7]

Iżda filwaqt li fi proċess simili għal dan lokali Labriola jsib il-bidu 'preistoriku' tal-borgeżija kapitalista fl-Italja,[8], f'Malta dan il-proċess ġie interrott minn ordinament statali għaliex fl-1307 Martin I waqqaf il-Muniċipalitajiet: l-Università jew il-Kunsill Popolari[9]. B'hekk dak l-iżvilupp li jsegwi Sapori li mill-ekonomija medjevali jgħaddi għall-kapitaliżmu modern[10], fi gżiritna ġie mwaqqaf ħesrem mill-intervent statali li semmejna.

Mill-istudji ta' Mifsud nafu bil-monopolija kummerċjali, b'mod li l-istat sar l-aġent ekonomiku ewlieni, bl-esproprijazzjoni tal-klassi li kellha l-kapital u b'leġislazzjoni koerċitiva *(COMPULSORY)* fuq ix-xogħol u fuq il-produzzjoni tal-popolazzjoni kampanjola. Dan kollu jfisser li fin-nazzjon ma kien hemm l-ebda klassi diriġenti li kellha l-kriterju ekonomiku għall-kreditu tagħha: lanqas l-aristokrazija għax din la kellha l-kapital merkantili u lanqas il-mezzi tal-produttività.

Għalhekk l-ebda klassi ma kellha għalfejn timponi xi eġemoni-

ja fuq in-nazzjon – il-ħajja kienet saret *'survival'*. Il-blokki soċjali baqgħu iżolati, mingħajr ma kien hemm xi strata intermedjali biex tipprovdi xi spunti ta' antagoniżmu jew ta' kompetizzjoni.

## PASSIVITÀ KULTURALI

Dan in-nuqqas ta' attività fl-isfera ekonomika rriżulta f'passività kulturali. F'dan id-dawl, it-Taljan, li kien il-lingwa uffiċjali, ma kienx il-kodiċi lingwistiku elaborat distint mill-lingwaġġ vulgari, iżda kien il-lingwa tad-dominaturi mingħajr l-ebda pretensjonijiet nazzjonalistiċi. B'hekk għandna (1) lingwa newtrali u (2) djalett popolaresk li għadu m'għoliex għal-livell ta' lsien letterarju. In-nuqqas ta' għarfien ta' sehem funzjonarju fis-soċjetà jispjega l-isterilità artistika u kulturali ta' dan iż-żmien.

Iżda sabiex neżawrixxu kwadru sħiħ jonqos li nqisu l-perspettiva tal-Knisja.

Il-Knisja tirrappreżenta l-blokk soċjali (kemm ġerarkiku kif ukoll, f'sens aktar wiesgħa spiritwali) li jikkontrasta jew jallea ma' l-iżvilupp soċjo-ekonomiku. L-ewwel kuntrast jimmanifesta ruħu fil-konflitt ta' ġurisdizzjoni bejn l-istat u l-knisja: konflitt li aktar tard fl-istorja kellu jamplifika ruħu bit-twaqqif tat-Tribunal ta' l-Inkwiżizzjoni – lotta bejn l-istat, il-kleru, is-soċjetà nnifisha tisfa' eżasperata u tispiċċa mitluqa mad-diversi kurrenti. Dan nistgħu narawh fl-eżempju ta' Spanja. Nistaqsu: fejn kellha l-aktar suċċess l-inkwiżizzjoni? – f'soċjetajiet fejn il-komponenti nazzjonali kienu mifrudin.

Hekk ġara f'Malta: il-kotra kienet aljenata mill-Knisja, maħnuqa u maħkuma. Il-Protestantiżmu, dak li Cerroni jsejjaħ "dik l-ereżija riformatriċi li xi mkien ieħor ipprovdiet l-element integrali ta' għaqda nazzjonali" ma setax jinbet[11]. Cerroni jirreferi għal din ir-riforma bħala waħda mill-elementi nieqsa fl-istorja ċivili ta' l-Italja. Kienet nieqsa f'Malta wkoll u għalhekk kienet nieqsa dik l-integrità li semmejna, bir-riżultat ta' sterilità intellettwali u soċjali.

F'dan il-kuntest l-ilsien vulgari pprovda l-mezz ewlieni għall-Knisja sabiex tilħaq l-għan tagħha. Filwaqt li l-aristokrazija kienet maqtugħa għaliha l-monopolju ta' l-ilsien serva bħala eġemonija għall-interessi tal-Knisja, permezz ta' esplojtazzjoni tas-sentimenti rħas tal-kotra. Jgħarrafna Arthur Bonnici li *"The Bishops of the Middle Ages exercised full authority over their flock in all spiritual matters. Their jurisdiction extended also over mixed matter . . . they could decide in purely civil matters".* (2) Min-naħa l-oħra, A.P. Sheptulin jirreferi għal din il-motivazzjoni mill-aspett

realistiku: *"religious ideology reigned supreme and premeated all spheres of society's spiritual life."*[13]

Dan l-interess 'artifiċjali' tal-Knisja nistgħu nillustrawh billi nirreferu għal eżempju tipiku. Jgħarrafna Mifsud[14] li sa l-1481 insibu l-ħatra ta' qassis barrani li ma kienx jaf bil-Malti, għall-parrokkjat, pożizzjoni li suppost tesiġi attività fost il-popolin. Kellha tkun l-Università f'każ bħal dan biex tipprotesta. Għall-aristokrazija aktarx li kien spunt irrelevanti, fil-waqt li l-kotra, subordinata kif kienet għall-Knisja, kienet tiddependi mill-protezzjoni ta' ħaddieħor.

F'dan id-dawl, dak li Cassar Pullicino jsejjaħ "L-ewwel żerriegħa ta' moviment", u "kuxjenza nazzjonali Maltija" [15] ma kienx għajr il-frott ta' lotta ġurisdizzjonarja, l-antagoniżmu, bejn żewġ blokki, li xiref minn każ partikolari.

---

[1] B. Croce – *Letture di Poeti. Ed. Laterza* (1966). P. 223. Oliver Friggeri wkoll jitlaq minn din it-teżi sabiex fl-aħħar jasal għal sintesi li tiġġustifika l-istorja letterarja. "... il-ġrajja ta' l-istudju estetiku tagħraf bħala regola l-ħtieġa u l-importanza ta' l-organizzazzjoni ta' fehmiet, xogħlijiet u identitajiet artistiċi f'damma sistematika waħda skond żmenijiet u postijiet differenti 'Storja Letteratura Maltija' – KKB (1979) Vol. 1, P. 12.

[2]K. Clark – *'Civilisation' – BBC and John Murray (Ed. 1971) P. 274.*

[3]Ikkwotat minn Lutrell fl-introduzzjoni ta' *"Medieval Malta" – The British School at Rome,* Londra (1975). P. 32.

[4]*"Feudo e Comune", 'Archivio Storico di Malta' Vol. VI, P. 12-14;* u *Il Comune Demaniale*, fil-ktieb imsemmi pp. 222–223: Valentini jsaħħaħ l-ipotesi tiegħu billi jirreferi għall-pagamenti tat-taxxa.

[6]Karl marx – *'Capital'* – Progress Publishers, Moscow (1977) Vol. III. P. 336.

[7]Għal stampa ċara ta' l-ekonomija tal-patrimonju rjali fi ġżiritna ara Henry Bresic: *"The Secrezia and the Royal Patrimony in Malta: 1240 – 1450"* f'*Medieval Malta'* PP. 126 – 163.

[8]A. Labriola *"La Concezione materialistica della storia"* Bari (1938). Labriola jagħti mportanza speċjali lil din il-fażi. *"L'apparizione della borghesia ... è ormai per noi l'inizio di quella caratteristica di eventi, cui siamo autorizzati a dare il nome di storia moderna" in contrapposto agli ereditati o riprodotti elementi dell'antico".*

[9]A.V. Laferla *"The Story of Man in Malta"* Aquilina, Malta (1972) P. 38.

[10]A Sapori *"Medioevo Economici in "Societa"* Firenze 1949.

[11]U. Cerroni *"Crisi ideale e transizione al socialismo" in "Critica Marxista"* 1975. P. 34.

[12]A. Bonnici *"History of the Church in Malta"* Catholic Institute (1967). P. 76.

[13]A.P. Sheptulin: *"Marxist – Leninist Philosophy".* Progress Publishers, Moscow (1978). P. 41.

[14]A. Mifsud – *Frammenti Storici "Sulla elezione del Parrocco ...* f' *"La Diocesi"* Anno III. P. 203.

[15]Ġużè Cassar Pullicino – "Kitba u Kittieba tal-Malti" Kt. II. P. 5.

# TRADIZZJONI MEDJEVALI

## (IT-TIENI PARTI)

Ġaladarba ddeterminajna l-ineżistenza ta' letteratura msejsa fuq pretensjonijiet nazzjonalistiċi, ngħaddu biex naraw liema oqsma popolareski setgħu offrew spunti għall-bidu ta' moviment letterarju popolari, għax għad li l-Medju Evu hu meqjus bħala perjodu ta' sterilità artistika, fih xi elementi li jseddqu xi forma jew oħra ta' ħajja soċjali.

Bit-tluq ta' l-Għarab minn Malta u bil-miġja fostna ta' l-abitanti ta' Celano, il-ġżira laqgħet influss ta' kultura Latina – il-kultura Għarbija spiċċat u r-reliġjon Iżlamika għebet, iżda l-ilsien kien laħaq integra ruħu fl-ispirtu komunitarju u baqa' jiddistingwi lin-nattivi mill-ħakkiema.

Il-kultura Kristjana fis ħarġet bħala l-kultura tal-komunità. Ma' Ruġġieru II insibu l-bidu ta' rinaxximent artistiku fi Sqallija[1] li ma setax ma laqatniex: jekk mhux fuq livell artistiku, għall-inqas fuq livell spiritwali komunitarju. Hekk insibu l-bidu ta' moviment popolari reliġjuż: il-bini ta' knejjes u kappelli li bdew ifaqqsu fil-gżejjer (sa fuq Kemmuna u Filfla) hu xhieda awtentika ta' dan il-moviment popolaresk.

Nistgħu nissoponu li kienet din ix-xejra li nidiet il-bidu tat-twaqqif ta' l-ewwel għaxar parroċċi, li għad li skond it-tradizzjoni huma attribwiti lil Senatore de Mello (1436)[2], jistgħu jiġu assoċjati mas-seklu erbatax. Snin wara Dusina jfisser l-iżvilupp ta' dan il-moviment f'termini bħal dawn: "*There were at least six at Ħal Xluq, near Siġġiewi, and no less than twelve at nearby Ħal Kbir; several of these had the same dedication. Some were votive buildings founded in thanksgiving for some illness cured or intercessions granted, but the phenomenon was certainly a surprising one.*"

B'riħet dawn ix-xejriet nistgħu insegwu ċerta linja ta' kontinwità storika li sseddaq il-perjodu reliġjuż pre-Iżlamiku[3] u dak tas-sekli li segwew: fuq kollox irridu niftakru li temperament ta' poplu mhux se jinbidel fi ftit snin. (Huwa ta' relevanza f'dan il-punt li nirreferu għad-distinzjoni tat-temperament soċjali li jagħmel H.G. Wells: l-hekk imsejħa "*communities of obedience*" u l-"*communities of will.*"Huwa dan li jiddeferixxi l-Kattoliċiżmu mill-Iżlam; il-kreattività kristjana hi relatata direttament ma' prinċipji ta' "subordinazzjoni femminili", filwaqt li l-Iżlam jemmen fl-agressività u għalhekk huwa sterili artistikament.

Is-soċjoloġija u l-istorja juruna biċ-ċar li t-temperament lokali jassumi l-karattru tal-'*communities of obedience*'.

Ħarsa lejn l-arti lokali, mit-tradizzjoni ta' San Luqa sal-pittura ta' Ħal Millieri, tikkonferma din id-distinzjoni li fil-qofol tagħha hi psikoloġika. Dan hu parti minn addattament ta' soċjetà, ta' temperament li ma jinbidilx. Per eżempju Clark jirreferi għall-qrar f'soċjetajiet li jappartjenu lill-'*communities of will*'. F'pajjiżi li huma apparentement sekulari bħall-Amerika – il-psikanalist ħa post il-qassis għax in-nies għadha tħoss dik l-"*urge to confess*" tant tipika tal-*Pilgrim Fathers*. (Soċjetajiet Iżlamiċi m'huma qatt se jaċċettaw ideja bħal din).[4] Bl-istess mod insostnu li s-soċjetà Maltija, bil-karattru distint tagħha ma kienet qatt ser tħaddan in-normi sterili, aggressivi u maskili ta' l-Iżlam.

Bini ta' knejjes ifisser moviment 'artistiku' popolari. Il-bini nnifsu joffri xhieda ta' dan: stili arkitettoniċi primittivi, pittura (Lutrell jirreferi għall-iskola lokali ta' pitturi), u l-artiġġjanat l-ieħor relatat ma' dan is-settur. Ma jistax ikun li attività bħal din, oriġinata minn element reliġjuż, ma jkollhiex impatt fuq il-letteratura popolari – letteratura li biż-żmien żvolġiet tradizzjoni sħiħa u li bil-mod il-mod għamlet monopolju mill-ilsien Malti, (hekk li kellhom ikunu priedki u kurunelli li jsawru l-ewwel saff ta' kitba bil-Malti).[5]

## Tradizzjoni

Naturalment sa l-egħluq tal-'*quattrocento*' din it-tradizzjoni kienet għadha fil-bidu: il-mewġa ta' monastiċiżmu kienet għadha kemm tħabbret bil-miġja ta' l-irħieb Franġiskani,[6] iżda kellu jkun is-seklu ħmistax li jara l-milja ta' dan il-moviment.

Barra minn dan, jekk inħarsu lejn x'kien qed jiġri madwarna naraw l-istess qawmien reliġjuż f'kull qasam. B'dan il-mod, Battaglia jara fil-Medju Evu Taljan proċess dupliku:

1. dekadenza tal-kultura klassika, u
2. influssi ġodda tal-kristjaneżmu.

B'hekk dan iż-żmien huwa distint b'orjentament ġenerali reliġjuż, orjentament li "*sostituendo agl'interessi propriamente intelletuali i valori più interiori della fede e della coscienza morali, metteva in secondo piano e spesso avversava il mondo del sapere e con esso anche l'arte e il gusto della poesia.*"[7]

B'effetti ta' dan insegwu fl-istorja kontrappożizzjoni polari bejn ix-xjenza mondana u s-sapjenza divina. Forsi l-Medju Evu lokali huwa bil-wisq bikri biex nimponu dawn it-termini, madankollu x-xejra hemm kienet u mal-mogħdija taż-żmien amplifikat ruħha. Huwa f'dan il-kunċett li nsibu l-egħruq tas-sotto-żvilupp soċjali fi gżiritna.

Dan is-sotto-żvilupp ma jeskludi bl-ebda mod l-eżistenza ta' xi tradizzjoni letterarja. Fir-restrizzjoni ta' dan l-ambitu nistgħu ngħidu li t-tendenzi li jirreferi għalihom Battaglia kienu kollha preżenti fil-kamp peripatetiku-skolastiku lokali: ħarsa lejn l-indikazzjonijiet tan-natura tematika li jissuġġerixxu x-xogħlijiet li jsemmi I.S. Mifsud fil-"Biblioteca Maltese" toffri xhieda ta' dan. Hekk per eżempju jissemma Andrea Bancherino li kiteb l-*Explanations*; kitba li l-awtur Patri Dumnikan u Isqof ta' Malta jindirizza kontra xi xejriet xiżmatiċi ta' żmienu. Kittieb ieħor, isqof ukoll, kien Nicolò Bonetti (1360). Tiegħu, Dwardu Mifsud jagħtina dan il-ħjiel: "*dotato della profonda cognizione delle Scienze, sacre e profane e segno tale che giunse ad essere acclamato per un prudente e dottissimo Prelato: 'Praesul Iste', così di lui scrive il conte Ciantar.*" Fil-lista ta' pubblikazzjonijiet li jagħti Mifsud isseddaq lil dan il-kittieb fit-tradizzjoni li jiddeskrivi Battaglia: in-tegrazzjoni tal-Filosofija Naturali mal-Metafiżika u mat-Teoloġija 'Naturali'! Biex inkunu semmejna lil kulħadd insemmu lil Giovanni Aragona li jidħol f'dan il-kwadru bis-saħħa tal-"*Vita di San Cono*".[8]

B'hekk lejn il-ġenesi ta' tradizzjoni letterarja naslu f'punt li seta' kien ta' konverġenza:

1. elementi reliġjużi fit-temperament popolaresk, u
2. mottivi eruditivi reliġjużi.

Il-konverġenza ma seħħitx għaliex kif ġa spjegajna l-Knisja, li setgħet tipprovdi t-tieni element (fil-fatt it-tliett kittieba li semmejna kienu kollha Isqfijiet) ma kenitx magħquda ma' l-Ispirtu tal-komunità; kienet is-soċjetà biss li kienet magħquda mal-Knisja. Minħabba f'hekk dak il-ġenesi li semmejna ma żviluppax.

Għax għad li ma nistgħux naċċettaw it-teżi romantika ta' ġenesi poplari tal-letteratura, ma nistgħu bl-ebda mod niċħdu t-twaħħid tagħha mal-ħidma kruditiva. Fil-fatt meta Luiġi Russo jiġi biex jiddifenixxi l-bidu tal-letteratura Taljana hu jikkonsidra l-karatteristiċi li kienu komuni għall-vena popolareska u għall-mottivi dotti, u kif dawn twaħħdu f'entità waħda.[9]

"*Uno scrittore vivo non respira soltanto nel chiuso di biblioteca, ma si mescola sempre a tutta la vita.*" Sfortunatament kienu għad iridu jgħaddu s-snin twal qabel ma l-kittieba lokali waslu għal din il-konklużjoni.

---

[1]Andrew Vella – *Storja Ta' Malta* (KKM) 1974, Vol. 1, p. 81.

[2]Dr. Godfrey Wettinger hu tal-fehma li "l-probabiltà hi li kienu ilhom ftit sewwa weqfin". Hu jispjega dan fid-dawl ta' l-istat soċjali; ara "***Il-Ġrajja Bikrija tal-Knisja Matriċi f'Għawdex***" fi 350 sena Kolleġġjata 1632 – 1972, p. 19.

[3]Ara p.e. r-rikostruzzjoni tal-Kult Pawlin "*La Tradizione Paolina*" f'***Testimonianze Archeologiche della Tradizione Paolina a Malta***, ta' M.C. de Azeyedo, (Roma 1966), Kap. 2, p. 51 et. seg.

[4]Kenneth Clark, ***Civilisation***, p. 177, Marx ukoll jemmen li "*The tradition of all the dead generations weighs like a nightmare on the brain of the living.*" ***The Eighteenth Brumaire of Louis Bonaparte***, Moscow 1977, p. 10.

[5]Għall-implikazzjonijiet ta' dan il-kurrent fis-sekli ta' wara ara l-kitba tagħna – ***Church and Culture in Malta*** – *Daily News*, 6-8-80.

[6]Abela-Ciantar – ***Malta Illustrata*** (Malta 1780), I Liber III, Notizia Vi, p. 225.

[7]S. Battaglia – ***La Letteratura Italiana – Medio Evo e Umaresimo***. Sansoni Accademia (Firenze 1971), p. 7.

[8]I.S. Mifsud, ***Biblioteca Maltese***, Malta, (*Stamperija di S.A.S.* 1764), p. 87, 8.11, 12.

[9]Luigi Russo – ***Problemi di Metodo Critico***, Laterza (Bari 1953), p. 11.

# L-EQDEM POETI MALTIN

## (IT-TIELET PARTI)

## Analiżi Ta' Xi Xogħol Bikri

Michele Amari jfakkar tliet poeti li twieldu f'Malta u li kitbu fl-ewwel nofs tas-seklu tnax. Ma nistgħu bl-ebda mod ngħidu li x-xogħol ta' dawn il-poeti jimraħ fuq skala nazzjonali, u lanqas li jagħmlu sehem mill-ġeneru letterarju Malti; iżda kif jagħraf Friggieri kull valutazzjoni tagħhom f'kuntest lokali għandha tkun ibbażata fuq il-fatt li huma l-eqdem xogħol letterarju miktub minn abitant tal-gżira.[1] Mill-bqija nerġgħu nirreferu għall-eżempju l-klassiku: huma Maltin daqskemm Santu Wistin kien Nord Afrikan.

Ngħaddu issa biex naraw xi aspetti partikulari ta' dawn il-kitbiet, mhux fi kwadru soċjali jew letterarju speċifiku, iżda bħala xogħol 'artistiku' bil-limitazzjonijiet kollha tiegħu. Nieħdu l-ewwel poeżija. "It-tfajla li ddoqq is-siegħa fuq il-baċir tal-bronż."

Iżda qabel xejn jenħtieġ li nagħmlu kjarifikazzjoni għax teżisti aktar minn verżjoni waħda ta' din l-istrofa. Amari nnifsu jagħti żewġ verżjonijiet: l-ewwel jagħti parafrasi ta' l-istrofa fi "*Storia dei Musulmani*", imbagħad fil-*Biblioteca Arabo-Sicula*, jagħti t-traduzzjoni sħiħa tagħha. Din hi l-verżjoni li jagħti Cassar-Pullicino f'*Kitba u Kittieba tal-Malti*. Żmien wara Amari reġa' ħariġha f'"*Le Epigrafi Arabiche di Sicilia*,"[2] fejn insibu l-verżjoni li aħna ser nagħtu. Din il-verżjoni ġa ġiet riprodotta minn Vella[3] u minn Friġġieri,[4] iżda xi kummentaturi Maltin jagħtu l-verżjoni li se nġibu aħna (ta' *Le Epigrafi* . . . ) u jgħidu li jkunu qed jikkwotaw mill-"*Bibliotecha* . . . "!

## X'Jistqarr

Amari stess jistqarr hekk: "*Il testo si legge anco nella mia Biblioteca Arabo-Sicula, pag. 143, dove nella linea 9 va fatta la correzione che suggerì il Fleischer e ch'io notai alla pag. 45 della prefazione.*" Aħna se nġibu t-test Taljan bi traduzzjoni tagħna f'ilsienna:

*"La fanciulla che batte il cavo bronzo,*
*Si ch'ella incalza agli animi anelanti!*
*Il maestro, che la fè, pria salse in cielo:*
*Scoprì le sfere; notó i segni e i gradi."*

"It-tfajla li tħabbat fuq il-bronż imbewwaq,
U b'hekk għaliha tkebbes lill-qlub ħerqana!
L-imgħallem l'għamilha, l-ewwel tela' s-sema:
Tkixxef il-qwawar; qejjes l-egħliem u l-gradi."

Din l-istrofa kienet ġiet imqabbla fuq arloġġ kurjuż li kien għamel wieħed Malti, u li kellu tfajla tixħet blalen żgħar ġo baċir biex turi l-ħin.

Fil-komplessità konċiża ta' din l-istrofa għandna intwizzjonijiet b'implikazzjonijiet filosofiċi.

## Nebha Poetika

L-ispunt tan-nebha poetika hu arloġġ: sinjal taż-żmien li għaddej, żmien li għaddej fl-ispazju. Qabel ma għamlu l-imgħallem tela' fl-ispazju. Għandna hawnhekk identifikazzjoni taż-żmien ma' l-ispazju: il-ħin li għaddej mhux ħlief battuta fi sfera kożmika. Dan kollu hu mseddaq mit-tfajla, li b'dan il-mod l-eżistenza tagħha tiddependi miż-żmien li qed tħabbat – hemm il-kuxjenza li ż-żmien huwa dimensjoni ta' l-eżistenza, (għalhekk it-Tfajla hi ppreżentata bħala dik li "tkebbes lill-qlub ħerqana" – la għad hemm iż-żmien għaddej tibqa' l-ħerqa għall-eżistenza).

Iżda permezz ta' din l-identifikazzjoni, din it-Tfajla m'hix rappreżentativa ta' l-umanità; hija titraxxendi l-kodiċi tan-natura umana. B'hekk għandna kuntrast bejn il-forza latenti tal-qirda (li għad li m'hemm l-ebda riferenza speċifika għaliha, tinħass fuq l-isfond psikoloġiku tal-kittieb) u l-ħerqa għall-ħajja (*drive of life*); bejn l-ispazju etern (minnfejn l-imgħallem "*scoprì le sfere, notò i segni e i gradi*": l-ideja ta' staticità) u ż-żmien (l-ideja ta' kontinwità) – "*la fanciulla che batte il cavo bronzo*": ninnutaw li ma qalx "*sta battendo*", li fiha nnifisha kienet timplika battuta attwali, b'aspetti finiti, iżda "*batte*" – preżent infinit li m'hux ristrett u għalhekk fih implikazzjonijiet extra-temporali). L-istess tixbiħat jirreferu għal dan il-kuntrast: ninnutaw li l-bronż li fuqu t-Tfajla qegħda tħabbat il-ħin huwa "*cavo*", vojt, fondut, filwaqt li s-sema, (li fuqha l-imgħallem ħadem l-arloġġ tiegħu) hija ppreżentata bħala kożmos kompatt, sħiħ, mimli komplessità totali (*le sfere, i segni e i gradi*). B'hekk permezz tal-funzjoni tagħha, it-Tfajla hi l-intersekazzjoni taż-Żmien u l-Eternità, u għad li tittraxxendi n-natura umana hi allegorika tal-ħerqa tal-bniedem biex jgħix.

Ir-riferenzi għaż-żodijaku joffru lok għal kumment relevanti: is-sinjal tiegħu se jwaħħdu f'żewġ kunċetti:-

1. iż-żmien: fuq livell prinċipali.
2. id-destin: l-implikazzjonijiet taż-Żodijaku fil-kuntest Medjevali (eżempji f'Chaucer . . . )

## Karattru Ċentrali

Fl-aħħar ngħaddu biex naraw il-karattru ċentrali: "*la fanciulla*" – m'hix tifel jew anġlu, iżda tfajla. Għaliex?

Kif rajna din it-Tfajla hija rappreżentativa tal-koeżistenza taż-żmien u ta' l-eternità. Il-kultura Iżlamika tassumi l-istat ta' inferjorità tal-mara (ara l-mod kif għandhom jiġu ttrattati f'*Al-Nisa*, *Quran*, Kap. 4). Din il-presuppożizzjoni tintitola l-mara għal ċertu karattru; fil-każ tagħna b'hekk qiegħda titraxxendi n-natura umana, filwaqt li kieku kien anġlu, li mill-istat tiegħu ġa huwa traxxendenti, kien jibqa' fuq bażi normali. Min-naħa l-oħra figura maskili, f'dinja kulturali maskili, ma titraxxendi l-ebda ordni.

Jekk '*fanciulla*' hija diminuttiv sabiex tfisser il-grad ta' għożża, biex tamplifika l-valur sentimentali, l-istrofa tista' tinqara bħala metafora: it-Tfajla li tħabbat il-ħin, tiftiehem f'sens Freudjan bħala ispirazzjoni umana; it-"tkebbis tal-qlub ħerqana" hija estensjoni ta' l-istess metafora u talludi għas-sentimenti fis-sens litterali tal-frażi. Il-Ħallieq meta għamilha poġġieha taħt il-kostellazzjonijiet li skond iż-żodijaku jġibu r-riżq, (il-kunċett Medjevali tad-Destin). Barra minn hekk l-allużjoni għas-sema timplika stat traxxendentali – kull għaqda li tiġi stabbilita ma' din it-Tfajla hi extra-mondana, l-istess ħerqa xewqana tal-"qlub ħerqana" tintitola kożmos indipendenti mir-realtà. B'hekk filwaqt li f'ħarsa filosofika jidher il-kuntrast bejn iż-Żmien u l-Eternità (f'taqbida għaż-żmien), fid-dawl ta' din il-metafora għandna transizzjoni tat-termini: miż-Żmien għall-Eternità (f'taqbida għall-Eternità).

Ta' poeta Malti ieħor jaslulna żewġ epigrammi konvenzjonali għall-aħħar, miktubin f'ġieh ir-Re Ruġġieru bit-tama li l-kittieb jaqla' l-grazzja li jiġi Malta.[5] Imbagħad għandna l-eleġija ta' as-Sûsi li tagħha Cassar-Pullicino jagħti verżjoni sabiħa u fidila b'ilsienna.[6]

Għad li miktuba bl-Għarbi, l-intonazzjoni ta' din l-eleġja hi tipikament skolastika, biex ma ngħidux Kristjana, u l-argument fih lemħa klassika Latina.

Il-valutazzjoni tas-sinifikat li għandha l-ħajja, jew kwalunkwe viċenda oħra, tista' tiġi ddeterminata biss fl-egħluq ta' l-aħħar fażi mnejn wieħed jista jħares lura. Huwa proprju dan li jagħmel lil poeta tagħna f'din l-eleġija – fl-intonazzjoni Ekkleż-

jastika għall-aħħar huwa jikkontempla l-paradoss tal-ħajja: mill-ordni għall-kaos, mill-ferħ għall-għawġ, mill-kburija għat-tixjin, mill-ħajja għall-mewt. Dan il-paradoss jiġi deskritt f'sensiela ta' tixbihat fejn il-Qerda hi personalizzata u l-bniedem, min-naħa tiegħu, jitlef kważi kull identità. Iżda din l-istess kuxjenza tal-Qirda, dan l-għarfien tal-mewt, jinfondi fl-eżistenza sens impenjat ta' ħajja. Huwa f'dan id-dawl li joħroġ is-sinifikat sħiħ tax-xbieha tal-ħamiem (li altrimenti tidher bla sens).

"*Come colomba*", (l-anqas bil-Malti m'għandna l-maskil, iżda l-allużjoni hi għall-għaqda bejn iż-żewġ sessi) "*alle colombe, così e s'accomuna*" – il-ħajja hi aktar profonda u intensa quddiem il-mewt; u għall-protagonista, għall-gwerrier eroj, il-ħajja ta' wara l-mewt m'hix għajr Valhanna qaddisa fejn huwa jingħaqad ma' l-erwieħ qalbiena.

## L-Aħħar Vers

L-aħħar vers ta' l-eleġija hu ddominat minn sens ta' passività: il-ħajja assurda, il-bniedem ma jista' jagħmel xejn kontriha; speċi ta' *Vanitas Vanitatum*. It-ton ta' rassenjazzjoni hu miġbur fir-repetizzjoni ta' "*Pazienza, pazienza!*" Il-bniedem m'huwiex l-aġent ta' l-istorja, iżda hija l-istorja, d-destin, l-aġent tal-bniedem.

L-ewwel ftit versi jibnu *climax* sabiħa, iżda mbagħad il-leħma taqa' f'konvenzjonalità. Mill-ħsibijiet poetiċi l-kittieb igħaddi għal litanija ta' eżultazzjoni personali, mill-universali għas-sentimentaliżmu rħis. Ir-raba' vers jimmarka din l-alterazzjoni, iżda kif rajna t-tixbiha tal-ħamiem fil-vers li jmiss fiha impenn poetiku.

Mill-ftit versi li rajna, jidher ċar l-influss ta' kultura oċċidentali, allavolja dawn il-poeti kitbu bl-Għarbi. Jixhdu wkoll li ġaladarba l-kittieba kienu Maltin, l-ilsien kulturali ta' gżiritna kien l-Għarbi. Mill-bqija dawn il-frammenti iżolati, wkoll jekk fi żmienhom kienu jagħmlu moviment, ma ħallew l-ebda impronta fl-iżvilupp ta' l-istorja letterarja ta' pajjiżna. Nerġgħu nirreferu għall-kwotazzjoni minn Clark u ntennu li frammenti ta' din ix-xorta m'humiex il-frott ta' **ċiviltà nazzjonali**.

---

[1]Oliver Friġġieri – ***Storja tal-Letteratura Maltija***, Vol. I (KKM, 1979), p. 85.
[2]Aħna mxejna fuq l-edizzjoni ta' l-1971, ikkurata minn Francesco Gabrielli, u ppubblikata minn S.F. Flaccovio, Palermo.
[3]Andrew Vella – ***Storia ta' Malta*** (KKM 1974), Vol. 1, p. 84.
[4]Friġġieri, *ibid*.
[5]Amari, ***Biblioteca Arabo-Sicula***, Torino-Roma, (Loescher 1880), p. 255.
[6]***Kitba w Kittieba tal-Malti***, (Università ta' Malta, 1962), p. 4.

# FRAMMENTI BIKRIJA OĦRA

## (IR-RABA' PARTI)

### Lapidi Sepolkrali

Il-lapidi sepolkrali huma xhieda ħajja tal-livell tal-ħajja soċjali u kulturali; u ta' l-aspirazzjonijiet traxxendenti tal-komunità. Il-kliem minqux fuqhom huwa l-aħħar tifkira ta' ħajjet il-bniedem: mafkar li donnu jisfida liż-żmien li għaddej, dak l-istess żmien li bil-qawwa moħbija tiegħu jħott kull ma tibni l-ħajja; mafkar li jibqa' jagħti xhieda ta' tamiet, ta' rieda fit-twemmin u ta' sedqa f'ħajja ġdida. U hekk jaslulna llum dawn l-iġbla li permezz tagħhom nistgħu nfasslu l-qafas tat-twemmin popolaresk.

Meta Michele Amari jiġi biex jikkummenta fuq dawn il-lapidi ta' Sqallija, huwa jgħid hekk: "*Condotti per mano dalla religione in ogni istante di questa vita bassa, com'ei la chiamano, intenti sempre e fissi in quella ch'é di là da venire, nei tripudii dell' eterno giardino, o nei tormenti del fuoco . . . i Musulmani sepelliscono i morti con pie cerimonie. . . .*[1]" "*Kienu jwaqqfu musulew jew* mafkar f'ras il-qabar, filwaqt li min kien tas-sewwa" seta' jibni musulew bil-koppla jew moskeja: bħalma huma dawk tal-kalifi f'Kajr u t-"turbe" ta' l-Ottomani f'Kostantinopli.[2]

Fattur karatteristiku ta' dawn il-lapidi Għarab hu s-sobrietà modesta li tiddiferixxi mill-istiliżmu elaborat kif kien tal-Kattoliċiżmu Oċċidentali. L-epitaffi Musulmani dejjem jiftħu b'invokazzjoni lil Alla, imbagħad b'talba lil Muhammed, xi vers mill-Koran u informazzjoni dwar il-mejjet. Il-kwotazzjonijiet Koraniċi jvarjaw skond iż-żmien: għall-ħabta tas-sekli ħdax u tnax l-aktar li kienu popolari kienu; Sura 2, 151 – 152; Sura 25.11; Sura 41,30 u Sura 102 l-ewwel u t-tieni vers. Biex nagħtu lill-qarrej ħjiel ta' din ix-xorta ta' letteratura qed nisiltu xi wħud mil-lista li jagħti Rossi[3] u li aħna qlibna għal ilsienna.

### Skrizzjoni Nru. 1

"1. Fis-sewwa l-Mulej tagħna hu Alla li ħalaq is-sema u l-art f'sitt ijiem.

2. Imbagħad tela' fuq il-manbar u għatta l-jum mil-lejl, li jostru malajr, u l-qamar u l-kwiekeb dejjem lesti għall-amar tiegħu.

3. Jewilla l-maħluq u l-għamar m'humiex tiegħu? Imbierek Alla, Mulej tal-ħolqien kollu.

4. Itolbu 'l Alla bl-umiltà, fis-sigriet. Żgur li huwa ma jħobbx lil min jikser kelmtu.''[4]

## Skrizzjoni Nru. 2

''1. Tabilħaqq dawk illi jibżgħu minn Alla, għad jgħammru f'ġonna mterrqa mix-xmajjar, f'għamara tas-sewwa qrib is-Sultan il-Qawwi.[5]

2. Alla m'hemmx alla ieħor ħliefu, . . . u min se jitlob lilu jekk m'hux biss bis-setgħa tiegħu?

3. Alla jaf dak li kien qabel il-bnedmin u dak li ġej wara; huma ma jifhmux ħlief dak li Huwa jgħarrafhom. Il-manbar tiegħu jħaddan is-smewwiet u l-art, li żamma tagħhom ma tgħajjihx. Hu l-imgħolli, l-Kbir.''

## Skrizzjoni Nru. 3

''Sellu għall-għamara mikduda ta' l-oqbra,
Bħal kieku qatt ma xorbu qatra ilma safi,
U qatt ma kielu ħaġa xotta u niedja.''

Fuq dawn l-aħħar żewġ versi, Rossi jgħid hekk: ''*Fine di due versi che il condottiero Ħarqita Ja' 'qub ibn Lajt (879d. C.) avrebbe composti e fatti scrivere sulla sua tomba.*''

L-aħħar skrizzjoni li se nirreferu għaliha hi dik ta' Majmuna li tagħha Temi Zammit għamel traduzzjoni bil-Malti li tinstab stampata f'Vella u f'kotba oħra.

## L-GĦANJA TA' MAJMUNA

1. Staqsi lilek innifsek, jekk hemmx fl-art min jibqa', jew jitfa' lura 'l-mewt jew ifejjaqha.
2. Il-mewt ħarġitni minn ħajti qasira: ma swewlix it-tjieba u l-ġabra.
3. Kont bieżla f'għamili – kull m'għamilt magħruf u jibqa'.
4. Min jara l-qabar li fih jiena mibnija: t-trab għabbar xfar għajnejja.
5. F'moqagħdi u f'dan xejn ħlief biki x'ikun fil-qawmien tiegħi meta jiġi min Ħalaqna?

L-epitaff ta' Majmuna hu distint mill-eżempji l-oħra minħabba fin-nebħa poetika tiegħu. Qalleb 'l Amari u ma ssibx wieħed li fih il-qawwa u s-sinċerità li fiha s-sempliċità tiegħu. Il-kuntrast li jinħalaq permezz tat-tixbihat jilħaq 'climax' mill-iktar qawwi:

F'sitwazzjoni fejn l-assurdità tal-ħajja tidher kważi assoluta, tintervjeni l-fidi: lejn qawmien ġdid.

## Kummentarju

Il-kwotazzjonijiet Koraniċi li nsibu kemm fl-eżempji lokali kif ukoll f'dawk Sqallin li jagħtina Amari, juru biċ-ċar li l-Misilmin ftit kellhom dilemmi fuq in-natura tal-ħajja. Din iċ-ċertezza, dan l-ispirtu ta' tama ottimista kien dominat minn fidi għamja: fidi msejsa fuq l-"*al di la*". Il-bniedem m'hux xi essere problematiku iżda hu mħares u protett minn Alla-il-figura teistika tal-Ħaqq u tal-Ħniena. Ir-riferenza għall-ġenna bħala "ġnien imterraq mix-xmajjar" tfakkarna fid-dehriet mitiċi Orjentali; il-Ġenesi wkoll jippreżenta l-utopja dinjija fi ġnien imsoqqi minn erba' xmajjar (Ġen. 2,10). Kwotazzjoni rikorrenti hi Sura II. 255 fejn l-omnipotenza Teistika hi raffigurata mill-karatteristiċi rjali: huwa Sultan li l-manbar (tron) tiegħu iħaddan is-smewwiet u l-art. B'hekk figura li ma teżistix fid-dimensjoni hi attwata permezz ta' projezzjoni f'termini umani u soċjali: umani għax ir-relazzjoni art – smewwiet minn dejjem kienet tissuġġerixxi stat traxxendentali għall-bniedem u soċjali minħabba l-figurazzjoni monarkika t'Alla. Interessanti ninnutaw l-għarfien li l-mejtin qegħdin jitolbu: l-iskrizzjoni nru. 3 (minbarra li tixhed il-livell tal-ħajja akkademika fi gżiritna għax hija kwotazzjoni minn poeta Għarbi klassiku), titlob l-immortalizzazzjoni tat-tifkira – tifkira li trid teċċedi l-limitazzjonijiet li huma mposti fuq il-ħajja umana. Dan hu milħuq miċ-ċaħda tal-karattru uman – "Bħal kieku qatt ma xorbu qatra ilma safi, u qatt ma kielu. . . ." Il-karattru uman jassumi dimensjoni temporali – twelid ifisser mixja lejn il-mewt; ċaħda ta' dan l-ordni tfisser statiċità eterna – dak l-għarfien li qed jitolbu l-"għammara mikduda ta' l-oqbra". Nistgħu nsegwu distinzjoni fundamentali bejn din il-konċezzjoni u l-indirizz ta' Majmuna. It-tfajla torbot l-eżistenza tagħha mal-ħajja: mhux talli ma tiċħadhiex, talli titbekka għaliex "il-mewt ħarġitni minn ħajti l-qasira." Hija reazzjoni umanistika: il-ħajja tibki quddiem il-mewt. Aktar minn hekk, Majmuna tintrabat b'ċerta speċifiċità: il-bżulija t'egħmilha, il-familja tagħha fid-dar . . .

## Versi

1. int li qed taqra (Ħajja)/jien Majmuna (Tmiem fil-mewt)
2, 3. virtujiet tal-ħajja/assurdità quddiem il-mewt.
5. il-biki f'dar/il-qawmien tiegħi

Fuq kollox jinħalaq effett drammatiku bl-influzzjoni patetika. Ir-raba' vers joħloq impatt effettiv: l-ewwel viżżjoni li l-mentalità umana ser tipprojetta ta' Majmuna hi ta' xi tfajla b'għajnejha jibbru, b'ħarsa ta' sliem; iżda Majmuna għajnejha mgħabbra bittrab, m'humiex se jibbru għall-ħarsa tiegħek, kesħin, . . .

Il-versi huma mfasslin fuq binja salmistika, iżda ta' min jinnota distinzjoni mportanti: Il-Miserere m'għadux invokazzjoni lil Alla; ġie tradott f'termini umani – inti li qed tara l-qabar tiegħu, ftakar li xejn ma jwaqqaf lill-mewt . . .

Bil-ħsibijiet Sublimi ta' Majmuna naraw li għad li l-lapidi sepolkrali ma jidħru fl-ebda antoloġija poetika, xi drabi fihom nebħa tassew poetika. F'nuqqas ta' dokumenti storiċi dawn il-frammenti jħalluna għall-inqas nieħdu stampa ġenerika tas-soċjetà u nitkixxfu l-valuri u l-aspirazzjonijiet li l-bniedem kien igħożż.

---

[1]M. Amari *Le Epigrafi Arabiche di Sicilia*, ediz. Flaccovio, (Palermo 1971), p. 143.
[2]*Ibidem.*
[3]E. Rossi, *Le Lapidi Sepolcrali arabomusulmane di Malta – Rivista degli studi orientali Vol. XII.* Paġni 434, 436 u 442.
[4]*Koran*, Sura VII, 52 – 54 (Paġna 250).
[5]*Koran*, Sura II, 2537.
[6]*Storja ta' Malta*, Vol. I, p. 86 – 88.

## LUDOVIK MIFSUD TOMMASI

### Kriterji Letterarji u Popolari

Ludovik Mifsud Tommasi twieled nhar it-18 ta' Novembru 1796 minn Franġisku u Anġelika Tommasi;[1] sar qassis u beda jgħallem fis-Seminarju sakemm fl-1834 fetaħ skola fid-dar tiegħu, 91 Strada Levante, Valletta. Fl-1857 ġie maħtur kanonku tal-Kolleġġjata ta' Bormla u wara l-Isqof Pace Forno għażlu għall-kanonikat tal-Kattidral. Meta kiber, tilef id-dawl, iżda xorta ssokta jikteb. Miet fit-23 t'Ottubru 1879.[2]

Għalkemm l-isem tiegħu għamlu bil-kitba tal-kurunelli bil-Malti, Mifsud Tommasi beda l-kitba tiegħu bit-Taljan: l-ewwel xogħol tiegħu kien ġabra ta' sunetti f'ġieh l-Arċisqof Caruana, *Il Presagio Avverito*. Għad li maħduma bir-reqqa u bis-sengħa, din il-ġabra nistgħu nqisuha bħala eżerċizzju metriku, għax billi l-argument huwa superfiċjali u nieqes mill-ħeġġa sinċiera tas-sentimenti, ma nafx kemm nistgħu ngħidu li l-kostitwenti tas-sunetti jingħaqdu biex jiffurmaw il-vera poeżija. Biss naraw is-sengħa tal-kittieb fir-retorika u fil-kostruzzjonijiet klassiċi: fuq hekk tistħaj-jilhom salmi bibbliċi li jeżultaw u jgħannu l-glorja ta' l-eroj feddej:

> "*Applaude Roma, e 'l Reggitor del Mare:*
> *Alto il Tebro e il Tamigli alto ripete*
> *I plausi, e voi de plausi scopo siete*
> *Voi di SAVERIO eccelse dati e rare*"

(*Sonetto XI*)

Fid-dedikazzjoni, l-kittieb ifissrilna l-għan li kellu f'moħħu meta kiteb is-sunetti: "*Quella Filosofia, che non soggiace ad alternazione di sentimenti, quella stessa che mi ha di coloro sempre mai invaghito, . . . dessa é stata, che riprender mi fece il negletto mio Plettro per esprimere in tuon di gioia verace verso l'ECCELENZA VOSTRA REVMA, . . . Dessa é stata, che trasferir mi fece sulle vette di Pindo per cogliervi de fiori ad intessere una CORONA al vostro eccelse Merito* . . . " Minn dawn il-kelmtejn toħroġ il-viżjoni tal-'poeżija' kif jara l-poeta: fil-waqt li fil-kurunelli jistabilixxi rapport dirett mat-tradizzjoni tal-poplu, fis-sunetti għadu maqtugħ minn dak il-moviment u jippreżenta l-poeta bħala l-messaġġier tal-muża. Hekk fil-kurunelli joqgħod fuq l-istess livell tal-qarrej, fil-waqt li f'din il-ġabra jqis 'il-poeta bħala l-pont bejn il-*Vette di Prindo* u l-qarrej.

Il-fus ta' l-idejoloġija tal-kittieb hu dejjem konsistenti. Il-

vanità tad-dinja u t-tfassil ta' ħajjitna fuq tal-qaddisin: l-attitudni tiegħu lejn is-soċjetà kontemporanja hi tipikament kattolika – "il-kbir ħażen ta' daż-żmien"; f'dan id-dawl huwa jistaqsi:

"Għalfejn mela, mingħajr għaqal
Ma' did-dinja norbtu qalbna?[3]

Għalkemm huwa jipprova jgħaqqad lill-kotra permezz tat-twemmin tagħha, il-kurunelli infondew sens ta' passività kristjana fil-mixja risorġimentali ta' pajjiżna. Hekk per eżempju, insibuh jiffavorixxi l-alleanza bejn it-tron u l-knisja – kunċett li proprju sena qabel kien wieħed mill-ispunti tar-Rivoluzzjoni Franċiża (1830).

"Tra la Chiesa, e l'Impero lega nuova
del popolo fedel mantien la pace"

(*Sonetto X* – (1831))

Waqt li jipprova jgħaqqad il-ħsieb morali ma' l-impenn letterarju huwa jżomm il-kurunelli tiegħu f'linji paralelli mal-karatteristiċi ta' l-għanja popolari. Huwa jwaħħad l-armonija mużikali ma' l-ispirtu morali, iżda l-element qawwi didattiku jxekkel l-istil; bl-istess mod l-ispiritwalità tibqa' fuq il-livell superfiċjali tal-manifestazzjoni esterna – dan għaliex, kif jgħid Cassar-Pullicino, il-konċezzjoni tal-kittieb m'hix ikkonċentrata u svolta biż-żejjed.[4] Huwa jsawwar kwadretti tal-ħajja Nisranija b'xejriet favolistiċi popolari daqskemm didattiċi u morali, fil-waqt li jippreżenta mitoloġija sħiħa kristjana – l-protagonista hu l-eroj qalbieni li dejjem lest biex jissielet għal kawża ġusta:

"Bħal qalbieni kavalier
B'sejf tħażżimt, ilħaqt tribun
U f'Berito, kollok qawwa,
Inti qridt l-ikreh Dragun."

Lil San Vinċens Ferreri hekk isebbħu u jagħtih ġieħ:

"Spanja, Franza, Ġinievra, Italja,
Kollha qawwa jġarrbu kliemek;
Greċja, Londra, Skozja, 'Rlanda
Imqaddsin iġġib quddiemek."

– jippreżenta spettaklu mill-aktar sentimentali tar-reliġjon. F'din il-viżżjoni ir-ruħ kristjana timraħ fuq manifestazzjoni reliġjuża msawwra minn kostitwenti pagani bil-ħsieb li tissostitwixxi l-kisba ta' l-eternità utopistika (misteru għall-bniedem) b'taqbida dejjiema ta' l-umanità kontra l-'ħażen' materjalistiku. F'din it-teatralità rit-

walistika, Mifsud Tommasi jsib soluzzjoni għali-misterjożità spiritwali li jħoss in-Nisrani.

Il-ħsieb tal-kurunelli hu li jagħtu tifsira traxxendenti lil dinja materjalistika – riċerka kontinwa għar-realtà 'vera' u kristjana. B'hekk fihom insibu żewġ elementi paralleli – interpretazzjoni spiritwali tad-dinja u interpretazzjoni umana tal-qaddisin, għax għalkemm dawn jiġu ppreżentati bħala oġġett ta' qima, l-għan tal-kittieb hu li jipprovdi mudell għall-bniedem. L-ispirazzjoni tiegħu hi mmexxija minn għan reliġjuż-soċjali, hekk li jaħseb li r-reliġjon għandha tkun il-motivazzjoni li tmexxi n-nazzjon. Għalih ir-realtà ssegwi d-definizzjoni oġġettiva ta' l-unità – unità fil-ħsieb u fis-sentimenti, għalhekk kull diversità li ma tagħrafx il-prinċipji kristjani m'hix issegwi l-verità reali.

It-traduzzjonijiet ta' l-innijiet sagri beda joħroġhom fil-ġurnal *Il-Malti* (l-organu ta' l-Akkademja Filoloġika) u wara ġew miġbura flimkien fl-*Inni Mqaddsa*, li deher fl-1853. Iżda din id-darba huwa rranġa u raqam iżjed dak li kien ġa kiteb. Mil-Laudi ta' San Franġisk de Paola nisiltu dan li ġej:

| *Il-Malti* | *Inni Mqaddsa* |
|---|---|
| Oh xi dgħajsa li ġġib l-għaġeb | Dgħajsa, dgħajsa li ġġib |
| B'ġid u ġmiel mill-kbar | l-għaġeb |
| mogħnija! | B'ġid u ġmiel wisq kbir |
| Ebda dgħajsa qatt ma kienet | mogħnija! |
| B'dal-kbir għana imgħobbija. | Fejn qatt oħra ġiebet fuqha |
| | Minn hedin ogħna tagħbija? |

Mifsud Tommasi kien ħejja ktieb ieħor biex isieħeb lill-*Inni Mqaddsa*, *Il-Għana tan-Nisrani*, iżda dan ma kienx ġie stampat. Fit-twissija li hemm fil-bidu tal-MS, l-awtur ifisser kif kellu jikteb dawk id-devozzjonijiet f'sura ta' poeżija, għax b'dan il-mod il-poplu aktar jogħġbuh u aktar jiftakarhom bl-amment. "Imħolli l-għana fieragħ, l-Insara aktarx jitgħaxxqu juru l-ġmiel ta' leħinhom mogħni bil-ġmiel tal-qdusija . . . "[5] Fuq din il-ġabra Dun Karm jgħid hekk:[6] "L-hawn u l-hinn il-ħsieb ta' dan il-kittieb jaħbat jogħla xi ftit, u tara bħal dawl ta' poeżija ileħħ minn qalb dik il-proża mqabbla: dawl li jurik illi x-xejra għal din ix-xorta ta' kitba ma kinitx tonqsu u li ma ħallilniex poeżija isbaħ u aħjar għaliex il-ħsieb tiegħu kien li jgħin il-fqajrin fit-tjieba . . . "

Iżda l-elementi li għalihom Ludovik Mifsud Tommasi jissemma huma dawn it-tnejn (i) tixrid tal-kitba bil-Malti u (ii) dħul u tħaddim ta' metri ġodda f'ilsienna. Forsi aktar mir-rumanzi u mill-poemi, il-kurunelli kienu jinteressaw lill-kotra, għax kienu ċċentrati fuq il-ħajja Nistranija. Irridu niftakru li "*poetry and prayer do*

*have the same origins in sacred ritual.*" Ir-reliġjon dejjem ipprovdiet għajn ta' ispirazzjoni lill-letteratura, mill-Cantico ta' San Franġisk għall-*Inni Sacri* ta' Manzoni. Barra minn hekk, il-kurunelli bil-Malti servew biex infondew sens lingwistiku nazzjonali fil-poplu.

Meta llum naqraw dawn il-kitbiet għandna nqisu ċ-ċirkostanzi u ż-żmien li ġew miktuba fihom. Il-letteratura m'hix xi arti li toqgħod maqtugħa għaliha nnifisha, iżda hi moviment ħaj, iddeterminata mill-ambjent soċjali u minsuġa skond l-esiġenzi ta' dik l-istess soċjetà.

Il-kitbiet ta' Mifsud Tommasi, aktar milli ġeneru letterarju fihom infushom, għandhom jitqiesu bħala pass fit-twaqqif tal-letteratura Maltija.

Biex nagħtu ħliel lill-qarrej ta' l-istil u tan-natura tal-kitba bit-Taljan[5] ta' Mifsud Tommasi, qed inġibu dan is-sunett tipiku:

SONETTO 1

Figli godete: già segui il presagio:
cantar s'intese un Angel messaggiero,
che a noi spiccando un vol d'emisfero;
fugò di ogni sospetto il rio disagio.

Ma dell'abisso il Regitor malvagio
I denti degrignando ancor più fiero;
Il Nume bestenniò tremendo e vero,
cui denegare andi l'alto Trisagio.

SAVERIO, disse, l'uom si retto, e poi
Di virtù carco rare e peregrine
Sovverità l'iniquo regno mio.

In van, folle! mi opposi: le divine
Mire di Amor GREGORIO in lui compio.
I voti vostri sono paghi al fine.[7]

*F'dan is-sunett, bħal fil-kurunelli, l-awtur isawwar mitoloġija sħiħa allegorika li teżulta l-virtujiet ta' l-eroj kristjan. Il-preżentazzjoni li jagħtina ta' l-isqof tidwi b'risonanzi bibbliċi — l-anġlu messaġġier u l-ferħ ta' l-ulied jevokaw l-atmosfera tat-twelid Messjaniku. Din il-perspettività (ġenna tal-art fid-dinja) hi diversa minn dik ta' l-ewwel romantiċi — il-ferħ hu stat kontemporanju għal kawża li tevokah, u m'hix preċedenti, jiġifieri fil-*

*mistennija, bħalma jippreżentah Vassallo. Id-dehra klassika tar-Regitor malvagio hi tipika ta' l-Apokalissi u tagħti lemħa lill-viċendi fantastiċi li jsawwar Ariosto.*

*L-element Ariostjan jissokta jisseddaq fiċ-ċelebrazzjoni erojka ta' dak l-Orlando 'di virtù carco' li jissielet 'l'iniquio regno' għall-kawża l-ġusta. Iżda l-qarrej ma għandux ikun immexxi mis-sentimentaliżmu persunali tal-kittieb – fid-dawl ta' kriterji xjentifiċi huwa għandu jiddetermina l-korrelazzjoni bejn il-viżjoni li jagħtina Mifsud Tommasi u r-realtà storika ta' l-isqof Caruana.*

UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY

---

[1]*Liber Bap. Vol. 10 Fol. 236* – Arkivju tal-Kolleġġjata ta' Bormla.
[2]Ġużè Gatt – ***Dun Dovik Mufsud Tommasi*** – "***Il-Berqa***", 16.11.1937.
[3]Tifħir u Talb lill-Imqaddsa Margerita.
[4]Kitba u kittieba tal-Malti kt. 2, Taq 1. Pg. 68.
[5]Cassar-Pulliċino Pg. 48.
[6]***Il-Malti*** –, Diċembru 1930.
[7]***Il Presagio Avverito*** – ***Corona di Sonetti*** – *Stamperia del governo 1831.*

# IL-POEŻIJA TA' INDRI SCHEMBRI

Indri Schembri twieled fl-1 ta' Settembru 1805 f'Ħal Luqa. Sar qassis, iżda fl-1839 daħal mal-Ġiżwiti; għallem fil-kulleġġ li dawn il-patrijiet kellhom fl-Imdina mill-1845 sa l-1852. Mar fl-Alġier biex jissokta l-ħidma tiegħu fost il-Maltin li kien hemm imxerrdin fl-Afrika ta' fuq. Fl-1864 ħareġ damma ta' talb u innijiet sagri – "Ġemgħa ta' Kliem Imqaddes li jingħad mill-Maltin ta' l-Alġier". Dan il-ktieb hekk intogħġob li reġa' ħareġ darbtejn oħra, fl-1906 u fl-1910.[1] Tlett xogħlijiet oħra ta' Schembri, li kienu nstabu qalb il-karti ta' Patri Manwel Magri, kienu ġew stampati, flimkien ma' kitbiet oħra ta' Muscat Azzopardi, fil-Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien ta' l-1909 (***Tifchira ta' Patri A. Schembri***). Huwa miet nhar is-26 ta' Settembru ta' l-1909.

Il-mottiv prinċipali tal-versi ta' Schembri m'hux imfassal fuq qafas liturġiku bħal ta' Mifsud Tommasi, iżda fuq manifestazzjoni spiritwali u ġenwina li tistabilixxi relazzjoni pożittiva bejn il-bniedem u Alla. Hekk bosta drabi fih ma nsibux xi għamla ta' reliġjon formali, iżda ħtieġa u ħerqa ta' qalb umana li tfittex li titfarraġ mis-sempliċità u miċ-ċertezza li toffri r-reliġjon. Kif jgħid de Sanctis għall-*Inni Sacri* "*poetico è proprio tutto quanto oltre passa il domma, la devozione, il culto*" –

"Jekk ikolli dik ix-xorti
Illi niġi l-ġenna miegħek,
Fuq il-bieb jiena rrid nikteb
O Marija, l-isem tiegħek."

– Id-dinja mistika li joħloq il-poeta hi dinja umana, msawwra minn elementi meħudin mill-ħajja pastorali. Għalkemm Alla huwa l-Ħallieq, m'hux ir-Re li jsemmi l-Manzoni f'***Il Natale***, iżda t-tfajjel jibki u "jninni ġewwa fisqija". Is-soċjetà ta' Schembri, bħal dik Manzonjana, hi kotra universali – mir-rgħajja għall-kbarat; b'hekk jissuġerixxi ċerta unità demokratika li tista' tiġi nterpretata fid-dawl tal-moviment risorġimentali tal-gżira –

"Fejn Int issáltan magħna
u aħna nsaltnu miegħek."

– M'hix il-figura omnipotenti bl-"*ineffabile ira*", li tnissel il-biżgħa w it-tkexkix tal-bniedem, iżda hu dak li jaqsam is-saltna mas-sudditi tiegħu.

Il-poeta jqis il-ġrajja bibblika bħala l-punt tat-tluq għall-ġrajja ta' l-umanità (*In Exitu*, . . . ) – motivazzjoni ta' xulxin li tiden-

tifika t-tiġrib w is-sentimenti spiritwali mal-mixja risorġimentali tan-nazzjon. Huwa jinqeda b'element importanti fil-poeżija patrijottika – ir-relazzjoni bejn il-passat u l-istat attwali – Kristu narawh ifittex il-frott li nżera' fl-imgħoddi (*sitio*): tema li tirrevoka l-kuntrast bejn "*i nostri padri antichi*" msebbħin bil-ġieh u bil-glorja, (f'dal-każ it-trijonf ta' meta

"Ulied Ġakobb,
Mita ħerġin
kienu mill-jasar
ta' nies kefrin")

u l-figura attwali tal-patrija:

"*nuda la fronte e nudo il petto mostri*
*Oimè quante ferite,*
*che lividor, che sangue,*" (Leopardi)

(f'sitwazzjoni identika u parallela għal dik ta' Ġesù, li wara li mexxa l-poplu fis-sebħ ta' l-art imwiegħda, issa qiegħed imsammar kollu ġrieħi fuq is-salib (*Via Sagra*)).

Ġużè Galea kien tal-fehma li l-għan tal-kitba ta' Schembri kien li "jżomm il-Maltin kollha magħqudin flimkien" – unifikazzjoni permezz tat-twemmin u ta' l-ilsien.

Il-kittieb għaraf jippreżenta l-kuntest kristjan fuq sfond li jħaddan bosta elementi tipiċi Maltin. Imbiegħed mix-xtut ta' art twelidu Schembri jsawwar kwadretti lokali u jagħraf jinsiġhom ħaġa waħda fix-xoqqa tat-tema ewlenija –

"Dan ix-xahar minn ta' Mejju
Huwa l-isbaħ fost ix-xhur,
Sabiħ l-ajru, sbieħ il-bħura
Sbejħa l-art kull fejn iddur."

Hekk ifakkar il-miġja ta' San Pawl fostna:

"Għax kif ix-xemx tneħħi
Bid-dawl u bid-dija,
Mill-art u mill-baħar
Tal-Ġieli s-swedija;

Hekk Pawlu b'ilsienu
ġie neħħa mill-qlub
Minn tagħna d-dlam ikrah
li kellna tad-dnub."

Il-kittieb jippreżenta l-appostlu bħala 'xemx' (tixbiha rikorrenti fi

Schembri), viżjoni li tfakkarna f'dak li kiteb Dante għal San Franġisk:

*nacque al mondo un sole* (Paradiso XI, v50)

Barra minn hekk jirrifletti l-kunċett Manzonjan li l-għan tal-knisja ta' Kristu hu r-riforma tad-dinja.

Iżda bħal Tommaseo, Schembri ma jagħrafx ir-reliġjon uffiċjali u espliċita, iżda jħares lejn ir-reliġjon bħala konvinzjoni personali u jara fiha ħtieġa li l-bniedem jistabilixxi rapport intimu ma' l-Essri Divin; terġa' huwa jassumi l-ħsieb Franġiskan li l-għan ta' kull kreazzjoni hu l-beatifikazzjoni tal-Ħalieq – f'hekk huwa jaqbel mal-prinċipju ta' Kant li s-sbuħija hija simbolu tal-moralità:

"Il-għaliex ma jistax jixraq
Is-sabiħ ħlief mas-sbuħija;
Is-sabiħ li Alla tana,
Nagħtuh Lilek, O Marija."

Ix-xeneġġjatura mondana hi magħquda mal-meditazzjoni mistika, iżda l-knisja militanti u trijonfanti ta' Manzoni ma ssibx ruħha fi Schembri; għandna minflok viżjoni umana u pastorali li tisħaq l-importanza li l-bniedem iwaqqaf rapport personali mal-Ħallieq. Hi tqanqila ħierġa mill-qalb tfawwar bil-ħeġġa ta' ruħ nisranija li għarfet il-fejda tal-fidi f'Alla fil-għatx tagħha għas-sliem. Fil-versi tiegħu nsibu dik il-ħlewwa li kienet tgħaxxaq il-qalb, b'dak ir-ritmu mexxej u milqut, b'dik il-kisra mużikali li tħannen lil kull min jismagħha f'ħolma ta' hena u ta' sliem.

[1]*Cenni Bijografici* – Ġużè Galea: *Il-Ġiżwita Indri Schembri*, *Il-Malti* ta' Ġunju 1940, p. 34.

# MANWEL DIMECH: ASPETTI LETTERARJI

L-isem ta' Manwel Dimech hu isem kontroversjali għall-aħħar fil-ġrajja tas-seklu għoxrin – għal min hu l-patrijott li ta ħajtu biex jistabilixxi l-identità tan-nazzjon u l-qawwa tal-proletarjat, u għal min hu bniedem li ġibed fuqu l-għajb tas-soċjetà. Iżda forsi ftit huma dawk li jaraw f'Dimech wieħed mill-ħabrieka ta' l-ilsien Malti – "nafu li f'din il-ħaġa nsibu gwerra l-aktar ħarxa minn dawk li jobogħdu 'l-Malti, iżda aħna noħorġu rebbeħin żgur, bl-għajnuna tas-sema." Biex ixerred il-fehmiet li kien iħaddan f'Jannar ta' l-1898 beda jitbagħ *Il-Bandiera ta' l-Maltin*, kiteb xi grammatiċi u xandar żewġ rumanzetti.

Il-poeżija ta' Dimech tħaddan iż-żewġ kunċetti li kienu jsawru l-letteratura tradizzjonali – il-patrija u l-ispiritwalità. L-idejal tiegħu kien li jħeġġeġ lill-Maltin sabiex jingħaqdu, biex il-ġrajja l-qadima terġa ttenni ruħha u l-poplu jinfeda mill-ħakma tal-barrani:

"Tagħna rebħu! Rat l-Ewropa
Magħha d-dinja kollha rat,
Li l-Maltin ta' ħila kbira!
X'nies qalbiena Malta tat!"

U l-ġrajja toffri motivazzjoni għall-preżent u tnissel fih tamiet ġodda –

"Tibża xejn, sabiħa Malta,
Riesaq, riesaq dak iż-żmien,
Illi fih id-driegħ tal-Qawwi
Jagħti lilek il-ħelsien."

"*Vox populi, vox Dei*": il-perspettività ta' Dimech hi tipikament risorġimentali; huwa jassumi il-ħsieb Mazzinjan li l-ewwel tarġa li twassal u li tintitola lin-nazzjon għall-ħelsien hi l-għaqda spiritwali tal-poplu, imħares mill-Ente Suprem – tema rikorrenti fir-romantiċi bikrin u, aktar tard, f'Dun Karm.

Il-fidi u t-tbatija jagħmlu sehem integrali fl-ispirazzjoni poetika; Dimech hu poeta mmexxi aktar mill-esperjenza personali milli minn sintesi ta' esperjenza letterarja. Id-dinjità tiegħu ġejja mir-rivelazzjoni ta' l-identità tal-patrija u tal-konċezzjoni spiritwali – l-eternità tal-bniedem – hekk li fl-aħħar il-fidi tiegħu tegħleb kull turbament ta' inċertezza li tqanqal fih il-mewt. Jaqa' f'dak li qal Foscolo li l-isperanza hi l-aħħar alla għall-bniedem:

"Lassù fra cori angelici ti chiama
L'Eterno, l'Invincibile."

Il-poeta hu impenjat mid-definizzjoni tiegħu n-nifsu u tal-patrija. Il-kunċett ta' l-ego suldat tal-patrija, li hu żvolt fin-niżġa lirika ta' Dimech, isegwi l-fenomenoloġija ta' Hegel: l-individwalità ta' l-ego hi fl-istess ħin l-għarfien ta' l-universalità tiegħu.

L-għan ewlieni tal-poeta kien li jsib is-sliem f'din id-dinja, iżda għalkemm fittxu, fl-aħħar kellu jammetti li "*l'ho cercato lungo invano.*" L-hena li ma sabx m'hux ma ħalaqhiex f'dinja ta' "*escapism*", iżda talli żied ikattar in-nuqqas tagħha b'kumpassjoni personali:

"Ahi da compiangere davver sono io!"
"Piangi cuor mio – tu al piangere
gia troppo avvezzo sei!"

Il-figura li toħroġ minn dawn il-versi hi ta' l-ego suldat-figura nazzjonalizzata li tirrappreżenta l-lotta tal-kotra. Ifakkruna f'dak il-vers Leopardjan:

"Piangi, che ben hai donde, Italia mia,"

F'waqtiet aktar personali, Dimech jipprova jaħrab mir-realtà miżera tal-ħajja u jitfarraġ mill-ġmiel tan-natura:

"Alma mia,
Tutto obbia,
Non pensare al triste mondo."

Dan għaliex il-poeżija ta' Dimech hi mistħarrġa – hi xhieda ta' dak li għadda minnu l-poeta. Beka, bħalma beka Dun Karm, il-mewt ta' kanarin, bħal Leopardi issaħħar mill-qawwa tan-natura, bħal Vassalli saħaq għall-ħelsien ta' pajjiżu u bħal Giannone, bil-kitba tiegħu ried jifdi lit-tielet klassi mill-miżerja li tefgħetha fiha s-soċjetà.

Fil-poeżija ta' Dimech nistgħu insegwu l-emanċipazzjoni bejn il-letteratura u l-ġrajja politiko-soċjali. Huwa għaraf l-attitudni passiva u inetta tal-mentalità ta' żmienu – mentalità tradizzjonalista, reazzjonarja għall-aħħar għal dak kollu li joħodha kontra l-"*ançien règime*". Il-poeta jiċħad l-istabiliment tas-soċjetà bilħsieb li jagħti definizzjoni ġdida lill-patrija. Is-satira w is-sarkażmu tiegħu jilħqu l-milja tagħhom fl-"Innu tal-Maltin":

"Tibża' qatt ja dlam għaxxieqi
li sa fl-aħħar inħalluk:
Illi nibqgħu dejjem miegħek,
kelma sħiħa lkoll nagħtuk."

– tippreżenta l-akbar paradoss: meta jdur lejn ir-realtà, l-ideoloġija tiegħu fix-xejn – soċjetà mjassra mill-kontinwità tat-tradizzjoni.

Lil Malta, Dimech jaraha mill-aspetti tar-romantiċiżmu, dej-jem fil-figurattività femminili "sabiħa", "ommi" . . . Ma jlugħmiex talli ma fehmitux, talli tturufnatu minn ħdana, għax hi ma taħtix għall-istat tagħha – iżda jixli 'l min qed iżommha fil-jasar. Bħal Silone, Dimech iħares lejn dan l-impenn bħala impenn morali – l-imħabba għal art twelidu ssir twemmin spiritwali u l-għan ewlieni tal-poeta:

"Kif jekk mis-siġar mifrudin il-friegħi
Ma jgħixux iżjed, hekk ukoll minxur
Fl-art naqa', O Malta, jekk le jħaddnek driegħi."

Ninnotaw l-assimiljazjoni ma' Ġwanni 15 – "Min ma jibqax fija, ma jistax jgħix . . .". Iżda nżommu f'moħħna dak li jgħid Ardrey: *territoriality – the drive to gain, maintain and defend the exclusive right to a piece of property – is an animal instinct approximately as ancient and as powerful as sex*". Fil-każ ta' Dimech dan jgħodd fuq skala nazzjonali.

L-aktar li uża fil-Malti kien il-vers ottonarju, li tgħallem mill-prosodija ta' l-istess natura ta' l-ilsien Malti. Dwar il-lingwaġġ li jikteb bih jidher li kellu ħjiel tajjeb ta' kif għandu jinkiteb il-Malti; jistqarr Dimech stess, "L-Ilsien Malti mhux sabiħ meta jkun miktub safi safi, imma saħansitra meta jkun fih xi kliem minn ilsna oħra." Kemm-il darba tenna li l-kittieba tal-Malti għandhom jingħaqdu u jagħżlu ortografija waħda; fuq hekk nistgħu ngħidu li kien il-prekursur ta' l-"Għaqda tal-kittieba tal-Malti". Biex nagħtu ħjiel ta' l-ortografija tiegħu, nisiltu dan li ġej (1899) – "L-alfabett Malti fih 23 ħażż u aħna rridu li jkun fih 29. Il-ħażż 'w' għandna bżonnu wisq fil-Malti biex kliem bħal 'iseuuu' jinkitbu 'isewwu' . . . Il-leħen tal-'k' mill-gerżuma, bħal f''kaddis' u 'koton', għandu jinkiteb billi jiżdied ħażż ieħor, il-'q', u jinkitbu 'qaddis' u 'qoton'," (fuq hekk kienu bil-wisq tgħalltu xi kittieba qablu, fosthom De Soldanis, li ma għarfux id-differenza bejn dawn iż-żewġ ħżuż), "waqt li l-ħazz 'k' indaħħluh għal-leħen Ċ iebsa (ca, co, cu)". Huma l-istess prinċipji li ħaddnet l-Għaqda, iżda Dimech ma kiseb l-ebda għarfien għall-idejat tiegħu.

## "IL-GIDBA" TA' OLIVER FRIGGIERI

### Il-Gidba tas-Soċjetà

"Il-Gidba" jippreżenta l-problemi soċjali ta' nazzjon li qed joħnoq lill-membri tiegħu f'xibka li niseġ hu stess u fejn il-bniedem mhux immexxi mill-individwalità tiegħu, iżda mit-tradizzjonijiet u mill-esiġenzi tas-soċjetà. Hawn jitfaċċa l-kuntrast bejn il-protagonista, li jisfida n-normi konvenzjonali tas-soċjetà, u l-kotra, leali u fidila lejn il-ġieh u l-kult tar-raħal. Huwa dan il-grupp, li jgħix il-gidba kontinwament, li jibqa' jisseddaq – kif jgħid Nietzche l-istess istint għall-perservazzjoni tiegħu jirrendih u jgħallmu jkun falz u volubli – kif fil-fatt tispiċċa Rebekka. Din hija l-gidba li jirreferi għaliha l-isem metaforiku tar-rumanz.

Il-problema ewlenija ta' Natan hija ż-żwieġ: fil-waqt li għall-kotra din il-għaqda hija xi għamla ta' xi grad soċjali, donnha ċertifikat tal-ġieħ tal-familja u tas-sedqa tal-pjan t'Alla, għal Natan il-ħajja bejn raġel u mara hi soluzzjoni għas-sens ta' solitudini – solitudini li fl-isfond tagħha hemm it-tifkiriet ta' għaqda formali li ma rnexxietx. Ir-rabta għalih hi għaqda intima, personali u privata bla ma tħalli l-ebda lok għal xi pretenzjonijiet soċjali. Il-ħajja tal-kotra kienet sfat tant issistemattiżżata li wkoll l-aktar viċendi personali ġew abbozzati fil-liġi tal-ħajja soċjali. Min-naħa l-oħra, il-komunità, għalkemm qiegħda kontinwament imjassra minn din il-kodiċi, tbiddel din il-persekuzzjoni fi spettaklu fieragħ f'ġieħ il-frugħa tar-raħal bil-ħsieb li tibqa' tidentifika ruħha mat-tradizzjonijiet tal-ġenerazzjonijiet ta' qabel (bħal meta miet Luret bin-nar u ħaduh bil-banda).

Dan il-kuntest jiddetermina wkoll l-attitudni li s-soċjetà tassumi fuq il-ħajja ta' Natan u Rebekka – "Għalija m'hix ħtija" – m'hemm l-ebda sens kolpevoli fih in-nifsu, iżda hemm iċ-ċaħda tal-kodiċi tas-soċjetà. Kif jgħid Conrad *"The real significance of crime is in it's being a breech with the community of mankind"* – "L-irħula t-tnejn bi ħġarhom qalulna li hi ħtija" u t-twiddiba risonanti ta' l-omm "għix bħan-nies!". Hawn tippreżenta ruħha l-problema ta' l-inkomunikabilità bejn iż-żewġ gruppi: m'hix is-'self-possession' ta' xi Eliot, iżda hi r-relatività Pirandelljana. Madankollu f'"Il-Gidba" m'hix ir-realtà li hi relattiva, iżda l-apparenza soċjali: fil-waqt li l-personaġġi Pirandelliani kollha għandhom xi forma ta' verità konkreta u emozzjonali, il-verità tal-kotra hi t-tradizzjoni, imsejsa mhux fuq il-valuri tal-ħajja, iżda fuq gidba: illużjonijiet u manifestazzjonijiet estremi. Ir-realtà għalhekk

hi ħelsien u fidwa mill-komunità.

Barra milli huma vittmi tas-soċjetà Natan u Rebekka huma lsiera tad-destin li jikkostitwixxi l-ħajja umana: il-laqgħa aċċidentali bejn Anna u Natan. Jissokta jikteb Conrad li *"It is not justice the servant of man, but accident, hazard, Fortune – the ally of patient time."* Fil-waqt li xi Proust iħallat l-ordni kronoloġiku f'koerenza extra temporali, il-ħarsien ta' l-ordni temporali huwa l-fulcrum li s-soċjetà tuża biex tixli 'l Natan; għall-kotra ż-żwieġ ma' Anna huwa perjodu definit u li jiddetermina r-relazzjonijiet ta' Natan, fil-waqt li l-protagonist irid jinqata' minn dik ir-rabta falluta biex jibda ħajja ġdida.

L-attitudni li Natan jassumi lejn il-ħajja tfakkarna fil-konsistenza u fid-determinazzjoni tal-protagonist Silonjan: *"Non vorrei vivere secondo le circostanze, l'ambiente e le convinzioni materiali, ma senza curarmi delle conseguenze vorrei vivere e lottare per quello che a me apparirà giusto e vero".* Fis-sewwa kemm Natan kif ukoll Friggieri l-poeta qegħdin kontinwament ifittxu loġika ta' l-eżistenza umana – it-tnejn jiċħdu l-livell superfiċjali u konvenzjonali tal-ħajja.

## Mil-Lirika tal-'fuga' sa Natan

Teżisti rabta bejn il-kreazzjoni artistika u l-ħallieq tagħha, li l-ispirtu u l-mentalità tiegħu huma riflessi mill-opus letterarju. Din ir-rabta nistgħu nsegwuha meta nqabblu dan ir-rumanz mal-poeżiji ta' Friggieri.

Ninnutaw li Natan wettaq il-fuga tiegħu mis-soċjetà, iżda għalkemm jagħraf il-valuri ta' l-exodus sħiħ, jibqa' jgħix fostna. Magħluq f'dimensjoni spazjali limitata u ttimbrat bis-saħħa tas-soċjetà, Natan jixxennaq għal meta

> "... ninżgħu dawn il-ħwejjeġ u nħalluhom hawnhekk warajna, għax fil-belt il-ġdida ma ningħarfux b'din l-uniformi stramba".

Mill-bniedem ta' l-"Egućentriżmi" għal Natan għandna żewġ *'stepping stones'* importanti fir-rapport tal-bniedem mas-soċjetà: minn naħa għandna l-persunaġġi mill-'folla rħisa' u li fiha jfittex il-kenn mill-indeċiżjonijiet tiegħu, fil-waqt li fuq in-naħa l-oħra Natan jinqata' għal kollox mill-kożmos u jipprova jgħix ħajtu. Hija s-soċjetà li "twassal lill-bniedem jingħalaq fih innifsu" sabiex ikisser il-ktajjen tal-jasar li jorbtuh mal-kotra. Natan għaraf ineħħi 't-tiżliġ tar-realtà' sabiex jiskopri verità aktar reali – ir-realtà ta' l-individwu. Iżda f'għajnejn is-soċjetà hu għad irid jinfeda mill-ħtija tal-imgħoddi. Għall-protagonist Friggierjan il-ħajja hi "bħal

dan is-sigarett, pejjiptu u se narmih" (idea li tirrikorri wkoll fil-poeżija "Nifs"). Iżda almenu Natan ma jgħixx bl-illużjoni ta' xi '*ultima sigaretta*' u jagħraf li dment li l-bniedem jibqa' magħluq fil-ġrajja tal-kotra, se jibqa' l-vittma.

Il-mużika tista' tippreżenta assimilazzjoni oħra bejn il-kittieb u l-protagonist. Il-poeżija "Fuga" minn barra li hi ħarba f'dimensjoni kemm temporali kif ukoll spazjali, tissuġġerixxi wkoll Fuga mużikali: stat ta' perfezzjoni u ta' eternità (r-repetizzjoni tat-tema ewlenija). Natan ukoll isib il-post tal-mużika – is-sinfonija ta' Mahler (Kap. 9). Din id-darba għandna l-istat ta' perfezzjoni wkoll: l-elementi popolari huma idealizzati platonikament; josserva Mitchel li s-sinfoniji ta' Mahler *"had made popular and folk music elements serve as a musical language"*. Hekk il-mużika ta' dan il-kompożitur 'indeċiż u mħawwad' *(bħall-protagonist)* tirrifletti x-xewqa ta' Natan li jbiddel it-tiġrib u l-ħsus popolari f'sentimenti l-aktar sublimi.

## Ambjent u xeneġġjatura metaforika

L-Ambjent Malti tar-rumanz modern hu divers minn dak tradizzjonali. Hekk fil-waqt li xi Muscat Azzopardi jew xi Aquilina jippreżentaw l-infinità tal-gżira u jintilfu f'deskrizzjonijiet imnebbhin mill-kontinent, issa Malta mhux talli qed tidher fil-ħolqa ċkejkna tagħha, iżda saħansitra saret ma tesax lill-protagonist. Iċ-ċokon ta' l-isfera spazjali joħnoq lill-individwi f'komunità waħda: ħajja li għas-soċjetà saret qisha liġi oħra tan-natura. Dan il-kuntest jiddetermina l-mixja tal-ħajja tal-kotra u jaljenaha b'mod li l-individwu jisfa' l-pupazz li hu ċittadin tas-soċjetà qabel ma hu bniedem. Fil-waqt li Natan jirnexxilu jinħall, Rebekka, għal raġunijiet familjari tisfa mħaxkna bejn iż-żewġ kurrenti opposti: is-sogħba taċ-ċaħda t'ommha (li tippreżenta wkoll it-Tradizzjoni) u x-xewqa opposta li tinfeda mill-jasar tal-komunità.
Malta tiġi ppreżentata bħala raħal wieħed, u għalhekk tiġi kkundannata kollha kemm hi minn xi introvert li jixxennaq għad-"deżert fejn kollox hu ħieles". Għalkemm Natan imur jgħammar f'raħal ieħor, ġrajjietu tiġri miegħu: l-unika soluzzjoni hija s-safar: fidwa sħiħa permezz ta' l-exodus mill-art tal-jasar – konklużjoni simili bħal dik ta' Fredu Gambin f'Il-Gaġġa.

Il-kittieb jagħraf ukoll iwaħħad il-pajesaġġ mal-ħsieb tal-ġrajja: nieħdu bħala eżempju l-waqt tas-separazzjoni li jseħħ ħdejn il-kappella tal-Madonna tal-Ħlas. Ninnutaw li l-isem stess jissuġġerixxi riġenerazzjoni: għal Rebekka din hi soluzzjoni platonika li tippurifikaha mis-sens kolpevoli u mis-saħta t'ommha,

fil-waqt li għal Natan il-'ħlas' hu ridonazzjoni tal-maħbuba tiegħu lis-soċjetà, li huwa jiċħad. Fis-sewwa Rebekka ma kinitx biss il-maħbuba tiegħu, iżda kienet ukoll il-frott tal-karattru tiegħu, għax għad li ma kellhiex il-konsistenza li kellu hu, infatmet hekk minnu li waslet biex tiċħad lil ommha. Bħall-kappella, il-'ħlas' tagħhom hu maqtugħ għalih waħdu "qalb mogħdijiet bla direzzjoni" – suġġeriment għall-assurdità ta' l-eżistenza. Iżda l-ideja ġenerali li hi suġġerita hi dik ta' tama u ta' speranza f'nhar ġodda.

Il-fus li fuqu ddur il-ħajja tas-soċjetà hu t-twemmin; kemm fl-istruttura soċjali kif ukoll fil-kunċett ritwalistiku tar-reliġjon. Meta l-bniedem ma jikkonformax ma' dan l-istabbiliment huwa jġib fuqu "l-għajb tas-soċjetà", u "s-saħta t'Alla". Għall-komunità l-imġiba 'immorali' ta' Natan u Rebekka ġġib kastig fuqha kollha; fl-istess ħin huma jipprovaw jaħarbu mill-kunċett tal-ħaqq u jiġġustifikaw lilhom innifishom permezz tal-assurdità tal-grupp li jemmen formalment f'Alla. Għal Natan Alla la hu miċħud u l-anqas meqjum – sa ċertu punt huwa jipprova jissostitwixxi l-'impact' ta' din il-Forza bit-tama u l-fidi fih innifsu.

## Il-forza tar-reazzjoni

Il-forzi opposti huma kkontrastati wkoll fil-kwantità sabiex id-differenza ta' bejniethom tidher aħjar. Fuq naħa għandna grupp li ssiġilla l-liġi tiegħu b'timbru dejjiemi fuq l-ambjent fejn jgħammar, ("Liġi li mhux biss issibha fil-kotba tal-morali, imma wkoll miktuba mal-ħitan tar-raħal u fuq l-uċuħ") u fuq in-naħa l-oħra grupp rejazzjonarju għall-kunċetti li tħaddan it-Tradizzjoni tar-raħal u li jrid igħix skond il-konvinzjonijiet anti-konformisti li jemmen fihom. Iżda l-ewwel grupp, l-akkużaturi, kwantitativament jissupera għal kollox lit-tieni; terġa' Rebekka mhix konsistenti u b'hekk jibqgħu biss Natan u Fefu – l-annimal f'sitwazzjoni parallela għal dik tax-Xuxana f'"Samuraj" u li jippreżenta l-vittorja tat-tama (suġġezzjoni li t-tama ta' Natan għad toħroġ rebbieħa).

Il-perspettività li toffri n-nisġa tad-denunzja ta' Natan hi dwalistika: fuq naħa għandna l-inkontru bejn Natan u s-soċjetà u fuq in-naħa l-oħra għandna l-ironija li awtur donnu jassumi lejn il-protagonist. Il-kumment aħħari jgħid Natan li fih l-akkuża tal-kittieb "jien miegħek biss ma fallejtx" jiġifieri għandna stqarrija impliċita, li ma' l-oħrajn "jien" fallejt. Jekk il-protagonist hux tort tiegħu sa barra jew le li r-rejazzjonijiet tiegħu qatt ma rnexxew, għandu jiddeterminah il-qarrej; biss f'dik l-aħħar sentenza l-awtur jippreżenta l-ħtieġa li l-bniedem jikseb il-fidwa mill-kodiċi tradizz-

jonali tas-soċjetà.

"Il-Gidba" ma joffri l-ebda soluzzjoni aħħarija – madankollu fil-waqt li l-konklużjoni ta' Sammut f'"Samuraj" hi ħelsien permezz tal-mewt, f'"Il-Gidba" tibqa t-tama, kif jinnota Ebejer fuq il-poeżiji ta' Friggieri *'self destruction, even at his nadir-point, is unthinkable, for the future of Oliver Friggieri is that of Prometheus. One day the chains will be broken".* Għal Natan ukoll, wara s-sħab sewdieni fuq l-orizzont, hemm ix-xemx, merżuq li jxiegħeb it-tama li

"... xi darba jien għad nerġa' niġi
u t-tnejn flimkien nitkellmu bla ma nerġgħu
insibu 'l min jindaħal u jwaqqafna
fin-nofs tal-kelma tagħna".

# IL-KRITIKA LETTERARJA F'MALTA

Minn din il-ħarsa ħafifa ngħaddu biex naraw xi aspetti ġenerali ta' l-orjentament kritiku fil-kamp letterarju Malti. Naturalment apprezzament ta' dan is-sinifikat jitlob konsiderazzjoni ta' l-epoka u tal-qagħda kulturali kontemporanja.

Is-snin sittin raw il-qofol ta' proċess ta' maturazzjoni soċjali. Peter Serracino Inglott jistabilixxi rapport dirett bejn il-fenomenu ta' l-indipendenza politika u l-qawmien ta' moviment letterarju. F'dan ir-rapport hija l-istruttura li qed tiddetermina s-soprastruttura, fil-waqt li fil-ħsieb Gramscjan hija s-soprastruttura li ġġib ir-riforma fil-istruttura. Li għandna nagħrfu hu li dan il-qawmien, flimkien mal-kisba tal-ħelsien politiku hu fattur distintiv ta' għarfien soċjali – għarfien li beda jneżża' lis-soċjetà mill-bixra kolonjali tagħha u li beda jissostitwixxi l-aċċettazzjoni u l-paraliżi intellettwali bil-meditazzjoni kritika.

Ħabbar bikri ta' dan il-moviment kien Ġużè Aquilina li fl-1948, fl-introduzzjoni tal-'Muża Maltija' indika tliet esponenti letterarji mill-kuntest dinji *(Hopkins, Pound* u *TS Eliot)* bħala mudelli għal tiġdid fil-letteratura Maltija. Iżda fil-waqt li fuq naħa waħda nsegwu din l-indikazzjoni, li baqgħet ma ġietx segwita, fuq in-naħa l-oħra fil-ħarġiet differenti tal-'Muża Maltija', kkurata mill-istess Aquilina, l-ilħna l-ġodda huma sempliċiment rassenjati minn xi poeżiji li m'huma bl-ebda mod rappreżentattivi tal-moviment. Kif għidna kienu s-snin sittin li raw ir-reazzjoni kontra s-superfiċjalità tal-klassiċiżmu akkademiku u rivoluzzjoni ta' ideat b'riżq il-kuxjenza ta' għarfien ir-realtà. Azzopardi, Marshall, Fenech u l-bqija ċaħdu l-mit tal-poeżija, u għarfu l-poeżija bħala mod ta' għixien – twemmin, fehmiet u tiġrib persunali.

Minn dik ir-reazzjoni s-snin sebgħin taw xhieda tal-meditazzjoni kritika, ta' valutazzjoni oġġettiva. Mis-saħna taċ-ċaħda, mill-għama ta' ideal (xi drabi platoniku), għal kontemplazzjoni xjentifika. Rajna fost l-oħrajn analiżi ta' l-arti kontemporanja u studji kritiċi li fittxew li jidentifikaw l-egħjun lokali, fil-waqt li fil-ġeneri letteratji ssuktat l-indaġni fuq is-soċjetà kontemporanja.

F'dik li hi kritika letterarja dan ir-riformiżmu ġie mniedi mill-kitbiet ta' Oliver Friggieri, li fil-waqt li jidħol bis-sħiħ fil-moviment ta' moderniżmu, inkwadra l-klassiċiżmu letterarju f'evoluzzjoni waħda tal-letteratura Maltija.

It-terminoloġija konċettwali ta' Friggieri hi konnessa ma' użu attwali li jħaddem l-ideat fundamentali (interpretazzjoni ta' ħsieb, sitwazzjoni, produzzjoni) f'kuntest ta' interessi u ta' ġrajjiet id-

determinati minn (a) konċettwalizazzjoni, (b) interpretazzjoni 'storiċizzata' u (ċ) għan etiku (soċjali). Din il-formalizzazzjoni teoretika nistgħu nillustrawha billi nirreferu għall-interpretazzjoni tiegħu ta' **'Ineż Farrug'** f'**Kittieba ta' Żmienna**. L-analiżi letterarja tħares lejn dan ir-rumanz bħala 'opus letterarju' inkwadrat fil-ħsieb risorġimentali, iżda fl-istess ħin maqtugħ mill-qarrejja ta' żmienu (li żgur ma fehmux ir-rappreżentazzjoni ekwivoka). Hekk l-allegorija tar-rumanz (każ ta' familja imfettħa bħala każ ta' grupp, li jsir simbolu ta' każ ta' poplu) tidħol bil-qawwa kollha fis-suġġestjoni risorġimentali – iżda kemm nistgħu ngħidu li din il-funzjoni ġiet moqdija fis-soċjetà ottoċenteska Maltija? (fis-sens Gramscjan). Jiġifieri fil-ħsieb ta' Friggieri storja tal-letteratura m'hix se tikkulmina fid-destinazzjoni soċjali, iżda titlaq minn ġenesi soċjali u tikkulmina fil-kreattività artistika. F'dan il-każ, din l-assunzjoni teoretika twassal għal djalettika strutturali li tara kemm l-esiġenzi awtonomi tal-kittieb kif ukoll il-ġustifikazzjoni tagħhom f'sitwazzjoni speċifika. Billi Friggieri jagħti importanza speċjali lill-fonti kulturali Taljani jista' jkun li l-kollokazzjoni fil-kuntest storiko-soċjali lokali mhux dejjem tkun evidenti. B'hekk, fid-dawl ta' kriterji storjografiċi, jista' jkun li l-istorja tal-letteratura tidher maqtugħa għaliha mir-realtà soċjali u ssir storja tal-kittieba letterarji.

Mis-*Saġġi Kritiċi* sal-*Istorja tal-Letteratura* għandna rikostruzzjoni tal-letteratura Maltija f'unità organika. B'riħet din it-totalità l-letteratura u l-kritika tista' toqgħod dejjem fuq l-istess pjan. Biss fil-waqt li fit-trattament ta' A.M. Caruana, Friggieri jimponi l-interpretazzjoni risorġimentali kważi b'mod assolut, it-trattament tiegħu ta' Azzopardi ma jeskludix il-fatt (mhux jammetti espliċitament) li l-problemi soċjali li jara Azzopardi ma jistgħux ikunu, parzjalment, riflessjoni ta' problemi psikoloġiċi (persunali) tal-poeta.

B'din il-konċessjoni nistgħu naraw iż-żewġ atteġġjamenti tipiċi tal-kritika Friġġerjana – minn naħa għandna sistematizzazzjoni filosofika u min-naħa l-oħra libertà empirika. Inħoss li dan l-empiriċiżmu fit-trattament ta' poeti moderni jista' jiġi assoċjat ma' l-involviment stess tal-poeta Friggieri fil-moviment ta' żmienu. Fil-fatt, f'**Kittieba ta' Żmienna** hu stess jistqarr "l-imġiba u t-tensjoni li huma mfissra fil-versi tal-poeti ta' llum huma l-istess imġiba u tensjoni tal-kritiku tal-lum. Għalhekk hi ħaġa tqila li tagħti ġudizzju oġġettiv dwarhom".

Milli ktibna s'issa tidher ċara n-natura komplessa tal-letteratura vis à vis il-kultura w is-soċjetà. Huwa biss wara l-għarfien tat-tipiċità tal-forom ta' dawn l-oqsma, li r-relazzjonijiet

ta' bejniethom jistgħu jiġu mifhuma. Friggieri pprovda l-istampa tal-letteratura, iżda f'dik li hi kultura, *'mass mobilization'*, . . . għad jonqos x'isir. Nittamaw li dawn l-ispunti tagħna jwasslu l-qarrej biex jifforma l-ġudizzju personali tiegħu fuq dan ir-rapport kultura-letteratura.

# LETTERATURA U IDENTITÀ NAZZJONALI

Għad illi llum issib nies li jridu jifirdu l-progress soċjali tal-pajjiż mill-iżvilupp kulturali tan-nazzjon, dawn iż-żewġ setturi huma interdipendenti, b'mod li huma riflessi rispettivament f'xuxlin. Ukoll il-filosofija Marxista tqis lill-arti bħala *'one of the major forms of social consciousness'*, u li *'plays a big part in the spiritual development of society'*. Għalhekk, għad illi l-għadd ta' l-esponenti tal-arti hu żgħir u limitat, l-espożizzjoni tagħhom timrah fuq skala nazzjonali, għaliex huma prodott ta' l-istat soċjali, politiku, etniku u intellettwali ta' żmienhom. B'dan il-mod l-istorja kulturali ta' nazzjon hi analoga għal ġrajja politika tal-pajjiż, li, min-naħa tagħha tagħmel sehem integrali mill-kumpless kontinentali u mondjali. F'dan id-dawl 'Malta Maltija' ma timplikax gżira iżolata ta' insularità assoluta, iżda Malta emanċipata f'mekkaniżmu relattivament interdipendenti, iddefinita mill-identità nazzjonali tagħha. F'din il-kosmiċità, il-kultura tan-nazzjon tiżvolġi ruħha fi struttura ta' estetika universali, f'evoluzzjoni ekonomika relatata ma' l-impożizzjoni temporali tal-pajjiż (it-temporalità fil-progress mhix oġġettiva – l-Italja ngħaqdet fl-1871, fil-waqt li Malta kisbet l-indipendenza politika tagħha fl-1964). Minn dawn il-kriterji li nistgħu niddeterminaw l-aspett movimentarju tal-letteratura – movimentarjetà li biex nerġgħu nieħdu l-eżempju li semmejna tintitola lir-Romantiċiżmu fi gżiritna għall-ewwel nofs tas-seklu XX u li bl-istess kriterju tiġġustifika d-dekadenza tar-Romantiċiżmu Taljan fis-seklu li għadda.

Għalkemm il-bniedem huwa ħieles li jirreaġixxi skond it-twemmin li jħaddan, huwa ma jistax jiddetermina ċ-ċirkostanzi u l-kumpless li jagħmel parti minnhom: *"Men make their own history, . . . but under circumstances directly encountered, given and transmitted from the past . . . The tradition of all the dead generations weighs like a nightmare on the brain of the living"*. Hekk f'Malta li għadha kemm tixref minn fosdqa ta' kolonjaliżmu u minn soċjetà imsejsa fuq struttura parrokkjali u kattolika, l-atteġġjament tan-nazzjon ikun għadu marbut mal-mentalità tradizzjonalista. Barra minn din l-affinità politika, jeżistu rabtiet li jseddqu xejriet differenti – ir-relazzjoni bejn il-kunċett ta' Hardy u t-traġiċità tad-drama Griega, l-intonazzjoni risorġimentali Taljana u l-ekwivokazzjoni barokka (barra mill-fatt li l-Promessi Sposi, ir-rumanz par eccellance tar-risorġiment, kien ġie svolt minn trama barokka) . . . F'dan id-dawl it-tradizzjoni u l-kurrenti l-ġodda jassumu proċess ta' żvilupp storiku *"where innovation*

*seeks support in traditions,* (ukoll jekk f'ribelljoni, it-tradizzjoni qed tipprovdi l-motivazzjoni) *developing them and at the same time forming new ones, and these traditions in their turn provide the basis for subsequent innovation and discoveries''* (M. Parkhomenko – *Renovation of Traditions Pg. 8).*

L-attitudni ta' dan il-proċess storiku nistgħu narawha wkoll fil-letteratura moderna Maltija – hekk is-soluzzjoni aħħarija li joffri Azzopardi hi ritorn lejn l-Orjent, lejn il-ġenesi tal-bniedem b'mod li l-istorja tal-bniedem tassumi karattru ta' ċikliċità. D.H. Lawrence ukoll ipinġi l-istat primittiv tal-bniedem bħala l-qofol ta' l-idejal uman, fil-waqt li Marcuse jissuġġerixxi li biex il-bniedem ikun tabilħaqq liberu, jenħtieġ li jmur lura – jiċħad il-prinċipju tar-realtà u jadotta d-dominazzjoni tas-sensi.

F'dan id-dawl il-moviment femminista ta' żmienna – il-ħelsien tal-mara – jfisser li s-soċjetà għad trid tilqa' influss ta' tenerezza. senswalità, erotiċiżmu – valuri li fil-fatt kollha għandhom xi sehem fil-letteratura. B'dan il-mod il-letteratura tinqata' mir-realtà politika biex tfittex valuri aktar sublimi ta' verità aktar effikaċi: ir-realtà ta' l-individwu. Mill-vivaċità ta' l-intriċċi inċidentali ta' Goldoni, għad-dilemma tal-persunaġġi pirandelljani u l-kuntrast traġiku tas-soċjetà u individwu ta' Ċekov . . . għandna evoluzzjoni 'rivoluzzjonarja' – evoluzzjoni għax hija żvilupp ta' djalettika li diġà kienet teżisti – taqbida ta' komponenti ta' valuri 'veri', u rivoluzzjonarja għaliex dawk il-valuri tilfu l-konsistenza tagħhom. Hekk għandna l-karattru ta' Conrad – xi Lord Jim, li, fil-waqt li jemmen fil-*'Fidelity, Faith'* meta jgħaddi mill-prova, jiċħad din il-kodiċi. Għad hemm lok fis-soċjetà għal dawn il-valuri? jew hemm biss illużjoni li tipprova tagħti tifsira lill-assurdità ta' l-eżistenza umana?

Minn hawn tissensel id-dikotomija bejn l-ispirtu ġewwieni tal-bniedem u l-kunċett tal-potenzjalità tal-materjaliżmu erojku tas-seklu għoxrin. Sfortunatament f'Malta fil-waqt li qegħdin inxiddu libsa ta' progress, iċ-ċittadin għadu protett fil-fosdqa tad-*''dull reality''*ta' Captain Jones f'Lord Jim, filwaqt li għal politikant dawn il-valuri lanqas biss jeżistu: il-politika toħnoqhom u tiġġustifika lilha nnifisha permezz tad-diplomazija.

## NON OMNIS MORIAR

Din il-poeżija tirrappreżenta l-kunċett tal-'Poeżija' kif kien jifhmu Dun Karm. Issa, fi xjuħitu, iħares lura u jara li għalkemm id-damma ta' jiemu waslet f'egħluqha, l-għanja tiegħu għadha f'żgħożitha u ma tintemmx ma' ġismu. L-idejoloġija ta' Dun Karm teħodha kontra l-fenomenoloġija ta' Hegel – Il-jien għandu fl-oppost totali tiegħu ċ-ċertezza tiegħu innifsu – fenomenoloġija li ssostni li jiena nagħraf lili nnifsi meta nifforma l-kunċett 'jien'; iżda dan huwa kunċett universali u għalhekk l-għarfien ta' l-individwalità tal-jien hu fl-istess ħin l-għarfien tal-universalità tal-jien – universalità li Dun Karm qatt ma ried jammettiha. (Dan pinġieh tajjeb Nikol Biancardi – ". . . Bħal missier magħhom Jixtieqhom jikbru basta, iżda, mhux daqsu").

Ir-rivelazzjoni hi tradizzjonalista u forsi xi ftit superfiċjali wkoll – ninnotaw l-assimiljazzjoni ma' Il-Muża ta' Ġ. Muscat Azzopardi. Dun Karm jara l-Anġlu tal-poeżija "kif kont mitluf, imsaħħar, f'dik in-nagħsa ta' ħlewwa", bl-istess mod li jsawru Muscat Azzopardi – "U ħlomt . . . Rajt ġmiel ta' xebba riesqa lejja". Dehra romantika li tnisslet mill-figura klassika – elennjana li jpinġielna Omeru meta jirreferi għall-mużi bħala ulied Zeus. Il-qawmien mill-ġdid tal-klassiċiżmu beda fil-letteratura Taljana b'Vincenzo Monti, u għalkemm f'Malta ma sabx art tajba, xi daqqiet insibu spunti li jirreferu għall-infiltrazzjoni ta' dan il-moviment. *Non omnis moriar* hi eżempju minn dawn: Dun Karm jara s-sejħa tal-kitba bħal meta tmissu l-id t'Alla: mera tas-Sħubija (Zeus tal-mitoloġija).

Dun Karm jagħraf li qed joqrob it-tmiem – "Il-moħħ mhux qed iwieġeb għas-sejħat tar-rieda" u l-poeżija se tmut fi twelidha. Ifakkruna dawn il-versi f'poeżija oħra, sunett ta' Dun Frans Camilleri:

> "Jagħlqu għajnejja . . . u jiskot fommi; u magħhom
> Taqagħli l-pinna minn idi fi twelidha . . ."

Iżda fil-waqt li għal Camilleri wara dil-ħajja t-tama ewlenija hi li jara l-Ġmiel tad-Dija, għal Dun Karm, f'din il-poeżija l-karattru prevalenti hu l-eternità tal-għanja.

# IR-ROMANTIĊIŻMU F'MALTA

## L-Isfond u l-Ġeneru Bikri

In-natura ta' moviment kumpless bħal ma hu r-romantiċiżmu tippreżenta evoluzzjoni sħiħa ta' fehmiet u ta' atteġġjamenti li żvolġew ruħhom f'linja paralleli mal-valuri kulturali, mas-sentimenti reliġjużi u ma' l-esiġenzi nazzjonali tal-pajjiżi differenti. Hekk fil-waqt li fl-Ingilterra l-moviment beda b'attitudni favorevoli lejn is-seħer tal-Medju Evu u lejn il-poeżija tal-'gotiku', fil-Ġermanja Herder jiċħad il-poeżija medjevali bħala valutazzjoni estetika awtonoma u jemmen f'formazzjoni individwali li tirrifletti l-ispirtu kollettiv tal-poplu. Kif jgħid Gabetti, r-Romantiċiżmu, bħall-movimenti l-oħra ta' qablu, m'huwiex xi *''logico, corrente sviluppo deduttivo di un'idea''*, u lanqas xi għadd ta' fenomeni id-determinati minn xi preċettistika morali, iżda *''un modo di sentire''* li għalih jintitolaw ruħhom id-diversi modi tal-ħsieb, tal-poetika u tas-sentimenti.(1) Dan kollu jirrifletti l-kunċett ta' Rousseau li ttraduċa l-*cogito'* ta' Descartes bis-sentiment, hekk li dan kiseb l-għarfien il-ġdid tal-ħajja.

## Stimme der Völker

Fost l-elementi li minnhom svolġa x-Sturm und Drang Ġermaniż, iċ-ċaħda ta' l-ispirtu fantastiku ta' xi Bodmer u l-effuzjoni tas-sentiment u ta' lingwaġġ poetiku ġdid ta' xi Klopstock, kellhom sehem bil-wisq importanti. Imnebbħa mill-verb tan-natura u tal-umanità ta' Rousseau u mill-għarfien tas-sustanza irrazzjonali ta' l-eżistenza umana ta' Hamann, il-kittieba ta' dan il-moviment sabu ruħhom jimirħu f'orizzonti ġodda – orizzonti li kienu redgħu ukoll mill-istabbiliment soċjali tan-nazzjon: il-fiduċja tal-poplu fl-'individwalità' u fil-potenza tiegħu stess (ir-rebħa tal-Gwerra tas-Seba' Snin) u l-ispirtu ta' l-għabex tar-Rivoluzzjoni. Il-konnessjoni l-ġdida integrat il-prinċipju reliġjuż f'kull attività spiritwali tal-bniedem, fil-waqt li n-natura – sentiment u passjoni – saret il-liġi ta' dan il-moviment, b'mod li x-Sturm und Drang (impetu u passjoni) jippreżentaw il-milja tal-bniedem il-ġdid: tensjoni sħiħa tal-forzi umani. L-inkarnazzjoni ta' dan il-kunċett ifformulat id-denunzja ta' l-idea tal-'ġmiel' fis-sens tradizzjonali – fir-realtà ma teżistix biss in-natura sabiħa, iżda wkoll il-forza distruttiva u vjolenti. Fid-dawl ta' dawn il-kriterji l-bniedem kellu jfittex il-verità fih innifsu. Dak li Faust kien fittex għalxejn, ir-romantiċi

kienu skoprewh – il-ħajja kienet tfisser ħaġa waħda ma' l-infinit u kienet tfittex li tħaddan l-etern fit-temporalità mumentarja.

## "A thing of beauty is a joy for ever"

Fl-Ingilterra, tul is-seklu XVIII insibu interess ħerqan fil-'gotiku', fis-seħer tal-Medju Evu u fil-kunċett tan-'natura' – tematika li ssoktat tisseddaq fil-kitbiet ta' Byron u ta' Crabbe. Iżda l-ewwel spunti definittivi tal-moviment il-ġdid insibuhom fil-*'Lyrical Ballads'* ta' Wordsworth u Coleridge. Fil-waqt li għal Wordsworth *"humble life was the most suitable theme for poetry and the diction of ordinary men its appropriate instrument"* b'mod li l-ħajja umana tixgħel b'lemħa romantika, Coleridge jieħu aspetti romantiċi soprannaturali (il-framment 'Christable' . . .) sabiex jagħtihom l-impressjoni tar-realtà.

Madankollu kienu Scott u Byron li ħallew 'impact' prinċipali fuq il-letteratura tal-kontinent,[2] hekk li Freitschke stess jammetti li kienu l-kitbiet ta' Byron li qajmu mill-ġdid l-ispirtu ta' rivoluzzjoni, minkejja l-isforzi ta' l-Għaqda Mqaddsa sabiex tmewwet ix-xejriet liberali ta' l-ugwaljanza, tal-libertà u tal-glorja Franċiża. F'kolliżjoni ma' dawn il-konvinzjonijiet formali, il-kittieba bdew ifittxu s-sentimenti romantiċi f'patrija ġdida u spiċċaw biex insatru fid-dinjità tal-individwalità tagħhom; huwa b'dan il-mod li Byron jippreżenta l-eroj tar-ribelljoni romantika: konverġenza sħiħa tal-problemi nazzjonali fil-personalità tiegħu stess. Min-naħa l-oħra għal Shelley il-ħajja kienet għolja sħiħa tiegħek innifsek u mħabba – imħabba li minnha silet ir-'reliġjon ta' l-umanità'. Ir-romantiċiżmu Ingliż dejjem jissensel b'rabta komuni – intonazzjoni, prinċipalment estetika, tal-ħajja spiritwali. F'dan l-ispirtu titgħajjex is-sensittività delikata ta' Keats, sensittività li tisseddaq fil-ħtieġa tar-*'realm of fancy'*.

*"Ever let the fancy roam!*
*Pleasure never is at home."*

– huwa t-tiftix ta' dawn il-forom estetiċi li janima l-poeżija tar-romantiċiżmu.

## "Il y a d'intime dans tout"

Il-kurrenti Latini u Tewtoniċi tar-Romantiċiżmu jilħqu l-konfluwenza tagħhom fil-moviment Franċiż, li fih l-atteġġjamenti l-ġodda twaħħdu f'esperjenza spiritwali u unitarja ġdida. Il-ħerqa tar-rieda rivoluzzjonarja sabiex jitnieda l-bidu mill-ġdid, il-fidi fis-setgħa kreattiva ta' l-ispirtu, ir-rivalutazzjoni tal-kunċett tan-

natura bħala għajn ta' qawwa kreattiva, flimkien mal-qawmien ġdid ta' Rousseau, Chateaubriand, Diderot, . . . u l-interpretazzjoni tal-letteratura ta' Mme. de Stael huma manifestazzjoni sħiħa tax-xejriet li jikkaratterizzaw ir-Romanticiżmu Franċiż – il-koinċidenza mal-moviment Ġermaniż ma kinitx dovuta biss għall-influwenza ta' Schlegel *(Cours de litterature dramatique),* iżda, aktar u aktar, kienet ir-riżultat naturali ta' l-identità tal-proċess storiku taż-żewġ pajjiżi. L-eżaltazzjoni tal-forzi mistiċi tal-qalb, il-ħerqa għall-ħelsien tal-'ego' li hemm fil-bniedem, it-tiftix ta' l-ispirtu ġewwieni ta' kull kreazzjoni bħala identità tar-realtà, u tant kriterji oħra ma setgħux ikunu għajr produzzjoni spontanja ta' ġenesi għall-konsegwenza ta' l-evoluzzjoni spontanja ta' l-ispirtu. Il-poeta sar l-interpretu tal-imgħoddi u tal-ġejjieni fid-dawl ta' l-għarfien tat-temporalità attwali, fil-waqt li l-kunċett tal-'poplu' sar l-għajn il-ġdida li minnha tnisslu l-istess esiġenzi tal-ħajja l-ġdida.

---

[1]Giuseppe Gabetti – *Romanticismo in Enciclopedia Italiana XXX (1936).*
[2]Fuq l-influwenza ta' Scott fil-letteratura Taljana ara Giorgio Petrocchi – *Il Romanzo Storico nell'800 Italiano – ERI, 1967, pg. 5 ry seg.* Kwotazzjonijiet minn Byron, flimkien m'oħrajn minn Berchet, Dante u Rossetti huma rikorrenti f'L. Zuppetta *"Raccolta de'migliori articoli legali e letterari" Malta G. Grech e Co. (1848).*

## FRANS SAMMUT – MILL-GAĠĠA GĦAL SAMURAJ

### Il-Konfront ta' Gaġġa

"Lili tinteressani l-qagħda tal-bniedem f'did-dinja, u fuq kollox il-bniedem f'dil gżira tagħna. Dil-qagħda għandha bosta aspetti u jiena nagħmel ħilti biex niflihom sew, mhux biss fil-wiċċ, fid-dehra, iżda fuq kollox fl-egħruq tagħhom. Jiena għomri u żmieni nfittex fid-dagħbien ta' l-eżistenza. Il-ħajja Odisseja – xi darba nerġgħu lura fi ħdan Penepoli." Dan l-istanding point ta' Frans Sammut kellu jkun il-punt tat-tluq għal moviment ġdid fir-rumanz Malti. Minflok il-konfront tradizzjonali tal-forzi tat-'tjubija' kontra l-aggressività tal-forzi tal-'ħażen', f'Il-Gaġġa, għandna l-konfront tal-protagonist fuq naħa u fuq in-naħa l-oħra kuntrast intern fil-protagonist biex jagħraf il-valuri tiegħu – *'issue'* importanti li jixhed is-sehem tal-valuri Freudjani fil-letteratura.

"Jiena jien" tippreżenta twemmin fl-identità individwali li tagħraf l-awtonomija ta' l-eżistenza umana; "jien maqsum f'mitt elf biċċa" – stqarrija tal-falliment ta' l-assoluzzjoni tal-jien u li tixhed id-dipendenza tiegħu mill-ambjent. Din id-dikotomija iġġagħlna naħsbu fid-djalettika Hegeljana: l-għarfien ta' l-individwalità tal-jien jassumi l-istess universalità tiegħu. Il-kumplessità assoluta li jemmen li hemm fih hija l-istess fattur li ġġiegħel lil Gambin iħalli 'l-ġżira; madankollu jkollna nammettu li l-viżżjoni tal-'gaġġa' li jara hu mhix immaġini reali, iżda hi projezzjoni tagħha fuq il-karattru tiegħu. Hekk, imur fejn imur, mir-raħal għall-belt u tas-Sliema, mill-egħluq tal-gżira għall-"beraħ ta' wesgħat bla tmiem" hu se jieħu l-gaġġa miegħu. Il-ħelsien li jrid jikseb m'huwiex biss mis-soċjetà, iżda aktar u aktar mill-istess personalità tiegħu (meta mar ikellem lil Roy ħass il-jien jinfetaħ u jeċċedi l-limitazzjonijiet tiegħu), fil-waqt li skond il-kunċett freudjan il-veru ħelsien tal-bniedem hu meta jagħraf il-limitazzjonijiet li jimponi il-jien – huwa proprju għalhekk li Fredu qatt ma jirnexxilu jkisser il-ħitan tal-gaġġa.

L-egħruq tad-dikotomija ta' Fredu Gambin jirriduċu ruħhom għall-konflitt perenni bejn l-istat soċjali u n-natura umana tal-bniedem: tema prinċipali f'D.H. Lawrence. Hekk "jien jien" bħala essere fin-natura kumplessa tal-bniedem, iżda "jien maqsum f'elf biċċa" fis-*'Set-up'* soċjali ("Kull min jafni għandu biċċa mill-jien"). Fil-waqt li għal Reich dan is-*'super ego'* jew, biex nużaw termini Jungjani, il-*'persona'* hija *"character defense structure"*,

għal Fredu Gambin huwa dan il-karattru li jkissru, għax m'huwiex lejali għar-realtà ġewwinija, jaqsmu f'elf biċċa – huwa proprju l-*"false self system"* ta' R.D. Laing, impożizzjoni tas-soċjetà fuq il-forom spontanji tan-natura umana.

"Ilmaħt f'għajnejh ix-xewqa li jfarrak is-sur ta' l-intimità. Rajtu jitħabat mal-masġar imxeblek tal-kliem, irid igħid xi ħaġa ikbar minnu u s-sellum tal-kliem kien jiżżaqżaq taħtu u jhedded li jitfgħu lura."

Ir-reazzjoni ta' l-awtur fil-laqgħa tiegħu ma' Fredu Gambin hi tipika ta' D.H. Lawrence: l-oppożizzjoni bejn l-essri soċjali, id-definit mill-konvenzjonijiet lingwistiċi u n-natura umana tal-bniedem, imsejsa fuq sentimenti u esperjenzi li jmorru kontra dawn il-konvinzjonijiet. Min-naħa tiegħu, Fredu Gambin, bħal Goethe, jixxennaq għall-ħelsien minn dawn l-impożizzjonijiet – "Inkun ħieles li naħseb, u ħieles li nikteb: biżżejjed trażżanna d-dinja fl-egħmil tagħna" (Kap VIII).

Barra minn dan il-kuntrast personali, Gambin qiegħed f'kon-front ieħor ma' l-istat ta' l-għixien tas-soċjetà, għaliex il-valuri li jemmen fihom m'humiex funzjonali għall-mekkaniżmu soċjali. Bħall-karattri ta' Ibsen, li Gambin kien jammira, il-protagonist ta' Il-Gaġġa irid jisboq is-setgħa tiegħu, in-nifs bħalhom huwa mimli ħerqa għall-ħajja, u bħalhom qiegħed fi kriżi kontinwa kontra din-ja aggressiva; iżda fuq kollox Gambin huwa karattru li jemmen fl-eżistenzjaliżmu u fir-romantiċiżmu ta' Goethe, huwa impenjat minn Brecht u joħlom b'*"Ulied il-Muża"* u jibqa indifferenti lejn il-politika, huwa ż-żagħżugħ li jissaħħar mill-passjoni ta' Dun Karm u mbagħad jibqa' ħiemed quddiem ommu mejta . . . huwa nevrotiku idejali, li ħajtu hi nkarnata f'realtà immaġinarja, f'razz-jonaliżmu sentimentali – f'kuntradizzjoni sħiħa. Hekk, ukoll barra mid-dimensjoni soċjali, Gambin diġà huwa kkundannat: huwa għad irid jagħraf il-gaġġa tiegħu stess, għad irid ikisser dik il-fosdqa protettiva li jħobb jistkenn fiha.

F'diversi sitwazzjonijiet Gambin jiġġustifika l-eżistenza tiegħu permezz ta' l-għarfien ta' l-istat ta' l-għixien tiegħu. Il-*'cogito ergo sum'* ta' Descartes hi mseddqa kontinwament fl-epifanija traġika ta' l-eżilju aħħari. "Li noqtol ruħi b'idejja jkun ifisser li qed nam-metti li jien marid . . . f'moħħi". Fis-sewwa Gambin minn għalih li dejjem għaraf is-sitwazzjoni tiegħu – mir-rapporti tiegħu ma' Roy u s-soċjetà li jirrappreżenta , għall-viċenda ma' Veffa; iżda kemm hu konsistenti l-għarfien tiegħu hija ħaġa kompletament diversa, biss huwa dejjem jagħraf it-taqbida tal-ħajja u t-tiġrija kontinwa ma' l-erba' żwiemel ta' l-Apokalissi. . . . Hekk, fil-waqt li Gambin jakkuża lis-soċjetà Maltija li hi aljenata, li hi msejsa fuq illużjoni-

jiet, hu stess qed imantni l-eżistenza tiegħu permezz ta' dan l-għarfien illużorju li jemmen fih: huwa qatt ma tilef il-fiduċja fih innifsu u jibqa' bit-tama li se jsib soċjetà li tgħodd għalih (il-fatt li jġagħlu jemigra).

## LETTERATURA, KULTURA U SOĊJETÀ

### Xi spunti ġenerali

It-tliet kelmiet li fuqhom se nagħmlu l-konsiderazzjoni tagħna – letteratura, kultura u soċjetà – jistgħu jiġu mħaddna fil-limiti ta' 'l hekk imsejħa eġemonija kulturali. Iżda l-problema li se tiġi imposta titlob id-determinazzjoni tar-rapport artist-soċjetà. Il-kultura mbagħad hija l-fattur attiv li jista' jbiddel il-'klima' ta' epoka storika. Dan it-tiġdid jista' jseħħ biss bis-saħħa tar-rapport li semmejna, bl-impenn tal-letteratura fis-soċjetà. Dan, fl-aħħar mill-aħħar iwassal għal riforma fil-kuxjenza tas-soċjetà u jifforma l-bażi ta' kultura ġdida.

Sa hawnhekk kollox jidher ċar; iżda meta niġu biex inħarsu fid-dawl tal-letteratura se naffrontaw problema fundamentali – is-soċjetà hi l-punt tat-tluq jew il-punt tal-wasla? Jiġifieri hi l-ġenesi ta' l-arti jew hija d-destinazzjoni tagħha? Il-proċess letterarju se jikkulmina fl-opus artistiku jew se jisseddaq f'xi *'insieme'* mas-soċjetà? Il-kritika ta' Friggieri li waqqfet il-qafas għal apprezzament letterarju fil-kuntest lokali tipprovdi dik li Harold Weinrich isejjaħ 'storja tal-letteratura' fis-sens ta' storja ta' l-awturi. L-ambitu tal-kultura u tas-soċjetà jitolbu l-integrazzjoni ta' din l-interpretazzjoni ma' l-istorja letterarja tal-qarrej u ma' l-orjentazzjoni soċjali tal-letteratura in kwistjoni.

### Rassenja ideoloġika

Ġa Aristotli meta jiġi biex jiddefinixxi d-drama jirreferi għall-effetti li tħalli fuq il-pubbliku. Iżda f'dan il-każ 'il-pubbliku' hu daqstant indeterminat li s-sinifikat tiegħu qiegħed biss bħala punt ta' riferenza. Aktar minn hekk Vico u Herder jiddistingwu x-xogħlijiet ta' l-arti u jagħmlu ġudizzju tagħhom skond il-primittività jew il-komplessità ta' l-istruttura soċjali. Schiller espanda din it-teorija billi fisser kif l-arti 'nativa' tirrifletti r-relazzjoni tas-soċjetà man-natura u dik 'sentimentali' hi mxekkla mill-apparat soċjali. Ħjiel ta' din id-distinzjoni nsibuh ukoll fil-viżjoni ħegeljana, li ma tħarisx lejn il-kittieb sempliċiment bħala l-prodott ta' żmienu, iżda tarah bħal dak li qed jgħix f'soċjetà determinata u li qed ifittex li jirriproduċiha skond il-prinċipji artistiċi tiegħu.

Mill-interpretazzjoni ta' Schiller niddeduċu l-fatt sagrosant li r-rapport socjetà-kultura ma jistax jiġi msejjes fuq konċezzjoni

naturalistika tas-soċjetà għax l-ideal naturali xejn ma hu kompatibbli ma' l-istruttura soċjali. Hegel jagħraf dan meta jirreferi għall-korrispondenza bejn il-forom artistiċi u l-formazzjoni politiko-soċjali. Din il-korrispondenza għandha importanza fundamentali fil-kunċizzjoni Marxista – fid-distinzjoni bejn l-istruttura u s-soprastruttura. Fil-ħsieb Leninjan dan ir-rapport jaqdi l-funzjoni tar-'riflessjoni' fis-sens li l-arti hi prodott tas-soċjetà u tirrifletti l-forma tipika tagħha. Fuq dan il-punt Lukacs jipprovdilna klarifikazzjoni importanti – "l-arti tirrifletti r-rapporti bejn il-bnedmin f'mod determinat ta' produzzjoni fil-waqt li d-dinja tan-natura u tal-ħwejjeġ l-oħra tiġi riflessa biss permezz tal-medjazzjoni tar-rapporti umani." Minn din l-impostazzjoni għandna żewġ korollari:-

- 1 l-arti ma tikkorrispondix awtomatikament għal *'punto di vista'* tal-klassi. L-oriġni tal-klassi u l-preġudizzji politiċi tal-kittieb jiġu superati fl-att tal-kreazzjoni artistika.
- 2 L-arti bħala soprastruttura tgħib ma' l-għibien ta' l-istruttura.

Iżda fil-vera arti r-riflessjoni ta' fażi speċifika ta' l-iżvilupp storiko-soċjali tirrendi l-lineamenti tal-fażi b'mod 'klassiku' – b'impenn li jisseddaq ma' l-ispirtu kollettiv ta' l-umanità. B'hekk Lukacs jispjega dik li tidher dikotomija – il-kondizzjonament storiku tal-karattru artistiku u l-effikaċja dejjiema ta' l-arti.[1]

L-aħħar ħarsa tagħna fl-ambitu ġeneriku taqa' fuq Gramsci – dak il-ħassieb li studja l-orjentazzjoni tal-kultura Taljana fid-dawl tar-relazzjonijiet politiċi u soċjali, u li jipprovdi l-kontrappożizzjoni ta' l-ideal estetiku Croċjan.

Fl-interpretazzjoni ta' Gramsci ta' l-eġemonija kulturali għandna l-primarjat tas-soċjetà fuq il-kultura. Fuq kollox għad li l-istruttura tal-poter politiku hi ddeterminata mill-monopolju tal-Forza Legali, hija ddominata mis-sistema kulturali. B'hekk f'mixja lejn il-ħelsien veru, il-bidla ta' l-eġemonija kulturali hi l-qofol ta' kollox. Għalih is-soprastruttura ma titlob l-ebda ġustifikazzjoni ma' l-istruttura: huma l-intellettwali 'organiċi' li se jipprovdu dik ir-relazzjoni billi mill-mases popolari sad-direzzjoni politika jinfondu dak is-sens ta' 'kuxjenza' li bil-mod il-mod jittrasforma l-istruttura nnifisha.[2] B'hekk fil-letteratura l-involviment kittieb-soċjetà mhux qiegħed fil-ġenesi tax-xogħol letterarju daqskemm fil-għan aħħari li jilħaq lis-soċjetà. Fid-dawl ta' dan Gramsci jagħraf il-funzjoni ta' kif l-analiżi estetika għandha tissieħeb ma' l-indaġni soċjali *"La ricerca sulla bellezza di un'opera è subordinata alla*

*ricerca del perchè essa è "letta", è "popolare", e "ricercata" e all'apposto, del perchè non tocca il popolo e non l'interessa, mettendo in evidenza l'assenza di unità nella vita nazionale."*

UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY

---

[1]Għal amplifikazzjoni ta' dan kollu ara ***Cesare Cases*** – ***La critica Sociologica*** f'***I metodi attuali della critica in Italia*** – ***ERI 1975***

[2]*Selections from Prison Notebook* – ***Lawrence and Wishart*** *Lonon 1978* – (*Chap. 1* kollu, l-aktar Pg. 12).

Aspett importanti hu l-inċertezza – insibu ħafna allużjonijiet għal affarijiet li m'humiex definiti. Għandna l-użu rikorrenti tal-partiċella 'xi' li jenfasizza b'mod konkret il-waqt tad-dubju. B'hekk Fenech jeħodha kontra l-preċettistika tradizzjonali taċ-ċertezza – saħansitra Descartes, li ddubita kollox, jitlaq mill-premessa ta' dak li hu ċert minnu. Descartes hu ċert li hu qiegħed jaħseb – Fenech ma hux ċert l-anqas mill-esperjenzi senswali u empiriċi ta' madwaru. Fil-poeproża *Hemm Raħal* l-awtur jgħid hekk: "Hemm raħal li narah u ma narahx. L-Escort tiegħi ma tasalx: toroq ma jeżistux". Ifakkarna fil-portagonista ta' Kafka, K. Fil-fatt Fenech jirreferi għal *The Castle* fil-poeproża tiegħu *Erġajt fil-Għar* – "Ħallih lil K ifittex id-dħul fil-Kastell ta' fuq il-għolja". Għal K il-kastell ifisser ir-rivelazzjoni tar-Realtà. Għal Fenech ir-raħal hu l-manifestazzjoni tar-realtà inċerta – "In-nies-qishom-nies-u-mhux-nies; wiċċhom lewn il-qawsalla". L-awtur jittama li xi darba jsibu lil dan ir-raħal.

Ġa rriferejna għall-użu tal-partiċella 'xi'. F'*Ou est Vincent?* Fenech jistqarr li "X'imkien hawnhekk hawn dar". Dan l-ispirtu ta' indefinitezza spazjali hu mkebbeb fi ħdan l-indefinitezza eżistenzjali. Hu jistaqsi "Tgħid għad f'ħajjiet il-bniedem isaltan biss il-ħolm?" Jekk dan iseħħ "imbagħad nibdew naħarbu fi ħdan ir-realtà." Ninnutaw li Fenech ma jaħrabx mir-realtà – iżda lejn ir-realtà. Għandna hawnhekk dik li Stevens jiddefinixxi bħala *anti poetic diction*. L-awtur qiegħed jagħraf l-assurdità ta' l-aljenazzjoni u jrid jirrealizza lilu nnifsu fi ħdan ir-realtà. Ninnutaw hawnhekk qtugħ definit mit-tradizzjoni romantika Maltija – r-romantiċi kienu jaħarbu mir-realtà għad-dinjiet idilliċi li kienu joħolqu – Fenech irid jaħrab minn dan l-arkadiżmu rħis għal ħdan ir-realtà.

L-awtur irid jasal għad-definizzjoni tiegħu stess. Fi *Tfittixa* jistqarr:

> "Irrid insib mill-ġdid il-jien . . .
> il-jien jien
> mhux il-jien li għaġnuni."

Għalhekk il-poeta jiddistakka ruħu mill-maħbuba tiegħu u mis-soċjetà – il-prinċipji li jemmen fihom hu jiżolawh mill-bqija. Hawn Fenech ixebbah lilu nnifsu ma' gżira, iżda billi, kif qal Donne, "*no man is an island*", Fenech jespandi l-metafora u jgħid "hemm bżonn ta' promontorju". Minn dan, il-poeta jgħaddi

għall-kontemplazzjoni fuq l-iżolament tiegħu. L-allużjoni li jagħtina hi waħda Kristjana "*Lema sabachtani?* Min abbandunani? Abbandunajthom jiena?" . . .

Ma' dan tissensel il-kritika soċjali ta' Victor Fenech. Fenech kien wieħed min dawk li fis-sittinijiet ipprovda t-tiġdid fil-kummenti soċjali tagħhom. Mill-episodju evanġeliku ta' meta Kristu qajjem lit-tfajla mejta, Fenech jislet il-kliem "*Talitha cumi*" – (Tfajla qum) u jirrepetihom lis-soċjetà – soċjetà mgħajxa mill-aljenazzjoni u mill-illużjonijiet, medhija bil-preġudizzji u l-konformiżmu tagħha, imsejsa fuq il-forom riġidi tal-konvenzjoni. F'*Odisseja* l-poeta jitlob "Poplu qum", lil poplu li għadu jgħix fil-mitoloġija. Fil-fatt il-ktieb innifsu hu ddedikat "lil Malta, b'imħabba u sogħba".

F'dan id-Dawl **Chè Guevera** jsir is-simbolu tal-mexxej/feddej li jwassal lid-dinja l-ħelsien "Chè – l-isem li sar għajta ta' qilla kontra kull stabbiliment". F'"*Ittra lis-Sur Mexxej*", l-awtur jgħid kif il-mexxejja opportunisti qed jabbużaw mill-jedd li jagħtihom il-poplu. Id-demokrazija mhi xejn għajr farsa fostna – teżisti biss għal darba kull ħames snin. "Dik li hi demokrazija mhi xejn għajr kapitaliżmu". Il-poeta jeħodha kontra l-mit negattiv li għal taparsi jikkonferixxi lill-individwu l-libertà tad-demokrazija, mentri fil-prattika l-kelma tiegħu l-anqas biss hi meqjusa. F'"Din l-Art Ħelwa, din l-art li Alla tana" Fenech jgħid b'ironija:

"Liema waħda – wiċċ jo ġejjen
Tramuntana jew Punent" . . .

Il-poeta jistenna ħaqq, ġudizzju kontra din l-esplojtazzjoni. Fi ***Tradiment***, huwa jqabbel il-modulanza tal-kurunetti u t-trombi li jintroduċi l-aħħar frażi ta' l-innu Malti, mat-trombi li jħabbru s-sejħa għall-Ħaqq:

"It-trombi ta' Ġeriku jidħlu jżarżru
f'nofs il-kant ta' l-innu talba tan-nazzjon".

Riferenza oħra Bibblika tinsab fit-tixbiha tal-vilel u ta' l-isfruttar tal-kampanja Maltija mal-ġrieħi fuq sider ir-Redentur. Fuq dan il-punt l-awtur jikteb ukoll "F'din l-art ħelwa din l-art li Alla tana" – għandna l-problema ta' l-allokazzjoni tad-djar. Fis-sittinijiet il-Maltin kienu qed isiefru biex isibu x-xogħol barra u f'Malta kienu qed jiġu s-'settlers' ingliżi. Nemmen li dak li jgħid l-awtur hu minnu – fl-aħħar ħarġa tal-***Ħsieb*** kien hemm riproduzzjoni ta' reklam biex l-Ingliżi jiġu Malta u jiffrankaw it-taxxa, 6d biss kull £1! Fenech, b'apoloġija lil Ġan Anton Vassallo jieħu strofa tradizzjonali u jinserixxi fiha dan il-kumment –

"Int sabiħa Malta tagħna
Mhux għax Malti nfaħħrek jien
Isemmuk l-Ingliżi kollha
Li qed jixtru kullimkien."

Hi l-qagħda ta' poplu li għad irid jinfeda. F'***Karola '67*** Fenech isemmi kif il-ħaddiem hu aljenat fi *status quo*, fil-waqt li l-mexxej u l-ilpup qegħdin madwaru biex jerdgħulu demmu. F'***Illum l-Istabbiliment*** Fenech juri l-pessimiżmu tiegħu fuq din il-qagħda: "Illum l-Istabbiliment (il-Qadim) żelaq fuq qoxra ta' banana u faqa' rasu mat-tarf tal-bankina". Għalhekk ġie mwaqqaf stabbiliment ġdid: madankollu l-poplu sfruttat kien u sfruttat baqa'. B'riferenza għall-blokki partiġġjani li għandna f'Malta, Fenech qal:

"Ippruvajna . . . u l-libertà saret libertinaġġ,
ippruvajna . . . u s-serjetà saret sarima."

Is-soluzzjoni tal-problema qiegħda fl-impenn soċjali. Huwa jidealizza lil Guevera u jħares lejh bħala l-eroj "il-messaġġier ta' l-internazzjonaliżmu proletarju". B'hekk Fenech iħares lejn il-ħassieb bħala il-bniedem li għad li hu maqtugħ mill-kotra fi ħsibijiet (Tfittxija) jrid isensel ħsiebu fl-ispirtu tal-kotra – jrid jimpenja ruħu fil-lotta. Naturalment dan hu ħsieb tradizzjonali Marksist – ibda mill-intellettwali organiċi ta' Gramsci sal-funzjoni intellettwali kif mifhuma minn Lenin. M'hux għaġeb għalhekk li s-soluzzjoni ta' Fenech qiegħda fl-għarfien popolari.

It-tiġdid li Fenech daħħal m'hux qiegħed biss fil-qasam tematiku iżda wkoll fit-teknika ta' kif jesprimi lilu nnifsu. Il-ħtieġa għal tiġdid stilistiku kienet ilha tinħass – Aquilina sa mill-1948 wera l-ħtieġa li l-ilsien Malti jiġi esplorat aħjar permezz ta' metodi ġodda ta' kitba . . . Fenech skopra lill-ilsien Malti għalih innifsu. Hekk fis-sittinijiet insibuh jinfatam sewwa mill-egħjun tat-tradizzjoni romantika Maltija. Ħarsa lejn strofa waħda mill-poeżija tiegħu ***Lil Ommi*** tixhed sewwa din ir-rabta:

"sbatax-il sena xmux ħarquli ġbini,
ġewwa għadmi għadu jsaltan għadmek,
w għalkemm qalbi tista' taqa' f'id barrani
biċċa minnha tibqa' tiegħek u ma
jehodhielek ħadd: għax jiena demmek,
u inti l-għerq ta' drieghi."

In-nisel ta' dawn il-metafori jixhed biż-żejjed ix-xeħta Dunkarmjana li hemm fl-awtur. Ix-xmux huma s-snin li għaddew minn fuq

il-poeta, it-tlaqqigħ ta' għadmi ma' għadmek jissimbolizza l-intimità, u id barranija, demmek u l-għerq ta' driegħek, għad li qegħdin jirreferu għall-omm privata, huma metafori li Dun Karm sikwit juża għall-patrija omm: l-id tal-barrani hi l-id ta' l-oppressur fil-waqt li 'l-għerq ta' driegħek' jirreferi għas-simbolizzazzjoni ppersonifikata tal-patrija fil-figura muljebri.

Biss għad li Fenech qiegħed jevoka kontenut li hu qadim, insibu fih elementi ta' forma li huma ġodda:

u ma

jeħodhielek

Għandna 'gap' bejn is-sensiela ritmika tal-vers u l-mixja loġika tas-sens. L-enjambment joħloq waqfa fejn it-taħdit ma jistennihiex, fil-waqt li l-mudell ritmiku jitlobha. Hawn Fenech qiegħed jenfasizza r-rieda tiegħu li qalbu mhu se joħodhielu ħadd. L-egħluq tal-vers hu effettiv ħafna għax jispiċċa b'kelma monosillabika – ma – kliem bħal dan aktarx li 'jbati' fl-aħħar tal-vers, w għalhekk aktar jagħmel stress.

Użu simili ta' l-enjambment iservi biex jirrivela l-attitudni tal-poeta:

"Is-seklu
għoxrin
Is-seklu
tal-
Progress!

Hawnhekk Fenech jersaq lejn il-*"projective verse"* – l-endekasillabu hu maqsum f'erba' linji biex itawwal il-ħin tal-qari. L-istqarrija sempliċi qegħda tissillaba ruħha sillaba wara sillaba u dan jissuġġerixxi l-ironija ta' l-awtur.

L-awtur modern jista' jinqeda wkoll bil-preżentazzjoni tipografika. Mill-poeżija ***Indeċiżjoni*** nisiltu din l-istrofa:

"Inħobbok/ma nħobbokx,
irridek/ma rridekx
nixtieq il-libertà/mingħajrek għixien vojt."

Faċli wieħed josserva l-użu tas-sinjal tipografiku minflok il-virgola, jew xi element ieħor tal-punteġġjatura *(Cut out poetry* – tlaqqigħ minn poeżiji differenti; taħlit ta' reġistri – ***Tradiment).***

Meta Fenech juża l-*cut out poetry* aktarx li jobdi r-regoli tal-metrika tradizzjonali. Madankollu meta jsawwar versi oħra jkun aktar kreattiv u jfittex skemi ta' aċċentwazzjoni skond prosodija ġdida. B'hekk huwa qiegħed jiftaħ toroq ġodda għall-metrika

Maltija u qiegħed jespandi l-medju komunikattiv. Nisiltu l-ftuħ tal-poeproża *"Tfittixa":*

"Għażiża, il-lejla tistenninix
Il-lejla nixtieqni waħdi
Irrid interraq triq it-tfittixa,
Irrid insib mill-ġdid il-jien . . .
Il-jien jien
mhux il-jien illi għaġnuni."

Jekk wieħed josserva fejn qed jaqgħu l-aċċenti, faċli jintebaħ li għandna skema li hi differenti minn dik tradizzjonali. L-ewwel vers hu dekasillabu kif suppost, . . .

Putirjal – Kingsgate – ***Xatba Rjali*** (ta' xi *'farm'* orwelljan ġdid Milied Abjad . . . .





**Joseph qiegħed idoqq il-pjanu fi programm tat-tfal fuq it-televiżjoni f'Diċembru 1972.**



Joseph ta' madwar 14-il sena.



Joseph fi żmien l-istudju tiegħu fl-Università.



**Joseph qiegħed jaqra fil-quddiesa fil-Kappella tal-Kappuċċini, il- Furjana, f'Mejju 1982.**



**Joseph qiegħed idoqq l-orgni tiegħu fid-dar tal-ġenituri, il-Ħamrun, Otturbu 1981.**



**Joseph f'Mejju 1982.**



**Joseph fl-1981.**



Joseph b'ċertifikat tal-pjanu f'idu.



Joseph idoqq il-pjanu tiegħu fid-dar tal-ġenituri.



**Joseph, it-tieni wieħed mix-xellug, fuq wara, flimkien ma' sħabu l-istudenti universitarji tal-Kors tal-Malti 1980 – 1985; ritratt meħud fl-1981.**



**Joseph flimkien mal-grupp ta' sħabu tal-ħames klassi tal-Kulleġġ De La Salle, Kottonera.**



**Joseph fl-1981.**

# OLIVER FRIGGIERI'S INTERPRETATION OF MALTA'S LITERARY HISTORY

## Some Aspects of the Critique

The name of Oliver Friggieri needs no introduction; Maltese literature owes to him what Italy owes to the contribution of De Sanctis. His composition has provided Maltese culture with a critical appreciation and an identification of certain ethnic influences in the literary production of our national imagination. His last publication, ***Movimenti Letterari e Coscienza Romantica Maltese 1800 – 1921*** (published in Milan by Guido Miano and forming part of the *Biblioteca di Cultura Moderna*) lies partly within the scope of his ***Storja tal-Letteratura Maltija***.

Dr Friggieri has reconstructed the history of our literature in terms of risorgimental achievements. Probably there are few issues in the field of aesthetics which are of such political significance as the development of national artistic cultures. Throughout his criticism Friggieri has visualised this consciousness as a state of constant development – for him the national figures die out but national psychology remains. However he makes no distinction between this literal and artistic *coscienza romantica* and the social conscience of the people. The reader has to view the significance of this distinction in the unevenness of both spirits. Whilst literature had been absorbing risorgimental influence from Italy since the past century, this national spirit was hardly existent in the populist sense. The years 1800 – 1921 encapsulate the beginning of the colonialist era and the first definite steps towards its ultimate termination.

But although this was very true for the members of the Assemblea Nazionale, for Cuschieri and for the other writers, it did not bear the same significance to the popular masses. These problematic relations lie outside the scope of Friggieri and have as yet to be studied.

## Criteria of Critique

The conceptual terminology of Friggieri is related to an interpretation of notion, situation and production in a context of interests determined by (a) conceptualisation, (b) 'historic' interpretation

and (c) ethical-social motivation. A reference to his interpretation of *Inez Farruġ* (See *Kittieba ta' Żmienna*), would illustrate this theoretical formulation. The literal analysis looks at this novel within the framework of the risorgimental conception; yet in the light of Friggieri's interpretation the message of the author is detached from the readers of the last century (who certainly did not understand the equivocal representation). In this manner the allegory of the novel – "*a case of a family, expanded on the basis of a group which becomes the symbol of an entire people*" – belongs to the risorgimental mentality – but to what extent can we say that this function was fulfilled (in the Gramscian sense) by the nineteenth-century reading public (who did not have Friggieri's interpretation at hand)? In this case Friggieri's theoretical assumption is going to lead to a structural dialectic which incorporates both the autonomous exigencies of the writer and their justification in a specific situation. Still since Friggieri devotes special attention to Italian cultural sources, the collocation in the local contemporary context may not be always clear. Thus in the light of historiographical criteria, it may be that the history of literature would seem as if detached from the social reality and would become a history of the writers of literature.

The essential feature of Friggieri's critique is the discovery and the application of a 'unitarian' synthesis of ideality and reality and an affirmation of 'progress' in the said relationship. Naturally this scheme embodies Friggieri's interpretative commitment – a dialectical representation of the form as a diachronic and synchronic model, in terms of 'structure' and 'progress'. (See the introductory study to the edition of ***Dun Karm, il-Poeżiji Miġbura*** and the structural analysis in *Mekkaniżmi Metaforiċi f'Dun Karm*). The form is not only a structure, but is also a "measure" of dynamic progress in determined historic and social situations, understood as a process in the formation of the content. His vision does not separate the historic awareness and the creative element of the artist; hence the historic contradiction of Croce's aesthetic method is resolved in the lyrical intuitivity and in the historic relativity of the literary writing in question.

From the *Saġġi Kritiċi* to the *Storja tal-Letteratura* the reader may follow a reconstruction of our literature in an organic unity. In fact Friggieri attaches considerable importance to the interdependence of traditional Romanticism and modern innovation as a historically developing process. Even in his study of Romanticism, the process of assimilating traditions is a constant companion of creative endeavour – Dun Karm created an imaginary vi-

sion of his mother in terms similar to those of his motherland. Yet whilst in the analysis of Romanticism, Friggieri imposes his interpretation in an all round risorgimental absoluteness, his introduction to Mario Azzopardi does not exclude the fact that the social problems which the poet views may not be partially related to psychological problems of the poet. With this concession one may view the two typical attitudes of Friggieri's critique – on one side a philosophical systematisation and on the other an empiric liberty. One is apt to associate this empirical treatment of modern poets with Friggieri's own involvement in the modern movement. In fact this academic criticism may have derived from the revolution in poetry of the 1960s. Mallarmè once wrote that the function of poetry is to "*donner un sens plus pur aux mots de la tribu*", which Eliot considered important enough to quote in one of his poems: "to purify the dialect of the tribe". The empiricism of Friggieri shares this view – to him our tribe includes alienation, mediocrity, conventionality, narrow-mindedness . . . (Perhaps it is of significance to point out that incidentally Mallarmè's line is found in ***Tombeau de Poe***, – the poetry which is studied in ***Saġġi Kritiċi*** reflects Poe's theory: the dominance of the 'lyric' over the 'epic'. C. Attard is the very incarnation of this dominance, whilst the two elements do surely overlap in the social protest of Azzopardi. However this is not within the limits of the present write-up).

## Populist Spirit and Intellectuals

In the introduction to **Movimenti Letterari** Friggieri writes: "The aim of this study is to provide a general view of the background of the gradual formation of the Romantic-risorgimental experience. The Italian experiences, in which the intellectuals and the popular masses took an active part, are here regarded as an immediate cause of the organisation of the first political liberal group (understood in the modern sense of an anti-colonialist movement) and of the birth of literature in the varnacular tongue." The reader should ascertain what the author means by the relation of the intellectuals and the popular masses. Gramsci distinguishes two groups of intellectuals in the functional sense – 'traditional' professional intellectuals and 'organic', those intellectuals who not only take an active part with the popular masses in cultural experiences, but are themselves the thinking and organising element of a particular social sector. To which type is Friggieri referring? What is he implying by 'an active part'? What

did the Italian experiences mean to the popular masses? These questions are of primary importance in a true understanding of this study, and the reader has to make his own judgement on the relation between these issues.

# KULTURA LETTERARJA 'MALTIJA' FL-ETÀ BAROKKA

## Premessa Storika

Il-miġja tal-kavalieri ta' San Ġwann f'Malta nidiet il-bidu ta' qawmien ġdid f'kull qasam tal-ħajja Maltija. B'riħet dan l-istabbiliment pajjiżna kiseb struttura ġdida, kemm fis-setturi ta' l-arti kif ukoll fl-*'impact'* soċjali li ħalliet l-Ordni fuq il-poplu – *'impact'* li f'għajnejn l-ewwel Romantiċi tana l-istess identità nazzjonali tagħna.

Biż-żejjed ngħidu li, għall-ewwel darba wara mijiet ta' snin ta' taqlib ta' dominazzjonijiet barranin, niesna setgħu irabbu fiduċja fl-istabbiliment ta' pajjiżna bħala nazzjon – mill-investimenti ta' l-Ordni, għall-ewwel xorta ta' industrijalizzazzjoni f'Malta – tarznar, bini, qoton . . . Sa tmiem tas-seklu missirijietna kienu diġà għarfu jintegraw ruħhom ma' l-Ordni – minn dan il-latt, l-Assedju kien ipprova il-ħtieġa ta' l-għarfien ta' din l-integrazzjoni għall-ġid komuni tal-gżira. Il-flotta u l-milizja ta' l-Ordni ssoktaw iseddqu l-istess rabta. Terġa' mal-bini tal-belt il-ġdida, l-artiġġjani – inġinieri, skulturi, mastrudaxxi . . . – ħadu spinta ġmielha. Din il-prosperità u s-sigurtà fil-pajjiż tat bidu għal moviment ġdid fil-klassi soċjali Maltija – l-ewwel għamla ta' urbaniżmu, ir-raħħala bdew iħallu l-oqsma agrarji u jmorru jgħammru fl-ibliet, hekk li dan l-influss ġiegħel lil De Paule iwaqqaf ċentru urbaniku ġdid 'il barra mis-swar.

Bil-miġja tal-Ġiżwiti fostna, fl-aħħar snin tas-seklu XVI, l-edukazzjoni ħadet xejra ġdida. Qabel lil Dusina insibuh jilmenta mil-livell aktarx baxx tal-edukazzjoni tal-qassisin. Kien hemm skola fl-Imdina iżda billi din kienet qed isservi għat-tixrid tar-riformi Luterani, kellha tingħalaq qabel l-Assedju. Sa dan iż-żmien il-kultura Taljana kienet ilha snin li stabbiliet ruħha fil-gżira. G.F. Abela jgħarrafna li *"Nelle corti e tribunali di Malta da cinquecento anni in qua e più non si scrive nè si parla con altro idioma, salvo che con l'itliano e col latino."*[1] Terġa' r-rabtiet kummerċjali ma' Sqallija, l-edukazzjoni tal-letterati Maltin, il-fatt li l-isqfijiet kienu barranin u l-ilsien uffiċjali fil-qorti rjali (li sa minn żmien Federiku II kien it-Taljan)[2], kienu fost il-fatturi li assiguraw rabta kulturali sħiħa mal-peniżola – rabta li ssiġġillat ruħha fl-istili arkitettoniċi, fl-is-sens l-istorja letterarja ta' Malta m'għandhiex tħaddan biss il-kitba tal-Malti, iżda dak kollu li nkiteb mir-ruħ Maltija, jew minn awturi li kienu kkondizzjonati mir-realtà politika, soċjali u

kulturali ta' Malta, għaliex dawn il-kitbiet imissu l-polz tal-mixja soċjali tal-gżira u għalhekk għandhom jitqiesu bħala sehem mil-letteratura nazzjonali.

Mill-isterilità artistika tal-Medju Evu gżiritna rat twelid ġdid f'kull qasam tal-arti: twelid li kellu jkun relatat max-xejriet aristokratiċi u militari tal-ħakkiema l-ġodda. Hekk, fil-pittura, per eżempju, għalkemm rajna artisti ta' fama, minn Caravaggio għal Preti u minn Arena għal Buhagiar u Zahra, Malta qatt ma żviluppat ruħha f'ċentru importanti ta' l-arti, għaliex l-arti dejjem kienet ristretta għax-xejriet militari u reliġużi tal-kavalieri: ma' dan wieħed irid iqis li l-Granmastri ma kienx ikollhom l-isfond kulturali ta' xi Mediċi[3]. Il-qasam arkitettoniku wkoll intlaqat minn dan ir-rinaxximent: mhux biss l-ippjanar ta' l-ibliet u tal-bini ta' l-Ordni, iżda wkoll il-knejjes Maltin iddakkru mill-egħjun il-ġodda.

## Xejriet Ġodda

Il-movimenti eretiċi, li nibtu fis-seklu sittax, żgħar kemm huma żgħar jixhdu li s-soċjetà ma kinitx passiva u sterili daqskemm l-istruttura parrokkkjali tagħha tista' tissuġġerixxi, aktar u aktar meta nqisu li x-xejriet riformatorji Luterani qatt ma setgħu jintegraw ruħhom mal-ħajja soċjali ta' niesna. Kif jidher ċar mir-rapport ta' Dusina, it-tradizzjoni u l-kulti tar-reliġjon kienu jsawwru d-dinja emozzjonali tas-soċjetà u għalhekk l-atteġġjament tar-riforma kien jheżżeż lill-istess eżistenza kemm ta' l-individwi kif ukoll ta' l-ente komunitarju.

Kien hemm dan l-isfond li minnu ħarġu il-kittieba u l-letterati tas-seklu sbatax. Din it-tradizzjoni huma għarfu jintegrawha ma' l-interess militari u reliġjuż tal-Kavallieri li għalihom kienu jiddedikaw il-kitbiet tagħhom. Minħabba dawn il-limitazzjonijiet l-oriġinalità tal-forma u tal-ispirazzjoni artistika kienu ristretti, b'konsegwenza li dawn il-kitbiet tagħhom ma tantx setgħu jaspiraw għal livell purament letterarju. Terġa' l-letteratura Taljana li kienet tipprovdi l-għajn ta' kultura li minnha kienu jerdgħu l-letterati Maltin, kienet f'dekadenza sħiħa, fi *'brutto artistico'* ikkaratterizzat minn perplessità interogattiva quddiem il-konċezzjoni peripatetika-skolastika u quddiem l-inċertezza li tnisslet mill-istabbilimenti ġodda ta' Copernico, Bruno . . .

Għal diversi aspetti *Battaglia*[4] iħares lejn is-*'seicento'* bħala l-milja fil-maturità u d-dekadenza tar-Rinaxximent, *''in quanto molti ideali intellettuali ed etici del cinquecento vi hanno subito*

*un'interpretazione più violenta e al contempo più stanca, che alla fine può sembrare una deliberata adulterazione e insieme una rivolta".* F'dan id-dawl is-seklu sbatax jippreżenta ruħu bħala żmien ta' kriżi – żmien li qabel ma jaspira għall-miti letterarji jintitola ruħu lill-ordni morali. Biss, kif josserva *Croce*[5] dan il-kunċett ta' kriżi u dekadenza fis-sewwa hu empiriku u relattiv – dekadenza, għalhekk, biex tasal għal tnissil ġdid. Min-naħa l-oħra *Belloni* jisħaq li l-ġenesi tal-letteratura tas-seklu XVII kellha l-istess għeruq ta' l-anti eristoteliżmu u tan-naturaliżmi Galilean – il-ħtieġa ta' ħelsien u tiġdid – sostituzzjoni ta' l-emozzjoni mis-sensazzjoni.[6]

Din ir-rieda ħerqana, reazjonarja kontra l-umaniżmu, hi miżmuma bħala anteċipazzjoni tar-romantiċiżmu – fiż-żewġ movimenti għandna ribelljoni kontra l-preċettistika formali, iżda mill-bqija il-barokk hu moviment għalih u waħdieni – jistaqsi Croce x'korrelazzjoni teżisti bejn eżuberanza sensazzjonali barokka u r-riċerka ta' l-ispirtu ġewwieni ta' kull kreazzjoni bħala identità tar-realtà romantika? L-arti barokka kienet l-*'istanding point'* tal-bniedem il-ġdid. Kif jgħid *Calcaterra* hija *"l'espressione stilistica di che vede tutta la vita dello spirito, dall'empiria sensoria alla speculazione metafisica, riflessa in un'immensa e inesauribile metafora, formata a sua volta da miriadi di piccole metafore."*[7]

## Narrativa

Ix-xejriet li fis-seklu dsatax xerrdu r-rumanz storiku ma' l-Ewropa kollha, segwew atteġġjament analogu li kien żvolġa ma' l-mitejn sena qabel. Fis-sewwa kien f'idejn *Giovanni Ambrosia Marini* (1595 – 1662/67) li r-rumanz sar dak l-equivoku fondamentali, li kif qal *Tesauro,* jiġġenera *"molti altri equivochi episodici, avviluppamenti e peripizie meravigliose e istrane che togliono fede al vero e la danno al falso"* sabiex fl-aħħar jinħallu f'sensiela ta' *"inaspettate e piacevoli agnizioni"*[8]. Kellu jkun minn dan il-prototip tar-rakkont Barokk li l-istess *Manzoni* sawwar ir-rumanz tar-Romantiċiżmu[9]. Iżda qabel ma nibdew niflu t-tematika tal-kittieba barokki, jenħtieġ li nsawwru l-mentalità *'seicentesca'* Maltija – l-identità tar-ruħ Maltija, il-valuri erojċi soċjali u l-għarfien tal-prinċipji tal-ħajja – sabiex wara nkunu nistgħu ninkwadraw il-letteratura f'dan il-qafas.

---

[1]*Descrittione di Malta Lib 2do Lib IX pg. 259*
[2]*Malta and Gibraltar – A. Macmillan London 1915 – A. Bartolo*

[3]Għal ħjiel tar-relazzjonijiet ta' l-artisti u l-kavallieri patruni v. ***J. SPIKE** – Mattia Preti's Passage to Malta, Burlington Magazine, August 1978*
[4]*S. Battaglia & La Letteratura Italiana Rinascimento e Barocco Sansoni Accademia, Pg 298*
[5]***B. Croce** – Saggi sulla lett. It del Seicento – Bari Laterza Introd XIV*

[6]*Citat* wara ***Croce** – **A. Belloni** Il Seicento (Milano Vallardi 1899)*
[7]***Carlo Calcaterra** – Il Parnaso in rivolta (Milano 1950) (Pg 121 C)*
[8]*E. Raimondi* fl-*Introduzione* għat-*Trattisti e Narratori del'600 – Milano Napoli 1960 (XVI)*
[9]***G. Getto** – Echi di un romanzo Barocco nei Promessi Sposi* fil-*Manzoni Europeo (Milano 1971)* (Pg. 13-15).

## ŻVILUPPI FIL-LETTERATURA MALTIJA – Xi prinċipji ewlenin u ġenerali fil-linja tal-movimentarjetà
(minn Caxaro sa Dun Karm)

N.B. B'movimentarjetà qegħdin nifhmu r-relazzjoni tal-letteratura ma' l-epoka tagħha. B'hekk qed neskludu kull valutazzjoni f'sens letterarju jew artistiku.

### 0.0. Premessa

Jekk inħarsu lejn l-atteġġjament li l-kritika assumiet lejn il-linearità movimentarja nsibu żewġ teoriji – dik Kroċjana li tiċħad ir-rapport li jeżisti bejn il-ġeneru letterarju u l-epoka temporali u t-teorija evoluttiva, jiġifieri li l-bniedem jappartjeni lil żmien definittiv għad li l-valuri li jesponi jistgħu jeċċedu l-limiti ta' l-ispeċifiku. B'hekk Dante, per eżempju, huwa kittieb b'attitudni tipika tad-*'duecento'* iżda l-preżentazzjoni tiegħu timraħ fuq skala ta' kożmiċità aktar ġenerika.

Naturalment meta wieħed jiġi biex jara żvilupp fil-letteratura bħala linearità evoluttiva huwa se jwarrab mal-ewwel l-ipotesi ta' Croce li bin-negazzjoni tar-rapport artist-soċjetà tirrendi ineżistenti kull bażi ta' storja tal-letteratura. Hawnhekk se nqisu li wkoll fl-oppożizzjoni ta' moviment attwali għal moviment preċedenti hemm evoluzzjoni. Kif igħid Parkhomenko m'hemmx rivoluzzjoni letterarja, iżda proċess wieħed *"where innovation seeks support in tradition, developing them* (ukoll fiċ-ċaħda hemm il-karattru ta' aċċettazzjoni ta' l-istabilità tagħhom – kieku ma jiswiex li teħodha kontrieha) *and at the same time forming new ones. . ."*

### 0.1 Il-kriterji ewlenin u l-fonti lingwistiċi

Meta wieħed jiġi biex jittratta sensiela ta' movimenti, irid qabel xejn jirrispondi għal mistoqsija ġenerika – x'inhi l-letteratura? jew aħjar x'inhi l-letteratura Maltija? Lukacs saħaq fuq ir-relazzjoni ta' l-artist mal-mixja soċjali – f'dan id-dawl il-letteratura hi mnebbha, tħoss u tirrifletti l-polz tan-nazzjon. Dan il-kriterju jeskludi kull limitazzjoni imposta minn xi medju lingwistiku speċifiku – b'hekk il-letteratura li nkitbet bit-Taljan, bl-Ingliż, . . . tagħmel sehem integrali mil-letteratura lokali għax hi-ja wkoll tħoss l-ispirtu tan-nazzjon. F'termini prattiċi nikkonkludu li dik ix-xmara ta' xogħol miktuba bit-Taljan minn De Soldanis sa

Ciantar u l-kittieba tar-Romanticiżmu, ir-rumanzi ta' Ropa bil-Franċiż u xogħol simili jgħodd mal-letteratura Maltija.

Billi l-medda tagħna hi vasta wisq se nittrattaw biss ix-xejriet l-aktar ewlenin. L-*'approach'* tagħna lejn il-movimentarjetà letterarja se nqisuh minn aspett soċjoloġiku. Għalhekk m'aħniex se nidħlu fil-mertu ta' valutazzjoni artistika, iżda se naraw il-metafora poetika bħala traduzzjoni ta' ħsieb u ta' mentalità **biss**. Aktar minn hekk billi l-kritika moderna mhux dejjem tagħraf tiddistingwi bejn il-forma u l-kontenut, wieħed irid jistabilixxi ċertu bilanċ bejn il-karatteristiċi individwali u s-sedqa universali, bejn il-ġenerali u l-partikulari.

## 1.0 Caxaro: Tnedija ta' mixja letterarja

Ninkludu biss il-poeżija miktuba; dik popolari titlob trattament għaliha.

Għad li, kif wera biċ-ċar P.D. Fenech 'l hekk imsejħa *'Cantelena'* mhux għajr fdal tal-*Qas i da,* poeżija Għarbija klassika f'mitt vers, il-versi ta' "Xidew il-Qada" huma mibnijin fuq il-prosodija latina. Bir-rikostruzzjoni ta' l-istess kummentatur il-versi tagħha huma kollha endekasillabi – b'hekk hija tissuġġerixxi minn kmieni t-triq li kellha taqbad il-letteratura.

Iżda ħalli każ iżolat, il-poeżija popolari miktuba. Minn dan l-fehma ta' xi moviment ta' poeżija popolari miktuba. Minn dan iż-żmien għandna qabża kbira sal-poeżija bil-Malti ta' Bonamico. Is-sunett tiegħu jista' jikseb għarfien sħiħ jekk nintegrawh fit-tradizzjoni Taljana ta' dak iż-żmien. Il-mottivi tiegħu huma karatteristiċi tal-konvenzjonalità barokka. Terġa' jekk inqabblu lil dan is-sunett ma' l-eżemplari Taljani nsibu li ma fihx ekwivokazzjoni.

Meta nqisu l-letteratura ta' dan iż-żmien għandna nżommu quddiem għajnejna l-qagħda dekadenti tal-kultura fostna. Ma nistgħux naqblu ma' J. Eynaud li jpinġi s-*'seicento'* Malti bħala *"secolo veramento splendito – arti e scienze fiorivano".* (Dal-kliem fuq Firenze jew fuq Malta?). L-intellettwali Maltin kienu kkundannati għal eżistenza kulturali medjokri. Il-kultura lokali setgħet terda' biss mill-baħar ta' medjokrità li kienet saret l-Italja wara l-ħruq kważi simboliku ta' Bruno fl-1600. De Sanctis stess jgħid li "wara din id-data twieldet ħajja tal-park, esaġerazzjoni kbira, erojiżmu reliġjuż, patrijottiku u morali bl-irħis, għax wara l-kliem ma kien hemm xejn". Fil-kliem ta' U. Cerroni "Ma kienx hemm nazzjon modern: ma setax ikun hemm il-modernità". Dan fl-Italja, aħseb w ara kif nistgħu naċċettaw il-viżjoni li jipprojetta Eynaud (ma fiha l-ebda kriterju ta' oġġettività).

It-twelid tal-letteratura Maltija bħala moviment seħħ mat-traduzzjoni lingwistika ta' Vassalli. Il-konverżjoni ta' Vassalli fiha implikazzjonijiet aktar profondi minn sempliċiment traduzzjoni lingwistika. Vassalli saħaq fuq il-ħtieġa soċjali u kulturali ta' l-ilsien vulgari. Il-ħsieb tiegħu jseddaq żewġ fehmiet: l-illuminiżmu u r-romantiċiżmu. Mill-idejat illuministiċi tar-Rivoluzzjoni huwa qies lil gżiritna bħala nazzjon u mir-romantiċiżmu huwa għaraf il-ħtieġa ta' l-ispiritwalità komunitarja – l-ideja tal-patrija.

## Ir-Romantiċiżmu

Oliver Friggieri saħaq ħafna fuq ir-rapport bejn ir-Romantiċiżmu u r-ribelli risorġimentali Taljani. Kif urejna band'oħra (ara *Change and Reaction Towards a Lay Institution Saints on the Retreat*) il-funzjoni tal-kuxjenza nazzjonali kienet relatata mar-ritwaliżmu tal-kult reliġjuż. B'hekk huwa fatt ċert li relevanza bejn ir-ribelli risorġimentali u l-identità nazzjonali Maltija, fis-SENS FUNZJONARJU hi ineżistenti. Naturalment dan ma jfissirx li r-risorġiment Taljan ma ħalliex impatt fuq il-mixja lejn ir-'redenzjoni' f'Termini risorġimentali Taljani tal-gżira. Impatt żgur li kien hemm iżda, fid-dawl tar-realtà soċjoloġika, jidhirli li għandna nfittxu fi kriterji oħra barra mill-ispirtu nazzjonali. Minn hekk jidher li d-dispożizzjoni soċjo-letterarja għad trid tiġi studjata.

Herder iddistingwa bil-qawwa bejn il-poeżija klassika ta' l-arti u l-poeżija naturali tal-poplu. Minn din id-distinzjoni tnisslet il-konċezzjoni ġenerali tar-Romantiċiżmu. Fil-movimentarjetà lokali dan il-proċess għandu jiġi segwit fi żvilupp doppju –

1. fil-qasam tar-ritwaliżmu reliġjuż (li sostanzjaljament jista' jikkorrispondi ma' l-eżistenza li ċaħad Herder) u
2. fl-ambjentazzjoni nazzjonalistika.

## L. Mifsud Tommasi

Ir-Romantiċiżmu jiddistingwi ruħu mill-kunċett ta' umaniżmu tiegħu. Meta nħarsu lejn ix-xejriet movimentarji ta' xi kittieb ma nħarsux lejn il-forma iżda lejn l-implikazzjonijiet. Hekk Mifsud

Tommasi jsawwar kwadretti tal-ħajja Nisranija b'xejriet favolistiċi popolari daqskemm didattiċi u morali; fil-waqt li jippreżenta mitoloġija sħiħa kristjana – l-protagonista hu l-eroj qalbieni li dejjem lest biex jissielet għall-kawża ġusta. (Ara p.e. *Lil San Ġorġ*, Msc. 747 Librerija Nazz.). Inġibu dan l-eżempju (*Lil San Vinċenz Ferreri*)

> "Spanja, Franza, Ginevra, Italja,
> kollha qawwa jġarrbu kliemek,
> Greċja, Londra, Skozja, 'Rlanda
> Imqaddsin iġġib quddiemek."

Il-kompromess xejn kompatibbli li jipprova jsawwar jirriżulta f'dan l-ispettaklu mill-aktar sentimentali tar-reliġjon. Iżda hawn jidħol l-element tar-Romantiċiżmu. F'din il-viżjoni r-ruħ kristjana timraħ fuq manifestazzjoni reliġjuża msawra minn kostitwenti pagani, bil-ħsieb li tissostitwixxi l-kisba ta' l-eternità utopistika (misteru għall-bniedem) b'taqbida dejjiema kontra l-ħażen materjalistiku. F'din it-teatralità ritwalistika, Taylor, Mifsud Tommasi u l-esponenti l-oħra ta' dan il-qasam, isibu soluzzjoni għall-misterjożità li jħoss in-Nisrani.

Il-ħsieb tal-kitba reliġjuża hu li tagħti tifsira traxxendentali lil dinja materjalistika – riċerka kontinwa għar-realtà 'vera' u kristjana. B'hekk fiha nsibu żewġ elementi paralelli – interpretazzjoni spiritwali tad-dinja u interpretazzjoni umana tal-qaddisin, għax għad li dawn huma ppreżentati bħala oġġett ta' qima, l-għan tal-kittieba hu li jipprovdu mudell għall-bnedmin. Għal xi ħadd bħal Muscat Azzopardi, l-ispirazzjoni tkun immexxija minn għan reliġjo-soċjali, hekk li jaħseb li r-reliġjon għandha tkun il-motivazzjoni. L-istess jgħodd għall-poetika ta' Manwel Dimech – għalih ir-realtà ssegwi d-definizzjoni oġġettiva ta' l-unità – unità fil-ħsieb u fis-sentimenti. B'hekk kull diversità li tista teżisti hi il-lużorja – d-dinja li ma tagħrafx il-prinċipji kristjani m'hix issegwi l-verità reali.

## Il-Leħma Patrijottika

Il-leħma patrijottika tifforma l-qofol tal-letteratura lokali. Billi l-għan tagħha hu l-movimentarjetà, m'aħniex se nqisu żviluppi ta' poeti individwali, iżda xi xejriet ġenerali fil-mixja nazzjonali.

Ġan Anton Vassallo kien wieħed mill-ewwel Romantiċi li saħaq bis-sħiħ fuq il-kunċett tal-*patria mia*. Ninnutaw iżda li huwa żamm il-karattru arkadiku tas-*settecento* fuq id-definizzjoni ta'

l-identità tal-gżira. Il-qofol ta' l-epilju tiegħu (*Il-Ġifen Tork*) qiegħed fil-kuntrast fundamentali bejn dawk li jemmnu – Nsara, u dawk li ma jemmnux – Pagani. Hi d-djalettika anakronistika li mpostat l-Ordni, imnegħdija snin qabel minn Cagliola, Magri u oħrajn. B'hekk m'hemmx rebħa nazzjonali fiha nnifisha, iżda rebħa kristjana. (Dan jissokta jsaħħaħ dak li diġà għedna fuq ir-relazzjoni identità nazzjonali/risorġiment Taljan).

B'hekk il-poeti ewlenin tar-Romantiċiżmu bikri, għad li daħlu bis-sħiħ fl-ispirtu ta' Herder ma tantx għamlu '*stress*' fuq il-bidla minn kultura elitista għal waħda popolari. Vassallo, Taylor u Cachia baqgħu fidili lejn l-imgħoddi – fit-tkomplija tagħhom ta' dak il-moviment antik, huma għarfu jdommu mottivi popolari, sentimentali u reliġjużi. Iżda jekk il-poeżija popolari xterdet, dik artistika infatmet ukoll.

Irridu nżommu quddiem għajnejna distinzjoni importanti. Kif jagħraf Jakovlev hemm żewġ strati differenti fl-arti. "*The first is the immediate social stratum, in which historical concrete social and artistic values are realised. Then there exists another stratum, that of popular creativity; the stratum of folklore. . . . This art is more symbolic.*"

Il-ġabra antoloġika ta' *Wirt il-Muża* tinkludi bosta esponenti li jseddqu dawn iż-żewġ fehmiet. Fil-waqt li r-Romantiċiżmu popolari kotor bis-saħħa ta' bosta minuri, minn T. Zammit għal Frendo de Mannarino u Vincenz Mifsud Bonnici, il-lehma nazzjonali sabet art aktar bis-sengħa f'Dun Karm, Cuschieri u aktar 'il quddiem Buttigieg.

Dan il-qasam nefaħ nifs ġdid fl-ispirtu ta' identità lokali. (Ngħidu identità lokali, għaliex għad li kien jirreferi għan-nazzjon, dan il-grupp ma kienx 'nazzjonali' fis-sens ta' kuxjenza nazzjonali bħala moviment soċjali (argument ieħor għall-ipotesi Friggierjana). Hu biss f'din l-entità ristretta u limitata li r-ribelli risorġimentali Taljani kellhom xi sehem).

Fil-poeżija artistika insibu raffigurazzjoni allegorika tal-patrija. Biż-żejjed inħarsu lejn eżempju fil-letteratura Taljana – All'Italia ta' Leopardi – biex nintebħu b'dan il-karattru. Sa ma Dun Karm ittraduċa l-eleġija personali f'eloġju għall-patrija, poeti oħra qablu ġa kienu ssublimizzaw din il-konċezzjoni. L-istess G.A. Vassallo iħares lejn il-passjoni tal-patrija bħala l-qofol ta' l-affezzjonijiet ta' l-imħabba.

Dan il-qasam jaf għadd ta' kuntrasti li mhux la kemm tgħid li huma kompatibbli. Il-mottiv Mazzinjan "*Dio e il popolo*" kien il-kredu ta' bosta romantiċi Maltin li kitbu bit-Taljan. L-istqarrija "*Vox populi vox dei*" m'hix għajr kredu fl-ispirtu popolari. Minn

Cesareo sa Pellegrini tant emmnu bil-qawwa f'dan l-ispirtu Taljan, li nsew li f'Malta l-medju popolari kien il-Malti.

Iċ-ċelebrazzjoni drammatika ta' l-eroj patriji ta' xi Muscat Azzopardi żgur kellha sehem fir-ri-inkarnazzjoni nazzjonalistika Dunkarmjana. Il-figuri nazzjonali ġew imsawra b'mod romantiku biex jissimboleġġjaw il-kawża tal-patrija. (Ara fost l-oħrajn G.A. Vassallo – **La Vallette lill-belt li bena, . . .**). Ninnutaw iżda ċertu kuntrast – għal Muscat Azzopardi La Vallette għadu jirrappreżenta l-forza barranija ('kiefer u qalil' ara *Ċejlu Tonna*) fil-waqt li għal Vassallo, Dun Karm u l-poeti l-oħra La Vallette huwa nazzjonalizzat, għad li m'hux Malti sabiex jirrappreżenta l-kawża Maltija.

B'hekk sa ma Dun Karm laħaq bena l-poetika tiegħu, is-sisien tal-letteratura Maltija ġa kienu twaqqfu. Minn Caxaro ġie mniedi dak il-moviment li baqa' jiżviluppa sa żmienna – wieħed ikompli fejn ħalla l-ieħor – kemm jekk jaqbel kif ukoll jekk jiċħad it-tradizzjoni; f'dan il-każ, iċ-ċaħda ta' tradizzjoni ġa eżistenti tkun qed tipprovdi l-mottiv għan-nebha ta' poetika ġdida.

## Żjieda

Meta wieħed jiġi biex jittratta antoloġija ta' studji kritiċi fuq il-letteratura, huwa se jiffaċċja żewġ problemi. Bħala kompilatur ta' antoloġija huwa se jistaqsi "Liema hu l-punt tat-tluq?", fil-waqt li bħala kritiku jrid jiddetermina reazzjoni speċifika.

Minn dan il-lat, *Wirt il-Muża* hi rappreżentattiva għall-aħħar. Fil-waqt li l-firxa minn Caxaro sa Mifsud Tommasi tixhed il-karattru frammentarju ta' dawk ix-xogħlijiet bikrin, il-ġabra tagħhom fiha l-gost ta' preservazzjoni. Għaliex? – Il-letteratura Maltija la hi qadima bosta u l-anqas m'hi għanja ħafna. B'hekk bħal ma min irid jibni mużew, jenħtieġlu jiġbor il-frammenti kollha, sabiex wara jieħu dehra ġenerali ta' dik il-kollezzjoni, l-istess antoloġija. F'dan is-sens *Wirt il-Muża* toffri rikostruzzjoni sħiħa tal-kwadru letterarju Malti – għad li, nammettu li xi bċejjeċ ma tantx jixhdu livell letterarju jew poetiku għoli bil-bosta.

Iżda l-kotra ta' poeti minuri li fih il-ktieb tixhed sewwa l-aspett movimentarju, l'*'insieme'* letterarju. Xi drabi tiġina t-tentazzjoni li nħarsu lejn *'figure heads'* biss – G.A. Vassallo, Cuschieri, Dun Karm u Briffa. Iżda kif l-element komparat ta' din l-antoloġija juri l-letteratura hi evoluzzjoni sħiħa: wieħed jibni fuq l-ieħor.

Dan il-kunċett iwassalna għad-definizzjoni tal-movimentarjetà: evoluzzjoni kontinwa. L-istudji ta' Fenech juruha din l-assoċjazzjoni – (anzi! xi drabi żżejjed!).

**Verso uno sfondo sintetico delle relazioni tra**

# LETTERATURA E IDENTITÀ NAZIONALE A MALTA
## (Con particolare riferimento al Barocco e al Romanticismo)

"Senza Patria, voi non avete nome, nè segno, nè voto, nè diritti, nè battesimo di fratelli tra i popoli. Siete i bastardi dell'umanità"

MAZZINI

## Premessa

La poetica nazionale e lo sviluppo culturale della nazione seguono uno atteggiamento analogo alla linea del progresso sociale in un modo che questi due settori si riflettono rispettivamente nell' attitudine popolare e nel pensiero letterario con particolare riferimento al Barocco e il Romanticismo. Anche la filosofia marxista guarda l'arte come "una delle forme maggiori di coscienza sociale", e che "esercità un ruolo funzionario nello sviluppo spirituale della società".[1] Così, benchè il numero degli esponenti dell'arte sia piccolo e limitato, il loro prodotto artistico sparga su una scala nazionale, perchè essi esprimono lo stato sociale, politico, etnico, ed intellettuale del loro tempo. In questo modo la storia culturale della nazione è parallela all'esperienza politica del paese, che fa parte integrale del complesso continentale e mondiale. In questa luce la 'Malta maltese' non implica una base di insularità assoluta, ma una Malta emancipata in un meccanismo relativamente interdipendente, definita dalla sua identità nazionale. In questa cosmicità, la cultura della nazione si svolge in una struttura estetica universale, in un'evoluzione egonomica relata all'imposizione temporale del paese. (Qui si fa riferimento alla temporalità del progresso: mentre l'Italia si unificò nel 1871, Malta acquistò la sua indipendenza politica nel 1964). È appunto da questi criteri che si può determinare l'aspetto movimentario della letteratura: una movimentarietà che, nel nostro caso, colloca il Romanticismo a Malta nella prima metà del novecento, mentre con gli stessi criteri giustifica la decadenza del Romanticismo italiano nella seconda metà del secolo scorso.

## Uomo, società e tradizione

Benchè l'uomo sia libero di reagire secondo le sue convinzioni e le sue credenze, egli non può determinare le circostanze e il com-

plesso di cui fa parte. "L'uomo fa la sua storia . . . ma sotto circostanze direttamente trasmesse, determinate e incontrate dal passato . . . Le tradizioni delle generazioni scorse pesano come un incubo sulla mentalità attuale."[2] Così, in un'isola che si è appena sporta da un guscio di colonialismo, da un regime basato su una struttura parrocchiale e tradizionalmente cattolica, l'atteggiamento della società sarebbe ancora influenzato dalla mentalità tradizionalista. Oltre a questa affinità politica, esistono altri nessi che collegano concetti diversi – la relazione tra la concezione di Hardy e la tragicità del dramma greco, l'intonazione risorgimentale italiana e l'equivocazione barocca (oltre al fatto che "I promessi Sposi", il romanzo risorgimentale per eccellenza, si era ispirato a una trama barocca[3]. . . . In questa luce la tradizione e le nuove correnti assumono un processo di sviluppo storico, "dove l'innovazione cerca il suo appoggio nelle tradizioni" (anche se in una ribellione la tradizione offre lo spunto per la motivazione), "sviluppandole e allo stesso tempo formando altre nuove, e queste tradizioni alla loro volta costituiscono il fondamento per innovazioni e scoperte ulteriori".[4]

Lo sviluppo di questo processo storico ha lasciato la sua impronta anche sulla letteratura maltese moderna – in questo modo l'ultima soluzione di Azzopardi presenta un ritorno al mitico Oriente, alla genesi dell'uomo, (diverso dal senso nostalgico dei Romantici) cosicchè la storia dell'uomo segue un carattere di ciclicità. D.H. Lawrence ed altri illustrano lo stato primitivo come il culmine dell'ideale umano, mentre Marcuse suggerisce che per acquistare veramente la libertà l'uomo deve andare dietro – negare il principio della realtà e sostituirlo dalla dominazione dei sensi. Con questa interpretazione, il movimento femminista del nostra tempo, che professa la liberazione della donna – significa che la società deve accettare ancora un'influsso di tenerezza, sensualità, erotismo . . . – valori che tutti, infatti, hanno la loro parte nella letteratura. In questo modo la letteratura si distacca dalla realtà politica per scoprire i valori più sublimi di una verità più efficace: la realtà dell'individuo. Dalla vivacità degli intrecci incidentali di Goldoni al dilemma dei personaggi pirandelliani e il contrasto tragico della società-individuo di Cecov, . . . abbiamo una evoluzione 'rivoluzionaria': evoluzione nel senso che è lo sviluppo di una dialettica già esistente – un contrasto tra componenti di valori 'veri', e rivoluzionaria perchè quei valori hanno perso la loro consistenza. Così nasce il carattere di Conrad – qualche *'Lord Jim'* che mentre crede nella *'fidelity'* e nella *'faith'* quando passa dalla sua prova, denuncia questo codice. Chiede il Conrad: Quale significato eser-

citano questi valori nella società odierna?, o sono illusioni attraverso le quali l'uomo cerca di dar una spiegazione all'assurdità dell'esistenza umana?

Qui nasce la dicotomia tra il fondamento spirituale dell'uomo e il concetto del materialismo – eroico del ventesimo secolo. In un paese che per la prima volta, dopo due mila anni di colonialismo, sta subendo una trasformazione verso il suo 'progresso' autonomo, i cittadini sono ancora protetti da una visione ristretta – una *'dull reality'* come quella del Capitano Jones *(in 'Lord Jim')* – ed investono il loro impatto in fanaticismo politico e religioso. Il carattere del poeta: individuo e cittadino.

Letteratura

| nazionale | individuo cittadino | 'artistica' |
| --- | --- | --- |
| – produzione di uno stato sociale specifico | | – integrazione alla realtà dello spirito: una verità più sublime dalla realtà *politica* |
| definizione che determina questo stato dall'altro | coscienza dei componenti dell'entità comunitaria della nazione. | |

*Il contesto dualistico della letteratura è svolto dagli stessi sen-*timenti dello scrittore – così possiamo seguire questo sviluppo nell'esposizione materna di Dun Karm (il poeta tradizionale del Romanticismo) e nel componente femminile di Azzopardi (il poeta ribelle, la cui poesia incorpora la protesta contro la figura tradizionale dell'isola). Il contrasto e l'assimilazione tra questi due caratteri è di maggior' importanza, perchè mostra che la poesia nazionale non rimane una semplice formula di emozioni personali e di una identificazione della patria con i sentimenti del poeta, ma mentre ritiene la sua riflessione della vita personale, essa cerca di dar una nuova interpretazione della società.

In Dun Karm abbiamo un esempio tipico del complesso d'Edipo, tanto su una base personale quanto su una scala nazionale. Dal concetto materno del cittadino (nell'Inno Maltese descrive l'isola come "la madre che ci ha dato il suo nome") e del figlio che nella sua madre vede una sorgente di amore alla donna che guida il poeta nella via della vita in una funzione analoga alla madre zanelliana.[5]

*"Omm . . . xi ħlewwa, xi tjieba ta' isem!*
*Omm, il-kelma tal-faraġ fil-hemm,*
*Omm, il-kelma tal-ħniena fil-ħtija,*
*Omm, il-kelma li trażżan id-demm"* *(Waħdi)*

(Madre, – che fascino e bontà ha quel nome, è la parola che confronta nelle sofferenze, è la parola che evoca pietà nella colpa, è la parola che ha la forza di frenare il sangue).

Mentre alla sua madrepatria Malta egli canta un inno epico, alla madre che gli ha dato la vita, egli declara un'elegia lirica. La credenza in Dio fucina un altro nesso tra i due aspetti: l'isola è presentata come 'Malta Cattolica' unita per mezzo della religione (il concetto Mazziniano) e la madre è il personaggio che conosce l'importanza della fede in Dio, e che ultimamente offre la soluzione ai dubbi del poeta. *(Il-Jien u lill hinn Minnu).*

| | | |
|---|---|---|
| Scala Nazionle | | Vita personale |
| dio e popolo | | dio ed io |
| cittadino | LA MADRE | figlio |
| epico | | lirico |

Benchè nella letteratura moderna, questa visione maltese di Dun Karm sia caricaturizzata in un componente grottesco ed anti romantico, la valutazione della figura Dunkarmiana è indentica all'umanesimo e alla liricità della figura muliebre di Azzopardi. Nelle ultime raccolte di questo poeta *('Passiflora'* e *'Tabernakli')* la donna esce sublimata, un simbolo religioso e mistico; è la figura umana e lirica che assiste il poeta 'viaggiatore'.

**LA DONNA**

| **Figura Nazionale Maltese** | **umana** |
|---|---|
| caricatura grottesca | mistica |
| anti-romantica | lirica come la figura |
| anti-Dunkarmiana | femminile di Dun Karm |

In entrambi i movimenti la poetica presenta un passaggio che assume le caratteristiche del popolo. Come in "I Vecchi e i giovanni" i personaggi pirandelliani partecipano alla natura volcanica della Sicilia – una visione in una contrapposizione all'isola benedetta delle "Primavere Elleniche" del Carducci – così anche per Azzopardi, Malta è l'isola parassita, – *("bil-leqqa ta' żaqqek ta' brimba, tistieden u toqtol")* (col lampo che guizza dal buzzo di ragno, adeschi e trucidi) simile alla quale troviamo un popolo che cerca di sistematizzare la vita delle sue vittime nella sua Tradizione. Affrontato da questa realtà misera, l'intelletuale si

ritira: abbiamo visto il dominio del misticismo in Azzopardi, gli elementi orientali e folcloristici nella musica di Camilleri, (il soggettivismo nel teatro di Ebejer), la sostituzione dell'espressione eufemistica con la purità lirica ed eterea di Cremona, l'armonia 'mistica' col suo aspetto del formalismo dei templi megalitici nella grafica di England, l'esilio simbolico del nevrotico dalla 'gabbia' sociale (*Il-Gaġġa'* di F. Sammut) . . . e la soluzione che cercano di trovare Lillian Sciberras e Mario Vella: una rinascita verso una nuova società che denuncia la passività della mentalità tradizionale. In verità l'esilio dei letterati maltesi è radicato nel problema della società: una crisi di identità di un popolo che ha appena acquistato la sua liberazione.

## La Questione della Lingua
## Premessa

Abbiamo visto come con l'insediamento dell'Ordine l'isola aquistò una forma di identificazione (la sua autonomia politica dalla Sicilia) e questo senso si era penetrato in tutti i rami della cultura: lo sviluppo nella storiografia, l'interesse filologico di I.S. Mifsud e quello glottologico di De Soldanis, . . . Ma in tutto questo tempo l'egemonia letteraria rimaneva nelle mani della classe dirigente, che da parte sua non rappresentava il concetto 'nazionale' maltese, ma lo stabilimento dell'ançien règime. Infatti la stessa esistenza monopolica della lingua italiana accanto al codice linguistico locale riflette una divisione nella classificazione sociale: questo contrasto scoppiò nella 'questione della lingua' durante gli anni del colonialismo inglese.

Quando si tratta della letteratura 'nazionale' a Malta si deve determinare le fonti linguistiche: l'esercizio letterario in lingua italiana è letteratura nazionale maltese? o fa parte della letteratura dialettale italiana? Con criteri politici, siccome queste scritture sentono il cammino sociale di Malta e siccome Malta è una nazione, è chiaro che la sua letteratura in lingua italiana fa parte della sua letteratura nazionale. Dall'altra parte, determinando l'aspetto con criteri culturali questi esercizi letterari s'intitolano alla letteratura dialettale italiana – perchè l'isola fa parte di un'altra realtà – la sua cultura riflette la cultura italiana. Da questa nazione si possa passare alla distinzione crociana che definisce la differenza tra letteratura dialettale riflessa e letteratura dialettale spontanea, cioè tra linguaggio in cui il dialetto è applicato consapevolmente per esigenze particolari e linguaggio in cui l'uso del dialetto è inconscio e spontaneo. (B. Croce). Naturalmente la letteratura 'maltese' fa

parte della prima categoria.

Mario Sansone[5] considera la storia della lingua letteraria come il punto di partenza per cogliere le vicinde delle letterture dialettali rispetto alla letteratura nazionale. Secondo lui le letterature dialettali in Italia non sorgono se non quando se è determinata la coscienza dell'unità linguistica nella cultura nazionale. Nel nostro caso l'esercizio letterario in lingua maltese si verificò quando la massa del popolo cominciò a rendersi conto di questa unità – una coscienza che significò la decadenza della letteratura dialettale italiana usata dal gruppo dirigente. Infatti per Gramsci le correnti della questione linguistica comportano automaticamente un rinnovamento nell'ordine sociale: un bisogno di riformare le estensioni del gruppo dirigente. In questa luce il movimento linguistico maltese seguì una prospettiva triplice:

1. la negazione dell'egemonia dell'italianità (un fattore che si verifico soltanto dopo la seconda guerra).
2. la determinazione di una nuova identità non più di una base coloniale.
3. la fondazione di una totalità sociale.

I commenti di de Sanctis sulla riforma cartesiana hanno uno spunto di riferimento storico importante alla situazione di Malta nel 1798. "La riforma cartesiana in Italia non produsse alcun serio progresso scientifico, com'è d'ogni scienza importata e non uscita da una lenta elaborazione dello spirito nazionale. Fu utile come mezzo di diffusione delle idee nuove."[6] La sconfitta della borghesia jacobina maltese – cioè il suo isolamento dalle masse popolare – era dovuta proprio al suo fallimento di creare una condizione rivoluzionaria (quella che Thomson chiama *"a revolutionary situation"*[7]: l'avanguardia non era radicata nello spirito cosciente nazionale, ma aveva appoggiato e aderito ai concetti dell'illuminismo continentale. Dato questo fallimento da parte della borghesia, si deve pensare al carattere della popolazione maltese per poter progettare un dossier integrale e organico. Esaminando la situazione locale nella vigilia della rivoluzione francese, Bianca Fiorentini[8] scrive – "Il dominio dei Cavalieri aveva escluso per secoli il popolo dalla vita attiva, impedendo la formazione di una coscienza locale capace di afferrare i sintomi di una trasformazione sociale già in atto nella maggior parte dei paesi europei. A ciò bisogna aggiungere, l'insularità, le superstizioni e una certa indolenza naturale, elementi tutti che contribuivano ad ingenerare nella plebea una mentalità ristretta e perennemente conservatrice". In questo modo un movimento che poteva realizzare una rivoluzione popolare finì

dominato dal suo fallimento di attirare alle masse popolare e diventò un movimento anti-democratico.

## Il Romanticismo

La natura di un movimento così complesso com'è il romanticismo presenta una intera evoluzione di aspetti e di tradizioni nazionali. Infatti, come cera di definirlò Gabetti[9] il romanticismo apparve ora come movimento rivoluzionario, ora come movimento di restaurazione; ora come individualismo; ora come sentimento religioso dell'unità della vita sociale; ora come trionfo della' libertà dello spirito . . . Ma come sostiene Spinazzola[10] il punto sul quale i romantici esercitano con particolare impegno il loro sforzo era l'affermazione della autonoma responsabilità dell'intellettuale, nella fattispecie il poeta di fronte al pubblico. Così il rifiuto della precettistica formale è radicato nella convinzione che la dogmatica letteraria ostacolava l'intervento attivo del poeta sul tempo, "frapponendo un diaframma alla sua sensibilità, alla sua immediatezza espressiva."

Riprendendo e sviluppando la tradizione di cultura italiana, i romantici maltesi vedono nel poeta il carattere herderiano, cioè colui che esprime le istanze collettive del suo popolo. Per questa via la letteratura si risolve in un esame di coscienza collettivo compiuto a nome di tutto il pubblico nazionale. È vero che la forma si riferisce al passato[11] ma appunto questo criterio la mette in condizione di poter valutare la estenzione del 'male' di determinare le conseguenze che si prolungano nel tempo sino alla realtà di oggi.[12]

## L'impatto del risorgimento italiano

In virtù della posizione geografica e della sua situazione politica, Malta si trovò coinvolta nel movimento unitario italiano. Infatti con il crollo del regime napoleo e la successiva restaurazione borbonica, iniziò "il grande esodo verso le coste di Malta, dei cospiratori (in gran parte napoletani e siciliani) sfuggiti alle rappresaglie della reazione vincitrice.[13] Di più, secondo F. Lanza[14] i rapporti tra Malta e la Sicilia erano così strettamente legati nella preparazione rivoluzzionaria "da rendere impossibile un disegno storico che volesse ignorare l'una o l'altra isola mediterranea, trattandole separatamente."

Per O. Friggieri, a Malta questo movimento trovò le condizioni favorevoli che si potevano ottenere soltanto nel cosidetto 'sistema liberale inglese'. Il loro impatto rendeva la trasformazione

della stampa locale in un centro di attitudini popolari – dai campioni della libertà ai difensori contro l'anarchia. Infatti, come osserva Giovanni Mangion[15], dopo la concessione della libertà di stampa, "gli esuli divennero per così dire una istituzione isolana, una attiva forza politica, una scuola di liberalismo politico-religioso." In questa luce, i lettori di *"Inez Farrug"* sono affrontati da una metafora allegorica dove l'esploitazione di Malta è il tema principale (un caso di una famiglia esteso sulla base di un gruppo e che diventa un simbolo di caso del popolo)[16].

Friggieri suggerisce cha la questione dei rifugiati italiani aiutò la disseminazione di una coscienza popolare verso un'identità nazionale[17]. Ma benchè nel campo letterario la conclusione di Friggieri sia valida, con criteri storico-sociali, la sua interpretazione è stiracchiatamente affettata e oggettivamente irreale. Sarebbe meglio dire che gli elementi liberali maltesi erano affrontati da una nuova realtà, dove le formule e le ideologie erano sacrificate a favore di insurrezioni popolari.[18] Per esempio lo spirito popolare era centrato sulla scontentezza materiale e certamente non sulla questione dei rifugiati italiani. Oltre a ciò, come osserva Lee[19] il movimento era ostile al governo inglese e mostrava sentimenti anti-religiosi. Questo procedimento era una via poco savia da seguire siccome la chiesa costituiva una forza primaria di agitazione popolare.

## La Situazione materiale

Il progresso commerciale, l'istruzione pubblica e la riforma del codice letterario formulano, per la borghesia dalla quale uscirono i romantici, tre spunti relattivamente importanti, in un modo che, con la denunzia di un codice culturale in cui si erano cristallizzati valori etici di una civiltà tradizionalmente aristocratica, la borghesia maltese si trovava in una situazione analoga a quella lombarda di anni prima, quando, nelle parole di Derla, essa "si mostra consapevole che la classe è un fattore decisivo di riconoscimento culturale e con la sua richiesta di una letteratura improntata ai suoi valori e interessi (morale, economici e politici), tanto più perentoria in quanto – forse per la prima volta – essa si concepisce come la classe perno e guida della società e pensa quei valori ed interessi come universali e definittivi, rivendica a se la funzione di interprete della "totalità dell'esperienza".[20]

## La funzione della Storia

La dialettica romantica si rivolge alla storia per dare un senso di identità nazionale – un passato storico idealizzato. Da Gio. Antonio Vassallo a Dun Karm, Muscat Azzopardi e Cremona la poetica cerca il senso della storia nella poesia e della poesia nella storia. Come osserva bene Oliver Friggieri[21], Dun Karm, guidato da un teocentrismo assomigliante a quello di Mazzini e di tante altre voci risorgimentali, trasforma la storia di Malta in un processo di attuazione della volontà divina. Questa mistica patriottica guarda l'Iddio come l'Eroe supremo, l'agente di ogni vittoria, e in essa il popolo assume una funzione simbolica al "popolo di Dio", in un modo che Malta venga identificata con la terra scelta nel piano divino.

"Già di remoti secoli ne l'imo
de la tua gloria, l'albero perenne
profonda la radice; chè non tutti
Iddio dei suoi favor serba a le gioie;
E tu fra pochi intenerata serbi
l'antica fede. Oh ne la faticosa
tua storia quanto gorgogliar di sangue!"[22]

Questo senso epico religioso è anche inserito nei racconti risorgimentali – ambientati sempre nel passato storico, un rifugio che permette all'autore di gridare la sua protesta – racconti che storicamente idicano le prospettive sociali del movimento romantico. Già abbiamo fatto riferimento a *"Inez Farrug"* (1888), un racconto ambientato nel medio evo, dominato da un senso di passività cristiana che Friggieri definisce come *"l'elegia della persecuzione"*. Nei romanzi di Muscat Azzopardi (padre e figlio) i protagonisti, da "Nazju Ellul" (1909) ad *"Anġli tan-Niket"* (Angeli d'affanno), finiscono per morire, vittime sacrificate all'onore della patria: *"il martirio per la patria"*. Invece, in Aquilina *"Taħt Tliet Saltniet"* (Sotto tre Regni), come nel Manzoni, quelle che, nell'epica barocca sono chiamate "le forze del bene", ultimamente trionfano sulle "forze del male". Il tema di Aquilina è basato sul concetto evangelico – il bisogno di riformare la struttura sociale. Questo stato ulteriore del romanzo del romanticismo possiamo chiamarlo *"il trionfo manzoniano"*. Riguardo al senso della storia, Lukacs ha colto benissimo i motivi di questa impostazione. "Le esigenze ideologiche del periodo posteriore alla Rivoluzione francese e a Napoleone hanno ridestato il senso della

storia, hanno suscitato un impulso ad accogliere nella letteratura elementi storici; l'aspirazione del popolo italiano all'unità nazionale"(nel caso di Malta all'autonomia politica dal colonialismo inglese) "esige che il dramma configuri le grandi e tragiche svolte cruciali del passato della nazione, per comprendere nella loro dialettica le più profonde cause sociali ed umane del particolarismo statale, nonchè per attingere dai tragici insegnamenti del passato la lucidità e la forza onde combattere per l'avvenire, (d'Italia)"[23]

L'indipendenza raggiunta nel 1964 comportò un mutamento del ruolo storico della borghesia – una classe rivolta alla contrazione in funzione conservatrice dei valori stabiliti. Il nuovo capitalismo, come quello del primo novecento italiano, "ha conosciuto una fase di forte sviluppo e di raffinamento delle funzioni sovra strutturali, in grado allora di spiegarsi in forme più articolate; tuttavia con il graduale mutamento del ruolo della borghesia, il movimento si dissolve. La nazionalizzazione statale degli anni 70 ha costruito il piano storico che modula l'avanguardia. Ma l'autonomia della redenzione del 1979, questa volta a favore del proletariato ha comportato la limitazione della coscienza storica e l'impedimento della comprensione del significato della cultura da parte della nuova classe dirigente il che è sfocato in un quadro sociale dominato dalla mancanza di un centro culturale egemonico.

---

[1]*Marxist-Leninist Philosophy – A.P. Sheptulin (Progress Publishers Moscow 1978) Pg 462*

[2]*Karl Marx – The Eighteenth Brumaire of Louis Bonaparte – (Progress Publishers Moscow 1977) Pg 10*

[3]*G. Getto – "Echi di un romanzo barocco nei Promessi Sposi" in Manzoni Europeo (Milano 1971) Pg 13-15*

[4]*M. Parkhomenko – Renovation of traditions (Prog. Publishers Moscow – 1976) Pg 8*

[5]*Sansone – Relazioni fra la letteratura italiana e le letterature dialettali in Letterature Comparate (Marzorati-Editore – Milano 1971) Pg 278*

[6]*De Sanctis – Storia della Letteratura Italiana Feltrinelli – Milano 1967 – Pg 723*

[7]*Thomson – Europe since Napoleon Penguin 1978 Pg 24*

[8]*Fiorentini – Malta Rifugio di Esuli*

[9]*Gabetti – Romanticismo in Enciclopedia Italiana XXX, 1936 Pg. 63*

[10]*Spinazzola – Storia Della Letteratura Italiana – Milano Garzanti 1969, vol VII*

[11]*Gli stessi nomi delle opere indicano la natura tematica – "Katrin ta' l-Imdina" una ballata ambientata nel Medio Evo, "La Sposa della Mosta" e i racconti storici di Muscat Azzopardi "Toni Bajada" in eroe dell'assedio dei Turchi, "Nazju Ellul" un compaesano del tempo dell'imblocco dei francesi, . . .)*

[12]*Vide la rilevanza fra questi spunti e "I Promessi Sposi" come testo di riferenza ideale in V. Spinazzola "La contradizione dei Promessi Sposi" – annali della*

*Facoltà di Lettere – Università degli studi di Milano 1969, Pg 37*
[13]*Schiavone – Esuli Italiani a Malta durante il Ris. i Echi del Ris. a Malta (Comitato della Soc 'D A' Malta 1963 Pg 115)*
[14]*F. Lanza – "Rapporti Letterari tra la Sicilia e Malta" Pg 599 in "La presenza della Sicilia nella cultura degli ultimi cento anni."*
[15]*Mangion – "Governo Ingelese, Risorgimento Italiano ed opinione pubblca a Malta (1848 – 1851) Malta Pg 8*
[16]*O. Friggieri – Kittieba ta' Żmienna (2da edizione) Pg 278*
[17]*O. Friggieri – Hyphen Autumn 78 – Spunti għal stħarriġ ta' "Taħt Tlett Saltniet" Pg 22*

[18]*"Iż-żerriegħa mixħuta fil-ħamrija mitluqa tas-sensibiltà Maltija mill-eżiljati risorġimentali Taljani bejn l-1804 u madwar l-1870 ħadet fost il-Maltin sewwa sew meta l-motiv patrijottiku beda jifforma ruħu f'organi attivi, il-partiti politiċi", (ibid)*
[19]*Hilda Lee – Malta 1813-1914 A study in Constitutional and strategic development (Progress Press Valletta 1972)*
[20]*Derla – Poetica e ideologia di Giovanni Berchet in 'Convivium' 1968, n. 3 Pg 297*
[21]*O. Friggieri – Storja tal-Lett. Maltija (KKM 1979) Vol. I Pg 233.*
[22]*Citato da Friggieri; (ibid)*
[23]*G. Lukacs – Il marxismo e la critica letteraria Torino 1953, Pg 450 citato da Petronio – nell'Introduzione di "Poeti minori dell'Ottocento, Torino U.T.E.T. 1959"*

# ESPOŻIZZJONI TA' FEHMIET EWLENIN FIL-KRITIKA

Raġunijiet li jwasslu lil Platun għal ġudizzju negattiv ta' l-arti fi *Ir-Repubblika*. Diskussjoni fid-dawl tal-fehmiet kuntrarji u pożittivi tiegħu.

(*N.B.*: Ir-riferenzi minn *Ir-Repubblika* huma meħudin minn *Plato's Republic*, traduzzjoni ta' Henry Davis, Universal Classics, Amiel Publisher Inc., New York, bla data).

Meta Platun, fit-trattat 'Soċjali' tiegħu, ġie biex jikkummenta fuq il-poeżija, huwa kellu għanijiet li kienu għal kollox differenti minn dawk tal-poeta. L-għan tiegħu kien li jibni soċjetà ġdida: huwa kiteb trattat biex jiddefinixxi l-etika ta' l-individwu fis-soċjetà. Minkejja dan, xorta jinħass l-element qawwi metafiżiku fix-xogħol kollu. *Ir-Repubblika* tibda b'definizzjoni ta' l-istat, li fost il-membri l-aktar importanti tiegħu nsibu l-'għassiesa' u s-suldati. Dawn kellhom iħarsu l-integrità tar-repubblika bil-qawwa kollha. Hi din il-konnessjoni, i.e. it-taħriġ li għandhom jirċievu dawn iċ-ċittadini, li twassal lil Platun biex jitkellem fuq il-poeti. Dawn il-fehmiet huma mfissra fit-Tieni u fit-Tielet Ktieb tar-*Repubblika*, fil-waqt li fl-Għaxar hu jikkundanna l-poeżija fuq bażi morali.

Platun stess jurina biċ-ċar l-għan tiegħu sa mill-ewwel:

"Int u Jien m'aħniex poeti bħalissa, iżda l-fundaturi ta' belt ġdida, u huwa dmir tagħna li nkunu nafu l-mudelli li fuqhom qed jimxu l-poeti." KT. II KAP XVIII

B'hekk għandna stqarrija minn għand Platun stess fejn juri li l-għan tiegħu mhux poetiku. Din l-istqarrija min-natura tagħha stess tagħraf li hemm differenza bejn ħarsa 'politika' lejn il-poeżija, u ħarsa 'poetika' (t-tradizzjoni li nsibu fil-*Ion*, ta' Platun il-bikri).

Fil-fatt Platun fl-istess *Repubblika* jagħraf il-poeta bħala interpretu tal-ġewwieni. Għandna vjaġġ bejn l-intern uman, 'il ġewwa, mhux 'il barra, bejn id-dinja ta' madwarna:

"Tip ieħor ta' argument dwar il-ħaqq u l-ħażen insibu riferenza għalih kemm privatament kif ukoll mill-poeti" KT.II, KAP VII

Naraw li s-sens privat, intimu u personali qiegħed fl-istess livell tal-poeta. B'xi mod nistgħu ngħidu li dawn iż-żewġ ħwejjeġ għandhom funzjoni identika, għaliex il-poeżija tesprimi s-sens tal-privat, fil-

waqt li l-qawwa ġewwiena tnebbah lill-poeżija. Fl-istess djalogu, Platun jissokta:

"għax (il-poeti) kollha jsemmu t-tjieba u s-sbuħija tal-ħaqq, iżda din it-triq hi iebsa. It-triq tal-ħażen hi faċli u komda."

(*ibidem*)

Il-mistoqsija toħroġ waħedha: X'inhi l-funzjoni tal-poeta – li jinterpreta r-realtà b'mod sinċier (bil-ħaqq, iżda bit-triq l-iebsa) jew li jagħżel it-triq il-ħafifa? Iżda f'dan il-punt, Platun jaqta' ħesrem l-argument tiegħu: fir-Repubblika m'hemmx sinċerità suġġettiva. L-istess intelliġenza suġġettiva u personali ġiet soffokata. Platun jikkwota 'l Omeru:

"Oqgħod int fil-ħemda, u saħħaħ kliemi."

KT.III KAP. III (P.90)

Dan iwassal għall-ewwel ċaħda kategorika tal-poeti:

"Aktar ma dawn ikunu poetiċi, inqas għandu wieħed jismagħhom, sakemm irid ikun ħieles u sakemm jibża mill-jasar aktar mill-mewt."

KT.III KAP.I

(L-istess lingwaġġ hu poetiku: l-jasar, mifhum primarjament fis-sens Grieg ta' jasar fiżiku, applikat għall-jasar intellettwali . . . ).

Ninnutaw li l-'poeżija' fiha element li wieħed għandu jevitah. Dan għaliex il-poeżija, mifhuma fis-sens Frewdjan ta' għamla ta' terapija, tesprimi burdati u waqtiet li huma x'aktarx punti problematiċi. Platun josserva:

"Ma ntbaħniex aħna stess li hemm burdati, li aħna ħsibna li ma jeżistux, u li jħallu effetti bil-kontra ta' dawk mixtieqa minna."

KT.III KAP.XI

Fir-Repubblika l-għan ta' l-arti hu li "tagħti gost mingħajr deni". Henry Davis jittraduċi dan il-ħsieb KT.IIKAP.1 f'sens aktar speċifiku: "*pure and unalloyed with pain*". Viżżjoni ta' l-arti bħal din teskludi l-kunċett ta' l-arti tal-malgust. Ukoll il-moviment romantiku ċaħad din it-teorija, billi ħares lejn l-angoxja tan-notturn bħala spirazzjoni qawwija.

Skond Platun dawn l-angoxji għandhom jiġu soppressi:

"Aħna għandna noħonqu l-ilfiq u t-tnehid ta' nies kbar? Dan żgur . . . u fis-sewwa, nkunu għamilna ħaqq xieraq."

Kt.III KAP.I

F'xi waqtiet Platun ikun xettiku dwar il-validità razzjonali ta' dan l-ilfieq, iżda dan it-twemmin tiegħu hu konsistenti.

"Ukoll jekk dawn il-ħwejjeġ kienu minnhom, jiena naħseb li qatt m'għandna ngħiduhom liż-żgħar u lil min mhux matur: dawn il-ħwejjeġ għandna nostruhom minnhom." KT.II KAP.XVII

Dan għaliex dawn l-egħmejjel kiefra jistgħu jagħtu eżempju ħażin:

"L-anqas m'għandna nitkellmu fuq il-gwerer ta' l-allat."

*ibidem*

F'argument ieħor Platun jipprova jagħti ġustifikazzjoni għal dan il-kredu tiegħu:

"Taħseb int li xi ħadd jista' jkun ħieles mill-biża' tal-mewt, waqt li għandu f'moħħu xbieha ta' Hades?" KT.III KAP.I

Iżda hawnhekk Platun qiegħed jikkontradixxi lilu nnifsu. It-twemmin (metafiżiku) f'Hades hu poetiku daqs kemm hi l-biża' li jirreferi għaliha. Bħala filosofu, Platun ma jistax jiddefinixxi l-preżenza ta' Hades b'razzjonalità konkreta, u b'hekk l-argument hu poetiku u mhux filosofiku! Platun għaraf dan kollu hekk li tana ġustifikazzjoni għall-istess Hades

"hi bżonnjuża għal dawk li jridu jmorru suldati"

*ibidem*

Soluzzjoni x'aktarx fjakka, razzjonalment! Hi forma ta' aljenazzjoni kruda.

Iżda Platun ma jridx li jkun hemm xi ħadd li jaħsibha b'dan il-mod. B'hekk jasal għall-prinċipju taċ-ċensura:

"Aħna se nqisu l-għażla tal-(kittieba) u tat-talenti li huma tajba għall-istat, bħala x-xogħol speċjali tagħna."

KT.II KAP.XV

"Meta wieħed jgħid (li l-allat jissieltu), aħna ma naqblux miegħu, u ma nagħtuhx il-privileġġ tal-kor."

KT.II KAP.XXI

Platun ma jqisx lil dawn il-ġudizzji bħala universali. Dwar il-validità ta' l-ilfiq u tat-tnehid, hu jgħid hekk:

"Dawn l-affarijiet inħalluhom għan-nisa u għal irġiel beżżiegħa . . ." KT.III KAP.II

Ninnutaw li għandna distinzjonijiet speċifiċi fost l-isfera ta' l-umanità. L-argument m'huwiex loġiku: jekk Platun irid soċjetà ideali, u nafu li l-lamentazzjoni mhix kunċett kompatibbli ma' l-ideal, allura kif jaċċetta li kunċett kundannabbli hu ġustifikabbli għas-sess femminil? Jew in-nisa mhux se jkunu ideali? . . .

Fid-dawl taċ-ċittadin ideali, Platun jiċħad l-istess forom ta' sentiment naturali. Dwar din is-silta minn Omeru:

"Is-sema dwiet b'daħqa dewwiema
Daħqa li l-ferħ tagħha kulħadd ġarrab
meta ra 'l Vulkan f'xogħlu l-ġdid."

Platun jgħid hekk:

"Ħwejjeġ bħal dawn ma jistgħux jiġu mħollija."
KT.III. KAP.III

L-istess kriterji huma applikati għall-mużika:

"L-istrumenti tal-korda m'għandhomx jindaqqu minħabba li fihom element ta' espressività li ma jagħmilx tajjeb lill-moħħ."
KT.III KAP.X

"Minn hekk nagħarfu li hemm arti tajba, u arti ħażina – i.e. li "ma tagħmilx tajjeb lill-moħħ". L-istess fil-letteratura: hemm dik tajba u dik ħażina:

"Jeħtieġ li aħna nimponu l-kontroll tagħna fuq dawk li jtarrfu l-ħrejjef – għax ukoll jekk ħrafa tkun mill-isbaħ hemm bżonn li aħna nagħżlu, u dak li (mhux tal-livell tagħna) aħna għandna nwarbuh . . . għaliex . . . dawn il-ħrejjef jiffurmaw il-moħħ tat-tfal, (u jistgħu jħallu effett ħażin)". KT.II KAP.XVII

B'hekk l-arti qed tiġi mċaħħda mill-funzjoni tagħha: hi ma baqgħetx forma, iżda saret kontenut speċifiku. B'riferenza għall-mużika Platun jgħid hekk:

"Ma hemm bżonn ta' l-ebda lamentazzjoni, u l-anqas ta' armoniji (f'toni minuri) . . . Il-mużika b'armonija Jonika jew Lidjana, tħalli effett ta' mistrieħ. Taħseb li dawn huma tajbin għall-militar? Le!"
KT.III KAP.X

"Aħna jenħtiġilna nosservaw liema huma r-rittmi tal-ħajja virili – il-melodija għandha tgħin lis-sentiment, iżda mhux is-sentiment jgħin lill-melodija". KT.III KAP.XI

Platun irid li l-artisti jikkonformaw mal-kategorija tiegħu. Hu jrid li l-belt tiegħu tkun miżgħuda:

"b'artisti li jikkupjaw, li bosta minnhom jimitaw fil-figuri u fl-ilwien, u ħafna fil-mużika . . . " KT.II KAP.XIV

L-arti ġiet ridotta għall-gost dekadenti ta' funzjoni servili. (Dwar il-prinċipju ta' l-imitazzjoni, Platun tkellem aktar biċ-ċar fl-għaxar ktieb. Naraw dan aktar 'il quddiem). Ukoll il-mużika hi mifhuma

bħala mezz ta' kontroll fuq il-bniedem:

"Espressjoni tajba, armonija fina, ordni perfetta u ritmu tajjeb, jiddependu minn dispożizzjoni tajba . . . M'għandhomx iż-żgħażagħ tagħna jfittxuhom dawn l-affarijiet?"

KT.III KAP.XI

Platun ma jridx li jkun hemm dissonanzi fil-mużika perfetta. Aktar 'il fuq ġa rriferejna għaċ-ċaħda tal-poeżija tal-'malgusto' u ta' l-angoxja. Fis-silta preżenti għandna atteġġjament simili. Platun irid ineħħi l-kunċett tal-problematiku mill-arti. Fil-waqt li xi De Sanctis jara fil-problematiku, valur ta' arti vera, punt ta' nebha artistika, Platun irid jelimina 'l dal-punt. Aħna, li għandna l-vantaġġ storiku li qed ngħixu wara Platun, nistgħu ngħarrfu kemm titlef il-letteratura u l-arti jekk inwarrbu l-problemi. L-'poeżija' hi bżonn li tinkiteb: l-poeta proprju jħoss il-bżonn li jesprimi lilu nnifsu bil-kitba. It-tħaddim tal-kelma sar għamla ta' terapija, għax għall-poeta l-kelma hi l-uniku mezz ta' espressjoni:

"Din biss, ħabib ta' qalbi,
Għandi, din Alla tani"

A.C. *Il-Kelma Maltija* VV1-2

Platun stess jagħraf il-bżonn tat-terapija għall-bniedem li hu marid:

"Il-gidba mhi ta' l-ebda użu għall-allat, iżda tista' tkun utli għall-bniedem, fl-għamla ta' droga – għalhekk ħaġa bħal din trid titħalla f'idejn it-tobba biss." KT.III KAP.III

Hawnhekk Platun jammetti l-mit ta' l-illużjoni għal min hu psikopatiku. Jekk aħna nħarsu lejn il-poeta bħala psikopatiku, il-poeżija li hi t-terapija, tista' tkun 'gidba'. Iżda mbagħad Platun mhux se jaċċettaha fis-soċjetà tiegħu.

Platun irid joħnoq il-poeżija tal-poeti, biex iħalli l-poeżija tiegħu biss: għax is-soċjetà idealistika tiegħu, sakemm tibqa' mhix realizzata, tibqa' poeżija. Fuq dan il-livell Platun jista' jidher li qed jikkontradixxi lilu nnifsu. Hu qiegħed jiċħad lill-poeżija propju f'poeżija oħra. Ħarsa lejn il-lingwaġġ li hu jħaddem turina dan aktar biċ-ċar. Għandna l-użu rikorrenti tal-metafora:

metafora tal-kelb – it-temperament ġentili tal-kelb lejn nies li jafhom, u l-kontra lejn nies li ma jafhomx. KT.II KAPXV

L-istess metafora hi eżemplifikata f'KT.II KAP.XVI.

metafora tal-kor – il-privileġġ li poeta jingħata kor.

KT.II KAPXXI

(Għad li din il-metafora tista' tiġi mifhuma f'sens litterali wkoll). Aktar minn hekk, Platun ġieli jsaħħaħ l-argumenti tiegħu b'metafori meħudin minn xogħlijiet letterarji (l-istess ġeneru li hu jiċħad!) –

metafora tal-volpi l-astuż, mill-ħrafa ta' Arċiloku
KT.II KAPVIII

metafora tal-qażquż imsemmen għall-qatla, minn kitba ta' Aristofani KT.II KAP.XVII

metafora ta' l-ubbidjenza, meħuda minn Omeru
KT.III KAP.III

Aktar minn hekk insibu siltiet sħaħ ta' interpretazjoni letterarja

is-silta minn Omeru dwar l-offerta tar-rigali KT.III KAP.VI

Ta' min josserva li s'issa rajna ċ-ċaħda tal-poeżija fuq bażi morali. Platun jeħodha kontra l-arti poetika minħabba l-elementi ta' fantasija illużorja. Fil-Għaxar Ktieb, Platun jesponi kriterju ieħor biex jiċħad il-poeżija. Diġà fit-Tielet Ktieb insibu riferenza għall-imitazzjoni, *"mimesis"*; iżda din it-tema hi elaborata u mfissra fl-Għaxar Ktieb, fi djalogu bejn Sokrate u Glawkon.

Platun jibda billi jagħtina definizzjoni tal-*"mimesis"*, billi jirreferi għall-eżempju klassiku ta' sodod u mwejjed.

"(Madwarna) hawn bosta tipi ta' sodod u ta' mwejjed. Iżda l-ideat li jirreferu għal dawn il-biċċtejn għamara huma tnejn, waħda ta' mejda u l-oħra ta' sodda . . . kull artiġjan se jfittex li jaħdem is-sodda skond l-idea . . . B'hekk hemm idea, u din qed tiġi realizzata fir-realtà." KT.X KAP.I

Hawnhekk ġa għandna l-ewwel tarġa fit-tbegħid mir-realtà. Hemm l-idea universali ta' sodda, u l-artiġjan qed jimita dik l-idea fir-realtà. Iżda hemm għamla ta' imitazzjoni oħra:

"Inti tista' taqbad u tagħmel mera, imbagħad inti tkun tista' tagħmel malajr ix-xemx, il-pjaneti tas-sema, l-art, il-bhejjem, il-ħaxix, . . . Iżda inti jkollok biss dehra, u mhux realtà." *Ibidem.*
Minn hekk naraw li hemnm gradi ta' relazzjonijiet differenti. Fl-ewwel eżempju għandna:

Idea – – – sodda (realtà), 1 – – 2, filwaqt li fit-tieni każ (tal-mera):

Realtà – – – xbieha 2 – – 3

Platun jissokta l-argument tiegħu billi jurina l-mogħdija
1 – – – 2 – – – 3 (Idea – – – realtà – – – xbieha)
bl-eżempju tas-sodda:

"Hemm sodda li teżisti fin-natura, li għamilha Alla; hemm sodda li jagħmilha l-artiġjan, u hemm is-sodda li jpinġi l-pittur."

KT.XKAP.II.

Aħna naraw ħafna għamliet ta' sodod, iżda dan għaliex l-artiġjana għadhom m'għarfux l-idea li kellu Alla meta Hu ħalaq is-sodda. Għalhekk is-sodod u l-imwejjed tagħna m'humiex perfetti, iżda huma kopji imperfetti ta' l-idea. (1 – – 2). Issa meta l-pittur jiġi biex ipinġi mejda, hu jikkopja l-idea li mhix realizzata – hu jipprova joħloq xi ħaġa li mhix vera. Issa l-pittur għandu żvantaġġ ieħor: jekk hu jpinġi ħanut ta' mastrudaxxa hu jpinġih fil-bogħod, għaliex fis-sewwa hu ma jaf xejn dwar l-għodod tal-mastrudaxxa. L-istess meta jpitter sodda: hu m'għandux l-għarfien dwar il-metodu tas-sengħa li għandu l-artiġjan. B'hekk meta aħna nħarsu lejn pittura ta' sodda, aħna naraw

Xbieha ta' Realtà ta' Idea.

B'hekk il-pittura hi mbiegħda tliett darbiet mill-verità ta' l-idea. Platun jiġġeneralizza dan l-eżempju hekk:

"L-imitazzjoni, ġaladarba hi qarrieqa fiha nfisha, u ġaladarba hi tfittex li tagħmilha ma' ħwejjeġ li huma stess imqarrqa, tnissel ħwejjeġ imqarrqa." KT.X KAP.X

Il-kriterju l-ieħor li hu espost fl-Għaxar Ktieb jorbot ma' dak li ktibna dwaru aktar 'il fuq, i.e. l-morali taċ-ċittadin ideali. Platun iħares lejn l-ilfiq tat-traġedji Griegi bħala (1) valur negattiv fih innifsu u (2) imitazzjoni imperfetta tar-realtà. Platun jagħtina riferenza diretta għall-imitazzjoni fil-poeżija:

"L-imitazzjoni poetika timita l-azzjonijiet volontarji jew involontarji tal-bniedem . . . (Fl-interpretazzjoni) taħseb int li l-bniedem sejjer jaqbel dejjem miegħu nnifsu? Huwa se jiddubita mid-dehra ta' għajnejh, . . . u se jispiċċa jissielet miegħu nnifsu."

KT.X KAP.V

Platun bilfors li kellu jikkundanna dan l-atteġġjament, għaliex hu kien jemmen f'viżjoni kategorika u universali. L-arti kienet se tnissel id-dubbju u kienet se toħodha kontra l-ewwel kmandament tar-Repubblika. Għalhekk Platun jiċħad id-dilemmi u l-passjonijiet: dawn m'humiex għemejjel razzjonali –

"Jekk tara poeta meta jkun waħdu, naħseb li tisimgħu jgħid affarijiet li jistħi jgħidhom quddiem in-nies . . .". ibidem

Platun qed jirreferi għad-dillirju poetiku, għal dak l-istat li fil-*Ion* hu jiddeskrivih bħala l-impossessjoni ta' l-allat. Dan l-istint hu miċħud fir-Repubblika, għaliex Platun iħares lejn id-dillirju u lejn ir-ribelljoni bħala elementi ta' djufija. Bl-ebda mod ma kien sejjer

Platun japprova x-Sturm und drang tar-Romantiċi jew il-protesta ribellużа tagħhom! Huwa rażan morali li jġiegħel lil Platun biex jiċċensura dak kollu li ma jikkonformax ma' l-iskeda riġida tiegħu.

Platun ma qiesx l-arti bħala forma, daqs kemm bħala kontenut. Hekk meta jitkellem dwar il-mużika hu jippreskrivi r-ritmi u l-forom li għandhom jiġu mħaddma bla ma jħalli lok għall-kreattività ta' l-artist. Bl-istess mod hu ħares lejn il-letteratura bħala kontenut għad-dannu tal-forma. Biex nagħtu eżempju mill-kamp mużikali ngħidu li Palestrina ħaddem ħafna elementi tal-mużika Gregorjana, mingħajr ma aċċetta r-ritmu liberu tal-Gregorjan, li hu parti essenzjali minn din il-mużika korali. Fil-letteratura ngħidu li Milton qaleb *"Ad Pyrram"* ta' Orazju. Milton ħares lejn it-test Orazjan bħala xogħol ta' ispirazzjoni poetika, filwaqt li hu ma qabilx mal-kontenut tax-xogħol imsemmi.

Terġa' Platun ikkostrinġa wkoll il-medda tal-kontenut. Hu beda billi ċaħad kull punt ta' riferiment problematiku. Il-vantaġġ storiku jurina kif l-aħjar letteratura kollha ġiet imnissla mill-waqt tal-kriżi. Platun irid jelimina wkoll is-sentiment – ma jridx strumenti bi ħsejjes sottili: ma jridx l-espressività ta' Chopin jew il-liriċiżmu ta' Wordsworth; ma jridx it-temperamenti aggressivi – m'hemmx il-burdati ta' Wagner jew il-protesti ta' xi Leopardi. Allura x'se jibqa' mill-arti? – It-tweġiba jagħtiha Platun stess – għan pedagoġiku.

Iżda l-filosofija tal-pedagoġija tgħallimna li l-premessa ta' l-edukazzjoni għandha tkun l-għarfien tar-realtà. Kemm R.S. Peters kif ukoll Scheffler jagħtu importanza esklussiva lil dan l-għarfien: l-ewwel tiġi studjata r-realtà, imbagħad jiġu studjati strateġiji ta' kif din ir-realtà tista' tiġi trasformata, u fl-aħħar naslu biex niddefinixxu l-oġġettiv tagħna fis-soċjetà. Platun qed iħalli dawn l-istadji kollha barra. Biex l-edukazzjoni tkun fejjieda din ma tistax tħalli l-għarfien tar-realtà barra, u ssejjes kollox fuq l-ideal. Għax b'hekk l-istudenti kif se jagħrfu xi prassi se jħaddmu f'dak il-kuntest li għad irid jiġi trasformat? Kif se jħaddmu strateġija ta' azzjonijiet biex ibiddlu realtà li lanqas biss jafu x'inhi?

Platun ma missx dawn il-punti. Hu ma jikkummentax fuq l-elementi tal-ħażen, u donnu jimplika li dawn se jkunu mħollijin barra mir-Repubblika tiegħu a priori. Għalhekk hawnhekk hu ta' min jistaqsi – "Ir-Repubblika hi trattat, programm ta' politika li se titrassforma lis-soċjetà tagħna? jew hi viżjoni ta' politika f'post ideali, li ġa hu ttrasformat"? Iżda dawn il-mistoqsijiet jaqgħu barra mil-limitu tagħna u r-raġunijiet tagħhom huma aktar soċjali milli letterarji.

# L-ISTORJA U L-POPLU – RELEVANZA U OĠĠETTIVITÀ

Dan l-aħħar f'xi ġurnal deher artiklu fuq "Min kien Mattew Callus?" (iffirmat "Ħaddiem Malti"). Il-kitba preżenti tfittex li tistħarreġ xi punti li ġew imqajma mill-artiklu msemmi (ara It-Torċa – 24 ta' Awissu, 1980).

Meta E.H. Carr jiġi biex jiddelineja l-atteġġjament li l-istorjografija għandha tassumi hu jgħid hekk – *"Since Marx and Freud wrote, the historian has no excuse to think of himself as a detached individual standing outside society and outside history".* Għalkemm din il-viżjoni tista' tidher bħala kontrapożizzjoni għall-hekk imsejħa oġġettività storika li tgħajjex il-kunċett ta' Ranke u ta' l-istoriċi ta' wrajh, il-ħsieb ta' Carr jinfatam sewwa mill-oġġettività kritika. Fuq kollox il-kriterju tal-perspettività storika-soċjali, diġà nsibuh dominanti, ukoll jekk b'mod indirett u inkonxju, fl-istorjografija ta' qabel Marx u Freud. Hekk per eżempju, ma nistgħux nippruvaw li l-Medju Evu ma kienx żmien tassew reliġjuż, għax il-kronisti u l-istoriċi kollha kienu nies involuti jew interessati fir-reliġjon. Fid-dawl ta' dan Barraclough jikkonkludi – *"The history we read, though based on facts, is, strictly speaking, not factual at all, but a series of accepted judgements".* Kien hemm eluf li qasmu r-Rubikon, iżda l-istoriċi interessahom biss Cesri. Bl-istess mod fil-ġrajja Maltija bosta qasmu x-xtut tal-Port, iżda fl-ideal Romantiku Toni Bajada biss kiseb għarfien storiku.

L-eżempju li ġibna jwassalna għal kunċett ieħor – l-istorja, għalkemm hija entità ta' avvenimenti passati u kompluti, tikseb sinifikat sħiħ fir-relevanza tagħha għal preżent. Dan il-ħsieb hu dominanti fl-immortalità storika ta' Foscolo: il-valur tal-ġrajjiet passati u l-ġieh li jistħoqq lit-tifkira ta' l-istorja. F'dan id-dawl il-kittieba risorġimentali Maltin jippreżentaw il-glorja ta' Malta fl-erojiżmu tal-persunaġġi tagħħa. Kellu jkun f'dan iż-żmien illi l-istoriċi tagħna, ibda minn Ġan Anton Vassallo sa Achille Ferris, jiċċelebraw il-mit ta' l-eroj. Il-persunaġġi storiċi li kienu assoċjati mar-rebħ erojku ġew mgħammdin bin-nazzjonalità Maltija – Ferris jippreżenta l-Konti Ruġġieru bħala dik "ir-ruħ ħanina li tat il-ħajja ġdida lir-reliġjon fi gżiritna" u Vassallo b'ilwien patrijottiċi jiddeskrivi l-intriċċi ta' l-Assedju. Fil-ġeneri letterarji l-prożaturi u l-poeti Maltin issuktaw ifettħu u jiċċelebraw dan il-mit: Toni Bajjada, Mattew Callus, Dun Xerri u l-bqija huma frott dirett ta' din l-immaġinazzjoni Romantika.

Għas-soċjetà tal-lum dan il-ħsieb ftit għadu relevanti. Il-poeta

u l-kittieb impenjat mis-soċjetà tas-snin tmenin jiġi jitmellaħ mill-vetrina tal-folkloriżmu. Ta' min jgħidlu lil seħibna "Ħaddiem Malti" – Il-ħaddiem, l-istudent, iċ-ċittadin Malti tal-lum x'jimpurtah jekk Toni Bajjada kienx jaqsam il-port bil-messaġġi? U kieku xi appostlu se jgħid li iva, x'se jiksbu l-ħaddiema "billi jiddeċiedi jekk għandhomx jonorawh jew le?" (nikkwota). Seħibna qal li qed ngħixu fiż-żmien tal-progress – jien nitlob lilu biex l-ewwel jiftaħ għajnejh fil-preżent u jfittex il-progress, u mbagħad wara, ifittex ir-relevanza tal-passat erojku.

Ta' spiss jiġri li f'termini ta' politiċizzazzjoni nfittxu li nidentifikaw *'issues'* ta' antagoniżmu u ta' problema attwali ma' egħjun storiċi li żgur m'humiex kompatibbli. Seħibna jistaqsi u jitlob aktar riċerka fuq jekk Mattew Callus kienx protagonist fil-kawża tal-ħaddiema. Imma x'affarijiet dawn? Sakemm wieħed ifittex l-interessi tal-knisja jew ta' xi grupp organiku mal-kavallieri jidhirli li jkun għadu fil-limiti tar-realtà storika – biss li se mmorru fiċ-ċinkwecento u nimponu lotta tal-klassi b'riżq il-ħaddiem naħseb inkunu bdejna noħolmu! Jekk il-poplu lanqas biss kellu awtonomija, kif kien se jibda jinqasam biex kulħadd jissielet għall-jeddijiet tiegħu? Kważi tfakkarni f'dak l-inġinier, li tant kellu ħsibijiet sublimi, li ħaseb biex l-ewwel jibni s-saqaf, jinvjah, inaqqxu u jindurah imbagħad jibda jħaffer biex itella' s-sisien!

Dak li hu mportanti hu li niddeterminaw l-importanza jew il-funzjoni ta' l-istorja fis-soċjetà tal-lum. Fatt ċert minn dejjem hu li s-sens ta' l-istorja jġib miegħu sens ta' identità u li bosta drabi fil-ħamrija ta' l-imgħoddi se nsibu l-egħruq ta' dikotomiji li għadhom magħna llum. Biss ma jfissirx li l-istorja se nirriservawha għal xi ndaġni psikanalitika. Powicke jistqarr *"The craving for an interpretation of history is so deep rooted that, unless we have a constructive outlook over the past, we are drawn to mysticism or to cynicism".* Iżda aktar minn hekk irridu nħarsu lejn is-sinifikat kontemporanju tal-istorja – jiġifieri barra li nfittxu spunti ta' relevanza għall-preżent, jeħtieġ li primarjament nifhmu l-implikazzjonijiet immedjati ta' kwalunkwe fatt storiku. David Thompson jibni l-ġrajja ta' l-Ewropa fuq il-ħsieb li x-xejriet li jitraxxendu għadd ta' nazzjonijiet f'daqqa għandhom importanza storika speċjali. Jekk aħna nfittxu li għall-inqas nibnu l-istorja ta' gżiritna bħala mossa f'mekkaniżmu aktar wiesa' żgur li ma naqgħux fis-soġġettività relattiva u forsi b'hekk neħilsu mill-periklu li naqgħu fl-inkredibilità storika.

# III.
# Poeżiji

## STRIEĦ QALBI

Strieħ qalbi,
għax ġa ħabbatt biżżejjed;
ġa xrobt imrar il-ħajja.
Strieħ għax waħdek ma tgħixx . . .
għalxejn titma: tissoktax tittama
għalfejn trid tibqa' tħabbat?

X'tati dil-ħajja?
X'jiswa l-għaraq ta' ġbinek?
Xorta tintemm . . .
Mela ntemm minn issa,
Tibqax tittama fil-frugħa,
Is-seher li toffri d-dinja
M'hux għalik.

## GĦALIEX?

Għax joħlom il-bniedem
B'dinja ta' frugħa,
B'utopja li tgħaddi
B'dinja ta' bluha?

Għax għadu ma għaraf
Qawwet is-sewwa,
U jfittex li jaħrab
Dinjiet id-dnewwa?

Għax għadu jittama
F'lejla dagħmiena?
Fejn jaħseb li l-ħajja
Tilma dehbiena?

Għax jimraħ fl-imgħoddi,
W jittama f'li ġej? –
Merżuq fuq ix-xefaq
Jarah f'nofs ta' lejl?

Għax għad irid jagħraf
Il-għajn ta' kull dija –
Id-dawl illi jkebbes
F'Ommu, f'Marija.

## IS-SLIEM JA ART

Is-sliem ja art li rajt il-frott tan-nisel
Li ssielet it-taqbida għall-ħelsien.
Il-ġieħ ja omm li rbaħt irbit il-jasar
U fdejtna imseddqin fil-fehma sħaħ.
Għax 'l hemm mix-xefaq u mill-baħar iżraq,
Il-bogħod mir-raġġ tax-xemx illi jagħnik –
Hemm qalb li qiegħdha tħabbat tagħti l-ħajja.
Hemm ruħ li bla waqfien tlaħħamna lkoll.

Malta – mis-sebħ ta' l-imqades tal-qedem –
sal-ħemda fl-imsieraħ reqdin;
mill-qawwa taż-żonqor li jdawrek –
sat-tafal imħerri fl-għoljiet
hemm ġens qed jitgħajjex,
hemm ġemgħa li tfittex it-tama
f'jum ġdid.

Nħobbuk Malta tagħna – nqimuk magħqudin
u msaħħin fit-twemmin ta' l-Appostlu
ninġabru fi ħdanek henjin.

Ferħanin bil-ħelsien tiegħek
Ninsġu għanja ta' tifħir
Biex infakkru l-ġieħ tal-ġrajja
Ta' ġens żgħir, 'ma fil-qalb kbir.
Lill-Mulej ilkoll nitolbu –
Jżommna dejjem qalbenin;
Biex fid-dawl tal-fehma tiegħu
Imexxina, imseddqin.

## JUM IR-REBĦ

Ma kienx is-sebħ
li niseġ ġrajjietek –
li laħħam ġo qalbek
il-għanja tar-rebħ.
Ma kienx ġuf iż-żmien
li welled in-nisel
li tqabad sa sbiħ il-ħelsien.

Għax kien tqil dell l-imgħoddi
u mkeffen bid-dmugħ
ta' bikjiet il-poplu:
ta' bikja li dwiet
mas-sħab tas-smewwiet,
mal-mewġ ta' l-ixtut;
ta' bikja li ttarrfet
u tħabbret mis-skiet
ta' kull għasfur li ttajjar
fil-beraħ tal-widien,
li tnaqqret mill-moti
tal-qniepen ħiemda tagħna
sa tnaqqxet
fil-għera ta' l-għoljiet,
u fil-qalba ta' l-ibliet.

Kienet kiebja il-ġrajja
ta' poplu li ssielet
taqbid il-ħakkiem,
li terraq xagħri mdallam
mingħajr ebd'għarfien.
Kien Malti d-demm li ċċarċar
fuq il-midbaħ tal-Maqdes Qadim,
li saqqa l-ħamrija għatxana
li ħammar il-kħula tal-baħar
li nxtorob miż-żonqor tas-swar
bla ma ħalla għal wildu
tat-tama l-inwar.

Waqt li għal dwarna
Iddiet xemx l-għarfien
F'dil-blata maqtugħa
f'nofs baħar magħqud
Il-ġens ma kienx jaf bil-ħelsien;
ma kienx għadu ħolom
b'rummiena maqsuma u meħlusa
bil-leħħa tar-ragħad.
Kellu jkun biss Vassalli
li qajjem l-imqades reqdin,
li għajjat bil-fidwa fl-imsieraħ siktin
li beka l-jasar ta' ħutu l-Maltin.
Għax fl-imluħa ta' l-art,
fil-qawwa tax-xemx tisreġ,

Ra s-siegħa tal-ħlas,
ra l-warda li fetħet bil-kemm,
ra t-tama li tinbet f'nofs l-hemm.

"It-twemmin hu biss fil-għaqda
U fis-saħħa tal-Maltin
Sabiex nagħrfu lkoll nissieltu
B'fehma waħda għalenin."

"Imseddqin bi ħġarna naħdmu
Biex inħollu kull irbit,
U hekk rajna biss f'idejna
Nistgħu nibnu pajjiż ġdid."

Hekk għajjat Vassalli
u wara tant żmien
il-poplu fehem it-tifsira ta' dal-kliem.

## TOCCATA E FUGA

Maħrub,
bħal żwiemel tal-apokalissi . . .
għajnejja mżellġin
u subgħajja fuq l-orgni jirtogħdu.

Mill-fond ta' qalb Bach,
l-iskali mekkaniċi
idamdmu ma' dawn l-arkati
u jien fosthom mitluf.

Dan-noti maħruba
bħal donnhom mill-ħalel
bħal nisel is-seħer
bħal kewkba fl-ispazju
bħaż-żiffa meħlusa
bħall-jien maħrub . . .

Telgħin
Mill-qiegħ ta' qabartek
Minn qalbek profonda
Minn ruħek eterna.

Subgħajja jirtogħdu
mill-profond ta' ruħ l-iskali
safja, maħruba,
mill-qies meqjus ta' l-armonija
mill-oqbra għammieqa li ma jafu lill-mewt
idamdmu,
ġos-sfafar leħenhom iżarżar,
iżarżar, iżarżar u jgħib . . .
miblugħ mill-baħħ ta' dawn l-arkati.

Għaliex ma nistax jien intir
ma' dawn l-iskali?
Nixxennaq għal dinja safja
safja, bħall-warda maħsula minn nida ta' fil-għodu
maħsula, bħal dan-noti ħfief min-benna
ta' dawl l'eternità.

Iżd'aħna mhux hekk –
fuq rasna imdendel destin programmat
waħedna, min-nieqa sal-qabar
maħruba, minn realtà assurda, minn ġuf iż-żmien.

## ĦSIBIJIET MINN FUQ SANT'IERMU

Qatt daqs illum ma rajt il-mewġ imgħaddab,
u qatt ma ħassejt il-ħalfa tad-dagħbien,
għax ma' mrieżaq ix-xemx,
li jgħibu 'l hemm mix-xefaq,
mar-reżħa tal-baħar,
li tmelles il-ponot ta' wiċċi,
u mar-riħ lagħbien,
li bħal subgħajk xagħri jħabbilli,
Skoprejt qawwa ġdida ġo fija –
Ma rridx nogħtor iżjed għal sfida dinjija,
Ma rridx illi nċedi –
rrid ngħix, irrid inkun jien.

U mas-setgħa moħbija tal-baħar,
Mat-tama tal-gawwi bajdan,
inħoss f'qalbi taħbita 'ktar ġdida,
nifs ġdid li qed jimla mnifsejja.
Xi jkun?

Mnejn ġej? . . .
Ma nafx – naf biss
illi rrid inkun jien.

Inżel int ukoll, ħabib, ġo din l-għadira,
ogħdos fik innifsek u skoprik
– M'għadux żmien is-sireni,
M'għadux żmien in-namur,
Int int,
bħal dan l-arzell fil-blat imsammar,
bħaż-żonqor tas-sur li ras din l-art iħaddan.
– Ħallih lill-mewġ
ittama bħal dal-gawwi
Sa kemm,
f'jum ġdid,
Tiskopri dinja ġdida.

14.04.80

## DEDIKA

Ħabib,
man-nhar li
minn ġo ġuf iż-żmien jitgerrbu,
mal-mewġ li,
maħlufin, il-blat ikissru,
mar-riħ, li
jxiegħeb f'qalbek tamiet ġodda
Hemm jasar ta' qawwa
Hemm setgħa moħbija
Hemm ħajra li ssaħħar.
– Iqfilha
U ibq'issielet
man-nifs, li
minfaħ sidrek
qed igħajjex.
– Xejjinha w eqridha
u fittex fik innifsek
Forza ġdida.

14.02.80

## TIFKIRA MHEWDNA

Illum ftakart fid-damma tal-jiem
li tħott bil-mod il-binja ta' dal-ġisem,
u rajt, fix-xejn, il-qawwa ta' dil-ħajja.

Bejn żewġt iswaba' nisħaq il-filtru ta' sigarett,
id-duħħan minn imnifsejja jgħib fl-infinità
miblugħ, mixrub mill-arja li tgħajjixna.

– Iżd'omm,
għalfejn nissiltni ġol-vojt ta' dil-ħajja?
f'eżistenza mifnija fejn,
ħadd ma jaf il-jien.

Kienet l-imħabba għall-jien ġdid?
jew il-ħerqa ta' demm sħun ibaqbaq
li jinsa lid-dinja
W jingħaqad f'abiss nfinit?

April 1980

## TOCCATA MILL-ARGOTTI

Ħsiebi
bħal mewġ imħallel, li
f'xemx sajfija
jitniegħes, fuq il-plajja,
u jibqa' msaħħar
mill-ilwien imdehba.

Qalbi
bħall-ġwienaħ,
li minn jasar il-gaġġa,
Skoprew dinja ġdida,
xefaq ġdid, fejn kollox
hu mgħarrar mid-dija.

Għajnejja
fis-sħab qed joħolmu
f'mergħat u f'oqsma,
mingħajr l-ebda tarf.

Il-bixra ta' surtek,
tkebbes f'ruħi ħrara ġdida,
u tqanqal sensazzjonijiet
li għad ma naf x'ifissru.

Frar 1980

# IV.
# Kitbiet Fuq Suġġetti Varji

## JOHANN SEBASTIAN BACH

Wieħed qajla jista' jistenna li Johann Sebastian Bach kellu jintefa għal xi materja oħra jekk mhux għall-mużika. U dan bir-raġun, għaliex il-familja Bach kellha tradizzjoni ta' ġenerazzjonijiet sħaħ ta' organisti u daqqaqa tal-korda.

Johann Sebastian twieled fl-1685, f'Eisenach, stat żgħir fil-Ġermanja, li f'dak iż-żmien kienet maqsuma f'għadd kbir ta' stati żgħar. Qabel ma Bach kellu għaxar snin, il-ġenituri tiegħu kienu mietu t-tnejn, u għalhekk it-tfajjel ġie mrobbi minn ħuh Kristofru, li kien organista fil-knisja ta' Ohrdruf. Matul dan iż-żmien, Bach beda jitrawwem sewwa mhux biss fid-daqq tal-vjolin u l-vjola, li kien bdihomlu missieru, iżda beda jitkisser ukoll fuq l-orgni. Bis-saħħa tal-vuċi rqiqa li kellu daħal mal-kor ta' l-iskola ta' Luneberg, fejn baqa' bħala vjolinista wara li marlu leħnu.

Fl-1703, Bach kiseb il-kariga ta' organista fil-knisja l-ġdida ta' Arnstadt – bis-saħħa ta' dan il-post, Bach beda l-kompożizzjonijiet tiegħu għall-orgni. Bil-ħila li kellu, iż-żagħżugħ Bach, malajr kiseb il-fama, hekk li ta' 22 sena id-Duka ta' Saxe Weimar daħħlu bħala organista u surmast tal-kunċerti fil-qorti tiegħu. Għall-ewwel darba f'ħajtu, Bach kien kuntent bil-kariga l-ġdida. Hawnhekk, f'Weimar, huwa kiteb uħud mill-aħjar partijiet tiegħu għall-orgni, fosthom il-famuża Toccata e Fuga in Re Minore u l-Preludju u l-Fuga in Re.

Il-bqija ta' ħajtu qattagħha f'Cothen u f'Leipzig, jikkomponi xogħol għall-kordi u għall-orgni. Lejn it-tmiem ta' ħajtu spiċċa għama għal kollox, iżda xorta waħda baqa' jiddetta l-kompożizzjonijiet tiegħu lill-uliedu.

Schumann darba qal li l-mużika hi obbligata lejn Bach daqskemm hi r-reliġjon lejn l-ewwel bniedem li beda jqim in-natura. Biss jidhirli li l-eżempju li ħa Schumann jista' jitqies aktar fil-fond: fuq kollox il-mużika mhix xi ħaġa intrinsika fiha nnifisha, daqskemm hi espressjoni ta' xi ħaġa oħra, xi ħaġa ndefinita u infinita. Nikkwota lil Kenneth Clark: "Bach hu l-ispettatur ta' kull żmien mużikali u ta' kull eżistenza – eżistenza li għaliha qajla hu relevanti l-fatt jekk hix qadima jew ġdida, sakemm hija vera".

Fil-fatt il-mużika ta' Bach tixhed din ir-riċerka kontinwa għall-Verità – għal Bach ir-reliġjon u l-mużika reliġjuża hi xi ħaġa aktar profonda mis-sensibilità li tikkaratterizza l-mużika ta' Handel. B'dan ma rridux ngħidu lill-mużika ta' Bach mhix emozzjonali – anzi! Hi emozzjonali f'sens traxxendentali. Infisser ruħi billi nirreferi għal Bethoven – fil-waqt li fil-Patetica dan il-kompożitur hu

skjav tas-sentimenti, hekk li hu marbut ħaġa waħda mal-qalb tal-bniedem, Bach, fil-korali tiegħu, jitlaq mill-qalb tal-bniedem biex ifittex li jingħaqad mal-Ħallieq, mal-Verità eterna.

Biss minbarra din l-intensità, l-mużika ta' Bach hi eżempju perfett tat-teknika tal-kontrapunt. Fid-dawl ta' dan xi wħud jaraw il-fugi u l-bċejjeċ l-oħra bħala formola matematika ta' noti. M'hemmx għalfejn ngħidu li ġudizzju bħal dan ikun qed iħalli barra s-sublimità kollha ta' dal-kompożitur.

L-aħħar xogħol ta' Bach huwa xhieda sħiħa ta' kemm huwa kien impenjat minn espressjoni li tisboq it-teknika fiha nnifisha. Hi biċċa xogħol ta' tmintax-il preludju korali bl-isem *"In Deepest Need"* – Fi bżonn l-aktar ħerqan – u li aktar tard Bach biddel isimhom f'*"Before Thy Throne"* – Quddiem it-tron tiegħek. Għad-dinja forsi ma kinetx għajr biċċa kontrapont oħra, biss għalih żgur li kienet merżuq mingħand l-Imħallef, il-milja tar-riċerka tiegħu għall-Verità.

## TAGHLIM TAL-MALTI FIS-SEKLU DSATAX

**Il-Progress li sar fis-seklu dsatax biex il-Malti daħal fl-iskejjel ta' Malta u Għawdex u d-diffikultajiet li nqalgħu minn żmien għal ieħor.**

Għalkemm l-ilsien Malti hu qadim bosta, it-tradizzjoni akkademika tiegħu hi aktarx waħda riċenti. Fil-fatt l-ewwel grammatika li għandna hi tal-Kanonku De Soldanis, miktuba fl-1750. Madankollu nafu mill-informazzjoni li ħallielna miktuba I.S. Mifsud, fil-*Biblioteca Maltese* (1764) li xi kavalieri kienu kitbu xi tratti fuq l-ilsien Malti. Fost dawn insibu l-*Grammatica del Vocabolo Maltese* tal-Kavalier Thezan. F'din il-Grammatika, skond Mifsud, hemm l-ittri kollha ta' l-ilsien Malti – uħud meħudin mil-alfabett Latin biż-żieda ta' xi sinjali mill-Għarbi.[1]

## M. A. VASSALLI

Iżda l-kittieb li beda jistudja lill-ilsien Malti b'mod xjentifiku kien Mikiel Anton Vassalli, li stampa l-ewwel grammatika tiegħu f'Ruma fl-1791, *Mylsen Phoenico Punicum*. Barra milli stħarreġ il-prinċipji lingwistiċi, Vassalli ħaseb ukoll fi programm sħiħ għall-iżvilupp u t-tagħlim tal-Malti. Huwa ssuġġerixxa li jinfetħu skejjel li jgħallmu l-Malti, li joħorġu kotba bl-ilsien tal-poplu u li jinstab stil letterarju għall-Malti.

Vassalli ftit sab lil min jgħinu. Wieħed mill-ftit uffiċċjali Ngliżi li appoġġjawh kien John Hookham Frére. Dan kien Chairman tal-Kunsill ta' l-università, u għalhekk qabbad lil Vassalli biex jibda jgħallem il-Malti u jħallsu hu minn butu.[3] Il-lezzjonijiet li Vassalli ta, ġew miġbura fi ktieb fl-1827 bħala grammatika tal-Malti bit-Taljan, u ppubblikat bi flus Frére.[4]

Fenech jgħarrafna li f'dan iż-żmien kien hemm skola parrokkjali fiż-Żejtun li fiha kien isir xi tagħlim tal-Malti. Din l-iskola kienet ġiet miftuħa mill-Kappillan Dun Bert Sant fl-1819 imma fl-1838 għaddiet f'idejn il-gvern.[5]

## FRANCIS VELLA

Fl-istess żmien ukoll ħareġ ktieb bil-Malti, *Obblighi tal-Bniedem*, ta' P.F. Soave *ɛal usu tat tfal tal Colleç ta' ɛaudex* maqlub għall-

Malti minn Francis Vella u Montebello Pulis. L-ittri għ u ħ huma miktubin permezz ta' ħżuż Għarbin, waqt li l-ortografija tiegħu titbiegħed ħafna mir-regoli ta' Vassalli.[6] Ta' min jgħid li dan Francis Vella, li kiteb għadd ta' kotba fuq il-Malti, xejn ma kien konsistenti fil-fehmiet tiegħu. Fl-1839 huwa ħareġ ktejjeb ċkejken li fih ikkundanna l-alfabett bi ħżuż għarbin (jiġifieri kif kien jikteb hu snin qabel).

Il-Ktieb jismu *Tfixchil t'Alfabet Għarbi-Ruman*. Dwaru Aquilina kiteb hekk: "*As the title suggests, the writer condemns the mixture of Roman and Arabic letters used at the time and the tendency to arabicize the language, though, strangely enough, his own Maltese version of the Italian text facing it is most unidiomatic and sounds like the strained language of one who is trying to semiticize the diction*".[7]

## TRADUTTURI TAL-BIBBJA

Matul il-firxa ta' l-ewwel nofs tas-seklu niltaqgħu ma' għadd ta' kittieba li kellhom x'jaqsmu mal-qlib ta' siltiet u kotba bibbliċi għall-Knisja Protestanta. Ewlenin fost dawn it-tradutturi hu Ġużeppi Canolo.[8] Jowett, rappreżentant ta' soċjetà Ngliża jgħid hekk fuq l-ewwel traduzzjoni ta' Canolo: "*I have set him to translate again the four gospels. I was preparing to have a Maltese Committee . . . to sit and read it so as to fix the version to be sufficiently intelligible*". Mid-dehra l-kontribut filoloġiku u letterarju ta' dan Canolo ma tantx kien apprezzat mill-Ingliżi, hekk li fl-aħħar kellhom iqabbdu lil Vassalli biex jaqleb il-Vangeli u l-Atti. It-test ta' Vassalli ġie mitbugħ f'Londra fl-1829.

Iżda riedu jgħaddu aktar snin qabel ma kellna traduzzjoni sħiħa tat-Testment il-Ġdid. Fl-1844 il-Knisja Anglikana qabbdet lill-qassis Malti M.A. Camilleri, li kien għadu kemm qaleb għall-Knisja Ngliża, biex jittraduċi l-*Book of Common Prayer* u biex jibqa sejjer bit-Testment il-Ġdid kollu. Fil-fatt huwa rreveda l-Evanġeli u l-Atti ta' Vassalli u qaleb l-ittri u l-Apokalissi. It-Testment kollu deher ippubblikat fl-1847.

## IR-ROYAL COMMISSION

B'xorti ħażina dawn it-traduzzjonijiet tal-Bibbja ftit għenu biex tiġi stabbilita ortografija konsistenti għall-ilsien Malti. B'hekk xejn ma nistagħġbu li l-membri tar-Royal Commission ħasbu li l-Malti ma kienx ilsien ta' livell kulturali. Huma ssuġġerixxew li l-Malti kellu

jkun il-medju ta' komunikazzjoni fil-klassijiet iż-żgħar ta' l-Iskola Elementari.

## SALVATORE CUMBO

Bniedem li ħabrek għat-tixrid tat-tagħlim tal-Malti kien Salvatore Cumbo. Huwa kiteb hekk: "Meta ngħid qari u kitba, qiegħed nifhem kitba u qari bl'ilsien nattiv: in-natura tatna lsien li, fiċ-ċokon tagħna, jikorrispondi għall-ħsibijiet tagħna. Dan l-ilsien għandu jservina sabiex minnu nitgħallmu ilsna oħra. Madankollu aħna m'għandniex bl-iskuża li qed ngħallmu l-ilsien lokali, nrawmu lingwaġġ li ma jistax jingħaraf mill-Għarbi – l-ilsien Malti hu dak l-ilsien li nitkellmu: huwa hekk kif nitkellmuh fil-preżent".[9] Minn dawn il-ftit kliem naraw li Cumbo kellu ftit melħ f'rasu: huwa għaraf il-fejda ta' xjenza lingwistika li hi deskrittiva u mhux preskrittiva jew normattiva. (Hu ironiku li dan il-kliem in-kiteb is-seklu l-ieħor u mbagħad fi żmienna jiġi xi kittieb jip-preskrivi liema huma l-għeltijiet u l-barbariżmi fil-Malti!)

## G.P. BADGER

Fis-sena 1841 kiteb ittra (*A Letter on the Eligibility of the Maltese Dialect as a written medium of Instruction in the Government Primary Schools*)[10] lill-Gvernatur Bouverie fejn wera l-ħtieġa li kien hemm biex jiġi mgħallem l-ilsien Malti fl-iskejjel tal-Gvern. Biss għal Badger is-siwi tal-Malti baqa' fin-natura tiegħu ta' medju għal suġġetti oħra. Huwa kien tal-fehma li l-miżuri (għall-Malti miktub) li ġew addottati fl-1839 ma setgħux jirnexxu għaliex l-alfabett magħżul kien aktarx tqil. Għal dan il-għan Badger fassal alfabett li kellu jkun aktar faċli. Fost l-ittri magħżulin minnu hemm il-k fil-kelma kalb (qalb), ħ f'ħabel u x f'xemx. Flok l-għ għażel l-appostrofu – per eżempju ta' u 'ajjur.

## SOCIETÀ MEDICA

Il-kompilatur (A. Preca) tat-Tagħrif jagħtina l-informazzjoni li ġejja dwar is-Soċjetà Medica. "(Fl-1840) is-Soċjetà Medica għażlet Kummissjoni biex tifli dak li kien kiteb u qal il-Professur Zerafa fuq l-ilsien Malti. Fl-aħħar qatgħet li twaqqaf Alfabett Fonetiku biex

fuqu l-imseħbin tax-xirka jmexxu l-kitba tagħhom. Fuq dan l-Alfabett, mogħti fl-*Istoria della Società Medica di Malta*, Vol. 1 pġ. XIV, inkiteb il-kliem tal-ħxejjex bil-Malti fil-*Flora Melitensis* ta' G.C. Grech Delicata. . . . Din is-soċjetà kienet l-ewwel waħda li daħħlet il-konsonanti 'w' fl-Alfabett Malti''.[11]

## F. PANZAVECCHIA

Fl-1844 laħaq Direttur ta' l-Edukazzjoni l-Kanonku Panzavecchia. Huwa ta rifda sewwa lit-tagħlim tal-Malti u stabilixxa sistema ta' ortografija li kien kitibha hu biex tiġi wżata fl-iskejjel. Ix-xogħol tiegħu deher stampat fl-1845 – *Grammatica della Lingua Maltese.*[12] Huwa qaleb għall-Malti bosta siltiet mill-Bibbja, kiteb rakkont tal-ħajja ta' Kristu, kif ukoll xi testi ta' ġeografija.

Sakemm Panzavecchia baqa' direttur ta' l-Edukazzjoni l-Malti mexa 'l quddiem. Iżda meta dan rtira u laħaq floku l-Markiż Barbaro di San Giorgio rġajna koppi. Wara li rtira l-alfabett tiegħu twarrab u minfloku beda jintuża dak imfassal mill-Accademia Filoloġica.

## ACCADEMIA FILOLOGICA MALTESE

Din l-Akkademja twaqqfet biex tifformola alfabett sempliċi fuq il-linji ta' l-alfabett taljan. L-alfabett ġie ppubblikat fil-ktieb ta' l-iskola *Tagħlim il Kari Malti.*[13] Minn dan l-alfabett naraw illi xi ittri bħal k u x għandhom ħoss li ma jaqbilx mal-Latin. Ittri oħra bħall-għ, h, u ż l-anqas biss jeżistu fit-Taljan. Nikkwota din is-silta:[14]

''L-ittri c u ġ fil-leħnijiet tagħhom, daqqa ta' ca u ga, u daqqa ta' ce u ge, skond quddiem liema vokali jaħbtu, huma miġjubin kull waħda b'żewġ suriet. Eżempju: ċarċar, chelb (ta c u ch) ċempel, ċarċar (ta' c u ċ), gandoffla, għeddum (ta' g u għ) ġellewż, garġi (ta' x, g u ġ), fejn l-ittri ta' ċ u ġ, fil-leħen ta' ce u ge, quddiem il-vokali a, o, u l-anqas ma jimxu ma' dak li titlob l-ortografija taljana, eżempju ciarlatano u mhux ċarlatano, ciondolo u mhux ċondolo, giorno u mhux ġorno, giusto mhux ġusto u giallo u mhux ġallo.''

Dan l-alfabett kien jintuża uffiċċjalment bejn l-1850 u l-1883.[15]

## P. PULLICINO

Ġa semmejna li wara Panzavecchia laħaq Direttur ta' l-Edukazzjoni wieħed Markiż li ġab l-edukazzjoni fl-istess stat dekadenti illi kienet tinsab l-aristokrazija li tagħha kien membru. Fortunatament dal-ħarbiexi dam sena waħda biss. Warajh laħaq il-Kanonku Pullicino. It-tagħlim tal-Malti ġie nkluż fil-'curriculum' obbligatorju. Ġew introdotti fi żmienu testi ta' qari bil-Malti – fl-1851 ħareġ il-*Libro Primo di Lettura Maltese*, u s-sena ta' wara dehru il-*Libro Secondo di Lettura Maltese*, u ***Poesia Maltese ad uso delle scuole Primarie***.[16]

Iżda din ir-riforma bil-kemm laħqet sabet art, li ma kienitx affrontata minn reazzjoni b'risq it-Taljan. Ġiet iffurmata kummissjoni lokali li mingħajr ma qieset l-ippjanar ta' Pullicino kkritikat kollox bl-addoċċ. Il-kummissjoni ssuġġerixxiet li t-tagħlim tal-Malti għandu jitwaqqaf u jiġi mibdul minn xi tagħlim bażiku ta' l-Ingliż. Minħabba li nqalgħu ħafna kumplikazzjonijiet fuq is-sistema li ġiet adottata, issejjaħ fil-gżira Patrick J. Keenan sabiex ihejji rapport fuq l-istat ta' l-edukazzjoni.

## 'KEENAN REPORT'

Keenan wasal Malta fl-4 ta' Ottubru 1878. Huwa ddeskriva l-problema tal-lingwa bħala "*the most interesting and the most important in the great problem of Maltese education*".[17] Huwa jagħtina xi konsiderazzjonijiet ta' statistiċi li jitfgħu dawl siewi fuq kemm il-Malti kien importanti jekk is-sinjuri amministraturi Ngliżi riedu jgħallmu lill-poplu – mit-tfal ta' bejn il-ħames u l-għaxar snin, 4/5 kienu jafu bil-Malti biss, minn nies ta' bejn l-10 u l-15-il sena 94% kienu jafu l-Malti biss.[18] Keenan ikkundanna l-fatt li t-tfal li kienu imdorrija jitkellmu bl-ilsien naturali tagħhom malli jidħlu l-iskola jsoddulhom ħalqhom. Huwa kellu kliem ta' tifħir għar-riformi tal-Kanonku Pullicino.

Keenan issuġerixxa li t-tagħlim tal-Malti jibda jsir bis-serjetà. Huwa għaraf il-fejda ta' dan l-ilsien biex minnu wieħed jgħaddi għat-tagħlim ta' l-ilsna orjentali. Huwa kien ukoll tal-fehma li l-Malti kellu aspetti filantropiċi interessanti. Huwa ta lista ta' xi kotba bil-Malti fuq suġġetti reliġjużi biex juri li l-Malti seta jiġi mħaddem f'xi ġeneri letterarji li kienu tajbin għal idejn il-poplu.[19]

Jidher li fi żmienu t-tagħlim tal-Grammatika kien biċċa wġiegħ ta' ras. Hekk mill-*Model School* tal-Belt kien hemm 74 student

minn 341 li jafu jaqraw tajjeb bil-Malti. Madankollu ħadd minnhom ma kien jaf jikteb dan l-ilsien skond ir-regoli tal-grammatika. Qal ukoll li kien hemm xi ħies li qed jaħdmu biex jiffaċilitaw l-Alfabett ta' l-Akkademja Filoloġika.

## IX-XIRKA XEMXIJA

It-tiġdid li jsemmi Keenan kien qiegħed jiġi mistħarreġ mill-membri tax-Xirka Xemxija, imwaqqfa fl-1880. Membri ewlenin kienu Annibale Preca, Achille Ferris u Pawlu Bellanti. Fl-1882 Preca ħareġ *Alfabett Fonetku Malti*. Il-Kummissjoni tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kkummentat hekk fuq dan ix-xogħol:

"Ir-reguli ta' l-ortografija mogħtijin minn dina x-Xirka, kif jidher mill-kitba tagħha, huma tassew mibnijin fuq studju sħiħ u ta' reqqa. M'hemmx ħlief xi ftit tan-nuqqas li l-Kummissjoni ta' l-Għaqda tagħna dehrilha li kellha taħseb għalihom u ssewwihom."[20]

Għal xi żmien l-alfabett tax-Xirka Xemxija kien l-alfabett rikonoxxut uffiċjalment. Fil-fatt fil-ftit snin ta' l-eżistenza tagħha din ix-Xirka ħalliet frott fejjiedi. Kienet toħroġ ġurnal ċkejken *Is-Sebħ* (1884) u bl-ortografija tagħha nkiteb il-Malti fil-*Malta Cananea* ta' Preca, il-kotba tal-*Qari Malti* ta' Ferris, id-*Dizzjunarju Ngliż-Malti* ta' S. Mamo, . . . Jingħad li x-Xirka kellha ħajja qasira minħabba xi egħdewwa politiċi.

Fil-fatt mid-dehra li l-egħdewwa kienu tassew wara l-bieb! Fl-1888 l-alfabett fonetiku ġie mwarrab u A.A. Caruana, Direttur ta' l-Edukazzjoni reġa' daħħal l-ortografija ta' l-*Accademia Filoloġica*.

Is-snin imqallba tas-seklu dsatax kienu s-snin ta' tħejjija għall-ilsien Malti. Kienu s-snin li bil-mod il-mod bdew inisslu kuxjenza fost il-poplu Malti tal-bżonn li l-poplu jfisser ruħu bl-ilsien tiegħu. Kien seklu ta' ħidma preparattiva u li ħejja t-triq għar-rebħa aħħarija tal-lingwa vulgari. Kien lejn tmiem is-seklu li nibtet l-idea li l-aħjar kittieba jorganiżżaw ruħhom f'għaqda ġdida. Niltaqgħu ma' Napuljun Tagliaferro, ma' A.E. Caruana, G. Muscat Azzopardi, Ġanni Vassallo, Ferris u Muscat-Fenech jistinkaw biex jiġbru regoli fissi biex il-kitba tal-Malti tkun mibnija fuq sisien sammi. Kienet triq waħda li hejjiet it-tnedija ta' l-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti* biex fl-aħħar fl-1924 ħarġet l-ortografija aċċettata tal-lum.

---

[1] ***Biblioteca Maltese***, Pg. 125.

[2] A Cremona, *M.A. Vassalli u Żminijietu* (KKM 1975), Pg. 6.
[3] Rev. Dr. E. Fenech, *It-tagħlim tal-Malti fis-seklu dsatax*. Notes Pg. 2.
[4] G. Cassar Pullicino, *Kitba w Kittieba tal-Malti*. Kt. 2 taq. 1 Pg. 3.
[5] Notes, *ibidem* Pg. 2.
[6] Għaqda tal-Kittieba tal-Malti, *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, (1924), Pg. XIII.
[7] J. Aquilina, *Papers in Maltese Linguistics*, (R.U.M.), 1970, pg. 97.
[8] K. Sant, *It-Traduzzjoni tal-Bibbja u l-Ilsien Malti*, (R.U.M., 1975), Pg. 23.
[9] *Piano di Pubblica Istruzione* (Malta 1939), Pg. 2.
[10] David Marshall, *History of the Maltese Language in Local Education*, (M.U.P. 1971), Pg. 17.
[11] *Tagħrif*, Pg. XIV.
[12] *Marshall*, Pg. 19.
[13] *Papers in Maltese Linguistics*, Pg. 87.
[14] Mit-*Tagħrif*, Pg. XIV.
[15] Aquilina, *ibidem*.
[16] Marshall, Pg. 21.
[17] A. V. Laferla, *British Malta* (Aquilina 1976), Vol. I, Pg. 232.
[18] P. J. Keenan, *Report upon the Educational System of Malta*, (Dublin, 1879), Pg. 86, Section 84.
[19] Pg. 89, Section 84.
[20] *Tagħrif*, Pg. XVI.

# IS-SEHEM TAL-ĠURNALIŻMU FIL-KULTURA MALTIJA

Is-sengħa ta' l-istampar daħlet fi gżiritna madwar 200 sena wara li Gutenburg jingħad illi waqqaf l-ewwel stamperija fl-Ewropa. Kien Pompeo del Fiore li, fi żmien il-Gran Mastru Lascaris, fil-1642 daħħal l-istamperija tiegħu f'Malta. L-ewwel ktieb li ġie stampat kien id-*Descrizione di Malta* ta' Ġan Franġisk Abela, mitbugħ fil-1648.

Minkejja li kellna stamperija, l-ewwel ġurnal Malti kien għadu ma rax id-dawl. Bħala kitba ta' stil ġurnalistiku nistgħu nirreferu għall-*Giornale* ta' Gaetano Reboul. Dan il-kittieb kien saċerdot Malti ex-kappillan ta' l-ubbidjenza fl-Ordni Ġerosolozomitan. Huwa kiteb il-ġrajjiet li seħħu f'Malta u Għawdex bejn is-snin 1729 – 1750. *Library MS 1749* jinkludi *Giornale – Successi dell'isola di Malta.*[1] L-istess stil ta' kitba hu adott minn I.S. Mifsud li fl-ewwel żewġ volumi ta' l-istromati tiegħu jagħtina xi fatti fuq il-ġrajjiet kontemporanji ta' Malta.[2]

Kellu jkun fi żmien qasir tad-dominanza Franċiża li ġie ppubblikat l-ewwel ġurnal. Kien jismu: "*Journal de Malte, Femille Nationale, Commerciale et Literaire*". Imma billi l-okkupazzjoni Franċiża dlonk spiċċat imblukkata fis-swar tal-Belt, il-ġurnal kellu ħajja qasira. Ġurnal ieħor minsi li ħareġ f'dan iż-żmien kien il-ġurnalett bit-Taljan "*Malta Libera*". Dan il-ġurnal hu msemmi mill-Baruni Azzopardi[3]. Aktarx li l-Franċiżi kienu jużawh biex ixerrdu l-propaganda politika.

L-era tal-kolonjaliżmu Ingliż niedet il-bidu ta' epoka ġdida għall-ħajja soċjali. L-Ingliżi kellhom il-fama ta' poplu liberali u dan il-mit riedu jżommuh fil-kolonji tagħhom. Naturalment il-ġrajja l-iżjed importanti ta' l-ewwel nofs tas-seklu kienet l-għoti tal-libertà ta' l-istampa fl-1839. Fl-ewwel snin l-istampa kienet imrażżna sewwa, u t-talbiet tal-Maltin biex iwaqqfu tipografija tagħhom ma ntlaqgħux. Il-permess, miċħud liċ-ċittadini kollha lokali, kien mogħti biss lil xi għaqdiet reliġjużi u lill-għaqda missjunarja ta' l-Knisja Anglikana bil-għan li jixxerred materjal reliġjuż.[4]

F'Jannar ta' l-1812 beda joħroġ l-eqdem ġurnal li għadu jeżisti – dan kien miktub bit-Taljan u kien jismu *Il Giornale di Malta*, aktar il-quddiem bidel ismu f'dak ta' *Malta Government Gazette*. Illum hu maħruġ bil-Malti u bl-Ingliż taħt l-isem uffiċjali ta' "*Il-Gazzetta tal-Gvern*".

Skond l-Appendiċi li jagħti Fr. D. Mintoff fit-teżi tiegħu, l-ewwel ġurnal bil-Malti kien *Id-Devot ta' Marija* – qari li kien joħroġ kull xahar u li beda fl-1837.[5] Skond il-kopji li hemm fil-Bibjoteka Nazzjonali, u skond iċ-Checklist'' li jagħti Sapienza (entry 210), dan il-qari, maħruġ minn Luigi Vella, deher l-ewwel darba fl-1887.

L-ewwel ġurnal bil-Malti kien jismu *Il-Kawlata Maltija* u ħareġ fl-1838. L-edituri tiegħu kienu t-tnejn Ingliżi – G.P. Badger u J. Richardson. Il-ġurnal kellu ħajja aktarx qasira għax ħareġ tlett darbiet biss. Fl-1839 ħareġ *Bertoldu*, iżda ħareġ darba biss.

Ġurnalist mill-aktar attivi kien Richard Taylor. Dan il-kittieb fl-1846 ħareġ *Giahan* li kien ġurnal umoristiku popolari u li middeħra kellu appell effettiv fost il-poplu. ''Huwa qabad dak l-istil nofs serju, nofs komiku, aktarx niggieżi u satiriku li maż-żmien ħoloq tradizzjoni u baqa' jinħass ukoll fil-ġurnaliżmu ta' dan is-seklu. Taylor kellu x'jaqsam mal-ġurnali li se nsemmi – *Giahan, il-Ħatar, l-Għassies, ix-Xitan iz-Zopp, il-Ġurnal Malti* u *is-Serduq.*''[6]

Imma f'dan iż-żmien insibu wkoll ħidma qawwija fil-ġurnaliżmu bit-Taljan. Xi għaqdiet barranin kienu jissussidjaw dawn il-ġurnali. Naturalment għal dawk Maltin ħadd ma ħareġ sold, u Taylor saħansitra spiċċa fil-ħabs tal-midjunin. Hekk ''*Il Mediterraneo*'' kien issussidjat mill-*Giovane Italia, Il Portafoglio Maltese* u *l'Ordine* żewġ ġurnali reazzjonarji, kienu ffinanzjati mir-Re ta' Napli, fil-waqt li fuq suġġerimenti ta' Sir Stratford Cunning, il-gvern Ingliż beda jgħin lit-Times of Malta, biex din toqgħod tilgħaq il-Kolonizzaturi Ngliżi.[7]

L-eżiljati Taljani ħadmu sewwa f'Malta biex jistampaw materjal risorġimentali u joħduh f'pajjiżhom. Bis-saħħa t'hekk il-ġurnaliżmu lokali ħa spinta sewwa 'il quddiem.

Bit-twaqqif tal-partiti politiċi l-ħidma ġurnalistika qabdet rotta partiġġjana. Fl-ewwel snin tas-seklu tagħna Manuel Dimech beda joħroġ ''Il-Bandiera tal-Maltin'' li fiha beda jippubblika l-ħsibijiet tiegħu fuq it-twaqqif tax-Xirka ta' l-Imdawlin. Naturalment, billi Dimech ma beżgħax milli jikxef l-għawar ta' l-Ingliżi, huwa spiċċa ħażin. Mhux biss weħel il-ħabs, imma l-ġurnal tiegħu ġie kkundannat mill-knisja.

Nerik Mizzi kien joħroġ il-ġurnal *Malta*. Din il-gazzetta kienet mimlija sentimenti pro-taljani. Mizzi ried li Malta tikseb il-ħelsien minn taħt l-Ingliżi, u taddotta l-kultura Taljana bħala l-eġemonija uffiċjali tal-gżira.

Iżda l-gazzetta li kienet ta' l-intellettwali Maltin kienet ''*Il-*

*Ħabib"* li ħarġet l-ewwel darba fl-1 ta' Frar 1912. Id-direttur tagħha kien Ġużè Muscat Azzopardi. Minn barra aħbarijiet ta' attwalità u rubrika reliġjuża, dan il-ġurnal kien ikun fih l-artikli letlerarji u poeżiji. Kittieba ewlenin kienu l-imsemmi Muscat Azzopardi, Dun Karm, Patri Cuschieri, Pawlu Bellanti u oħrajn. Il-Ħabib, li dam joħroġ sa l-1928 kien ippubblikat mill-kumitat ta' l-għaqda ta' l-Appostolat tat-Talb.

Minħabba l-kustjoni reliġjuża mal-gvern ta' Strickland il-knisja ħarġet il-gazzetta tagħha biex issemmgħa leħinha. Għall-ħabta ta' Settembru 1933 il-Vigarju P. Galea ħaseb biex dan il-ġurnal jieqaf. Għal din l-aħbar, l-Azzjoni Kattolika daħlet biex ħadet il-"*Leħen*" f'idejha; l-editur tagħha kien Herbert Ganado. Fuq it-twemmin idejoloġiku tal-ġurnal, l-editur stqarr hekk: "Jiena kont nammira ħafna lil Mussolini . . . għad illi meta għakkes lill-Azzjoni Kattolika, il-*Leħen*" attakkah",[8]

Diġa semmejna li Richard Taylor kien joħroġ *Il Giahan*. Sensiela ġdida ta' dan il-ġurnal beda joħroġha Mikiel Anġ Borg, ħabta ta' sebgħin sena ilu. Warajh deher *Il-Ħmar* li kellu bħala editur lil Guliermu Arena. Dawn it-tnejn fl-1921, kienu fost il-promoturi ta' l-ewwel Partit Laburista ta' Malta.[9] Fl-1925, Gino Muscat Azzopardi ħareġ *Dr. Xekkek*. Din il-gazzetta bħal dawk ta' qabilha kienet miktuba b'vena umoristika u kienet tesponi kritika xellugija.

Sa dan it-tant, wara libell *Il-Ħmar* sar *Il-Ħmara* u bħala editur kellha lil Karlu Satariano. Fl-istess żmien Ġużè Ellul Mercer kien jieħu ħsieb ta' *Il Cotra* li kienet il-ġurnal uffiċjali tal-Partit Laburista. Matul dan iż-żmien il-Partit Nazzjonalista kellu bħala organu uffiċjali l-*Malta* li diġa semmejna. Kif wieħed jistenna fit-tletinijiet din il-gazzetta saret iċ-ċentru ta' l-appoġġ għall-faxxisti taljani. Il-ġurnal ma baqax joħtoġ fis-snin ta' matul il-gwerra minħabba li l-kittieba w politikanti li kienu jiktbu fih ġew estraditi mill-Gvern Ingliż.

Din hi l-ġrajja fil-qosor ħafna tas-sehem tal-ġurnaliżmu fil-kultura lokali.

---

[1] R. Mifsud Bonnici – Dizzjunarju Bijo-Biblijografiku Nazzjonali (Malta 1960 Pg 429).
[2] G. Cassar Pullicino – ***Il-Bennejja tal-Folklor Malti.*** Pg 36.
[3] ***Giornale della Presa di Malta e Gozo*** (Malta 1836) Pg68.
[4] K. Sant (RUM 1975) ***It-Trad tal-Bibbja u l-Ilsien Malti Pg10***
[5] ***Journalism in Malta*** MA Thesis R.U.M./P951.
[6] G.C.P. Kitba w Kittieba K2 Taq 2 P115
[7] ***Journalism*** – Malta – Mintoff P105
[8] H. Ganado – ***Rajt Malta Tinbidel*** (1974 KK 01) P24, 28
[9] Artikolett f'***Xewka 2***, tat-2 ta' Mejju '81 No. 1 P1.

## PHILOSOPHICAL PROBLEMS

Whilst conducting some research on Anastasio Cuschieri, I have come across two extracts by Cuschieri in the ***Rivista di Filosofia Neo Scolastica*** published in Milan. O.F. Tencajoli in his ***Poeti Maltesi d'oggi***, refers to a dispute which had arisen over some philosophical matter between Cuschieri and Benedetto Croce.

Professor Aquilina in his *Il-Mużа Maltija* mentions this dispute, but writing years later on the poet's achievements, he doubts whether such a dispute ever existed.

Thus the discovery of these extracts throws new light on the whole problem.

The first paper appeared in the Rivista's issue of October 1913 (Anno 5.N.5) and is entitled *A proposito del problema Criteriologico*. In it Cuschieri treats the main problems of speculative philosophy. He defines and attempts to establish the nature of the so-called criteriological problem and maintains that it is substantially reducible to the question of general universality.

His argument is directed against "positivism", a school which denies the existence of metaphysical reality. Unlike the Kantians, he holds the objective value of our metaphysical concepts. He then sets out to prove the absolute arbitrarity of the Hegelian affirmation of identifying the logical value of our concepts with the metaphysical.

Ultimately he establishes the so-called moderate realism of scholasticism.

These issues are further developed in another paper entitled ***Il Problema Criteriologico o il Problema Ontologico?*** which appeared in the same Rivista, Anno 6, N.3 1914.

Cuschieri outlines a set of concepts which he regards indispensable in solving the whole problem. These are (a) the essentiality to distinguish between experimental notions and speculative ones, (b) the establishment of the two-fold character of speculative cognition, i.e. the logical form and the metaphysical, (c) the reduction of all the logical concepts into a "*concetto primo*", (d) the reduction of the metaphysical concepts in an "essere primo" and ultimately (e) the unification of this "*essere primo*", the NOTION and the universal REALITY.

As one expects, Cuschieri never mentions Croce or any other opponent – instead he prefers to refer to "*what others have argued*", "*it has been objected*" . . .

## HEGEMONY AND THE POPULAR MASSES

A traditional, ideologically committed text-book describes the failure of the 1798 events in Malta in such terms: "the general opinion soon changed into disaffection when a proclamation notified the suppression of some convents . . . " (Laspina). How far is this true and to what extent were the Maltese committed to clericalism?

In order to understand the failure of the 1790s it is essential to outline the vanguard of the revolution.

The Jacobite faction presented itself not only as a party in favour of French revolutionary interests but also as a democratic fabric against the feudalism of the Order. For example Vassalli at first thought that a rationalisation of the Order's activities might bring about social changes – seeing that such concepts were not going to be implemented, he joined the Jacobites.

## A SOCIAL FAILURE

The comments of De Sanctis on the Cartesian Reform in Italy bear a significant historical reference to our event. "***La riforma cartesiana in Italia non produsse alcun serio progresso com'è d'ogni scienza importata e non uscita da una lenta elaborazione dello spirito nazionale.***" The failure of the Jacobins was due to this reason: the vanguard was not rooted in the conscious spirit of the nation, in the popular masses. Vassalli and the rest failed to create what David Thompson defines as "*a revolutionary situation*" and remained isolated from the people. In the French Revolution the popular masses were the allies of the revolutionary bourgeoisie against the ancient regime, but the Maltese revolutionaries were not democratic enough as to allow such an alliance to materialise.

Although the 1798 events were shortlived and were the precedent to a revolutionary failure, they led to a short period of revolutionary reformism. Napoleon himself embarked on a programme of social and political reforms, including the abolition of the privileges of the nobility and of the clergy. The whole parochial framework of Maltese society was shattered by the new political set-up and the popular masses, under this shock, didn't know how to react. The Church, (the main proponent of popular ideology) was the worst hit: its jurisdiction was greatly reduced, civil marriage was introduced and the rights of the clergy were severely curtailed. However if the revolutionaries were isolated from the

popular masses, the Church was organically integrated within the social network of the population. The opposition to the Revolutionary reforms was dominated above all by the interests of the Clergy.

## A CONVENTIONAL REACTION

The leaders of the Maltese, from Dun Scerri (a clergyman) to the members of the Maltese Administrative group (aristocrats) and from Canon Caruana to Captain Lorenzi (both of whom, as typical bourgeois merchants, had all reasons to be against the French who had disrupted commerce) were not fighting for the cause of the Maltese nation but for their personal interests. The regime had curtailed the former power of these leaders and they were only striving to regain their privileges. The British were fully aware of this, so much so that Abercomby, writing on the protection that Britain was 'offering' to Malta, emphasised that "all the rights, privileges and immunities in church and state are confirmed."

Thus the Maltese were not ideologically committed to Clericalism, as Laspina implies. Clericalism and parochailism were originally imposed on society and constituted the very framework of Maltese society. The 1798 failure was not due to any commitment to church interests but to the isolation of the revolutionary vanguard from the popular masses. Had the conditions been different the same reactionary masses could have joined in a democratic revolt against feudalism.

But if the 1798 failure marks the determining influence of the parochial framework, the Language Question marks one of the first developments outside this structure. In the 1790s the Church was the primary incitor to popular resurrection but in the Language Question the Maltese stood for their own cause, whilst the Church formed part of the very incarnation of the "italianità". If religion was related to identity, language was more regarded as a surrogate of national identity. Vassalli calls it "one of the most ancient patrimonies" of the new emerging nation. This definition, in the Romantic ideal, justified Malta's claim to be a nation and played a functional role in the identity of the "patria".

The very existence of two linguistic codes, Maltese – the vernacular tongue and Italian – the elaborate medium, typifies a division in the social structure. Once this code is aboden by, the established order is accepted. In this manner Gramsci concludes that "il sistema linguistico non è soltanto una riflessione, ma è il fattore produttivo del sistema sociale." Thus the Question signifies

these social issues: widening of the ruling classes, and the (CLASSES) exigency of establishing closer links between the people and the ruling class.

In this light the Language Question is not restricted to an ideological struggle amongst isolated elite; the ultimate victory of the vernacular medium emerges as a significant social commitment, developed outside the outlines of parochialism and represents the 'point du depart' of Maltese social consciousness.

A glance at the popular reaction in relation to constitutional development reflects that there never existed any real political or social conscience (within the popular masses). Mass mobilization was dominated by material dissatisfaction. Thus, for example, Richard Taylor (who as a devout patriot was a pro-constitutionalist) – presenting an exposition of the social state, bluntly states: "Minn kemm ilu illi Malta għandha l-kbarat tagħha, il-Maltin dejjem magħfusa u straxxnata minn għonqhom bħall-ħrief tal-biċċerija. . . . L-iżball tagħna kien meta ridna kummerċ ħieles f'idejn l-assassini."

Paul Bartolo bases his analysis of the 1919 revolts on similar grounds. The contemporary sources reproduced by Bartolo attach considerable importance to material dissatisfaction.

This does not exclude the interference of a political conscience, but most certianly the popular masses were reacting against the sufferings of a hungry populace.

It is thus evident that ideological contrasts gave way to material discontent. Once again ***La Voce di Malta*** (Pol.-Rel.) expresses an ironic tone when commenting on the local Council and suggests that, in it "*il popolo non ha nessuna fiducia.*" The popular pamphlets of the time are marked by a generic rejection of politics in satiric terms.

In the light of such conditions it is obvious that any political developments hitherto the Language Question do not reflect a mature political conscience but material dissatisfaction; social maturity was still forming itself.

In the Language Question there were two ruling classes; one possessing an economic potential, the other representing traditional conservativism. This issue saw the rise to 'social power' of the first group – before the English had the function of domination without that of leadership – what Gramsci calls 'dictatorship without hegemony.' Instead the hegemony was exercised by a part of the social group (the 'italianità) over the entire nation. There were hardly any tendencies towards a compromise between the two ruling groups.

Now in the beginning of this century these groups had their own spheres – they were not 'leading' (dirigenti) but ruling (dominanti). These nuclei did not 'lead' anyone – in the sense that they did not wish to concord their interests with the interests of other groups. They wished to dominate and not to lead. Both groups were aiming at a new force, independent of any condition or compromise, to become the ***arbiter*** of the Nation. These were the ideals but what were the facts?

The historic outcome is that neither one of the two groups fulfilled its aspirations.

We may refer to the part played by the social strategy of the popular masses as a 'passive revolution'. What was involved was not a social group which led other groups, but a popular mass which, although it had limitations as a power, led the groups which should have been leading.

The whole issue registers the development of social consciousness outside the parochial mentality and marks one of the first populist victories.

## SAINTS ON THE RETREAT

Recent studies are laying stress on the relationship of the traditional standing point and the forces of change. Here we are going to look at a specific cult – The Lady of Atocia (known as **Il-Madonna tas-Samra**) as a case study of a general movement. We shall try to outline the criteria which led to establish the popularity of this cult till the first half of the 18th century and the attitude towards its decline in the 19th century.

In an analysis of a typical Maltese village J.F. Boissevain describes the implications of religious dissent and the interplay between parish and national politics. Our example is different – the story of **Tas-Samra** is not based on the opposition between the patron saint and a secondary saint: it is concentrated only on one cult, without any spectacular manifestation for an intrinsic value. The sphere of ritualism which has developed around it is rather extrinsic and thus offers an insight into the more sublime side of the local character.

## EARLY HISTORY

If we were to look back at the early history of **Tas-Samra** church, we would get a clear impression of the ardent urge to build chapels – not for communal service but for the sake of devotion itself. In fact before the erection of the present temple, there already existed a small chapel built in the 16th century. From the Pastoral Visitation of Cagliares (A.C.M., Ms. 181, fol. 93) we know that in 1614 this chapel was restored by Albanus Falzon of Valletta.

A certain Giov. Maria Cassia had left a 'clausura' known as **Ta' Xinesi** so that from its rent they could hold the feast, celebrate some masses and distribute alms. The devotion towards the Assumption of the Virgin already existed, so much so that in 1615 the holder of the 'clausura' was responsible for the vespers and mass in honour of the Assumption (A.C.M., Ms180, fol. 146).

But the temple was to become a centre of devotion with the arrival of the image of the lady of Atocia, a copy of one of Luke's numerous Madonnas. This image shows a dark figure, hence its popular title, and its complexion must have been the main factor in singling out the distinct character of this Madonna. In 1653, only 23 years after the building of the new church, Balaguer described the devotion towards the image in such terms – "*Circum altare*

*praedictum quam plurima dona seu vota verea, argentea, candelae et parvula navigia a fidelibus adducta devotionis causa*'', and Molina in 1680 writes that ''*motta devozione si ristava* (sic.) *dal popolo di tutta l'isola.*'' (ibid.). Moreover Alpheran in the Visitation of 1728 (A.A. vol. XXXII, fol. 368 – 370) draws a whole list of 'fundazioni' which were bequeted to the church. He mentions the devotion which was enjoyed by the dark Lady – her image hung on the high altar between two columns of wood and beneath it there was a small icon depicting the Assumption of the Virgin and the Apostles gazing at the empty tomb (fol. 368v).

But what led to this popularity? – a popularity which with the passing of time faded into oblivion.

## A SYMBOLIC UNIVERSE

A look at the Marian tradition on the continent illustrates the symbolic evolution of this figure. For Luther Mary was a rather pathetic girl without any intrinsic value; however in the Catholic world she stands out as a source of inspiration. Regarded since the twelfth century as the supreme protectress of civilisation, she taught a race of barbarians the ethical virtues; the cathedrals of the Middle Ages were her earthly dwelling places and in the Renaissance whilst remaining the queen of heaven she became also a human mother. A process of a similar nature was developing in our micro-sociological cell.

By the second half of the eighteenth century Tas-Samra was changing – the chapel was no longer isolated amongst the fields, it was fast becoming the centre of a new community. This had a great impact on its cult: in fact it marks a turning point. Whilst, as we have seen from Balaguer's description, formerly the devotion had the primary function of soliciting divine assistance for human needs, this new communal spirit changed that solicitation into an elicitation of human energy for 'christianised' purposes.

This process is more evident when we consider that the image of the Dark Lady, with its transcendental suggestion lacking any empirical or wordly elements, was removed and replaced by a new picture by Favray – a human mother with a spirit of confidence and faith in the human nature.

## IDENTITY

At this point it is relevant to refer to Durkheim's definition of religion: religion is a focus of a common identity. In our island, in the absence of any other form of identity, the communal identity was not only focused on religion but was itself identified with religion.

In this manner the development of a community, with the identity that it requires, cannot tollerate a complete diversity between itself and the source of its identity. The Virgin and the saints were seen as perfect human beings – they are like ourselves, only more perfect (as in the Hellenist mythology).

With this translation of the sublime and transcendental motif into an earthly representation (it was the time when the rivalry between the two titular saints was gaining ground, with the christian figures humanised into a wordly spectacle) a cult like the one of the Dark Lady, which did not offer any similar association, was bound to die out.

In our century Dun Preca, founder of the Society for the Promotion of Christian Doctrine, gave a new lease of life to this cult which had been forgotten. However this process was not integrated directly within the community. P. Pawlinu in his ***Storja tal-Madonna ta' Atoċja*** (Muscat, 1953, P. 45, 46) illustrates clearly how it was imposed by the popular personality of Dun Preca. As we have seen the process of a cult is attributed to social factors and to the shifts that take place in the community. The Dark Lady was returned to the high altar – but this is in no way a feature of the community's symbolic universe. It's a new way of paying old debts!

## NIKET U DWEJJAQ

Xi ħadd jista' jaħseb li hu barra minn loku li taħli l-ħin titkellem fuq id-dwejjaq. Biss jien mhux se noqgħod indomm xi eleġija ta' lfiq sentimentalistiku: tnehid bħal dan ilu li spiċċa mill-moda minn żmien ir-Romantiċi. Se nitkellem dwar id-dwejjaq u r-rabta tiegħu mas-soċjetà. Nittama li l-valur ta' kliemi mhux se jissarraf fi ftit dieqa rħisa – għall-inqas jien se nipprova nagħmel aktar minn hekk. Jekk jirnexxilix jew le araw intom.

Ma rridx nibda billi nfisser il-kelma: kulħadd jaf, mit-tiġrif tiegħu stess, x'inhu d-dwejjaq. Minflok naħseb li jkun aħjar li nibda billi mmur lura għal Leopardi u nissellef xi erba' kelmiet milli kiteb hu . . . *"id-dieqa ssawwar ir-realtà waħdanija tal-bniedem – hi biss mhux fiergħa, hi biss ma tqarraqx bina. B'hekk, nistgħu ngħidu li billi kollox jitwieled mill-frugħa u mill-illużjoni din id-dieqa hi t-triq waħdanija li l-bniedem irid iterraq matulha."*

Wieħed jista' jaħseb li l-qagħda tal-bniedem illum hi wisq diversa minn din id-dehra pessimistika. Iżda fil-fatt il-mobiltà, il-varjetà tas-sensazzjonijiet, id-divertimenti, m'humiex għajr mezzi ta' distrazzjoni. U meta tgħid "tiddeverti" jfisser proprju dan: titbiegħed mir-rutina ta' kull jum; twarrab minn dik il-monotonija li hi mfissra fit-ton minuri ta' Leopardi.

Dan il-mod ta' ħsieb sar illum il-filosofija tad-dinja materjali. Il-makkinarju tal-"mass media" sar il-makkinarju ta' l-aljenazzjoni; il-vjaġġi, l-isport (bħala spettaklu), id-discos, is-sess, iċ-ċinema . . . huma l-mezzi li qed jaħbu din il-ħerqa għall-ħarba mid-dwejjaq.

Kittieb ieħor, din id-darba tas-seklu tagħna, jagħtina definizzjoni differenti ta' x'inhu d-dwejjaq tal-bniedem. Proust fit-tieni volum ta' ***Fi Tfittxija għaż-Żmien Mitluf,*** jgħidilna kemm huwa kien jiddejjaq fil-ħin li kien jgħaddi ma' l-aħjar ħabib li kellu, Saint Loup. Għaliex? Proprju għaliex dan il-ħabib tal-qalb kien jaljenah. Fi kliem Proust stess, *"Tħoss dik id-diqa l-aktar jekk tkun wieħed minn dawk li l-għan tiegħek ikun li tfittex ġewwa fik, li ssegwi l-vjaġġ għas-sejbien tal-profond . . ."*

Huwa biss fil-waqt tar-riflessjoni, meta l-kittieb jiġi biex jikkritika s-sigħat li għadda ma' ħabibu, li Proust ma jkunx qed jaħrab mir-realtà: mid-dwejjaq li hemm midfuna fil-qalb ta' kull bniedem. Biss naħseb li fi stqarrijiet bħal dawn Proust stess qiegħed iqarraq bih innifsu. Iżda dwar dan nissokta aktar 'il quddiem.

## ID-DINJA TA' ŻMIENNA

Leopardi kiteb is-silta li ġibna fl-ewwel għexieren tas-seklu dsatax. Seklu u nofs wara jidher li l-livell tad-dwejjaq għola u kiber sewwa. Il-mod ta' kif żviluppaw il-meżżi ta' divertiment hu xhieda biżżejjed ta' dan. Imbagħad naħseb li fost iż-żgħażagħ, il-waqt tad-dwejjaq sar, biex nuża espressjoni ta' Gramsci, kuxjenza diffuża tal-massa. Ir-raġunijiet faċli nsibuhom: il-liġijiet tal-produzzjoni kapitalista, ir-ripetitività tal-ġesti u tal-movimenti tal-ġurnata tal-fabbrika, u tant fatturi negattivi oħra ġew estiżi għal mod t'għixien individwali u soċjali – ferm 'il bogħod mill-istess fabbrika.

Illum anki l-ħaddiema li ma jaħdmux fil-fabbriki ġew milquta mis-sistema industrijali: l-għalliem li jgħaddi ħajtu jirrepeti lezzjonijiet li jispiċċaw sterjotipati, biex żgur ma joffrix lok lill-istudent li jlissen il-protesta tiegħu, it-tabib li l-ġurnata kollha janalizza pazjenti-pupazzi, il-bankier siegħa wara l-oħra mitluf jgħodd ċifri bla sens, l-iskrivan midfun fl-arkivju ta' formoli li jiffurmaw il-burokrazija li tmexxi lill-istat . . . Jekk dawn is-sistemi m'humiex kif qal Marx *"appendiċi tal-makna"* huma **appendiċi ta' istituzzjonijiet**. Hi prospettiva bħal din li ż-żgħażagħ iħabbtu wiċċhom magħha meta jiġu biex isibu x-xogħol. Il-ħajja b'hekk hi ridotta għal suq sħiħ: fuq naħa s-suq tax-xogħol u fuq l-oħra tad-divertiment aljenattiv.

Iżda x-xbieha li joffru l-mezzi ta' komunikazzjoni hi ta' ħajja avventuruża – kif tista' tagħmel il-flus, kif tista' ssib xogħol aħjar . . . Proprju lista sħiħa ta' affarijiet li jistgħu jkunu aħjar minn dawk li għandek f'idejk. B'hekk il-bniedem jibqa' fiċ-ċirku vizzjuż ta' dawn it-tamiet irħas.

Kemm se ndumu sejrin hekk? Fejn se naslu? Ma' l-alkohol żidna d-droga, id-delinkwenza hi lat wieħed ta' din il-ħarba, il-"prayer-groups" huma formola oħra . . .

## SWIED IL-QALB

*Illum ġo qalbi nħoss*
*Id-dieqa ta' bla tarf*
*Tal-knejjes profonati;*
*Tal-ibliet li l-bieraħ kibru,*
*U llum*
*Abbandunati.*

. . . . . . .

*Tal-qamar sfajjar, ċiniku,*
*Fil-waħx taċ-ċimiterji*
*– Il-qamar li, waħdieni,*
*Sa minn kmieni*
*Għaraf tal-ħajja d-dramm,*
*Tal-mewt ħall il-misteri.*
*U nħoss li għalxejn il-Ħajja,*
*U kollha frugħa l-ġrajja,*
*U kollox illużjoni*
*Ħlief triq – l-Eternità.*
*RUŻAR BRIFFA*

## TELQA, DWEJJAQ, U KREATTIVITÀ

**Xi ħadd darba osserva li l-aħjar letteratura li jipproduċi l-bniedem hi dik li hi maħsuba f'waqtiet ta' dwejjaq. Fil-fatt, aktar minn hekk, Francesco de Sanctis (il-pijunier li rriforma l-kritika letterarja fl-Italja), isostni li kitba letterarja hi dik li tittratta l-problemi tal-bniedem. B'hekk għal xi wħud l-arti li mhix problematika mhi arti xejn. Aħna m'aħniex se nidħlu fil-meriti ta' dan id-diskors, biss tinteressana r-relevanza ta' bejn il-letteratura u d-dieqa tal-bniedem.**

Il-poeżija li ġibna hawnhekk ta' R. Briffa tista' sservi biex turina t-telqa u n-nuqqas ta' attività li jsib ruħu fihom il-bniedem imdejjaq. Walter Benjamin darba qal hekk: *"Dawk li jfittxu aktar fil-fond, jaraw l-eżistenza tal-bniedem mitfugħa f'qasam ta' materja, f'nofs wetqiet inawtentiċi. Kontra din il-qagħda tisplodi l-istess ħajja. U min ifittex dan, iħossu mwiegħer għall-ħsieb li l-eżistenza kollha tiżvolġi b'dan il-mod."* Fil-każ tal-poeżija ta' Briffa, it-telqa hi mnissla minn dan l-affront tar-realtà.

Ġaladarba għidna dan, nistgħu nerġgħu nduru lejn Proust. L-evokazzjoni tiegħu tal-ġewwieni u tal-profond għall-ewwel tista' tidher bħala ritorn fih innifsu. Skond Santu Wistin il-verità qiegħda fil-*"profond tal-bniedem"* – profondità li fiha t-tiftix tagħna għandu jsib il-milja tiegħu, fl-għaqda mad-divinità.

Biss għall-kuntrarju ta' dan, il-vjaġġ li jsegwi Proust hu, paradossalment, vjaġġ lejn il-ħidma u lejn il-kreattività artistika.

Ir-rifjut tiegħu tad-dwejjaq jimmira biex jiddetermina l-kundizzjonijiet ta' possibilità għall-ħidma tiegħu bħala kittieb: attività li Proust ħallielna fil-mijiet ta' paġni tal-kapolavur tiegħu. L-attività ta' l-artist fil-każ tagħna l-kitba ta' ***A La Recherche,*** hi magħmula minn nisġa sħiħa ta' ħsibijiet, ta' riflessjonijiet, ta'

korrezzjoni, ta' sigħat sħaħ ta' ħidma mentali. Minn dan ix-xogħol kollu tixref l-idea, l-apprezzament tal-kreattività umana.

**Dan kollu hu simili ħafna għall-ħidma politika. Il-politika mhi se tasal qatt biex issolvi l-problemi kbar u eterni tal-bniedem. Madankollu tista' tasal biex il-bniedem ikun jista' jgħix ħajja aktar ferħana. Il-ħidma politika hi bħal dik iż-żerriegħa fil-ġuf ta' l-omm: huma dawk l-individwi mpenjati li jridu jinfondu sens ta' kuxjenza fis-soċjetà. Hi ħidma li titlob dedikazzjoni u paċenzja, saħansitra f'affarijiet li jidhru banali. Dan kollu jfisser, fil-proġett kreattiv tagħna, il-bini ta' xi ħaġa li s'issa għadha qatt ma eżistiet.**

B'dan l-ideal żgur li l-bniedem ma jħossux mherri mit-telqa li ma jista' jagħmel xejn, ma jibqax fid-dwejjaq li qiegħed fihom. Minn hawn jixref is-sodisfazzjon tal-militantiżmu u ta' l-impenn ideoloġiku.

Kważi ħames mitt sena ilu, Durer pinġa dehra profetika tal-malinkonija. Hi xbieha tad-dinja ta' żmienna; il-figura tirrappreżenta l-umanità fi stat evolut għall-aħħar – bil-ġwienaħ biex tittajjar, bil-kumpass f'idejha, simbolu tax-xjenza li ħakmet lid-dinja; madwarhom hemm l-għodod tal-produzzjoni, serrieq, ċana, martell . . . Biss dawn kollha ħalliethom fl-art biex qegħda tiskanta bil-ħajja li ma ssarraf xejn.

Hi d-dehra ta' ċiviltà li tant żviluppat, li tant rat snin, li donnha qegħda tmut. Hemm bżonn ta' demm ġdid: demm li jbaqbaq fil-vini u jagħti l-ħajja. Għandna nkissru l-ktajjen tad-dwejjaq, ta' l-ossessività tal-monotonija, tal-ħsibijiet borgiżi u kapitalistiċi u nfittxu toroq ġodda. Iż-żgħażagħ għandhom jiġu mgħallma jfittxu dan l-impenn: għandhom jiġu murija l-ideali tal-prassi (il-metodu kif it-teorija titħaddem fil-prattika); għandhom jitħeġġu biex jaħdmu għal-lotta.

Minn dawn il-ħsibijiet indur fuqek ħabib – l-ewwelnett inroddlok ħajr talli bil-qari pparteċipajt fl-isforzi tagħna. Imma aktar minn hekk nittama li, jekk inti mdejjaq mis-sistema kapitalista, mill-istrateġiji burokratiċi li jmexxuna, issib mod kif tesprimi ruħek u kif tfisser ir-rieda tiegħek.

## CHANGE AND REACTION TOWARDS A LAY INSTITUTION

Religion functions within two broad levels of society – firstly it is a focus of identity (and as such it is related to the structural form of the national) and secondly it embodies the symbolic universe of the community. This short write-up attempts to visualise the part played by the social strategy and religion in the setting up of the MUSEUM, the Society for the Promotion of Christian Doctrine founded by Dun Preca in the first half of this century.

The MUSEUM is the only lay association in Malta of local origin and its primary aim is dedicated to the training of the laity to spread religious knowledge (*Nitgħallem biex Ngħallem*). Although today this institution is established as an important centre of religious education, at one time it was suppressed (to the extent of an order by the Vicar General to close the centres Preca had opened). Orientated as it is towards the active involvement of the appostolate, the Society was bound to be attacked as a protestant. Its lays reforms – ranging from the use of Maltese, the popular language to the denial of the formalism in the religious cult and to the stress on work – offered a challenge to the centralised Catholic Church and to the dominant social class, in that this reformism presented a new hegemonical texture which had originated from the popular mass itself.

## SOCIAL IMPLICATIONS

When commenting on the achievements of Preca, Alexander Bonnici OFM Conv. writes that he *"was to bring about like a revolution in our island". (**Problemi ta' Llum,*** Frar 1980, p. 34). This is true, but the essential and real problem is to see whether in the dialectic 'revolution/restoration' it is the revolution or the restoration which predominates.

Before attempting to define this problem it is necessary to see the interplay of relations between the principal social group and the auxiliary forces directed by its hegemonic influence. The conservative, nationalist bloc manipulated the cultural hegemony of the island. By the late 1920's (the time of the Language Question), this bloc was fully aware of the trends which later were to lead to the establishing of social totality. Preca's reformism was going to coincide with this popular movement. Thus it was only obvious

that the conservative bloc saw in Preca another threat to its hegemony over the auxiliary forces it directed.

(The use of the term 'nationalist bloc' bears a specific feature. At this stage, the "class struggle" in Malta does not witness the competition between the two opposed classes, i.e. the capitalist and the proletariat. Quite often a native labourer would be on the pro-British side. Dr. Henry Frendo explains how the division was rather between those who looked up to the colonial government for material security, and those who looked down on it as overlords and exploiters).

As Gramsci maintains a society does not set itself tasks for whose solutions the necessary conditions have not already been incubated. The institution which was so much opposed was in 1932 accepted by the Church and recognised by the Nationalist Government. Thus the progressive potential of Dun Preca and his followers was absorbed by the conservative reaction. Preca's followers formed part of the populist ideology and were themselves involved in the process of production. In this manner they represent what Gramsci calls '*organic intellectuals*'. They could have been one of the mechanisms by means of which a new social strategy could be evolved. But for the reasons we have just mentioned this group was not capable of presenting itself as a transitional fabric. The hegemony was protected by the armour of coercion and the group which exercised it continued to enjoy it and managed to force its competitor into a subordinate.

## AN UNEASY CONVENTION

But if on the social arena this group was exhausted, its lay character was accepted by the Church – as such it presented the first major step toward the concept of laity in Malta. The Church must have been aware of the process of differentiation in Maltese social life; so she chose to grant a small concession to laity so as to retain its grasp over the local mentality. However once the organic state was restored, there could not be a straight forward return to traditionalism. It was only anti-clericalism which provided this alliance with a centred focus of power.

This crystallisation brought about some stability and regained mass support at the expense of the populist ideology. In the long run that group of organic intellectuals lost their social identity and gave way to an uneasy alliance. However the alliance at least established the populist notion that the intelligensia as a distinct

social category independent of class, is a myth. They also showed that the working class is capable of developing its own organic intellectuals from within its ranks.

# CULTURE ON THE TIDE: STATUS GROUPS AND CULTURE IN MALTA

**The study of the social essence of culture must be aimed primarily at determining the function of culture in the life of society and at determining the correlation between these social interests and the trends of culture. Thus an insight into culture presupposes the understanding of the typology and the structure of the status groups in society.**

The aesthetic philosophy of Benedetto Croce seeks to isolate art as an absolutely autonomous activity, free from everything practical. However, whilst the cosmic and instinctive features of a work of art can never be denied, man is nevertheless the product of a specific society belonging to a definite age. As K. Clark points out, the student of European civilisation may observe that Polynesia produced no Dante, Shakespeare or Goethe. The artist breathes the air of his culture, in a way that art reflects the whole complex of social being and social consiousness. As such it is related to religion, ideology, morals . . .

## THE INTELLIGENTSIA

As Gramsci maintains, the notion of the intellectuals as a distinct social category is a myth. Intellectuals in the functional sense fall within two groups – 'traditional' intellectuals whose position in society has a certain inter-class aura, and secondly the 'organic' intellectuals: the thinking element of a particular social group. *"The mass of the peasantry, although performs an essential function in the world of production, does not elaborate its own 'organic' intellectuals; still it is from the peasantry that other social groups draw many of their intellectuals."* ***(Quaderni dal Carcere)***.

This point underlines the importance of outlining the pattern of stratification in Maltese society. Cultural and spiritual values embody the aims and ideals of a particular group whilst literature expresses those values which promote awareness of that social group (e.g. Dr. O. Friggieri's study of Romanticism as a product of rebellious 'Risorgimentali'). Art reflects reality through this prism.

## CULTURE AND GROUPS IN MALTA

With the coming of the Knights, Maltese society saw the restructuring of its strata. D. Mintoff understands this structure as divided into three groups: 1. the Knights, 2. the 'prŏfessionalisti', and 3. the workers and peasants. He explains that *"the 'professionists' licked the Knights' boots whilst the workers and peasants licked the boots of their fellow citizens."* Although one must be cautious when talking of 'class consciousness' in Malta, (because generally it leads to politicisation) Mintoff's distinction is nevertheless valid for it reflects the general pattern of hegemony in Malta.

Moreover, a "Relazione" written in the first half of the 17th Century testifies the awareness of social relationships. ***(N.L.,. Ms 5, fol. 563-584).*** The Maltese were not exactly happy under the Order: *"Licking the boots"* must have been a characteristic of their relationships for as the writer of this diatribe claims, *"nessuno ardisca lamentarsi del governo come si voglia, altrementi sarà punito come Rebelle".*

Matteo Callus was considered as one of the rebels: he wrote a bold letter to the Spanish King and ended hanged in the town square.

The handful of Maltese intellectuals were all related to the 'professionisti' category. From Imbroll to G.F. Abela, and from the Cassars to Dingli we follow a whole line of intellectuals organically bound to their patrons. As Biancha Fiorentini observes, *"the domain of the Knights had excluded the people from active life, hindering the formation of local awareness which would have been able to grasp the symptoms of the social transformation already in act throughout most European countries."*

A rapid glance at the cultural achievement on the island will reveal this retardation. We shall refer to a couple of examples.

Carlo Magri started a polemic with G. Brusoni, who had disapproved some naval expeditions of the Order. Magri identifies *"il valore Maltese"* with the interests of the Order. He doesn't assume any sense of identity *sul generis,* if not in the island's relation with the Knights. The nature of the dispute is rather sentimental and demonstrates the conventional character of the organic links of the Maltese intellectuals to the Knights. A novel of the time would waste no pains in presenting an anachronistic allegory: the benevolent Christian Charity contrasting with the malevolent

pagan brutality – or in other terms, the glory of the Order and the corruption of the contemporary age (*Cagliola*).

The conventional *sonetti* written for every occasion conceivable, are ever celebrating a heroic manifestation. With typical exultant innological suggestions they are addressed to the *crocieri eroi*. Referencies to Biblical episodes are recurrent – the Gethsemane become a symbol of the persecution of the righteous and a witness of their ultimate victory ***(Brughueres)***.

Drama at best would enclothe the same dialectic in mythological symbolism: from the morality plays of Farrugia to plays of "new morality" by Magri – the substitution of Christian virtues by mythological figures. But the conception is ever constant.

This concept underlines the symbolic character of local Baroque art. Take the monuments of Nicholas Cottoner and of Perellos at St John's. The two figures of Charity and Justice on the monument of Perellos reflect the line of thought of the Baroque movement. The bellicose arms and banners which surround Cottoner have been substituted by Christian virtues. This marks the dualistic complex of our dalectic – whilst in the latter the relation is manifested in terms of a chivalric vision (military achievement: victory over Pagans, symbolised by the two slaves), the relationship in the former has been translated to Christian terms (the virtues triumph over materialistic corruption, symbolised by the bellicose arms).

The status awareness does not restrict itself to a particular time – its development in art implies what A. Zis has called *'eternal principles'*. Artistic realitivity is subordinate to social development, but being a special form of consciousness, it has its own distinctive features and specific patterns.

## DIFFUSION OF CULTURE

Even though the Knights had set a press in Malta, it only served to diffuse the interests of the Order. Miège observes that its use was severely restricted as the order had all interests to keep the Maltese in ignorance. (The same applies for the Church): thus the local intellectuals were condemned to a mediocre culture.

The dialectic which the Knights imposed was by far anachronistic. But by the 18th Century people started to be critical. The 1760s are marked by two important events: the symbolic publication of Gio. Antonio Ciantar's voluminious ***Vita di Maria***

(a poetic translation of Sor Maria d'Agredia's sublime nonsense on the life of the Virgin), and the birth of M.A. Vassalli: the "father" of the Maltese nation.

Vassalli advocated the nationalisation of the Order's activity and the need to establish relationships with the East. (*Memorandum*). His ideas were refused and ultimately he joined the Jacobite party which was gaining ground in the island. (This faction presented itself as the only alternative). The 'professionisti', which had been hitherto subservient to the Knights realised that they couldn't exercise a functional (i.e. economical) role under the Order. This group corresponded vaguely to the bourgeois character and was gradually undermining the influence of the Order in Malta.

## SECULARISM LOOMS AHEAD – RELIGION AND SOCIAL CHANGE IN MALTA

J.F. Boissevain has studied in detail the relevance of religion and social life in a Maltese village. In a Ħal-Farruġ of the 1960s the Church is an important theme and its role extends from the family to the economic, social and political areas. *"There is a very tight fit between what should be and what is between the teaching of the Church and the moral code of the people of Farruġ."*

Religion reigned supreme and subdued all spheres of society's life to the extent that Boissevain could not distinguish between religious and secular institutions.

However today the island is on the way to secularization. Just as the houses are no longer built around the parish church as the focus of the village, but look outwardly, so does Maltese life look towards an unfolding horizon.

Although the politico-religious dissension between the Church and the MLP did contribute to set this process on a rapid pace, the roots of secularization are rooted in a still evolving movement. It is directly related to the assertion of Maltese national identity.

In another article retreat we have seen already how religion is related to identity in Malta: in our case-study the process of a religious cult was directly attributed to social factors. And so is the character of religion itself.

## A PROBLEM OF IDENTITY

In the 17th and 18th centuries Malta had no specific identity of its own. There were no pretensions to neither a national identity nor to the functional role of class consciousness. The identity that was related to the island was imposed by the militant character of the Order of St John.

Malta was identified with its defence of Christianity, such that a dialectic between the forces of 'good' and 'evil' evolved around her.

Local baroque culture is based on this conception – Malta is the allegory of Goodness contrasting with the Malevolent forces. This contrast may be reduced to the fundamental difference between those who believe in the true God (Christians) and those who do not (Pagans). See among others: ***Il valore Maltese*** a sonnet by

M. Brughuers in *L'Ippocrisia Castigata o L'Inganno Pena all'Ingannatore* by Giacomo Farrugia – in I.S. Mifsud.

In this manner a sphere of traditions which is generally related to national identity developed around religion.

Relgion became the constitution of identity, in fact the symbolism of local cults refers continuously to sources of identity. This equation was further affirmed during the British domain. Referring to a similar situation D. Martin writes that *"a nation denied self-determination by another dominating society will either seek sources of religious differentiation, or use pre-existing religious difference as a rallying point."*

With the discovery of a new identity, religion lost its traditional function. This explains why in their search for a different identification, the revolutionary writers of the 1960s denied the socio-religious rituals.

## APPRECIATION

Furthermore industrialisation, tourism, and the media had secularing impact on religion and this proclaimed the dawn to critical appreciation, to a new cultural orientation . . . In the absence of pluralistic religious groups (which quite often lead to secularisation) the process of secularization emerges as a phase of real renewal, destined to eliminate the traditional taboos.

Mario Vassallo, who studied the reaction of the Church to such a situation, explains that, *"as long as culture, tradition, national life-style, and religion were intertwined in a complex set of mutually supportive attitudes and values, the Church was the dominant indigenous institution. Once the connections were broken . . . the way was opened for a process of diminution of the significance of the Church in Maltese national life."*

## ARTIFICE OF CULTURE

Having said this, one may refer to the increased pomp of the local festas as a counter-argument to the view we have presented. However a look at the economic sector will solve this problem.

As a growing tourist centre in the Mediterranean, Malta is exploiting her resources to offer them to the tourist. Sun, sandy beaches, saints and festas . . . have become Malta's new raw materials and as such they have to be developed to their full poten-

tial. Besides welfare has increased and material conditions are favourable. All this points to materialism: what was once symbolic has become a mere spectacle, an integral part of a "carry on" series.

Directed against the conventional component of traditionalism, secularization presents itself as a process by which society regenerates itself. The Maltese are realising this; the ideological commitment, and the emergence of extra parliamentary groups testify this. The Church is no longer the proponent of ideology: she has still to reassess her position in a changing society.

# CULTURE ON THE TIDE – CHURCH AND CULTURE IN MALTA

In the absence of a pluralistic situation, Religion extends its function from the individual to the social order. Gradually this leads to the development of a mechanism which governs the behaviour pattern of the community and which reinforces its institutional character through active involvement in the society-state relationship. Through this evolution, the institution might lose sight of its original objective with the consequence that it might be discordant to the very creed it professes.

Such is the case of the Church in Malta. The islanders were guided in the Nazarene's steps by the Apostolic Inquisitor, representative of he who sits on the throne of Peter, and the Bishop, appointed in the name of Melchizedek, Priest of God Most High and King of Salem. These servants of the Lord saw to the well being of the community in a truly holy and Christian way. As Laferla writes "there were three rivals in little Malta, each trying to outdo the other: the Grand Master, the Bishop and the Inquisitor." But according to the latest Plain Truth interpretation of the APOCALYPSE now there they go – the three of them – in a merry go round, singing unisonally: "*Beatus vir qui timet Domino, in mandatis ejus volet nimis*." Such is the will of the Lord!

## A Social Force

Although the Knights saw to restrict the Church's extension of jurisdictional power, in the social sphere of Maltese life it was the Church who had the upper hand. Through its social subordination, the Church provided a means of integration throughout society. However it is important to see the implications of this integration. Umberto Cerroni refers to unorthodoxy as a precedent of national unity in England, Germany and Holland. The source of integration in Malta was not unorthodoxy but organic orthodoxy, accepted subordination. This explains the different implications of social cohesion in Malta and integration in Holland . . .

The running of the Church lay within two levels: diplomatic and popular. The diplomatic level witnessed the antagonism against the Knights, whilst the popular level, the rural 'parroccho' exercised the pastoral mission over the countrymen. As is seen from Duzina's Report these parish priests laboured under a very real grievance (see J. Cassar-Pullicino in Mel. Hist. Vol. 2). They con-

stituted the leadership of the local population. This was achieved not through any social strategy as such, but through the importance ascribed to Religion by the Maltese. Miege summarised this attitude when he observed that "*le maltais a de la religion au fond de l'ame . . . Cette piete, poussie jusqu'au fanatisme, lui fait supporter sans se plaindre, la misere et les mauvais traitements pourvuque l'on ne touche ni a ses eglises ni aux ministres de culte . . .*"

## Antagonism Towards the State

We have already referred to a RELAZIONE which provides an insight into the social background of the island (N.L.M., Ms. 5, fol. 563 et seg.) The writer, who was a Vicar General, refers to a visit he paid to Grand Master Luis Mendes. From it we get to know of the abuses of the *Militia Capitani*. "*Il Capitano grava li uomin, e a Capitana la donna che va per le case domandando carne, ova . . .*" The author does not seem to be on the side of the Maltese as much as against the Order. His opposition is of significance within a parrochial mentality: after all if the Capitana demanded meat and eggs, the Parroccho collected his fair share as well. The Vicar does not mention this! Furthermore a MEMORIALE (N.L.M., Ms. 8, fol. 115) demonstrates aptly the character of this opposition. This protest against the Grand Master's abuses of the Bishop's jurisdiction, reveals the petty character of diplomatic relations and crystallizes the Church's antagonism towards the State. This antagonism may be explained by what the RELAZIONE calls 'new power' – it refers to the decline of the local aristocracy and to the rise to power of the clergy in its stead. As a power it had to safeguard its interests.

Since the Church was the only agent which played an active role in society, irrespective of whether it was positive or negative, the people trusted the Church and bequeathed to its considerable amounts of money and land as surety for prayer after death. Exempted from paying taxes it developed into the main 'capitalist' agency in the island. Thus it had all interests in upholding the *status quo*. It never bothered to administer its income for the real public interest. For example when the Cathedral Chapter was asked to contribute financial assistance for the fortifications of Mdina, it refused to offer any help. (MEM. fol. 584).

## Culture

What type of culture could the Church diffuse?

The Church had all interests to keep the Maltese in ignorance of critical thought. Not only!: as is seen from Duzina's Report even the education of the general priest was very low.

There were individual priests who fostered critical thought, but they were suppressed under the pretext of heresy (Andrea Axiac). The meetings of these alleged heretics were attended by the best people, the cultured section of the community some of whom accepted the new doctrine. "*Errori grandissimi di Lutero infettarono quest'isola*". Dal Pozzo attributes these influences to German Knights, but irrespective of who propagated them, the fact remains that people started to be critical. When one considers that the general character of 16th Century local society was not viable to accept Lutheranism, these trends show that society was not sterile and passive as its parochial framework may suggest.

The suppression of such trends by the Church and by the Inquisition left a cultural vacuum in social life. Life returned once more to its repetitive character: conformism. The church maintained a *status quo* and did nothing practical to foster education among the popular masses.

But by the 18th Century, society began to be aware of certain trends. As the Inquisition proceedings demonstrate, the rigid faith in the Church was slowly but gradually changing. The popular beliefs throw light on the dubious faith of the simple men. Of course this was not always the result of critical thought, but of widespread ignorance. Infact, superstition held the inhabitants at its grip.

## Support

It was only at such a moment that the Church, seeing that this ignorance meant loss of support, advocated the people to question the relevance of 'supernatural' practice. The parish priests and confessors were exhorted to root out such ignorance (See A.A., Sec. Cor. Vol. XVL fol.7).

**This explains the significance of the *Tagħlim Nisrani* as the first printed book in the popular language, the *Priedki*** (Sermons) of Ignazio Saverio Mifsud as the first prose writings in Maltese and the ***kurunelli*** (religious recitations) as the first exercises in poetic prosody.

This is the background of the publication of Wzzino's Christian Doctrine. The ***Tagħlim Nisrani*** has a special significance as the first printed book in the vernacular tongue. The book was by no means intended to promote an awareness of the Maltese language: it was rather the response of the Church to the situation which we have described.

Gramsci explains how the Language Question signifies an extension of the '*Classe dirigente*'. Our case is a corollary. The Church, as the proponent of ideology, was proposing the production of the local language as a means of extending its mass support.

**Language**

In the Middle Ages the Church had no interest in the local language, so much so that it appointed foreign parish-priests who didn't even know the communicative medium of the natives. (A. Mifsud: ***Frammenti Storici***). The writer of the RELAZIONE provides us with the reason: in those times it was the Università who led the people. In the 18th Century it was the Church, and as such it had to safeguard its interests. The Maltese language, neglected as it was by the directing class, presented it with the appropriate instrument.

Maltese was the means through which the Church could retain and strengthen its grasp over the local mentality. Although this did in an indirect way contribute to foster an awareness of the Maltese language, it nevertheless underlies the retardation of Maltese literature. There was no other interest in the language other than as a means of disseminating the policies and the standingpoint of the Church.

## IS-SENA TAL-BUROKRAZIJA – 1985

**IL-ĦASSIEBA ta' l-hekk imsejħa "Skola ta' Frankfurt" (prinċipalment it-trio formidabbli ta' Horkheimer, Adorno u Marcuse) bassru li r-rotta li qabdet id-dinja tal-punent se twassal f'konklużjoni waħda. Is-sistema industrijali u kapitalista ta' din id-dinja aktar ma tmur aktar qed tankrana bis-sħiħ fil-burokrazija.**

Hija l-istess teknoloġija produttiva li tasal biex saħansitra tiddetermina l-ħajja privata tagħna individwalment b'mod li ssir l-aġent waħdieni tal-ħajja umana.

Ir-rumanz "**1985**" tal-kittieb Ingliż Anthony Burgess dlonk jista' jfakkrek fil-ktieb l-ieħor ta' George Orwell "**1984**" li nkiteb l-għada tat-tieni gwerra dinjija. Sintendi differenzi bejn iż-żewġ kotba jeżistu. L-ewwelnett il-"mostru tal-futur" jinħass aktar qrib tagħna, għalkemm fiż-żewġ każi għandna l-utopja makabra li donnha dejjem qiegħda wara l-kantuniera.

Il-ġrajja ta' Burgess imma mhix orjentata fi sfond immaġinarju – għall-kuntrarju, hi r-realtà Ingliża ta' żmienna, hi l-Ingilterra tat-trejdunions – mifhuma bħala fenomenu ta' dekadenza soċjali, ta' servitù burokratika li tiċħad il-valuri tal-ħelsien u ta' l-individwaliżmu.

Il-qofol tat-tema qiegħed fil-kontradizzjoni assoluta bejn il-libertà u totalitariżmu dittatorjali. Il-verità tiegħu qiegħda fis-sintesi li jipprovdi l-ħsieb differenti li jsegwu t-trejdunjonisti, il-politikanti, il-ġurnalisti . . . kulħadd jimxi għal rasu u kif jaqbel lilu. Hi kriżi ta' demokrazija falza li l-għan waħdieni tagħha hu li taqdi l-interessi ta' min hu l-aktar b'saħħtu; li ssir garanzija ta' l-ipprivileġġjati fil-ġungla tal-poter.

Dawn il-ħsibijiet sabu għalqa fertili fost bosta awturi. Ifakkruna fil-*Brave New World* ta' Huxley jew fir-rumanzi politiċi-polizjeski ta' Arthur Koestler. Lil George Orwell diġà semmejnieh u fit-tradizzjoni li ppreċediet lil Burgess, il-Big Brother spiċċa mħallat u sfumat fit-traġiċità ta' l-Inkwiżitur il-Kbir ta' xi Dostoievski. Għall-merti tal-kronaka, nistgħu nżidu l-"Konfessjonijiet" ta' Arthur London, li l-ħsieb ta' warajhom qiegħed miżrugħ fit-tilwim tal-gwerra bierda tas-snin ħamsin.

It-testi ta' Burgess jimxu pass aktar 'il quddiem minn dan il-konfront ma' l-awtorità dommatika. Insegwu attakk kontinwu kontra l-hekk imsejjaħ "totalitariżmu intellettwali", jiġifieri kontra l-monopolju li ftit nies privileġġjati għandhom fl-oqsma akkademiċi. Burgess irid jorganizza l-politika u l-ħajja soċjali f'qagħda waħda li tkun imnissla mill-istess prinċipji.

## RIVOLUZZJONARJI

Skond Burgess, il-ħassieb li hu impenjat, minkejja l-intenzjonijiet kollha tiegħu, qiegħed fi stat ta' diskriminazzjoni, għaliex fl-aħħar mill-aħħar qiegħed jaspira għal kwalunkwe mezz ta' poter li jista' jtejjeb il-qagħda ekonomika tiegħu. Naturalment din id-dehra xejn ma taqbel ma' dik l-idea Leninista li tħares lejn l-intellettwali impenjat bħala "mexxej volontarju tal-proletarjat."

Fi kliem Burgess: *"L-intellettwali la għandhom il-poter tas-sid kapitalista u lanqas is-setgħa tas-'syndicalist boss.' Minħabba f'hekk jinsabu f'baħar ta' frustrazzjoni. Isibu li l-pjaċiri li huma purament intellettwali mhumiex sodisfaċenti. Għalhekk isiru rivoluzzjonarji . . . u jibdew jippridkaw kollox f'isem il-ħaddiem."*

Naturalment dan hu ġudizzju li jrid jiġi mifhum fit-tradizzjoni Ingliża. Aktar minn hekk, il-qarrej jista' jaqbel jew ma jaqbilx mal-ħsieb ta' Burgess.

Semmejt it-tradizzjoni Ingliża. Irrid ngħid li l-għajn oriġinali tat-tematika ġenerali ta' dan il-ktieb ma nibtitx fl-Ingilterra iżda fil-Ġermanja. Ikun biżżejjed li nsemmu lil Max Weber u l-ipotesi tiegħu dwar il-burokratizzazzjoni fis-soċjetajiet moderni. Biss hu ta' min igħid li fil-kultura Ingliża dawn l-ideat sabu ħamrija fertili ħafna li għenet mhux ftit biex kattret il-popolarità ta' din il-kuxjenza.

Dan kollu hu ta' min iżommu f'moħħu minħabba tliet raġunijiet ewlenin. L-ewwelnett *1985* jitkellem dwar formazzjonijiet soċjali żviluppati ħafna – ambjent li fih il-proċess tad-differentazzjoni tar-'roles' soċjali, tal-produzzjoni u tal-kompetizzjoni qiegħed fi stadju avvanzat sewwa. Minn hekk jitnissel il-proċess ta' burokratizzazzjoni bħala tweġiba tal-ġerarkizzazzjoni (jiġifieri l-organizzazzjoni mqassma fi gradi). Ma' dawn irridu nżidu s-sehem ta' l-organizzazzjonijiet il-kbar fit-tiswir ta' l-ekonomija u tar-riproduzzjoni soċjali. Terġa' dawn is-soċjetajiet huma karatterizzati minn forom ta' żvilupp mingħajr progress – isiru aktar u aktar komplessi fil-mekkaniżmu tal-burokrazija tagħhom, iżda jibqgħu staġnati fl-istess ilma.

**L-ideoloġiji li jeħduha kontra l-liġijiet ta' din il-burokrazija jeħtieġ li jaħdmu biex inisslu għarfien ta' soġġettività ġdida fost il-mases kulturali. Trid tissielet kontra dik l-utopja rigressiva ta' l-hekk imsejħa "libertà". Din il-kwistjoni s'issa kienet mifhuma biss bħala rapport bejn l-individwi – mill-bqija l-mekkaniżmu tal-produzzjoni huwa meqjus bħala l-propjetà ta' l-ipprivileġġjati: il-**

**ħakma ta' xi erba' parassiti li moħħhom biss f'kemm se jisolħu lill-poplu, f'kemm se jakkumulaw ġid huma u jtellfuh lil ħaddieħor . . . f'dal-każ, fl-oqsma tal-produzzjoni industrijali l-ħaddiema qegħdin riġimentati apposta biex ma jagħrfux il-qagħda li huma jinsabu fiha.**

**Id-dinja li jsawwar Burgess hi d-dinja ta' pupazzi odjużi li lesti biex jissieltu ħalli jiddefendu l-privileġġi tagħhom. Il-qarrej iħoss is-sensazzjoni ta' meta l-uffiċjal jordna lis-suldati tiegħu biex jisparaw u meta jdawwar wiċċu jintebaħ li l-azzarini tagħhom qegħdin ippuntati lejh stess. Tintebaħ li l-egħruq tat-totalitariżmu qegħdin qrib ħafna tal-ħajja superfiċjali tagħna lkoll.**
Huwa l-istat moħħu biex jikseb tagħrif dwar l-inkubi privati u debboli tas-sudditi-pupazzi tiegħu biex ikun pront jiftaħ proċess kontra l-individwi hekk kif dan jiftaħ ħalqu biex jipprotesta. Madanakollu jista' jkun li dehriet bħal dawn mhumiex ritratti soċjaliġiċi tal-ġejjieni, imma huma aktar forom tad-dinja eleganti u privata tal-kittieb. Din id-dinja hi frott tad-dillirju tal-bniedem li jagħraf li għadna qed ngħixu f'"ançien régime" imsejjes fuq elementi ta' fewdaliżmu u ta' opportuniżmu u ta' abbużi min-naħa ta' dawk li jmexxu.

Burgess minflok ma jemmen u jimpenja ruħu fil-lotta biex ikun jista' jwarrab din il-misħuta saltna ta' burokrazija, jieqaf fil-plot tan-narrazzjoni tiegħu – qisu xi forma ġdida ta' apokalissi. Għandna forsi xi narċissiżmu intellettwali min-naħa ta' kittieb li hu konvint li l-ħsibijiet personali tiegħu se jiġu realizzati fid-dinja soċjali u universali tal-bniedem.

## IMPENN

F'dan is-sens naħseb li l-veru *1985* għad irid jinkiteb. U ma tridx tkun in-novella, ta' bnedmin-pupazzi li huma aljenati bil-ħmerijiet, ta' massa li tibqa' passiva, ta' soċjetà li għandha sintomi ta' marda qerrieda u trid tippriservahom, imma trid tkun il-ġrajja ta' min hu lest biex jissielet kontra din is-saltna tal-ġungla. U meta ngħid tissielet mhux qed nevoka xi għajta risorġimentali – trid tissielet permezz ta' l-ideal u ta' l-impenn fil-lotta.

**Nittama li wħud mill-kittieba lokali, li għadhom jgħixu fl-idilliżmu ta' fuq is-sħab, jagħrfu dan l-impenn. Għandna letteratura lokali li xi drabi qed iżżomm ħajja b'kitba tassew fjakka u vojta. Hawn kittieba li lill-qarrejja Maltin jaħsbuhom veru ċwieċ u fil-fatt dawn il-kittieba qed jirnexxilhom ibellgħu lil xi wħud ir-ross bil-labra. Hawn min hu moħħu fil-ħrejjef li jgħidu tar-raħal,**

**hawn min hu moħħu biex jippubblika aktar drammi, għandna rumanzi tal-ħabba gozz kemm trid . . .**

Meta sejjer il-kittieb Malti (ukoll dak kummerċjali) jinteressa ruħu fil-lotta u fis-soċjetà? . . . U ħaġ'oħra. Għandna bżonn ta' nies bi ftit melħ f'moħħhom li, jekk ktieb jarawh li hu taċ-ċajt, jaqbdu u jgħidu li ħlief ċuċati ma fihx.

Dak li jiġri ħafna drabi hu li l-awtur biex jagħmel reklam lil kitbietu, iqabbad lil xi ħadd sieħbu jiktiblu eloġju fil-ġurnali jew inkella jiġi xi ħadd fuq it-TV u joqgħod jilagħqu u jfaħħru.

Tassew jinħtieġ li nimxu 'l quddiem!

## KRISTU – IL-MEWT U L-ĦAJJA

F'dawn il-jiem infakkru l-ġrajja tal-mewt ta' Kristu. Din il-ġrajja għandha importanza kbira. Ħarsa ħafifa lejn id-drawwiet tagħna malajr tixhed din l-importanza. Mill-inċens idaħħan quddiem is-sepulkri armati sal-ward imqaddes fil-banju tat-trabi u mill-qagħaq ta' l-appostli sa l-istatwi tal-Ġimgħa l-Kbira – għandna sfera sħiħa ċċentrata fuq il-mewt ta' Kristu. Fil-passat Kristu mejjet għandu tifsira speċjali u għalhekk missirijietna fittxew li jsibu mezzi speċjali biex ifakkruhom f'dan il-misteru Kristjan. Aħna bqajna nżommu d-drawwiet, bqajna nagħmlu l-purċissjonijiet imma ħafna minna nsew dak li suppost ifakkruna fihom.

Aħna nfakkru l-misteru tal-mewt ta' Kristu fil-Ġimgħa l-Kbira. Madankollu għal ħafna mill-popli Kristu ilu mejjet. Ħarsu daqsxejn lejn ir-Rivoluzzjoni Franċiża. Din ma kinitx biss bidla ta' gvern, bidla ta' min imexxi – fuq kollox kienet bidla fil-ħsieb. F'dak iż-żmien il-bniedem warrab ir-reliġjon formali biex beda jqim lin-natura. Kienet l-ewwel tħabbira li Kristu kien miet fis-soċjetà. Wara ġew il-ħassieba tas-seklu li għadda, li kollha fittxew li jwasslu din il-bxara fil-qasam tagħhom. Ġie Marx li qal li r-reliġjon fis-soċjetà kienet qiegħda sservi ta' loppju.

Warajh Freud spjega kif l-idea ta' Alla f'moħħ il-bniedem kienet imnissla mill-inċertezza li huwa jħoss. Skond hu l-bniedem ma jistax jifhem l-assurdità tal-ħajja u għalhekk hu vvinta li hemm Alla li se jħenn għalih u li se jagħtih ħajja oħra wara l-mewt. Iżda Alla kien miet tassew meta Nietzche, D'Annunzio u l-ħassieba l-oħra faxxisti ħabbru l-bniedem 'superman'. Il-bniedem kien sab il-milja tal-perfezzjoni fih innifsu. Kristu kien miet tabilħaqq għaliex f'dik il-kultura l-eżistenza Tiegħu lanqas biss kienet meqjusa. Kirstu kien miet mill-ħajja tal-bniedem.

Fil-Ġimgħa l-Kbira aħna nfakkru l-mewt ta' Kristu. Iżda l-mewt li nfakkru aħna hija differenti mill-mewt li ħabbrulna n-nies li semmejna. Aħna nfakkru l-mewt ta' Kristu fid-dawl tal-qawmien mill-mewt tiegħu. Jgħidilna San Pawl *"Jekk Kristu ma kienx imqajjem mill-imwiet, fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna u fiergħa wkoll il-fidi tagħkom"*. Kristu jħaddan fi ħsieb wieħed żewġ qagħdiet opposti – il-mewt u l-ħajja. Il-fejda tal-mewt tidher sħiħa fid-dawl tal-qawmien u l-qawmien ma setax iseħħ jekk mhux bil-mewt.

Il-bniedem iħares lejn il-mewt bħala t-tmiem – il-bniedem jibża' mill-mewt u jħares lejha bħala qawwa qerrieda. Żgur li l-bniedem tal-lum – il-bniedem maqbud fil-mekkaniżmu

komplikat ta' ħafna sistemi moderni, fil-ġungla ta' interessi egoisti – ma jistax jara l-mewt bħala suċċess. Il-mewt aħna nwarrbuha. Iżda dak li aħna warrabna Kristu għażlu biex jissiġilla l-misteru Divin – *"il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-Xewka . . ."*

Fil-ħajja tagħna Alla m'huwiex mejjet. Jekk nirriflettu tajjeb naslu għall-konklużjoni li biex niġġustifikaw il-ħajja tagħna rridu bil-fors nemmnu fil-mewt u fil-qawmien mill-mewt ta' Kristu. Bl-isbaħ awguri għas-sedqa ta' ħajjitna fil-misteru ta' Kristu. L-Għid it-Tajjeb.

## CHOPIN – GĦALKEMM MARRADI GĦAMEL SUĊĊESS

Jekk huma ftit il-kliem li jistgħu jservu biex jagħtuna stampa tal-ħajja ta' Chopin, żgur li l-ebda kelma ma tista' tfisser is-seħer tal-mużika tiegħu. L-ispirtu ta' Chopin ma tistax tiddentifikah ma' l-għajta tal-massa. Dan mhux għaliex il-ħajja ta' ħutu l-bnedmin ma kinitx tinteressah imma għax forsi l-mezzi li ħaddem Chopin ma kinux jappellaw għall-gosti tal-popolin. Chopin jidher għalhekk bħala l-bniedem irtirat, fi kliem Schumann *"il-poeta l-iktar kburi bir-ruħ tiegħu'*. Mir-romantiċiżmu tal-mużika tiegħu tixref kontinwament din ir-ruħ – tixref biex tfittex, tixref biex tifhem, tixref biex tipprova tħoll il-misteri li hemm fil-qalb tal-bniedem . . .

Frederic François Chopin twieled fl-1 ta' Marzu 1809 f'raħal ċkejken, sitt mili 'l bogħod minn Warsaw, il-belt kapitali tal-Polonja. Missieru, li kien Franċiż, kien imexxi skola għal ulied in-nobbli Pollakki. F'din l-iskola Frederic ħa l-ewwel taħriġ akkademiku tiegħu. Ommu kienet Pollakka. Hija ħasbet biex binha li kien għadu ta' età ċkejkna, jibda jistudja l-pjanu. Il-ġenju ta' dan il-mużiċist kien evidenti mill-ewwel – hekk li ta' disa' snin insibuh jagħti l-ewwel kunċert pubbliku tiegħu.

Madankollu l-fama mużikali setgħet tinkiseb biss miċ-ċentri kożmopolitani ta' l-Ewropa. Għaldaqshekk fl-1828 huwa żar Berlin u s-sena ta' wara mar Vjenna fejn kellu suċċess kbir u popolarità ma' l-udjenzi Awstrijaċi. Huwa rritorna Warsaw via Praga, Desden u Breslau – b'hekk huwa kattar aktar il-fama ta' pjanista virtwuż.

Il-kompożizzjonijiet ta' Chopin jirriflettu n-niket li dan il-kompożitur ġarrab għal pajjiżu. L-ewwel biċċa mużika li kiteb meta kellu tmien snin kienet Pollakka (jiġifieri dik li l-Ingliżi jsejħulha, b'terminu Franċiż polonaise); l-aħħar biċċa li ħallielna hi Mażurka. Dawn il-biċċtejn mużika jindikaw l-imħabba li Chopin kellu għall-patrija tiegħu. Chopin kien ibati bil-'homesickness'; billi kien jgħix fl-eżilju (għaliex fl-1830 mar jipprova jagħmel karriera f'Pariġi) hu kien jixxennaq kontinwament għal pajjiżu. Il-Polonja f'dak iż-żmien kienet maqsuma bejn il-Prussja, ir-Russja u l-Awstrija. Chopin kien jittama fil-fidwa ta' art twelidu. Għalhekk hu kien jirritorna f'moħħu fiż-żmien li hu għadda f'art twelidu – dan ir-ritorn kien ispirazzjoni qawwija għall-mużika tiegħu. Nietzche kellu raġun meta qal li s-seħer tal-mużika hu identifikat mal-lingwaġġ ta' l-imgħoddi tagħna.

Ix-xebh bejn il-mużiċista u l-poeta hu parallel. L-akkordju

toniku ta' Chopin hu mągħmul min-nieqa – mard tar-ruħ li tgħarrex il-verità, mard tal-qalb imġarrba min-niket tal-ħajja u x-xewqa għall-fidwa tal-patrija. Dawn l-aspetti jistgħu min-naħa tagħhom jiġu mqabbla ma' l-istess ħajja fiżika ta' Chopin: il-bniedem marradi, dgħajjef f'saħħtu li jfittex li jsib il-mistrieħ mit-turmenti tal-ġisem. Dan kollu hu espress fis-sentimenti profondi tal-mużika ta' Chopin. It-tielet moviment tat-tieni Sonata tiegħu, Op. 35 hi l-milja tal-kulminazzjoni ta' dawn l-aspetti.

Qajla nistgħu ngħidu li Chopin għex ħajja ferriħija. Hu kien ta' spiss marid għax kien ta' natura debboli ħafna – fil-fatt miet qasir il-għomor – fl-età ta' 39 sena. Iżda l-impatt li ħalla warajh għadu validu sal-lum.

## TWEMMIN FIT-TIĠRIB

Il-ħajja tal-bniedem hi magħmula minn waqtiet ta' ferħ u waqtiet ta' diqa, hi magħmula minn tiġrib li għad li jintemm iħallilna l-frott tiegħu fl-esperjenza. U kif qatt nistgħu niddejqu ngħixu t-tbatija tal-ħajja jekk mingħajr din l-esperjenza ma nistgħux ingawdu l-ferħ? Kif qatt nistgħu nagħarfu lil Alla jekk ma nkunux ħassejna f'xi waqt jew f'ieħor it-tbatija li minnha għadda wkoll Ġesù? Il-ħajja hi tassew kalċi – kalċi ta' esperjenzi li rridu nduquhom kollha sabiex nagħarfu l-valuri tal-ħajja perfetta. Henry James darba kiteb hekk: "L-esperjenza qatt ma hi limitata, qatt ma hi sħiħa, għarfien li jġagħlek tixtarr u tifhem; qisha għanqbuta ta' ħarir mill-iktar fin li qiegħda f'moħħna u li taqbad kull traba tal-ħajja fiha. Hi l-istess atmosfera ta' moħħna . . . hi tiġbor u tbiddel l-istess nifs tal-ħajja f'għarfien tal-valuri umani". Huma erba' kelmiet li fihom ħafna x'tixtarr – iżda nieqfu biss fuq l-aħħar ħsieb. In-nifs: l-iktar ħaġa importanti. In-nifs tista' tarah bħala l-baħar li qed idawwarna u li qed igħajjixna u tista' tarah bħala punt ta' taqbid: qisu hemm xi ħaġa li jekk ma tissilitx kontrieha, li jekk ma tiħux in-nifs sabiex tikkunsmaha hi ser teqirdek.

L-allegoristi l-kbar ta' l-ewwel sekli tal-Kristjaneżmu (ewlieni fosthom Santu Wistin) użaw riflessjonijiet bħal dawn biex igħaqqdu l-misteri tar-reliġjon mal-qalb umana. L-istess għamel Kant meta fittex li jfisser il-verità ta' l-esperjenza morali fid-dawl tal-ħsieb naturali.

Iżda l-esperjenza tagħna kemm hi ħielsa biex taħseb u biex tara l-ħajja b'dan il-mod? Il-Bibbja tirrakkuntalna waħda mill-ewwel esperjenzi tal-bnedmin – hi proprju l-esperjenza li tidher li ma rraġunatx bl-argumenti tagħna.

Darba Rousseau qal li t-*trouble* ta' xi reliġjonijiet hu li m'humiex interessati f'li jwaqqfu soċjetà ta' bnedmin iżda f'soċjetà ta' anġli. Is-soċjetà ta' Adam u Eva kienet proprju soċjetà tal-anġli. Kienet soċjetà li l-esperjenzi tagħha kienu magħrufa, ma kienx hemm l-avventura ta' l-esperjenza. Kienet soċjetà li ma kellhiex niket biex tagħraf il-ferħ, u għalkemm dik is-soċjetà ma' ġabitx għajr il-waqgħa fid-dnub, hi ġabet l-għarfien tal-fidwa.

Bir-raġun mela li l-Knisja ssejjaħ lil dik il-waqgħa *Felix Culpa* – għax kien id-dnub li ġab il-ferħ, għax kienet l-esperjenza tal-jasar li permezz tiegħu l-bniedem fehem il-ħelsien. Kienet għalhekk hi wkoll esperjenza li għaqqdet l-esperjenza umana ma' l-għarfien ta' Alla.

Ħafna drabi aħna mhux dejjem infittxu li ngħaqqdu

l-esperjenzi tal-ħajja mal-kuxjenza reliġjuża tagħna. Ħarsu daqs-xejn lejn kif aħna naraw il-ħajja – aħna naqbdu x-xjuħ u nippakk-jawhom f'xi raħal għalihom, naqbdu l-'imġienen' u nitfgħuhom fi sptar barra mir-raħal, aħna nibnu ċ-ċimiterji barra mill-belt – għax iċ-ċimiterju mhux parti mill-ħajja tagħna, għax id-dehra taċ-ċimiterju tfakkarna fir-realtà waħdanija tagħna lkoll, u għalhekk infittxu li nitfgħuh fejn ma narawhx . . .

Jekk aħna ma nfittxux li ngħaqqdu l-esperjenza tagħna ma' l-impenn tal-għarfien inkunu tassew qed naħlu ħajjitna, inkunu qed nirriduċu l-ħajja umana għal eżistenza li hi valida daqs dik ta' ħaxixa.

Il-marid u l-inkapaċitat qiegħed f'qagħda speċjali li tista' tgħin f'dawn il-ħsibijiet. Infittxu li naraw it-tiġrib u s-sofferenzi tagħna fid-dawl tal-verità ta' Kristu.

## HANDEL – GĦAD LI GĦAMA XORTA SSOKTA JIKKOMPONI

Bach u Handel ikkaratterizzaw il-mixja tal-mużika fl-ewwel nofs tas-seklu sbatax. Bla dubju ta' xejn. id-differenzi li hemm bejniethom jisbqu kull ħjiel ta' similjanza li jista' jeżisti. Bach kiteb primarjament għalih innifsu, fil-waqt li Handel ikkompona biex jogħġob il-gosti ta' l-udjenza. Bach kien raġel tal-provinċja li qatta' ħajtu fil-Ġermanja ċentrali – Handel ivvjaġġa minn pajjiż għall-ieħor, dejjem jiġri wara s-suċċess. Back kien profondament spiritwali kważi axxetiku, Handel kien il-bniedem tad-dinja. Hu sinifikanti għalhekk u kważi simboliku li ż-żewġ mużiċisti qatt ma ltaqgħu.

George Frederic Handel twieled fl-1685, is-sena li rat in-nieqa ta' tliet ġenji, Bach, Handel u Scarlatti. Ta' disa' snin insibuh jistudja taħt it-tmexxija ta' Zachau, l-organista tal-Katidral ta' Halle, iżda missier Handel, li kien barbier kirurgu mad-duka Augustus ta' Sassonja, ma riedx li ibnu jintefa' għall-mużika. Għalhekk iż-żagħżugħ George Frederick kellu jidħol għall-istudju tal-liġi fl-università ta' Halle, sa ma fl-1702 laħaq organista tal-katidral ta' l-istess belt.

Fis-sena ta' wara nsibuh jitħarreġ fil-kompożizzjoni ta' l-opri f'Hamburg, fil-waqt li fl-1706 telaq għal Firenze – f'dan l-ambjent hu ddakkar sewwa mit-teknika ta' Scarlatti, Corelli u Marcello – esperjenza li kellha tħalli dik l-impronta barokka taljana li nsibu ta' spiss fil-kompożizzjonijiet tiegħu.

Handel żar l-Ingilterra fl-1710 fejn ittellgħet l-opra tiegħu Rinaldo. Bis-saħħa ta' din il-produzzjoni operistika l-kompożitur kiseb popolarità immedjata. Sadattant Handel diġa' kien impjegat ma' l-elettur ta' Hanouver, iżda minħabba l-fama li kien qed jakkwista għalih innifsu kien qed jibqa' Londra – sa ma fl-aħħar l-elettur li kien daħħlu miegħu ġie inkurnat bħala r-Re Ġorġ I ta' l-Ingilterra. B'hekk Handel seta' jistabilixxi ruħu sewwa fl-Ingilterra. Meta kiber beda jitlef id-dawl sakemm għall-ħabta tal-1754 spiċċa għama għal kollox. Biss minkejja dan u minkejja l-fatt li saħħtu wkoll kienet marret lura, Handel baqa' attiv f'ħajtu u bl-għajnuna ta' ħabibu J.C. Smith issokta jikkomponi u jiddetta l-kompożizzjonijiet tiegħu.

Ta' min jgħid ukoll li snin qabel, Handel kien ġie maħkum mill-paraliżi, iżda minħabba li kien għadu iżgħar u minħabba l-fidi li kellu fih innifsu rnexxielu jfiq u jkompli bl-attività vasta tiegħu. Xtaq li jmut nhar il-Ġimgħa l-Kbira iżda minflok il-mewt ħasditu

nhar Sibt-il Għid tal-1759. Ġie midfun fil-katidral ta' Westminster.

Handel beda l-karriera tiegħu bil-kitba tal-opri. Kiteb mattletin opra u kien biss meta l-pubbliku xeba' mill-opri li ma baqax jiktibhom. B'hekk dawn bdew jintesew fi żmienu stess – terġa' Handel ma kellux il-fortuna li jibbenefika mill-qawmien operistiku ta' l-ottocento – dan kien dovut għall-problema ta' partijiet miktuba għall-Kastrati. Fis-seklu tagħna ttellgħu xi għaxar opri tiegħu, ewlenin fosthom Alcina, Giulio, Rodelina u Serse – opri li kollha fihom għajn ta' melodiji tal-widna u li mil-lat drammatiku fihom immaġinazzjoni storika u stilistika fekonda ħafna. Biss irridu nammettu li minħabba x-xogħol u l-problemi ta' palk li jinvolvu dawn l-opri qatt ma ffurmaw parti mir-repertorju ta' xi teatru.

Wara d-dekadenza ta' l-opra, Handel qaleb għall-'Oratorju'. Fil-fatt ħafna minn dawn l-oratorji m'humiex għajr forom drammatiċi simili għall-mudelli operistiċi, iżda biż-żieda importanti talkor. Għal xi żmien, x'aktarx minħabba nuqqas ta' ħin u minħabba l-impenji li kienu jagħfsu fuqu, beda jirrikorri għall-plagjariżmu – hekk l-oratorju ***Iżrael fl-Eġittu*** m'huwiex għajr għaqda ta' biċċiet ta' mużika miġbura minn hawn u minn hemm, ta' kompożituri differenti. Biss dan ma jfissirx xi falliment fl-immaġinazzjoni ta' Handel – għaliex l-oratorji ***Messiah*** u ***Samson*** miktuba t-tnejn filħarifa tal-1741, m'humiex għajr splużjoni tal-kreattività artistika ta' dan il-ġenju.

Dawn l-oratorji huma għamla ta' servizz divin – anzi Handel bl-istil pompuż tiegħu, jirriskja li jittrasforma l-personaġġi bibbliċi ta' l-oratorji f'eroj ta' l-opri. L-aħjar tiegħu qiegħed fl-istilistika polifonika u omofonika – kif tixhed sewwa l-grandjożità talkorijiet tiegħu. Biss m'hemmx għalfejn ngħidu li ħafna mill-mużika tiegħu għandha bixra aristokratika – dik il-bixra li tappartjeni lisseklu u lis-soċjetà li għex fihom.

## GIUSEPPE SPITERI FREMOND

An Augustinian friar, Spiteri Fremond contributed exclusively to the promotion of sacred music in Malta. He lived in a period when religion was the focus of social life, when the musical expression of the liturgical services was considered with great importance. A contemporary writer observed that "the principal recreations of the Maltese have, in general, some connection with their religious ceremonies". (Badger) This is the reason why our composers wrote so much sacred music instead of the secular classical form.

Giuseppe Spiteri Fremond was born on the 22nd October, 1804 in Qormi. He was the son of Giorgio and Desideria neè Fremond.[1] As a child, Giuseppe did not receive any formal instruction, since at that time elementary education was very limited. However he was fortunate enough to attend the lessons of a private teacher who set up a class in Qormi to teach the sons of the villagers. At the same time he used to study music at Giuseppe Burlo's School of Music. From an early age he distinguished himself in learning the rudiments of this art and showed great disposal in his study.

In April 1822, at the age of seventeen he joined the Order of St. Augustine. He made his solemn profession on the 13th April, 1823 whence he promised to keep the vows of his Order. He was directed in the light of the Augustinian rule by Lettore Fra G.M. Buhagiar. By the age of twenty four he had finished the theological studies and on the 25th November, 1827 he was ordained to the priesthood by Mgr. Publius dei Conti Sant, Bishop of Larada (and later of Malta).[2]

Now Padre Giuseppe could dedicate himself to the study of music. He continued to attend Burlo's School, and later he studied with Sogner. In his pursuit for musical fulfilment, in 1839, he went to one of Italy's important cultural centres, Genoa. There he was appointed organist of the Augustinian Church. He also lived in Rome and for his Order's church in that city he composed a *Messa a piena orchestra*. The manuscript is preserved in the Archives of the Augustinian Order in Rome. Fremond gained for himself a modest reputation as a composer and established important contacts with the leading musicians of the time.[3]

From Italy he visited England, France and the Middle East. For the Maltese living in Egypt he composed the music for Psalm 50, *Miserere*. This majestic work, evoking the mercy of God was sung during the Holy Week in the Catholic church of Alexandria.

This composition was appreciated well by his compatriots.

In 1842, Spiteri Fremond returned to Malta, where he stayed at the convent of Valletta. Now his time was absorbed by the teaching and composition of music. His students included Paolino Vassallo, Antonio Nani, Francesco Mallia Cassar, Fr. N. Verdinelli (who later was appointed Maestro di Cappella of the Cathedral of Quito, Equador) and Theuma Castelleth. Such successful pupils attest Fremond's pedagogical committment to teach what he had achieved himself. He also taught music and singing at the Augustinian School of Valletta – an institution which was established in 1846 with the intention of educating the sons of the poor classes. He organised a choir and introduced choral singing by boys in sacred music. He composed some hymns specifically for his choir – these works include the Responsories of the Holy Week (1851) and a *Pange Lingua* (1850), and a *Salve Regina* (1851) noted for its angelic beauty.

Spiteri Fremond was appointed Maestro di Cappella to a number of local churches. His services were also requested by the Augustinian College of Philadelphia, U.S.A. Infact in a letter dated December 22, 1842, Padre Filippo Cascia, the ex-Assistant General of the Order, wrote to the Maltese Provincial, Gaetano Pace Forno to send him Spiteri Fremond to teach music and fill the post of organist in the Philadelphia College. Since his service was indispensable to liturgical music in Malta, the Provincial did not end him. Following this incident, Spiteri Fremond was elected Definitore (Assessor) and later Procurator of the Valletta Community.

In Malta, Spiteri Fremond was responsable for the introduction of secular styles in sacred music. Later this style was elaborated by Nani and P. Bugeja. Fremond's music was motivated by ardent feelings. His ***Sancte Pater Augustine*** which is performed to this very day in the solemnity of St. Augustine, at the Valletta Church, is a typical example of his style.[4] The vigour of exultant idiom of the introductory Allegro, contrasts with the transparent texture of the Largo, in which the baritone implores the blessing of Saint Augustine. The antiphona reaches its climax in the dramatic phrases exchanged between the baritone and the choir answering *Ora pro nobis*. The prayer ends up with an instrumental finale marked with a sense of repose and transcendent beauty.

Spiteri Fremond's ability was so remarkable that when Rev. Giuseppe Carbonese was appointed Parish Priest of the Collegiate Church of St. Paul, Valletta, in 1858, he succeeded in composing and orchestrating a *Te Deum* (in sol) and a *Sancte Paule* (in sib.) in

just two days. He also set to music the hymns of the Virgin Mary, of St. Joseph and of St. George. He composed whole psalms for the vespers and some masses.

Besides liturgical music, Spiteri Fremond composed a number of of secular pieces. He wrote three symphonies for full orchestra – in mi – 1831, in do – 1833, in re – 1854. The cantata ***Il ritorno a Birzebbuga*** was published in 1869 and was performed a couple of times at the Royal Opera House. He wrote four romances for the pianoforte – ***La tomba della Pentita***, ***Ah non sai che sia sventura***, ***L'Addio*** and ***L'Anima penitente***. The mazurka ***La Rosa di Malta*** was written in 1873 and published in 1876. The original scores of his sacred and secular music are preserved in the Archivium Musicale of the Augustinan Convent of Valletta.

As a recognition for his valid contribution to music, Spiteri Fremond was appointed an honorary member of the Phylarmonicos Bononienses. The Diploma bears the date of 9th April, 1873.

Giuseppe passed away on the dawn of Saturday 12th January, 1878. Paolo Bugeja and Antonio Nani directed Spiteri Fremond's Requiem Mass in the funeral in honour of the deceased master. This music was executed by the musicians and artists of the Royal Opera House, who offered their services as their last homage to this composer. The corpse was interred at the crypt of St. Mark's Church, in Rabat.

---

[1] *Liber Bapt.*

[2] Archives of the Augustinian Convent, Valletta – Tipografia Guttenberg, Floriana, 1878, file of Spiteri Fremond. See P. 5.

[3] (G. Agius O.S.A.) *Di P. Giuseppe Spiteri Fremond – Cenni Biografici.*

[4] For many years this antiphona was not sung for it did not correspond to the exigencies of liturgical music as outlined by the *Motu Proprio*. However Vatican II was more liberal as regards to music and so Fr. Albert Borg re-edited this beautiful piece and scored it for organ and a string quartet.

# THE MUSIC OF GIUSEPPE CAMILLERI

## An Amateur's Personal View

## Church Music in Malta

By the dawn of the 19th century the popular festivities, the patronage of the arts and the festive activities of the last days of the Order (especially during De Rohan's reign) had all come to an abrupt end, and in a period when religion was the focus of communal life, the rural communities, structured within a parochial frame, turned their attention to the musical expression of the religious services. Thus, whilst until the second half of the 18th century church music was restricted to *falso bordone*, by 1803 we already find copies of vesper psalms *a quattro voci con organo* (in their entire score and not alternated) for use in rural capellas. As G.P. Badger observed, in 1838, "the principal recreations of the Maltese have, in general, some connection with their religious ceremonies."

It is in such a context that we must visualize the compositions of Maltese musicians: the parallel development in local music and in the pompous solemnity of the rituals derived from the same offspring. Besides music provided a means through which men could enter the sphere of 'spiritualised' emotion. The local conditions favoured the establishment of large musical families, who have left a rich legacy of profane and sacred music, from Nani to Diacono and Vasallo and from Bugeja to Camilleri. Giuseppe Camilleri came from such a family (amongst others Enrico and Ferdinando played the first clarinet and flute in the Orchestra of the British Navy and occasionally in the Covent Garden). He was born in 1903 and died in 1976. His most important capellas included St. George (Qormi), St. Gajetan (Hamrun) and Birkirkara's Basilica.

## Characteristic Features

Full of enchanting melodic appeal that still retains its original freshness and its felicitous nature, the music of Camilleri is distinguished by a quality of seductive grace. The vigour of dramatic and exultant idiom of the Sanctus of his Grand Mass, with its triumphal motifs presents the concept of God in the light of human social experience: the majesty of the *Re dei re*. On the other hand, the *Agnus Dei*, with its transparent texture, is marked by a sense of repose and transcendent beauty, almost parallel to the

background of Van Eyck's *Adoration of the Lamb*.

The essential feature of Camilleri's music depends for its effect on a wide range of melodic vein, well adapted to communicate the solemnity and serenity of the transcendental spiritual world. None the less the effect of the general atmosphere seems to matter more than the mere melody – thus, his popular ***Quaerite Primum*** (taken from Matthew 6,33) is presented with a blend of pastoral nature. The background of the main theme recalls Christ's references to the "birds of the air" (v.26) thus presenting a pastoral fallacy which seems to fulfill our sensual faculties and suggesting a desire to escape from the actual state with the hope of a better life in the *regnum Dei*. When this naive idiom is weaved within the texture of orchestral colour and vivid sense of rhythm, it produces the tranquility of Montegna's ***Parnassus***, with its soft atmosphere and its man-nature relationship.

Although at times Camilleri's compositions lack deep human emotions, his dexterity of melodic invention is transfused with counterbalancing qualities of graciousness and vivacity; still the repetitive character of certain patterns and turns of cadences tends to become conventional and artificial. It is on the part of the listeners to assert whether the entries of the main theme are always real, or whether their aim is to provide the nature of episodes. However, at his best, in the ***Dixit Dominus*** and in the ***Laudate Pueri*** he devices a thematic metamorphoses to unite the movements. His motets are well balanced and some times much of their charm depends on the alteration of major and minor keys and on the continuous flow of the rhythm. The usual operatic undertones are predominant in some of his solo arias.

The angelic beauty of the ***Confitebor*** is devised by the tenuity of the harmonic texture and by the clarity of its construction. With its simple joy, it resembles the dance of Life, expressing only the blissful side of human experience. The chorus might have been inspired by Wallace's Maritana ("Of Fairy Wand, had I the power"); the resemblance is evident in the structure of the two pieces – the harmonic alteration, the general construction of the texture and certain parallelism in the melodic approach to the two tunes. The statement of the theme is rather quite and does not develop more than into a melodic climax.

## Significance

In the local context the music of Camilleri continued the tradition of Italian culture in Malta. Although such music has its limitations,

we may at least see how a composition extends from the composer's notion to a wider significance that finds its response in the social and communal spirit.

# A MALTESE COMPOSER —

# HENRY GEORGE BONAVIA-HUNT

The name of Bonavia-Hunt is unknown in Malta: however he is one of the few Maltese who earned an outstanding reputation for themselves and who contributed to the widespread of musical culture. Although his name is best fitting in the history of English music, he is still of interest to Malta.

MS. 1,485 of the National Library of Malta contains a short biography of the Rev. Dr. H.G. Bonavia-Hunt, founder of the Trinity College of Music. According to this short biographical note, which was written by the wife of Bonavia-Hunt, our compatriot was the son of a Maltese and was born in Malta on July 30th, 1847.

A book by Harold Rutland, published by the College to commemorate its first centenary (***The Trinity College of Music – The first hundred years***, London, 1972) acknowledges Bonavia-Hunt as the fonder of the College, but does not mention his Maltese nationality. Rutland describes Bonavia-Hunt as "a man of uncommon energy, versatility and foresight", and quoting one of the few people who still remembered him, he says that "though he gave the impression of being a man of strong character, he was invariably affable to all."

We are here publishing the biographical note to which we have referred. Originally it was sent to Michael Kissaun by the widow of Bonavia-Hunt in a relation dated January 9th, 1930. She describes it as a "very rough piece of work, for after two months' illness I find it difficult to concentrate on any kind of literary composition."

The biography runs as follows:

"Henry George Bonavia-Hunt, Mus.D., was born in Malta under somewhat romantic circumstances. His father, who as Private Secretary to the Bishop of Jerusalem had joined the Bishop in Palestine, was plunged into the deepest grief by the death of his young wife and infant son which had taken place on the voyage out. He was returning to England in a very broken condition, but became so ill that it was expedient to land him at Malta. Here he was kindly received and cared for by a certain Dr. Bonavia whose young daughter nursed the stricken Englishman back to convalescence through a long and tedious illness. The inevitable followed. The lonely young widower married his devoted nurse and

later returned to England with their first child, the subject of this memoir.

"The Bonavia family, originally Roman, had long been settled in Malta, and had given many priests to the Roman communion. Dr. Bonavia, however, had been converted to the Protestant Faith, to the grief and distress of the rest of the family. The infant son of William and Maria Hunt was surreptitiously baptized into the Roman Church. At an early age he was placed in the care of his paternal grand parents who were rigid Non-Conformists. To them, he always said, he owed his profound knowledge of the Scriptures. As a young man he made a careful study of the doctrines and history of the various religious bodies, with the result that he finally found his place in the Anglican communion, to which he was most sincerely devoted. He was an English Churchman by absolute conviction.

"From his Maltese ancestors he had inherited a passionate love of music and poetry; from his grandfather the strong religious instinct which had enabled that resolute old man to face much contumely and loss on behalf of his religious convictions, and from his English ancestors a shrewd business faculty which balanced the romantic and artistic strain in his temperament. The struggle between two conflicting sides of his nature was going on during the greater part of his life, but an extraordinarily strong sense of duty made him abandon the most cherished ambitions when he felt called upon to do so in some more paramount interest.

"In early life he gave himself up to poetry, but when he realised that he could not support himself as a poet, he turned his attention to journalism and became a successful editor. Music, for which he had a passionate love, was also a very tempting lure. At that particular period music in England was at a very low ebb. Parents did not think of it as any sort of profession for their sons. Indeed if a young man of overriding prejudice elected to embark on a professedly musical career his social status was more or less sacrificed. That this condition of things has passed away and that English musicianship is everywhere recognized and honoured is certainly due in large measure to the pioneer work done in the latter half of the nineteenth century by enthusiastic musicians, of whom Dr. Bonavia-Hunt was one. He gave much time, chiefly at night, at the end of days spent in his Editorial Office, to a close study of the different branches of the art, and eventually took his Bachelor Degree at Oxford and the Doctor's Degree at Dublin.

"A live interest which developed into one of the strongest of his life was the cause of Education. He began working for the bet-

ter education and status of the rank and file of the musical profession, founding Trinity College of Music, London, with the idea of affording facilities for an Arts Education in conjunction with the musical studies which as a rule absorbed all the time and attention of musical students. Among the details of administration which he thought out and inaugurated was the scheme of local examinations, now almost universally adopted by the great teaching bodies. These examinations not only spread rapidly throughout England but were carried to all the great towns of our Dominions, examiners being sent out periodically from the great English centres. This movement attracted to itself some eminent musicians who thus formed a very valuable link between the musical thought and development of the mother country and the abundant talent of the far-off Dominions. In connection with this movement he wrote his ***Concise History of Music***, for many years the one accepted text-book for students everywhere. It was written entirely at night, at a period when his days were filled with strenuous literary work, in addition to his duties as Warden of Trinity College, London, an office which though honorary, so far as emoluments were concerned, was discharged with rigorous fidelity to the best interests of the College and of the musical profession generally.

"Finally he more or less gave up his ambitions both in literature and music to devote himself to the laborious toil of a Parish Priest, to which he felt strongly called.

"Just as his wide musical interest brought him into touch with many great musicians, so in his editorial capacity he made friends among the most distinguished literary men and women of his day. Very diverse were the views and interests represented; on the one side such intensely religious minds as Tennyson, Guthrie, Norman McLeod, Sarah, Tyter, Jean Ingelow, Katharine Tynan, etc., while in another group such men as Huxley, Darwin, Spencer, Clifford and Romanes, who were profoundly influencing the thoughtful younger minds of that period. It was probably the fact of their growing influence that decided him to take the definite step of offering himself for Holy Orders, that he might have a better opportunity of defending the vital truths that were being so ruthlessly assailed, and turning to the best account his undoubted gift of oratory. There were formidable obstacles in the case of a young man, already the father of a small family, who was struggling along on the meagre income of a subeditor. With characteristic tenacity of will and purpose these were finally overcome. He graduated at Christ Church, Oxford, and in due course licensed to the Royal Parish of Eher where he was chosen by the Rector to preach before

the Duke and Duchess of Albany on their taking up their residence at Claremont immediately after their marriage.

"Whilst Curate of St. James, Piccadilly, the Parish which gives its name to the Court of St. James, he preached before many distinguished men, Gladstone among the number. The great Prime Minister was an attentive listener. He was also a keen theologian. His habit of fixing a piercing eye upon the preacher was disconcerting. But though a keen critic he was a kindly one and his approval of the young preacher was expressed in terms that led to extravagant hopes of preferment in the minds of friends. The only step in this direction was the suggestion of a Royal Chaplaincy, but when it came Dr. Bonavia-Hunt had already pledged himself to the forlorn cause of a London church which had fallen to the lowest depths of decay, a building falling to pieces, a congregation of about 20 persons and funds in a state of bankruptcy.

"About this time he took a step which had long been in his mind. In Maltese families it is no uncommon practice for the eldest son to add his mother's family name, to his own patronymic. Dr. Hunt resolved to perpetuate the Bonavia tradition in his own family by linking the names as a surname.

"He had now entered upon the most strenuous years of his extraordinarily active life. Trinity College of Music, London, under his Wardenship was rapidly growing into an extensive organization with ramifications all over the Empire. As Chairman of the School Board of the Willesden division of London, he was taking an active part in the education of one of the biggest London centres and in this connection he founded the Kilbum Grammar School to fill the crying need for a Secondary School in this densely populated neighbourhood. He was also editing several popular magazines, and was restoring and filling his church and bringing it into a prominent and honourable position in the religious life of the place. His preaching was vigorous, animated and original, with a wealth of illustration and a felicity of phrase which never failed him. He trained his own choir which became famous, far and wide. Indeed, its reputation was so great that the boys he trained were constantly drifting away from the humbler Parish church to the Chapel Royal at Windsor, the Temple Church or St. Paul's Cathedral, all of which were at that time at the zenith of their musical fame.

"Musical composition served him mostly as a recreation from sterner duties. He composed much Church music, among which were many beautiful hymn tunes, services, anthems and settings of the Communion Service (Mass), Litanies.

"At different periods of his life, different branches of learning

and musical research resented an irresistible appeal. In recognition of his services to the cause of English musicianship he was elected a Fellow of the Royal Society of Edinburgh, one of the most distinguished, learned societies of the British Empire.

"For some years he held the post of Lecturer in Musical History at the University of London, which post he only resigned when he left London to take charge of the large and important Parish of Burgess Hill near Brighton. It was while he was here that the Great War broke out. The busy thriving village became denuded of men, many of whom never returned to it. Dr. Bonavia-Hunt was in constant touch with the bereaved wives and mothers at whose side he was always to be found when the fatal news had reached them. During the stringent period of food scarcity the Vicarage, like the King's Household, practised the sternest limitations as an example and encouragement to others. Before the end so ardently desired was yet in sight, Dr. Bonavia-Hunt himself succumbed. The powers of resistance of an unusually strong constitution had been greatly enfeebled by the mental, spiritual and bodily strain of the war which undoubtedly hastened his end.

"At his funeral, at which Trinity College and other musical bodies were represented, though many people were prevented from attending by a terrible air-raid, the remnants of his famous choir sang one of his own hyms, which had been composed by himself in memory of many missing friends, the men and lads of the village and many others, throughout the length and breadth of the country.

"In spite of the terrible war cloud, at that time at its blackest, overhanging the British Empire, eulogistic notices appeared in all the leading English papers and were copied into the principal ones of the Dominions and several other countries. He was recognized as a pioneer and the doughty champion of widespread musical education which has done so much to remove from the English people the reproach of being an unmusical nation."

## IL-KARMELITANI FIL-BIRGU

Is-seklu sittax kien żmien ġdid għall-Patrijiet Karmelitani – l-Ordni kien beda jikber sewwa u għalhekk il-patrijiet setgħu jistabilixxu ruħhom aħjar f'Malta.

Biex jgħinhom f'dan il-għan l-isqof Gargallo ħaseb biex jagħtihom il-Knisja ta' S. Marija ta' Monserrat, li kienet tinsab fil-Birgu, sabiex dawn ikunu jistgħu jwaqqfu komunità ġdida u jibnu kunvent maġenb il-knisja. Il-patrijiet għoġbithom l-idea u l-knisja għaddiet f'idejhom b'għotja li saret nhar is-17 ta' Settembru, 1582.[1]. Billi din il-knisja kienet sewwa sew fuq ix-xatt, il-baħħara tax-xwieni kienu jfittxuha bil-wisq: dan jagħtina x'nifhmu li l-patrijiet kienu qed iwettqu ħidma pastorali effettiva. Tant kienu sejrin tajjeb l-affarijiet li fil-bidu tas-seklu sbatax bdew jibnu kunvent ġdid. Minbarra l-għotjiet tan-nies tax-Xwieni inqalgħu xi benefatturi mill-familja Testaferrata, li għenu kemm setgħu lill-patrijiet.[2]. Jidher li l-kunvent twaqqaf fl-1611.[3].

## ĦIDMA PASTORALI

F'dan iż-żmien ix-xwieni ta' l-Ordni kienu jitfgħu l-ankra fix-xatt tal-Birgu. Kif ġa għidna n-nies tax-Xwieni kienu jfittxuha ħafna – fiha huma kienu jagħmlu l-preċetti tas-sena. Kienet drawwa li l-uffiċċjali u baħħara jisimgħu quddiesa hawn hekk qabel ma jitilqu għal xi vjaġġ – meta kienu jerġgħu lura kienu jħallulha xi somma flus.

Minkejja l-ħidma pastorali kollha u li kollox kien miexi ħarir, il-Karmelitani kellhom iħallu 'l dan il-kunvent fl-1653. Dan għaliex skond ir-riforma tal-kunventi karmelitani maħruġa mill-Papa Innoċenz X, il-komunità tal-Birgu ma kienx fiha patrijiet biżżejjed.[4]. Fis-seklu tmintax, sewwa sew fl-1763 il-Karmelitani ppruvaw jieħdu mill-ġdid il-knisja u l-kunvent f'idejhom – madankollu l-attentat ma kienx seħħ. (Ta' min jgħid ukoll li fl-1752 il-patrijiet Maltin ippruvaw jinqatgħu mill-Provinċja ta' Sqallija, iżda ma kienx irnexxielhom.[5].

Matul is-snin il-kunvent u l-knisja tal-Madonna ta' Manresa għaddew f'idejn is-sorijiet Franġiskani ta' l-Eġittu.[6]. Il-komunità ta' dawn is-sorijiet twaqqfet mill-istess fundatriċi ta' l-Ordni Suor

Katerina Troïani fis-sena 1886, waqt li din kienet fi triqitha għall-Eġittu.

Fit-tieni Gwerra l-kunvent kien iġġarraf għal kollox. Il-bini li naraw illum hu kollu modern, tela' kollu wara l-gwerra.

---

[1] (Arkivju Notarili R 504/9 f 93).
[2] (A.M. R12 f 768).
[3] (Ferris P77).
[4] (AK Ms180 f 323).
[5] (Abela Ciantar, *Malta Illustrata* Vol II P269).
[6] (A. Bonnici, *History of the Church in Malta* (Malta 1975), Vol III, P. 122).

# IL-KNISJA TA' SANTA VENERA[1]

Il-Knisja ta' Santa Venera hi antika bis-sħiħ. Skond it-tradizzjoni xi wħud jaħsbu li kienet mibnija fl-1473. Kienet titlu ta' kanonikat bir-raba' ta' madwarha tal-Katidral. Imiss magħha kien hemm ċimiterju qadim li fih kienu ndifnu xi suldati barranin – minħabba f'hekk il-knisja kienet miżmuma b'għożża kbira.[2] Nafu li fis-sena 1550 il-knisja ġiet imsewwija u mkabbra.

Achille Ferris igħarrafna li l-knisja li hemm il-lum inbdiet fl-1659 u tlestiet 29 sena wara mill-ġbir.[3] Il-faċċata tal-knisja hi maqsuma fi tliet bajjiet minn erba' pilastri Doriċi – fuq il-portiku hemm tieqa ovali li hi msieħba minn żewġ niċeċ fl-ispazju ta' bejn il-pilastri l-oħra. Ma' din il-knisja għad hemm il-kunvent li tela' bis-saħħa ta' Fra Ġwakkin Vivas li kien eremit Naplitan ta' San Kaloġeru. Dan l-eremit ġabar xi eremiti Sqallin kif ukoll xi oħrajn Maltin u bdew igħixu f'dan l-kunvent taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Isqof.[4] Ciantar jagħti d-data ta' l-1742 bħala s-sena tat-twaqqif ta' dan il-kunvent; l-eremit imsemmi miet f'Santa Verera fit-2 ta' Ġunju, 1749. Fis-sagristija għad hemm pittura ta' San Kaloġeru li tfakkarna f'dawn iż-żminijiet.

Xi snin wara l-mewt ta' Vivas, l-Abbati Rafel Dorell kabbar il-kunvent minn flusu – is-sala ta' fuq is-sagristija u xi kmamar fit-tieni sular huma ta' żmien dan l-Abbati. Iżda ma għaddiex wisq żmien li l-eremiti sabu ruħhom fi stat ta' dekadenza – nafu li fl-1757 kien hemm biss tliet eremiti, numru x'aktarx żgħir biex wieħed isejjaħlu komunità.

Fil-fatt bil-kemm laħqu għaddew ħmistax-il sena mill-mewt ta' Vivas, li l-eremiti ma kinux spiċċaw fix-xejn. Infatti fit-23 ta' Mejju, 1764 il-Propostu ta' Birkirkara għadda l-eremitaġġ lil Patrijiet Minuri Osservanti bl-atti tan-Nutar Nazju Bonavia, b'xi kundizzjonijiet u bir-riżerva tal-beneplaċitu ta' l-isqof. Iżda l-Patrijiet ma riedux joqogħdu għall-kundizzjonijiet tal-kuntratt u l-ftehim baqa' bla ma qatt seħħ.

Għal xi żmien fis-seklu dsatax il-knisja u l-kunvent kienu f'idejn il-Ġiżwiti li waqqfu l-istudentat tagħhom hawnhekk. Imbagħad fit-tmiem tas-seklu kien jieħu ħsiebha Dun Xand Cortis. Dan il-qassis ħabrek kemm felaħ b'riżq l-ilsien Malti u permezz tal-kuntatti li kellu ma' Anastasju Cuschieri, naħsbu li kien midħla sewwa tal-Karmelitani. Infatti qabel ma miet fl-1916, Dun Xand ra li kien hemm il-Patrijiet iħarsu l-erwieħ ta' dik ix-xaqliba.

## Il-Karmelitani u t-Twaqqif tal-Parroċċa[5]

Għidna li Dun Xand ħajjar lill- Karmelitani biex iwaqqfu komunità f'dan il-lok. Il-Patrijiet għoġbithom l-idea għax raw li, barra milli kellhom kunvent mibni lest, il-knisja kienet imbiegħda sewwa mill-parroċċa ta' Birkirkara. Għalhekk bi ftehim mal-Kapitlu Elenjan nhar it-30 ta' Lulju 1912 il-knisja għaddiet f'idejn il-Karmelitani.

Il-Patrijiet ma damux bil-wisq jaħsbuha biex jitolbu lill-Isqof biex iwaqqaf il-knisja tagħhom viċi parroċċa. L-Isqof Pace, wara li fela bir-reqqa r-raġunijiet li kienu ssottomettew il-Patrijiet u wara li studja l-qagħda pastorali tan-nies tal-post, għamilha viċi parroċċa, kif naraw mill-Ittra Pastorali maħruġa nhar il-11 ta' Marzu, 1913.

Miksub dan id-dritt il-patrijiet issoktaw jaħdmu bis-sħiħ fost in-nies tal-post, li kienu dejjem qegħdin jiżdiedu. Sa fl-aħħar il-patrijiet xtaqu li l-knisja tagħhom ikollha l-ġieħ ta' parroċċa: argument li huma saħħew kemm bil-għadd tal-popolazzjoni (li issa kien laħaq l-1500), kif ukoll mid-distanza twila li kien hemm għall-eqreb parroċċa. L-Isqof qabel mal-patrijiet, iżda hu ried li jiddiskuti seba' punti prinċipali (4/2/1918):

1. Il-għoti tal-grad ta' parroċċa u l-aċċettazzjoni min-naħa tal-patrijiet tal-limiti tal-parroċċa;
2. għal kemm-il sena se tibqa' parroċċa;
3. id-dotazzjoni tal-parroċċa;
4. id-dritt għal-legati;
5. iż-żamma ta' l-apparat meħtieġ għall-knisja;
6. l-għadd ta' reliġjużi fil-ħidma pastorali u
7. il-ħarsien tal-pattijiet u tal-kundizzjonijiet milħuqa.

Il-patrijiet ftiehmu li l-parroċċa kellha titwaqqaf mil-limiti meħudin mill-parroċċi ta' Birkirkara, tal-Ħamrun, ta' l-Imsida u ta' Ħal Qormi. Il-legati li kienu mħollijin lill-knisja kellhom jgħaddu f'idejn il-Patrijiet bil-patt li huma jaqdu l-preskrizzjonijiet ta' dawn il-legati. Il-Kurja qalet li ma kienx possibbli li hi toħroġ dotazzjoni għall-knisja! (Dan il-fatt fl-irrealtà tiegħu juri attitudni aktarx negattiva min-naħa tal-Kurja lejn il-Patrijiet. Il-Patrijiet kien jistħoqqilhom rikompens tal-ħidma djoċesana tagħhom). Għalhekk ftiehmu li meta jiġi biex jinbidel il-Kappillan ta' l-Imsida (li kien igawdi renta ta' 200 skud maħruġa mill-Propostu ta' Birkirkara) il-patrijiet jieħdu nofs ir-renta tiegħu.

Id-digriet tat-twaqqif tal-Parroċċa ġie mħabbar f'ittra Pastorali ta' l-Isqof Mauro Caruana nhar l'4 ta' Settembru, 1918.

---

[1] Billi dan li se ngħidu dwar l-istorja bikrija tal-Knisja m'għandux x'jaqsam direttament mal-Karmelitani, aħna ħadna t-tagħrif minn egħjun sekondarji.

[2] E.B. Vella, ***Storja ta' Birkirkara***, (Malta 1930), p. 172.
[3] Vella jagħti dati differenti – aħna se nġibu l-verżjoni li jagħti Ferris (li tagħti stampa ġenerali, jekk mhix perfetta, tal-ġrajja tal-Knisja).
[4] Abela Ciantar, *Malta Illustrata, Lib. I Not VIII P. 29.*
[5] L-informazzjoni hi meħuda mill-inkartamenti li huma miġbura fl-Erezioni Parrocchiali (Sta. Venera) Arkivji tal-Kurja Arċiveskovili.

# WOLFGANG AMADEUS MOZART

It-tieni nofs tas-seklu tmintax kien iddominat minn żewġ ġganti fil-qasam mużikali – Haydn u Mozart. Haydn waqqaf sisien importanti li fuqhom aktar 'il quddiem kellhom jitilgħu strutturi mużikali mill-isbaħ. Per eżempju l-ħsieb sinfoniku ta' Beethoven hu mibni fuq l-inġenwità melodika ta' Haydn. Mozart aktarx li segwa stilistika diversa: jekk xejn ix-xogħlijiet tiegħu fihom 'impulse' emottiv li ma nsibuhx fil-mużiċisti ta' żmienu. Il-passjoni u t-tenerezza li huma espressi fi ħdan il-limiti tal-forma klassika tas-sinfonija tiegħu huma xi ħaġa purament karatterstika ta' Mozart u li ebda kompożitur ma bbrilla fiha daqsu.

Wolfgang Amadeus Mozart twieled f'Salzburg, fl-Awstrija fl-1756. Missieru Leopoldu kien vjolinista u aktar tard Viċi Kappellmeister fil-qorti ta' l-arċisqof ta' Salzburg. (Kappellmeister kien ikun il-mexxej ta' grupp ta' mużikanti li kienu jdoqqu fil-qorti tan-nobbli jew ta' l-ekkleżjastiċi. Qabel kienu dawn l-aristokratiċi li kienu jippatronizzaw lil kompożituri). Għidna li missier Mozart kien mużiċist f'waħda minn dawn il-qrati u b'hekk iċ-ċkejken Mozart kiber sa minn ċkunitu f'atmosfera mużikali. Il-ġenju tiegħu deher sa minn kmieni: ta' ħames snin biss insibuh jikteb il-minwetti u ta' tmien snin insibuh jagħmel l-ewwel taħriġ tiegħu fil-forma sinfonika. Bejn is-snin 1764 u 1765 insibuh f'Pariġi u f'Londra fejn it-tfajjel għaġġeb lil kulħadd bit-teknika u l-ħila li wera fid-daqq tal-klaviċembalu u tal-vjolin. Ta' erbatax-il sena qatta' sena fl-Italja, b'hekk il-fama ta' dan il-ġenju kienet stabilita kullimkien u t-tfajjel kien diġa' afferma ruħu sewwa fil-qasam mużikali.

Għad li l-ġenju ta' seba' snin kien miżmum fuq l-idejn, meta kiber Mozart ftit li xejn sab fortuna – għalxejn ipprova jsib impjieg ma' l-arċisqof il-ġdid ta' Salzburg. Dak iż-żmien ma kienx possibbli għal kompożitur li jgħix minn fuq il-pubblikazzjonijiet jew il-kunċerti. Fl-1781 huwa bidel l-ambjent ekkleżjali tal-Kurja ta' Salzburg mal-ħajja ħielsa u ferrieħa ta' Vjenna.

Il-valur tax-xogħol bikri ta' Mozart ġie kemm-il darba esaġerat. Parti mix-xogħol li kiteb qabel ma kellu 21 sena sservi biss għal xi produzzjoni okkażjonali. Aktarx li l-kwalità superfiċjali li nsibu f'dan ix-xogħol hi dovuta għall-konvenzjonalità tal-mużika li kienet ikkunsmata fi żmienu.

Il-ħames kunċerti għall-vjolin miktubin fl-1775 huma wħud mill-aħjar xogħol bikri tiegħu. Fihom insibu bosta spunti ta' oriġinalità kostruttiva li madankollu Mozart aktar 'il quddiem ma żviluppahomx. Fil-fatt, bħala kumment ġenerali Mozart hu

miżmum bħala kompożitur mhux qawwi ħafna fl-oriġinalità stilistika – huwa kiteb ħafna mix-xogħlijiet tiegħu f'forom u fi stili li kienu diġa' eżistenti.

L-aktar xogħol importanti li Mozart ħallielna hi s-sensiela ta' sbatax-il kunċert għall-pjanuforti. M'hemmx għalfejn nirreferu għas-sinfoniji Numru 38, Prague, Numru 39 fil-Mibemol, Numru 40 in sol minore u Numru 40 in Do, magħrufa bħala ***Jupiter***. Il-finezza li nsibu f'dawn ix-xogħlijiet hi xi ħaġa li ssaħħrek. Hu magħruf li Mozart kiteb l-aħħar 3 sinfoniji li semmejna fi żmien ta' 6 ġimgħat. Dan għaliex tant kellu memorja fenomenali li seta' jik-komponi l-elaborazzjoni orkestrali f'moħħu u mbagħad jiktibha mal-ewwel.

Mozart afferma ruħu wkoll fil-qasam operistiku. L-opri tiegħu kollha jidħlu bis-sħiħ fit-tradizzjoni Taljana: fil-fatt ma kien għad hemm l-ebda stil Ġermaniż stabbilit li fuqu Mozart seta' jim-mudella l-opri tiegħu. Waħda mill-ewwel fost l-aħjar opri tiegħu hi ***Idomeneo***, miktuba fl-1781 meta kien għadu fis-servizz ma' l-Arċisqof. X'aktarx li fiha l-aħjar korijiet li Mozart qatt kiteb. Opra serja oħra hi ***La Clemenza di Tito***, biss minħabba li l-librett tagħha hu mimli konvenzjonijiet xejn drammatiċi, ġiet minsija. Mozart hu l-aktar magħruf għall-opri komiċi tiegħu: ewlenin fosthom ***Le Nozze di Figaro*** miktuba fi Vjenna fl-1782, ***Don Giovanni*** miktuba fi Praga s-sena ta' wara, l-operetta ***Cosí Fan Tutti***, mtellgħa fi Vjenna fl-1790 u fuq kollox ***The Magic Flute*** maħduma l-ewwel darba fl-1791.

Semmejna *Le Nozze di Figaro* – ta' min jgħid li l-librettist ta' din l-opra sab fortuna sabiħa għal-libretti tiegħu. Oriġinarjament miktuba bil-Franċiż, ***Le Nozze di Figaro*** ta' Beau Marchais hi l-iżvilupp ta' l-istorja l-oħra ***Il Barbiere di Siviglia***, li aħna nafu f'verżjoni ta' Rossini.

Mozart kiteb ukoll għadd ta' bċejjeċ sagri. Il-quddies u l-*mutetti* tiegħu fihom battuti ta' sentimenti sinċieri – biss billi x'aktarx li llum aħna kkundizzjonati għal stil ta' mużika sagra għal kollox divers minn dak ta' Mozart, ħafna xogħol spiċċa minsi. Wieħed ma jridx madankollu ma jsemmix l-***Ave Veru*** li wasal sa żmienna. Dik il-melodija hi għajn ta' ħlewwa evanġelika, l-aktar bil-bixra sempliċistika tagħha.

Qajla nistgħu ngħidu li Mozart għadda ħajja feliċi. Dan l-aktar minħabba n-nuqqas ta' finanzi. Kien miżżewweġ u kellu ruxxmata tfal – madankollu wieħed biss irnexxielu jgħix – dan għaliex il-familja Mozart kienet temmen f'teorija xejn sana – lit-trabi kienu jagħtuhom biss ilma mgħolli. Mhux ta' min jistagħġeb għalhekk li Wolfgang Amadeus kien fost seba' aħwa li minnhom

hu u oħtu oħra biss għexu. Uliedu kif ġa għedna, mietu kollha barra wieħed. Mozart innifsu kien ta' tip marradi għall-aħħar. Wieħed jista' jimmaġina li kieku x-xorti kienet aktar ħanina miegħu, kien iħallilna aktar mużika. Fil-fatt hu miet fl-età żgħira ta' 35 sena u martu ma kellha l-anqas flus għad-difna.

# ANTONIO VIVALDI

F'waħda mill-ewwel taħditiet tagħna kont tajtkom xi tagħrif dwar il-kompożitur taljan Domenico Vivaldi, li kien il-prim vjolinist ta' l-orkestra ta' San Mark, Venezja. Illum sejjer inkellimkom fuq Vivaldi ieħor – Antonio, li kien bin il-vjolinist li qegħdin insemmu. Antonio Vivaldi hu s-simbolu tal-mużiċista f'salib it-toroq – minn naħa waħda hu ċaħad it-tradizzjoni barokka ta' missieru b'riżq id-deskrizzjoni tan-natura u minn naħa oħra warrab din l-ispontanjetà biex raqam il-kompożizzjonijiet tiegħu b'ħafna ornamentazzjoni. Għal dan Antonio Vivaldi hu meqjus bħala l-aħjar esponent ta' l-iskola Veneta.

Antonio Vivaldi twieled f'Venezja f'Marzu ta' l-1678 u beda jistudja l-mużika ma' missieru. Kien ġej minn familja aktarx modesta u għalhekk xejn ma kienet faċli għalih biex jistabilixxi ruħu. Wieħed irid jiftakar li s-soċjetà veneta kienet soċjetà aristokratika msejsa fuq id-drittijiet u fuq il-privileġġi tan-nobbli. Minħabba dan, wieħed qajla jista' jistagħġeb l-għaliex aktar 'il quddiem Vivaldi kellu jisfrutta l-pożizzjoni ekkleżjastika tiegħu bħala qassis għall-għan li jafferma ruħu mużikalment l-ewwel bis-saħħa tal-mużika sagra, imbagħad b'dik teatrali wkoll.

Fl-1703, is-sena li fiha ordna saċerdot, ingħaqad mas-*Seminario Musicale dell'Ospedale della Pietà* bħala għalliem tal-vjolin u tal-vjola. It-tfajliet li kienu jiffrekwentaw dan l-istabbiliment tal-mużika kkontribwew mil-lat korali fil-kunċerti li kienu jsiru fid-djar ta' Venezja. Rosseau fl-istqarrijiet tiegħu jagħtina din l-impressjoni:

"Mużika li naħseb li hi wisq aħjar minn dik operistika hi dik li tindaqq f'dawn l-iskejjel. Kull nhar ta' Ħadd, fil-kappelli ta' dawn iċ-ċentri, waqt l-għasar jindaqqu bċejjeċ għall- kor u għall-orkestra, miktubin u mmexxijin mill-aħjar mużiċisti ta' l-Italja, esegwiti u kantati fil-gallerija minn tfajliet biss".

Għall-grupp ta' l-iskola li semmejna Vivaldi kiteb mal-500 kunċert, ewlenin fosthom ***Le Quattro Stagioni*** – l-erba' staġuni: xogħol imnebbaħ min-natura u li jiddeskrivi t-tqanqil ta' l-elementi naturali fi struttura ekwilibrata.

Naturalment din il-kwalità ta' mużika hi l-lingwaġġ li permezz tiegħu l-kompożitur jixtieq li jirrealizza lilu nnifsu. Għandna identifikazzjoni tal-ħajja umana man-natura, u għandna 'l Vivaldi li jixxennaq għall-ħelsien, 'il Vivaldi li jrid jgħix il-ħajja ta' l-Arkadja, fin-natura.

Sa minn tfulitu Vivaldi kien aktarx marradi – fil-fatt huwa baqa' hekk tul ħajtu kollha. Minn snin sewwa qabel ma miet, jiġifieri qabel l-1741, huwa ma kienx baqa' jqaddes fil-pubbliku minħabba n-nuqqas ta' saħħtu. Biss dan ma impediehx milli fis-skiet u fil-ġabra ta' kamartu jagħti xogħlijiet mużikali mill-isbaħ. Għal dan, Vivaldi kiseb popolarità u fama ġmielha, hekk li fi żmienu stess, Bach ittraskriva xi wħud mill-kunċerti orkestrali ta' dan il-kompożitur għall-orgni.

Aktar minn hekk, Bach ħa mingħand Vivaldi l-forma ta' tliet movimenti tal-koncerto – jiġifieri l-moviment brillanti tal-bidu, moviment ieħor aktar liriku u bil-mod u l-final aktarx b'rittmu mgħaġġel u kollu forza.

Il-mużika sagra ta' dan il-kompożitur kienet ikkritikata bl-aħrax mill-kontemporanji tiegħu, għas-sens eżaġerat ta' devozzjonaliżmu. Bħal Scarlatti, Vivaldi jieħu t-testi liturġiċi u jaqsamhom biċċa biċċa bejn solisti u kor. Hekk, l-imsemmi salm tiegħu ***Beatus Vir***, hu trattat vers vers fi stil differenti – jiftaħ b'moviment konvenzjonali venezjan għal korijiet antifonali, jissokta fi dwett operistiku għal żewġ baxxi, u jgħaddi għal moviment *concerto grosso* għal żewġ soprani. B'hekk minkejja l-għarfien ferventi ta' dan ix-xogħol, ix-xejriet li fih huma kollha mislufin mill-istil sekulari tal-kompożitur.

Vivaldi nistgħu ngħidu li għadda l-aħjar ta' ħajtu f'Venezja. Hemmhekk b'ċajta kien magħruf bħala l-*prete rosso*, il-qassis l-aħmar, minħabba l-lewn ħamrani ta' xagħru. Huwa miet fl-1741 u ġie midfun nhar it-28 ta' Lulju fi Vjenna, il-belt kolossali l-oħra, ċentru ta' l-imperu Awstrijak.

## DOMENICO ZIPOLI

Domenico Zipoli hu wieħed mill-kompożituri minuri li għamel isem għalih innifsu fil-qasam tal-mużika Taljana. Hu magħruf l-aktar għal xi bċejjeċ ta' karattru ferrieħi li hu kiteb għall-orgni. Iżda fatt li hu ftit li xejn magħruf hu li Domenico kien paralitiku u narawh f'xi tpinġijiet imwieżen fuq bastun. Iżda din l-inkapaċità ma mpedietx lil Domenico milli jkun suċċess fil-ħajja, għaliex fil-fatt bid-determinazzjoni qawwija tiegħu hu rnexxielu jxejjen ħafna mid-diffikultajiet li timponi l-qagħda ta' paralitiku.

Domenico Zipoli twieled fi Prato, l-Italja fil-15 ta' Ottubru 1688 u beda jistudja l-mużika ma' missieru, li kien idoqq l-orgni f'parroċċa żgħira fi Prato. B'hekk għalkemm Domenico kien ġej minn familja modesta, ma kinitx ħaġa diffiċli għalih biex jistabilixxi ruħu. Kien jistudja ħafna u fil-bidu kien ibati. Dan għaliex biex jitla' fuq l-orgni kien irid idum tiela' ħafna taraġ – garigori dojoq u twal. Terġa' billi kien paralitiku, saqajh ma setax imexxihom b'ħeffa u b'faċilità fuq il-pedaliera ta' l-orgni. Fil-fatt karatteristika tal-mużika ta' Zipoli hi l-elaborazzjoni ta' frażijiet fuq l-istess akkordju, biex b'hekk b'saqajh kien jagħmel movimenti mill-anqas. Insemmu s-*Sinfonija Pastorali* ta' dan il-kompożitur li fiha movimenti sħaħ mibnijin fuq id-Do u fuq is-Sol. Dan jurina kif Zipoli rnexxielu jilħaq kompromess bejn il-limitazzjonijiet fiżiċi tiegħu, jiġifieri l-fatt li kien paralitiku, u l-esekuzzjoni mużikali.

Zipoli kien jgħallem il-kor tas-Scuola Cantorum ta' Ruma. Rousseau fl-istqarrijiet tiegħu jagħtina din l-impressjoni ta' dawn l-iskejjel:

"Mużika li naħseb li hi wisq aħjar minn dik teatrali dik li tindaqq fl-iskejjel tat-tagħlim. Kull nhar ta' Ħadd, fil-kappelli ta' dawn l-iskejjel waqt l-għasar jindaqqu bċejjeċ għal kor u għall-orgni, miktubin u mmexxijin mill-aħjar mużiċisti ta' l-Italja u kantati fil-gallerija minn tfajliet biss".

Ta' għoxrin sena Zipoli ħass il-vokazzjoni li jmur missjunarju mal-Ġiżwiti. Mar Cordoba fejn studja t-teoloġija u l-istudji saċerdotali l-oħra. F'dik il-belt hu kien iservi wkoll ta' organista fil-knisja tal-Ġiżwiti. Fl-istess żmien hu kien isib ħin biex jikkomponi. Fl-Italja ppubblika s-*Sonate d'Involatura per Organo e Cimbalo* u l-popolarità tiegħu malajr xterdet. Huma sonati b'ritmu mexxej u ferrieħa li minnhom għadhom jiġu stampati f'kull antoloġija ta' mużika taljana għall-orgni. Insemmu fost l-oħrajn il-*Partita in La Minore*, u bċejjeċ espressivi ħafna li kienu jindaqqu bħala sfond waqt l-Elevazzjoni. Il-*Largo in Sol Minore* hu eżempju klassiku ta'

din it-tip ta' mużika.

Zipoli kien sfortunat ħafna. Mhux biss twieled paralitiku, iżda kellu jmut qasir il-għomor. Miet lejlet il-ġurnata li fiha kellu jkun ordnat saċerdot. B'hekk l-anqas biss kellu l-opportunità li jieħu l-frott ta' l-istudju tiegħu, iżda l-frott tal-ħidma tiegħu għadu fostna sal-lum. Min jaf kemm-il darba nkunu l-knisja u nitgħaxxqu bil-mużika msaħħra ta' l-orgni, bla ma nkunu nafu x'biċċa mużika tkun u min ikun kitibha. Niftakru biss li kellha tkun id-determinazzjoni ta' bniedem sfortunat u paralitiku li wasslitilna l-benna ta' dawk in-noti.

UNIVERSITY OF MALTA ★ MAIN LIBRARY ★

## BEETHOVEN

Mozart ma setax igħix la mill-pubblikazzjonijiet u l-anqas mill-kunċerti. B'hekk kien marbut li l-kitba li jikteb trid tkun skond it-togħma tal-patrun tiegħu – kien marbut li jikteb kif jidhirlu ħaddieħor. Beethoven kien l-ewwel kompożitur ta' importanza li ħajtu ma kinetx ristretta b'dawn il-limitazzjonijiet. Għalkemm dejjem kien qiegħed jikkomponi għal udjenza, il-mużiċist seta' jesprimi dak li jrid fix-xogħlijiet tiegħu. Seta jkisser dawk il-konvenzjonalitajiet li kienu aċċettati mis-soċjetà u jaħsad lill-udjenza tiegħu b'forom ġodda. Kellu l-libertà li jista' jiżviluppa l-mużika tiegħu kif irid – kien ħieles li jesprimi l-qtigħ-il-qalb tiegħu, t-tama li kienet tmexxih, seta' jitnebbaħ mill-imħabba li tinbet f'nofs il-mibegħda, n-noti tiegħu setgħu jegħrqu fil-passjonijiet li hemm fil-fond ta' qalb il-bniedem, bla ma ħadd jiġi jgħidlu li dik il-mużika ma togħġbux. F'kelma waħda ma' Beethoven daħal il-kunċett tal-bżonn li wieħed jesprimi lilu nnifsu.

Ludwig van Beethoven twieled f'Bonn fil-Ġermanja nhar is-17 ta' Diċembru 1770. Missieru, li kien ta' dixxendenza Fjamminga, kien mużiċist modest fil-qorti ta' l-elettur ta' Cologne. Dan missieru daħħalha f'rasu li ried jagħmel minn ibnu xi Mozart ieħor – biex jilħaq dan il-għan saħansitra vvinta li Ludwig twieled fl-1772, u kien biss f'nofs ħajtu li Beethoven skopra d-data vera tat-twelid tiegħu. Minkejja l-isforzi tal-missier, it-tifel ma ried jaf b'xejn u kemm-il darba kien jispiċċa msawwat talli ma kienx ikun irid jistudja.

Minħabba dan wieħed jistagħġeb kif meta kiber Beethoven baqa' interessat fil-mużika. Fl-1787 insibuh fi Vjenna, jieħu l-lezzjonijiet għand Mozart. Minħabba li ommu kienet ma tiflaħx kellu jerġa' lura għal Bonn – ommu mietet ftit wara bit-tuberkolożi. Beethoven għadda ħajtu kollha bil-biża' li hu wkoll kien qiegħed jikkonsma lilu nnifsu.

Tradizzjonalment il-mużika ta' Beethoven hi maqsuma fi 3 partijiet. L-ewwel perjodu juri l-ġenju melodiku tal-kompożitur kif ukoll l-individwalità tiegħu fl-iżvilupp tal-forma u tal-istruttura sinfonika. Fittex li jħaddem akkordji li ma kinux użati, kif ukoll li jesplora proċeduri armoniċi ġodda. Permezz tat-tielet sinfonija tiegħu, l-*Eroica* hu stabilixxa ruħu bħala kompożitur ta' fama. Fil-moviment tal-ftuħ l-invenzjoni strutturali tmur aktar lil hinn minn fejn Mozart wasal fil-*Jupiter*, fil-waqt li t-tieni moviment – li hu għamla ta' marċ funerbi vast – fih kontenut mill-aktar traġiku u emottiv. L-*Eroica* kienet segwita minn 6 sinfoniji kbar oħra. Id-

disa' waħda hi sinifikattiva kemm fit-tul tagħha kif ukoll fil-final. Hawnhekk Beethoven jinkuruna 3 movimenti strumentali suberbi b'moviment korali u fil-waqt li joffri riassunt tal-moviment preċedenti, jinseġ poeżija sħiħa li tesprimi l-ferħ tal-ħajja f'estasi mill-isbaħ.

L-intensità ardenti ta' Beethoven insibuha wkoll fiċ-*chamber music* tiegħu. Il-kwartetti tiegħu huma l-prodott ta' era rivoluzzjonarja – ta' żmien li warrab il-formaliżmu soċjali u r-riġidità ta' l-ottocento fi tfittixa għal manjeri aktar personali ta' espressjoni. Fost il-preludji l-oħra hemm in-numru 3, ***Leonora***, u ***Egmont*** li jispikkaw l-aktar. Oriġinarjament l-ewwel waħda kienet intiża għall-opra ***Fidelio***. Fil-fatt il-preludji ta' Beethoven huma kollha distinti mis-sens ta' poeżija sinfonika – poeżija li tesprimi l-istorja tad-drammatiċità.

***Fidelio*** hi l-unika opra li Beethoven kiteb. Miktuba fl-1805, hija ġiet riveduta darbtejn oħra fl-1806 u fl-1814. Fil-bidu, din kienet meqjusa bħala falliment u għadha sal-lum tidher li ma tappartjenix lit-tradizzjoni operistika. Mandakollu ***Fidelio*** hi xogħol perswassiv ħafna fil-produzzjoni. L-istorja hi msejsa fuq ġrajja vera tar-Rivoluzzjoni Franċiża. Tirrakkonta l-iskontri li ħabbat wiċċu magħhom raġel onest li safa maqbud mit-tiranni u li fl-aħħar ġie meħlus minn martu. L-istorja bil-fors li appellat għas-sens rivoluzzjonarju u għall-aspett taż-żwieġ latenti f'Beethoven. Fil-fatt nistgħu nimmaġinaw li l-kompożitur xtaq kemm-il darba li jsib affett u komprensjoni. Għad li fittex biex isib libretti oħra hu qatt ma rnexxielu jsib ġrajja oħra li togħġbu.

Ix-xogħol korali l-aktar grandjuż ta' Beethoven hu l-***Missa Solemnis***. L-iskala vasta tagħha u s-sublimità intensa u punġenti tagħha joffru sfida lil kull preżentazzjoni.

Beethoven kien bniedem ta' temperamenti. Il-fatt li hu kien trux impedieh milli jistabilixxi relazzjonijiet normali malbnedmin. Naturalment dan l-aspett ikkontribwixxa wkoll b'mod pożittiv – l-kompożitur kellu jiddependi għal kollox mill-kreattività imaġinattiva tiegħu u kellu jfittex ispirazzjoni mill-fond tiegħu stess. Huwa miet fl-1827 fl-età ta' 57 sena.

## 'IL QUDDIEM FIL-ĦELSIEN

"'Il quddiem". Faċli li wieħed jitbissem meta jisma' dil-kelma. Hi l-kelma tal-kanzunetti rħas; hi l-kelma tal-predikaturi moralistiċi; hi l-kelma li biha xi wħud jippruvaw jiġġustifikaw l-egħmejjel inġusti tagħhom. Fl-imgħoddi l-ħaddiem ġie mħolli fl-injuranza, kien sfruttat. Kien mgħallem jissaporti kollox, sabiex "'il quddiem jikseb il-premju ta' dejjem". Permezz ta' ħsibijiet bħal dawn il-ħaddiem spiċċa passiv u qatt ma kien jgħaddilu minn moħħu li seta' jimmudella l-ġejjieni tiegħu kif irid hu.

## ĦARSA MPENJATA

Meta aħna nħarsu lejn il-ġejjieni rridu naraw fih mera li turi l-ħsibijiet tagħna. Naturalment ma nistgħux noqogħdu nitgħajxu la bl-illużjonijiet u l-anqas bl-utopji li posthom biss hu fuq is-sħab. Jenħtieġ li naraw il-futur mhux bħala xi żvilupp naturali, xi prodott taż-żmien, jew bħal xi frotta li taqa' mis-siġra meta tkun saret. Il-ġejjieni jrid ikun konkwista tagħna, irid ikun żmien li jir-rifletti għażla maħsuba mill-ħaddiema. X'aktarx li l-ħajja mgħaġġla tal-lum ma tagħtikx ċans taħseb fuq modi ta' għixien dif-ferenti. Ir-rutina tal-produzzjoni tpoġġi għamad fuq għajnejn il-bniedem – iġġagħlu jinsa lilu nnifsu biex jassimila l-ideat ta' min qiegħed imexxih. Il-mekkaniżmi soċjali – ibda mir-reklamar sal-biżibilju tal-kumpaniji li kollha qed ifittxu biex "iħarsuna" – kollha jgħidulna kelma waħda: "Tinkwitawx għall-ġejjieni, nieħdu ħsieb kollox aħna!"

B'hekk għalina s-sens *tal-lum* għandu impatt hekk qawwi fuqna, li l-ħsieb ta' *għada* jgħib bħala xi ħaġa vaga; xi ħaġa li qiegħda 'l bogħod u li ma'għandhiex x'taqsam magħna. M'hemmx għalfejn ngħidu kemm dan il-ħsieb hu negattiv. Jenħtieġ li kull egħmil tagħna jħalli riżultati konkreti b'riżq il-klassi tal-ħaddiema. Dik il-kritika li tħares lura, lejn in-nostalġija ta' l-imgħoddi, m'hi xejn għajr kritika reazzjonarja. Il-kritika trid tħares 'il quddiem: ir-ridu nsibu dik it-triq li permezz tagħha *"ngħaġġlu l-ġejjieni"*, kif kien igħid Gramsci.

## KISBIET TAL-ĦADDIEMA

Jekk wieħed iħares lejn l-aħħar snin jintebaħ li l-moviment tal-ħaddiema ġa għamel il-kisbiet bażiċi li jistgħu jniedu l-bidu ta'

proċess importanti. L-apparat ta' l-istat ġie rriformat biex ikun jaqbel aħjar ma' l-iżvilupp industrijali tal-gżira. Biss jekk nieqfu f'dal-punt inkunu għadna ankrati fil-kapitaliżmu; nkunu għadna qed ngħinu lis-sinjur biex ikompli jerda' minn fuq dahar il-ħaddiem. Ħarsitna trid tħares lejn meta se neħilsu lis-soċjetà minn dawn il-parassiti.

Fl-imgħoddi l-moviment Laburista kiseb appoġġ permezz ta' l-inġustizzji soċjali. Illum bil-progress li sar dawn il-kawżi tista' tgħid li kollha spiċċaw; il-ħaddiem tat-tarzna llum m'għadux fil-livell tas-snin ħamsin. Bit-titjib li sar, ħafna nies li qabel kienu jiġu mħaddna mill-klassi proletarja, illum iqisu lilhom infushom mal-borgeżija ż-żgħira. Naturalment dawk il-ħaddiema. Dawk li qabel fil-bżonn saru inqas militanti fil-partit tal-ħaddiema. Dawk li qabel kienu mġebbdin illum jistgħu jlaħħqu ma' livell t'għixien superjuri – b'hekk jiġri li dawk li qabel kienu kontra ċertu stil ta' ħajja, illum saru favurih u qed jipparteċipaw bis-sħiħ fil-ħajja tal-konsumiżmu.

Minn dan naraw li politika ta' bidla ma tistax tibqa' tisħaq fuq l-istess prinċipji, fuq ideat li jispiċċaw riti, iżda trid tħares lejn kif se tinbidel. Il-partit irid ikun lest biex jinfondi impenn ġdid f'kull settur. Hekk jekk l-elettorat jibda jinbidel, iridu jinbidlu l-ideat.

Per eżempju llum żdied sewwa l-għadd ta' ħaddiema nisa. Il-liġijiet legali tbiddlu, *iżda l-akbar bidla li trid isseħħ hi fil-mentalità tal-poplu.* X'jiġri ħafna drabi? Dari n-nisa tal-familji tal-ħaddiema kellhom jissieltu biex jiksbu d-drittijiet tagħhom. Meta nkiseb livell ta' għixien aħjar minflok ma n-nisa bdew jaħsbu f'sehem aktar attiv u impenjat fis-soċjetà, spiċċaw jokkupaw ruħhom bit-tombli u bil-"coffee mornings". Dawn huma elementi li qed jitfgħu lill-kawża tal-ħaddiema lura. Għad m'għandniex nisa li jieħdu sehem attiv fit-trejdjunjons, għad m'għandniex nisa li jafu jipprotestaw, għad m'għandniex nisa li kapaċi jgħaqqdu moviment popolari . . .

## ĦELSIEN FL-IDEAL

It-triq li jsegwi l-moviment soċjalista trid bil-fors tħares lejn dawn il-linji ġodda sabiex tkun tista' żżomm l-integrità tal-ħaddiema. Fl-imgħoddi l-ħaddiema kienu jafu kontra min qed jissieltu. Illum għandna egħdewwa ġodda li qed jisfruttawna taħt għajnejna stess mingħajr ma ħafna drabi nkunu nafu. Il-konsumiżmu sar il-ħakkiem il-ġdid: sar il-fenomenu li warajh qed jinħeba dak l-opportunist li jgħix bħal parassit minn fuq dahar is-soċjetà. Il-mezzi tax-xandir huma kollha bbumbardjati minn kruċjata li trid

tagħmilna aħjar milli aħna. Huma kollha illużjonijiet li qed jiswew lill-ħaddiem flejjes li jista' jħaddimhom b'mod aħjar.

Il-ħaddiema jridu jeħilsu lis-soċjetà minn dawn is-sintomi li qed jifnuha. Jenħtieġ li huma jissieltu kontra dak l-ordni pubbliku li jeħodha kontra l-interessi tal-ħaddiema. Gramsci jikteb hekk: *"Meta l-ħaddiema jkunu kapaċi jiksru l-liġijiet ta' l-istess gvern li tellgħu huma, it-taqbida tal-proletarjat ikollha għajn ta' enerġija ġdida. Fil-pajjiżi fejn ma jissiltux fil-pjazez, fejn il-liġijiet ta' l-istat m'humiex ikkalpestati, it-taqbida tal-ħaddiema titlef ħafna mil-impenn tagħha; l-ispirtu rivoluzzjonarju jibda jispiċċa f'mewta naturali. Fil-pajjiżi fejn il-ħaddiema jħallu kollox f'idejn min imexxihom, qajla hu possibbli li jseħħ xi tibdil. Fejn teżisti l-ordni hu aktar diffiċli biex wieħed jaħseb biex joħloq ordni ġdida."* (1917).[1]

Ħsibijiet bħal dawn jeħilsu lill-ħaddiema mill-aljenazzjonijiet li jxekkluhom. Skond Gramsci dawn l-ideat għandhom jiffurmaw il-prinċipji li permezz tagħhom naslu aktar malajr għal soċjetà mingħajr klassijiet. Int taqbel miegħu, ħabib?

---

[1] *La Città Futura, Numero unico,* (Feb 1917, Torino).

# MALTA FL-1864 – ASPETTI SOĊJALI

Għalkemm fl-ewwel snin ta' Le Merchant, il-Maltin kienu mimlijin bit-tama li l-qagħda tagħhom setgħet titjieb u li t-tbatija tagħhom kienet se tissarraf f'nhar ġodda, malajr intebħu li t-tama tagħhom kienet fiergħa, hekk li sa tmiem it-treġija tiegħu ma kienx hawn għajr għaks u ġuħ għall-kotra. Il-ħlas tal-ħaddiema ma setgħax il-ilaħħaq ma' l-għoli tal-ħajja li minħabba fil-gwerra tal-Krimeja, kienet għoliet sewwa. L-uffiċini tal-gvern kienu miżgħuda b'ħafna mpjegati żejda bil-konsegwenza li l-pagi kienu baxxi – kienet hekk imwiergħa l-qagħda li Le Merchant, f'ittra lis-segretarju ta' l-istat, kiteb: "*The old should be pensioned, the young brought forward and the surplus clerks in each department gradually transferred* . . . "[1] L-industriji lokali li ma kellhomx x'jaqsmu ma' l-Ingliżi, ma mxewx bil-wisq 'il quddiem, l-aktar minħabba l-kompetizzjoni ta' l-importazzjoni.[2] Għalkemm Malta m'għandha l-ebda materja prima, f'dawn iż-żminijiet kien hawn esportazzjoni kbira tal-ġebla Maltija lejn Kostantinopli, l-Eġittu u bnadi oħra.[3] Kien ukoll moda l-qroll, li kien jinsab bi qtajjiet kbar bejn Malta u Għawdex u lejn il-Ġnejna; il-Gvern fl-1863 qabbel il-post lill-wieħed Naplitan li kien jistad qroll kemm irid.[4] Waħda mill-industriji li fi żmien Le Merchant kienet fl-aqwa tagħha kienet dik tal-bini – fl-1859 twaqqaf is-suq tal-belt, fis-sena ta' wara nbeda x-xogħol fuq it-Tejatru Rjal, fil-waqt li fl-1861 bdew jaħdmu fuq l-isptar tal-moħħ li hemm fuq ir-riħ ta' Wied Inċita u s-sena ta' wara bdew isejsu ċ-Ċimiterju tal-Addolorata li hemm fuq l-għolja tal-Ħorr. F'dawn iż-żminijiet ukoll, fl-1860, bdew jitqassmu l-ittri mill-posta kuljum u twaħħlu ma' Malta tmien kaxex ta' l-ittri.

Propju fit-23 ta' Marzu 1864, kien żar Malta Garibaldi; dan ifakkarna fl-influwenza tar-risorġiment f'pajjiżna, għax għalkemm il-kotra ma kellhiex aċċess dirett għal dawn l-idejat, il-ġurnali kienu jirriflettu sewwa 'l dan il-moviment. L-ewwel diwi kien fit-tixwixa tal-Karnival ta' l-1846. Naraw fil-letteratura attakk fuq l-alleanza bejn l-istat u l-knisja – dik l-istess alleanza li xegħlet ir-rivoluzzjoni Franċiża ta' l-1830. Hekk kiteb Richard Taylor[5]

X'Għamel Stuart (raġel ħajjen)
Biex jgħatti id-dnub fil-ħin!
Qal li għamel mhux minn żniedu
Bil-kunsens tal-qassissin.

Għaldaqshekk iħeġġeġ lill-Maltin sabiex jingħaqdu u jqumu għall-jeddijiet tagħhom:

L-ewwel nett hemm bżonn li nagħmlu
Petizzjoni lkoll flimkien:
Nibagħtuha l-Ingilterra
Mingħajr l-ebda telf ta' żmien.

Hekk sa fl-aħħar l-Ingliżi taw xi konċessjonijiet lill-Maltin u bdew jilħqu rappreżentanti Maltin fil-Kunsill. Iżda għal darb'oħra t-tamiet tal-Maltin sfaw fiergħa, hekk li Taylor jissokta:[6]

Kif tjassart, ja Malta Msejkna
Bl-impjegati kbar Maltin?
Wieħed biss miċ-ċorma kollha
Ma ssibx żgur l'huwa ħanin.

Jidher l-atteġġjament li l-Maltin urew għall-magħżula tagħhom u r-rapporti favorevoli tagħhom bejnhom u bejn il-karattru Ingliż. Nisiltu dan li ġej minn kitba kontemporanja: "Minn kemm ilu illi għandna l-kbarat tagħna, l-Maltin dejjem magħfusa u straxxnata minn għonqhom bħal-ħrief tal-Biċċerija . . . meta kellna mpjegati Ingliżi, magħhom dejjem għexu bosta familji Maltin, karozzi, servi, koki, kamriera. . . . Dawn barra li kellhom dawn l-impjegati kolha, kienu il-veru għixien ta' bosta familji. . . . Kemm karità kont tara wara biebhom bil-folol! Kemm familji kienu jissokkorru minnhom, għax Ingliż jaf x'jiġifieri faqar. . . . Mill-impjegati Maltin min jgħix bħalhom? il-karozzier ried jagħmel ta' seftur, ta' kok. . . . Dari il-president, id-dwanier, is-segritarju, il-kollettur, il-kap ukoll tal-Monte di Pietà, dawn kollha kellhom eluf ta' familji jgħixu magħhom, barra mill-karità privata. . . . Mal-Maltin min qatt rah dan il-faraġ . . . irekknu s-salarji, imqanqċin mill-aħjar. . . . L-iżball tagħna kien meta ridna mpjegati Maltin, meta ridna kummerċ liberu f'idejn l-assassini."[7]

---

[1] A. Laferla – *British Malta*, Vol. 1 Pg. 203.
[2] B. Blouet – *The Story of Malta*, Pg. 183.
[3] R.M. Montgomery – *Statistics of the Colonies of the British Empire.*
[4] T. Zammit – *Il-Gżejjer ta' Malta u l-Ġrajja Tagħhom*, Pg. 140.
[5] R. Taylor – *Id-Despotiżmu u l-Inġustizzja fuq Malta.*
[6] *Il-Ġurnal Malti* – 10 ta' Frar 1865.
[7] *Il-Ġurnal Malta* – 30 ta' Novembru 1864.

# IL-KITBIET ta' Joseph M. Mangion

TIFKIRA



JOSEPH M. MANGION, student universitarju fil-kors tal-Malti fil-Fakultà ta' l-Edukazzjoni, miet ħesrem fil-maltemp qawwi li ħakem lill-gżejjer Maltin f'Ottubru 1982. Il-passjoni tiegħu fl-Università kienet il-Letteratura li hu kien jistudjaha b'interess kbir; barra mill-Università, Joseph kien mixħut fuq l-istudju tal-mużika. Dan il-ktieb, ip-pubblikat mill-familja Mangion (Ħamrun), għandu l-ħsieb li jfakkar lil dan iż-żagħżugħ intelliġenti jagħti l-frott ta' l-istudju bikri tiegħu liż-żgħażagħ l-oħra, u jkun tifkira ħajja tiegħu biex kulma ħaseb u kulma kiteb ma jkunx inħaseb u nkiteb għalxejn.

IL-KITTBIET ta' Joseph M. Mangion

TIFKIRA

PJ
9698
.3